ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali

C 41 E

ta' l-Unjoni Ewropea

Volum 52

19 ta' Frar 2009

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

**Parlament Ewropew**

SESSJONI 2007-2008

Dati tas-seduti: 15-17 Jannar 2008

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 61 E, 6.3.2008.*

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

(2009/C 41 E/01) CARS 21: Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karozzi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar CARS 21: Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karozzi (2007/2120(INI)) . . . . . 1

(2009/C 41 E/02) It-Trattament Fiskali tat-Telf f'Sitwazzjonijiet Transkonfinali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar it-Trattament Fiskali tat-Telf f'Sitwazzjonijiet Transkonfinali (2007/2144(INI)) . . . . . 10

(2009/C 41 E/03) L-istrateġija Komunitarja 2007–2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar l-istrateġija Komunitarja 2007–2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (2007/2146(INI)) . . . . . 14

**L-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2008**

(2009/C 41 E/04) Lejn Strateġija Ewropea għad-Drittijiet tat-Tfal

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2008 "Lejn Strateġija Ewropea għad-Drittijiet tat-Tfal" (2007/2093(INI)) . . . . . 24

(2009/C 41 E/05) It-tagħlim għall-Adulti: Qatt ma huwa tard wisq biex titgħallem

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2008 dwar tagħlim għall-adulti: qatt ma huwa tard wisq biex titgħallem (2007/2114(INI)) . . . . . 46

MT

*(Ikompli)*

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

(2009/C 41 E/06) Politika aktar effettiva ta' l-UE għan-Nofsinhar tal-Kawkasu

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar politika aktar effettiva ta' l-UE għan-Nofsinhar tal-Kawkasu: mill-weghdiet ghall-azzjoni (2007/2076(INI)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 53

(2009/C 41 E/07) Approċċ Politiku Reġjonali għall-Baħar l-Iswed

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar Approċċ Politiku Reġjonali għall-Baħar l-Iswed (2007/2101(INI)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 64

(2009/C 41 E/08) Kenja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar il-Kenja . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 70

(2009/C 41 E/09) L-irwol tan-nisa fl-industrija

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar l-irwol tan-nisa fl-industrija (2007/2197(INI)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 73

(2009/C 41 E/10) It-tieni Forum dwar il-Governanza ta' l-Internet, li sar f'Rio de Janeiro bejn it-12 u l-15 ta' Novembru 2007

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar it-tieni Forum dwar il-Governanza ta' l-Internet, li sar f'Rio de Janeiro bejn it-12 u l-15 ta' Novembru 2007 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 80

(2009/C 41 E/11) L-arrest tad-dissident Ċiniż Hu Jia

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar l-arrest tad-dissident Ċiniż Hu Jia . . 82

(2009/C 41 E/12) Is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-istupru bħala reat tal-gwerra

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-istupru bħala reat tal-gwerra . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 83

(2009/C 41 E/13) Eġittu

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu . . . . . . . . . . 86

III *Atti preparatorji*

**Parlament Ewropew**

SESSJONI 2007-2008

Dati tas-seduti: 15-17 Jannar 2008

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 61 E, 6.3.2008.*

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

(2009/C 41 E/14) Sħubija (partnerships) Ewropea fil-qafas tal-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 dwar it-twaqqif ta' sħubija (partnerships) Ewropea fil-qafas tal-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni (COM(2007)0662 — C6-0471/2007 — 2007/0239(CNS)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 89

(2009/C 41 E/15) Kontroll tat-trasport bit-triq ta' merkanzija perikoluża (setgħat implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 95/50/KE rigward is-setgħat implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni (COM(2007)0509 — C6-0278/2007 — 2007/0184(COD)) . . . . . . . . . . . 90

(2009/C 41 E/16) It-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kundizzjonijiet tat-trasport ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 11 rigward it-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kundizzjonijiet tat-trasport, fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 79(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Regolament (KE) 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel — Aspetti tat-trasport (COM(2007)0090 — C6-0086/2007 — 2007/0037A(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 90

(2009/C 41 E/17) L-imposti ta' l-ajruporti ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imposti ta' l-ajruporti (COM(2006)0820 — C6-0056/2007 — 2007/0013(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 93

P6_TC1-COD(2007)0013

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imposti ta' l-ajruporti . . . . . . . . 93

(2009/C 41 E/18) L-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (COM(2006)0745 — C6-0439/2006 — 2006/0246(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . 102

P6_TC1-COD(2006)0246

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 102

ANNESS

STQARRIJA TAL-KUMMISSJONI DWAR IS-SITWAZZJONI TAL-MERKURJU U TA' L-ARSENIKU FL-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT CIP . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 102

(2009/C 41 E/19) Applikazzjoni ta' skemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (COM(2007)0159 — C6-0104/2007 — 2007/0054(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 103

P6_TC1-COD(2007)0054

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità . 103

**L-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2008**

(2009/C 41 E/20) Miżuri bl-użu ta' l-applikazzjonijiet ta' telerilevament żviluppati fil-qafas tal-politika agrikola komuni *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-miżuri li għandha twettaq il-Kummissjoni, għall-perjodu 2008-2013, bl-użu ta' l-applikazzjonijiet ta' telerilevament żviluppati fil-qafas tal-politika agrikola komuni (COM(2007)0383 — C6-0273/2007 — 2007/0132(CNS)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 104

(2009/C 41 E/21) Kreditu għall-konsumatur ***II

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (9948/2/2007 — C6-0315/2007 — 2002/0222(COD)) . . . . . . . . . . 106

P6_TC2-COD(2002)0222

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adotatta fit-tieni qari fis-16 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE . . . . . . . . . . 107

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

(2009/C 41 E/22) Qafas Multiannwali għall-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2007-2012 *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' Qafas Multiannwali għall-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2007-2012 (COM(2007)0515 — C6-0322/2007 — 2007/0189(CNS)) . . . . . . . . . . 108

(2009/C 41 E/23) EUROPOL *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL) (COM(2006)0817 — C6-0055/2007 — 2006/0310(CNS)) . . . . . . . . . . 111

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# PARLAMENT EWROPEW

## TESTI ADOTTATI

## CARS 21: Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karozzi

P6_TA(2008)0007

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar CARS 21: Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karozzi (2007/2120(INI))**

(2009/C 41 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karozzi għas-Seklu 21: Pożizzjoni tal-Kummissjoni għar-Rapport Finali tal-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21 — Kontribuzzjoni għall-Iżvilupp ta' l-UE u l-Istrateġija ta' l-Impjiegi (COM(2007)0022),

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill dwar il-Kompetittività tal-21 u t-22 ta' Mejju 2007,

— wara li kkunsidra r-rapport finali tal-Grupp ta' Livell Għoli bit-titolu "CARS 21 — Qafas Regolatorju Kompetittiv tal-Karozzi għas-Seklu 21",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0494/2007),

A. billi l-Kummissjoni rreaġixxiet għar-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21, grupp li laqqa' flimkien il-partijiet interessati kollha biex jeżaminaw l-oqsma prinċipali tal-politika li għandhom effett fuq l-industrija tal-karozzi fl-Unjoni Ewropea u biex jitressqu rakkomandazzjonijiet għall-politiki ġejjiena u l-qafas regolatorju,

B. billi l-industrija tal-karozzi ta' l-UE hija waħda mis-setturi ekonomiċi l-aktar importanti tagħha, li tipproduċi 19-il miljun vettura fis-sena u li tipprovdi 2.3 miljun impjieg direttament u 10 miljun iehor f'setturi anċillari,

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

C. billi s-suq ta' ħafna ditti ("multi-brand") ta' spare parts tal-vetturi, u s-swieq tal-manutenzjoni u tat-tiswija għandhom rwol vitali fil-forniment ta' mobilità bi prezzijiet li jintlaħqu, fit-titjib ta' l-għażliet tal-konsumatur għall-270 miljun sewwieq fl-UE fis-servizzi ta' wara l-bejgħ tal-vetturi tagħhom, fiż-żamma ta' vetturi sikuri u nodfa fit-toroq ta' l-Ewropa u fl-aħħar, permezz ta' l-impjieg ta' 3.5 miljun ruħ fin-negozji żgħar u ta' daqs medju (SMEs), li jinżamm profil san tas-settur ta' l-SMEs fl-Ewropa,

D. billi l-Kummissjoni qed tippromwovi strateġija integrata sabiex tiżgura li l-kumpaniji fl-UE jkomplu jkunu kompetittivi fil-kuntest ta' ambjent globali li qed jikber, u billi din l-istrateġija hi mfassla fil-Komunikazzjoni tagħha bit-titolu, "L-Ewropa globali — Kompetizzjoni dinjija — Kontribut lill-Istrateġija ta' l-UE għat-Tkabbir Ekonomiku u l-Impjiegi" (COM(2006)0567), fid-dokument ta' ħidma tiegħu bit-titolu, "L-Ewropa Globali: sħubija aktar b'saħħitha biex jingħata aċċess għas-suq lill-Esportaturi Ewropej — Valutazzjoni ta' l-Impatt" (SEC2007)0452) u fil-Komunikazzjoni tagħha bit-titolu, "L-Ewropa Globali: Strumenti għad-Difiża tal-Kummerċ ta' l-UE f'ekonomija dinjija li qed tinbidel — Green Paper għal konsultazzjoni pubblika" (COM(2006)0763),

E. billi l-istrateġija mfassla f'dawk id-dokumenti bħalissa qed tiġi implimentata fin-negozjati dwar diversi ftehimiet ta' kummerċ ħieles bilaterali u reġjonali,

F. billi l-industrija tal-karozzi tvarja bejn Stat Membru u ieħor f'dawk li huma strateġiji, strutturi u diffużjoni globali, u billi dawn id-differenzi għandhom jitqiesu meta jsir l-iżvilupp ta' strateġija ta' kummerċ ġdida u b'xejra aktar globali,

G. billi fl-2006 l-industrija tal-karozzi fl-UE esportat madwar 20 % tal-vetturi prodotti minnha u fl-2004 l-esportazzjonijiet tal-vetturi bil-mutur u tal-parts u l-aċċessorji għall-vetturi bil-mutur kienu ta' 8.7 % u 2.8 % rispettivament ta' l-esportazzjonijiet industrijali ta' l-UE, indikazzjoni ta' kemm hi sensittiva b'mod partikulari għall-kundizzjonijiet ta' l-esportazzjoni l-industrija tal-karozzi, u billi fl-2004 s-surplus kummerċjali żejjed ta' l-UE f'termini ta' tagħmir tat-trasport kien ivvalutat għal EUR 60.2 biljun; billi l-preminenza globali ta' l-UE hija riżultat, b'mod partikulari, tal-fatt li hija l-ikbar manifattur tal-karozzi u t-tieni l-ikbar manifattur tat-trakkijiet, kif ukoll tad-daqs u l-grad ta' konsolidazzjoni tas-suq intern, ta' settur tal-vetturi bil-mutur li qed isir dejjem aktar internazzjonali, tar-reputazzjoni tad-ditti Ewropej u tal-kwalità tas-servizzi Ewropej, tal-pożizzjoni b'saħħitha fl-esportazzjoni li l-manifatturi Ewropej irnexxilhom jiksbu u l-preżenza sostanzjali tagħhom fis-swieq li għandhom potenzjal kbir ta' tkabbir,

1. Jilqa' r-rapport finali tal-Grupp ta' livell għoli CARS21 u l-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni, li juru b'mod ġenerali d-direzzjoni tal-politika ġejjiena dwar il-karozzi;

2. Jispera li l-parlamenti ta' l-Istati Membri u r-reġjuni tagħhom ikunu jixtiequ jassoċjaw ruħhom mar-riżultat tal-proċess tal-CARS 21; jissuġġerixxi li netwerk interparlamentari dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-karozzi, ikkoordinat mill-Parlament, joħloq benefiċċji reali għas-sikurezza tat-toroq, għall-ħarsien ta' l-ambjent, għall-innovazzjoni u għall-kompetittività;

***It-temm tas-suq intern għall-vetturi***

3. Jistieden lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri sabiex jaħdmu mill-qrib mal-Kummissjoni biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-CARS 21; b'mod partikolari jinnota l-ħtieġa li jkun żgurat li r-regolamenti l-ġodda li jaffettwaw is-settur tal-karozzi jiddaħħlu b'mod koordinat, filwaqt li jiġu evitati distorsjonijiet fis-suq intern;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi pperfezzjonata sistema ta' l-UE ta' l-approvazzjoni tat-tip, li tkopri l-vetturi bil-mutur kollha;

5. Jikkonferma l-appoġġ tiegħu għal proċess effettiv ta' l-approvazzjoni tat-tip, kif indikat fil-pożizzjoni tiegħu adottata fit-tieni qari fl-10 ta' Mejju 2007 bil-ħsieb li tiġi adottata direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi ([1]);

6. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex kull sena tagħti rapport lill-Parlament dwar l-operat tal-proċeduri ta' l-approvazzjoni tat-tip u dwar l-immoniterjar tal-proċess ta' komitoloġija;

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0176.

7. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tar-Regolament (KE) tagħha Nru 1400/2002 tal-31 ta' Lulju 2002 [1] (Ir-Regolament ta' Eżenzjoni Ġenerali) dwar id-distribuzzjoni tal-vetturi madwar l-UE; barra minn hekk jemmen li meta dan ir-Regolament jiġi rivedut, id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Kompetizzjoni għandu jqis lilu nnifsu bħala parti mill-approċċ integrat għal-leġiżlazzjoni fis-settur;

8. Jipproponi li, sabiex tingħata spinta lill-kompetittività ta' l-industrija tal-vetturi bil-mutur fl-Unjoni Ewropea, ir-reviżjoni tar-Regolament għall-Eżenzjoni Ġenerali għandha tkun marbuta ma' reviżjoni f'nofs it-terminu ta' CARS 21, biex tkun iffaċilitata l-koperazzjoni bejn operaturi tas-settur, biex tkun evitata l-miżappropriazzjoni ta' għajnuna statali u biex tkun promossa politika ta' kompetizzjoni fuq livell internazzjonali;

9. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipproponi miżuri li jiggarantixxu proċedura ta' reġistrazzjoni, li tippermetti bejgħ transkonfinali eħfef b'mod speċjali għall-vetturi użati; jappoġġja l-opinjonijiet tal-Kummissjoni rigward proċeduri għar-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur [2] u l-problemi li xi regoli nazzjonali qed joħolqu fit-tħaddim tas-suq intern; jinnota l-impatt ta' dawn ir-regoli nazzjonali fuq setturi ekonomiċi bħal-leasing u l-kiri tal-vetturi; jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw il-bidliet neċessarji għar-regoli tagħhom kemm jista' jkun malajr;

### *Suq kompetittiv għas-servizzi ta' wara l-bejgħ tal-karozzi*

10. Jiġbed l-attenzjoni għad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi li ddaħħlu reċentament rigward il-parts tal-karozzi tas-suq ta' wara l-bejgħ li jaffettwaw il-prestazzjoni ta' l-ambjent u tas-sikurezza, u jinnota li l-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet ser jistabbilixxu suq uniku ta' parts bħal dawn;

11. Jilqa' d-dħul ta' dispożizzjonijiet fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni ta' tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar informazzjoni rigward it-tiswija tal-vetturi [3] u fir-Regolament (KE) Nru 1400/2002, li jirrikjedi aċċess mingħajr restrizzjonijiet għall-informazzjoni teknika xierqa dwar it-tiswija, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tkompli fl-isforzi tagħha li tinforza madwar il-Komunità d-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni li japplikaw għas-settur tal-vetturi bil-mutur;

12. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tkompli tippromwovi l-kompetizzjoni effettiva fis-suq ta' wara l-bejgħ tal-karozzi billi fil-politika ġejjiena dwar il-karozzi u f'kull leġiżlazzjoni li tiġi wara r-Regolament (KE) Nru 1400/2002, li se tiskadi fil-31 ta' Mejju 2010, tindirizza l-għażla tal-konsumatur u l-aċċess effettiv li l-operaturi tas-suq indipendenti jkollhom għall-informazzjoni teknika, it-taħriġ, is-spare parts, l-għodda għad-dijanjostika ta' ħafna ditti u tagħmir għall-ittestjar;

13. Jisħaq dwar l-importanza għall-konsumaturi ta' informazzjoni bbażata fuq stħarriġ dettaljat tal-konsumaturi dwar il-funzjonalità u d-durabilità; jinnota li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jiffaċilitaw dan l-istħarriġ billi jħallu lill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni jipprovdu d-dettalji tal-kuntatt tas-sidien tal-vetturi li jaqblu li jieħdu sehem f'dan l-istħarriġ;

14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tindirizza b'mod xieraq il-kwistjoni tal-"libertà tat-tiswija" tal-vetturi fl-inizzjattivi leġiżlattivi ġodda kollha, li jinvolvu d-Direttorati-Ġenerali relevanti kollha, sabiex tiġi żgurata l-għażla tal-konsumatur u l-kompetizzjoni fis-suq ta' wara l-bejgħ; jemmen li dan għandu jiġi applikat ukoll fil-miżuri li ġejjin li għandhom x'jaqsmu mal-promozzjoni ta' informazzjoni ġdida dwar il-vetturi u ta' teknoloġiji ġodda tal-komunikazzjoni u sistemi ta' trasport intelliġenti;

15. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq proposti biex jinħoloq suq intern għall-armar ("custom parts") u "tuning" parts (parts għall-modifika) bħal ma huma tajers speċjali, roti kif ukoll tuning parts u spare parts oħra, peress li d-diversità kurrenti tar-regoli nazzjonali xxekkel l-iżvilupp ulterjuri ta' dan is-settur, li kieku konsegwentament igawdi mil-leġiżlazzjoni armonizzata tal-Komunità u minn protezzjoni xierqa tal-propjetà intelletwali;

16. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex issaħħaħ l-isforzi tagħha biex tiġġieled l-importazzjoni ta' parts foloz tal-vetturi;

### *Leġiżlazzjoni aħjar u l-internalizzazzjoni ta' l-ambjent regolatorju*

17. Jisħaq l-importanza li tinqata' l-burokrazija żejda, inkluż l-ripetizzjoni ta' regolamenti minħabba li hemm xi konvenzjonijiet internazzjonali;

(1) ĠU L 203, 1.8.2002, p.30.
(2) Komunikazzjoni Interpretattiva tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri għar-reġistrazzjoni tal-vetturi li qabel kienu f'xi Stat Membru ieħor. (OJ C 68, 24.3.2007, p. 15).
(3) ĠU L 171, 29.6.2007, p.1.

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

18. Jenfasizza l-irwol kruċjali li għandhom il-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar (i.e. studji ta' l-impatt kif suppost, il-prinċipju tal-qligħ meta mqabbel man-nefqa, żmieniet massimi xierqa, eċċ.) fil-ħolqien ta' qafas regolatorju kompetittiv għall-industrija tal-karozzi, kif approvat fil-proċess CARS 21; ifakkar li l-pjan direzzjonali regolatorju huwa parti integrali tar-rapport finali CARS 21 u għandu jkun irrispettat;

19. Jirrikonoxxi l-fatt li regoli ddisinjati aħjar, trasparenti u li huma konformi mal-bżonnijiet soċjali u ambjentali attwali, li huma applikati mingħajr eċċezzjonijiet u integrati fl-ambjent regolatorju internazzjonali ta' l-industrija tal-karozzi, jistgħu jikkontribwixxu għal aktar kompetittività u kompetizzjoni ġusta fl-industrija;

20. Jemmen li l-istandardizzazzjoni strateġika hija mutur essenzali tal-kompetittività; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni sabiex taħdem biex l-istandards Ewropej ikunu rikonoxxuti madwar id-dinja;

21. Jilqa' l-pjan tal-Kummissjoni sabiex 38 direttivi Komunitarji jiġu mibdula bir-Regoli tan-NU/KEE eżistenti, kif ukoll biex tiġi introdotta l-possibilità ta' awto-ittestjar jew ittestjar virtwali, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tkompli l-proċess ta' simplifikazzjoni leġiżlattiva; jinsisti li l-appoġġ tiegħu għal dawn il-proposti jiddependi fuq il-fatt, li jinftiehem b'mod ċar, li l-Parlament iżomm id-dritt li jitlob għal leġiżlazzjoni b'mod indipendenti mis-sistema tan-NU/KEE fejn huwa jemmen li din il-leġiżlazzjoni hija meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' l-UE;

22. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tippreżenta dokument annwali lill-Parlament dwar il-progress li jkun sar fin-NU/KEE u fil-proċess tal-komitoloġija;

23. Jilqa' b'sodisfazzjon ix-xewqa tal-Kummissjoni li tintroduċi mekkaniżmu ta' reviżjoni u eżami mill-ġdid minħabba li l-industrija tal-vetturi bil-mutur hija tekonoloġika ħafna u għandha ritmu ta' żvilupp intens; iqis ukoll, madankollu, li għandu jsir aktar użu mill-klawsoli ta' estinzjoni fil-leġiżlazzjoni sabiex ikun żgurat li l-leġiżlazzjoni ma xxekkilx jew tmur kontra l-progress teknoloġiku li r-riċerka u l-iżvilupp (R&D) u l-forzi tas-suq qed iġibu kostantement;

24. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tibda tissimplifika d-Direttivi 74/297/KEE [1], 76/115/KEE [2], u 78/932/KEE [3] kif ukoll ir-Regolament tan-NU/KEE Nru. 122 malajr kemm jista' jkun;

### *L-adozzjoni ta' standards ambjentali għas-seklu 21*

25. Jinnota li l-liġi tal-Komunità tirregola suq fejn jinbiegħu 17 sa 18-il miljun vettura kull sena, li huwa ekwivalenti għas-suq tal-karozzi tal-passiġġieri fl-Istati Uniti; jistenna li politika ambizzjuża għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ikollha influwenza pożittiva madwar id-dinja f'dak li hu tnaqqis ta' emissjonijiet tat-trasport;

26. Jemmen li l-mobilità individwali u s-settur tal-karozzi għandhom jiġu kkunsidrati fil-kuntest aktar wiesgħa tal-mobilità sostenibbli; jemmen li l-mobilità u l-protezzjoni ta' l-ambjent mhux neċessarjament jeskludu lil xulxin u li t-teknoloġija tal-karozzi fil-ġejjieni jkollha kontribut biex ikunu rikonċiljati t-tnejn; fil-fatt, jemmen li l-isfida tal-bidla fil-klima b'mod partikulari tippreżenta opportunitajiet biex ikun hemm avvanzi teknoloġiċi u ta' innovazzjoni;

27. Huwa konxju ta' l-importanza tal-vetturi għall-mobilità ta' l-anzjani, b'mod speċjali għal dawk li jgħixu fil-kampanja, u għall-persuni b'diżabilità;

28. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex toħloq ambjent li jassigura li t-trasport stradali huwa ambjentalment sostenibbli, li jgħin għall-flessibilità tas-sistemi ta' produzzjoni u li jgħolli l-livelli tal-ħiliet tal-ħaddiema ta' l-Ewropa;

29. Jemmen li l-istandards ta' l-emissjonijiet ta' tniġġis kienu verament ta' suċċess u li diġa' wasslu għal karozzi tal-passiġġiera nodfa ħafna; jisħaq l-importanza li dan is-suċċess jintlaħaq ukoll fil-vetturi li jifilħu għall-istrapazz; jemmen li l-benefiċċji ta' regolamentazzjoni ambjentali ta' l-UE għas-settur tal-karozzi jistgħu jinxterdu 'l hinn sew mis-suq ta' l-UE;

30. Jilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni mgħaġġla ta' l-istandards Euro-5 u Euro-6 għat-tnaqqis ta' l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu mill-karozzi privati;

---

[1] Direttiva tal-Kunsill 74/297/EEC ta' l-4 ta' Ġunju 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-muntaġġi interni tal-vetturi bil-mutur (l-imġieba tal-mekkaniżmu ta' l-isteering f'każ ta' impatt) (ĠU L 165, 20.6.1974, p. 16).

[2] Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l- ankoraġġi għaċ-ċinturini tas-sigurtà ta' vetturi bil-mutur (ĠU L 24, 30.1.1976, p. 6).

[3] Direttiva tal-Kunsill 78/932/KEE tas-16 ta' Ottubru 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-"head restraint" tas-sedili ta' vetturi bil-mutur(ĠU L 325, 20.11.1978, p. 1).

31. Iqis li l-kwalità mtejba ta' l-arja tista' tintlaħaq biss b'tiġdid aktar mgħaġġel tal-flotta tal-vetturi, flimkien ma' l-introduzzjoni ta' vetturi li jniġġsu inqas; iqis li hemm bżonn ta' miżuri finanzjarji biex il-konsumaturi jkunu mħajra jbiddlu l-karozzi l-qodma tagħhom b'vetturi li jniġġsu inqas;

32. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta għal reviżjoni tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil [1] (Direttiva dwar il-Kwalità tal-Fjuwil) li tqis iċ-ċiklu tal-ħajja ta' l-emissjonijiet tal-gass b'effett ta' serra, li joriġinaw mill-fjuwils tat-trasport fit-toroq;

33. Fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, jistieden lill-Kummissjoni biex tibda l-proċess li tevalwa mill-ġdid u tirrevedi l-proċeduri ta' ttestjar ta' l-emissjonijiet sabiex dan jirrifletti aħjar il-kundizzjonijiet ta' l-użu fir-realtà, mingħajr preġudizzju għad-diskussjoni li għaddejja dwar l-emissjonijiet tal-$CO_2$ mill-karozzi;

34. Huwa mħasseb ħafna dwar l-implimentazzjoni m'hix armonizzata tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw [2]; iqis li dik id-Direttiva m'hix ambizzjuża biżżejjed;

### *Tnaqqis sostanzjali ta' emissjonijiet tal-$CO_2$*

35. Jilqa' l-pjanijiet tal-Kummissjoni sabiex jitnaqqsu l-emmissjonijiet tal-$CO_2$ tal-karozzi tal-passiġġiera; jemmen li l-aktar forma xierqa hi l-approċċ integrat, filwaqt li jitqiesu l-possibilitajiet kollha biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-$CO_2$, bħal ma huma l-infrastruttura, l-imġiba tas-sewwieqa, sistema ta' inċentivi biex in-nies jużaw il-karozzi l-aktar nodfa, il-bijofjuwils u t-teknoloġija tal-vetturi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra l-iżvilupp ta' qafas komuni għall-applikazzjoni koordinata ta' inċentivi fiskali relatati mal-$CO_2$ sa fejn possibbli armonizzati u teknoloġikament newtrali li jkollhom potenzjal sinifikanti tat-tnaqqis tal-$CO_2$, filwaqt li jiġi evitat t-tagħwiġ tal-kompetizzjoni; iħeġġeġ lill-Kunsill sabiex jilħaq ftehim dwar il-proposta tal-Kummissjoni biex it-taxxi fuq il-karozzi tal-passiġġieri jiġu relatati ma' l-emissjonijiet tagħhom li jniġġsu bħal ma hu d-dijossidju tal-karbonju ($CO_2$) sabiex jevita aktar frammentazzjoni tas-suq intern ibbażat fuq applikazzjoni diversifikata mill-Istati Membri;

36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tistabilixxi miri ambizzjużi iżda realistiċi, filwaqt li tqis is-sitwazzjoni reali tas-suq ta' l-UE fejn ir-rata medja tat-tibdil tal-flotta bħalissa hija inqas minn 10 % fis-sena; għalhekk jenfasizza l-fatt li l-aċċessibilità tal-prezz ta' karozzi ġodda għandha rwol kruċjali biex tintlaħaq il-mira tal-Komunità; jisħaq li aktar ma jkunu ambizzjużi l-miri obbligatorji għall-emmissjonijiet tal-$CO_2$, aktar għandu jingħata żmien lill-industrija tal-vetturi biex tadatta;

37. Ifakkar lill-Kummissjoni li l-iżvilupp ta' tipi ġodda ta' karozzi tal-passiġġieri jieħu bejn 5 u 7 snin; jemmen li miri mandatorji għandhom jagħtu biżżejjed żmien biex l-industrija tal-karozzi tirreaġixxi; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni sabiex ma tistabilixxix miri mandatorji finali għall-emmissjonijiet tal-$CO_2$ għal kwalunkwe data qabel l-2015;

38. Jemmen li l-mira medja għall-2015 ta' 120g/km ta' emissjonijiet tal-$CO_2$ minn karozzi tal-passiġġieri ġodda għandha tkun tista' tinkiseb; jisħaq li l-Kummissjoni għandha taħdem fuq miri aktar ambizzjużi ta' tnaqqis ta' emissjonijiet tal-$CO_2$ fis-settur tal-karozzi fuq medda twila ta' żmien; iqis li f'din il-konnessjoni huwa kruċjali li l-valuri tal-mira għandhom ikunu b'mod progressiv skond il-piż tal-vettura;

39. Jinnota l-pjan tal-Kummissjoni biex tiġi stabbilita mira dwar l-agrofjuwils li torbot u jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa skema ta' ċertifikazzjoni li tkun komprensiva u mandatorja, applikabbli għall-agrofjuwils imqegħda fuq is-suq ta' l-UE; jemmen li l-kriterji ta' ċertifikazzjoni għandhom ikunu mfassla biex jassiguraw minimu ta' 50 % ta' tnaqqis tal-gass b'effett ta' serra matul iċ-ċiklu kollu meta mqabbel mal-fjuwils konvenzjonali flimkien ma' kriterji ambjentali u soċjali;

40. Jinnota li, sabiex jintlaħaq l-għan li jiżdied l-użu tal-bijofjuwils u ta' l-idroġenu sabiex tkun massimizzata l-prestazzjoni ambjentali, hemm bżonn li wieħed jippromwovi n-networks lokali neċessarji li jippermettu liċ-ċittadini jiksbu fornimenti;

41. Huwa tal-fehma li miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-$CO_2$ għandhom jgħamlu aktar enfażi fuq it-tkattir tal-konoxxenza tas-sewwieq ta' tekniċi għal sewqan ekonomiku u ta' kif jiġu użati aħjar it-teknoloġiji ġodda;

---

(1) ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58.
(2) ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

42. Jemmen li ż-żieda ta' l-għerf tal-konsumatur permezz ta' tikkettjar aħjar tad-data dwar l-effiċjenza tal-fjuwil u emissjonijiet li jniġġsu tagħti kontribut biex jintlaħaq tnaqqis tal-$CO_2$; għahekk jitlob għal reviżjoni tad-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 li għandha x'taqsam mad-disponibiltà tat-tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija fil-karburant u l-emissjonijiet tal-$CO_2$ rigward it-tqegħid fis-suq tal-vetturi l-ġodda tal-passiġġieri [1], filwaqt li jitqiesu l-aħjar prattiċi li ntlaħqu s'issa,

43. Ifakkar li t-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju ($CO_2$) mill-karozzi jista' jintlaħaq l-aktar faċilment permezz ta' l-irristrutturar tas-sistemi tat-trasport pubbliku;

44. Jirrikonoxxi l-irwol ewlieni tal-Fédération Internationale de l'Automobile (FIA) fuq quddiem nett tal-bidliet teknoloġiċi ambjentali innovattivi li joffru vantaġġi potenzjali ta' tnaqqis tal-$CO_2$ u ta' effiċjenza ta' l-enerġija għall-karozzi l-ġodda kollha;

45. Iħeġġeġ lill-FIA sabiex tintensifika aktar l-isforzi tagħha biex tippromwovi riċerka innovattiva rilevanti għat-triq mfassla, inter alia, biex ittejjeb l-effiċjenza ta' l-enerġija tal-karozzi;

46. Jagħraf l-irwol li jista' jkollu l-isport tal-muturi fil-bidla ta' l-attitudnijiet u l-imġiba tal-klijenti lejn teknoloġija aktar favur l-ambjent; għalhekk jitlob lill-FIA u lill-parteċipanti l-oħra involuti fit-tlielaq tal-karozzi tal-Formula 1 biex ibiddlu r-regoli kif xieraq, sabiex it-teknoloġiji favur l-ambjent bħal ma huma l-bijofjuwils, il-magni b'erba' ċilindri u l-unitajiet ta' qawwa ibrida jkunu applikati aktar faċilment;

47. Jitlob li jitfassal studju bl-għan li jitniżżlu l-miżuri addizzjonali mhux tekniċi li ġew implimentati sabiex jitnaqqas il-$CO_2$ fl-UE;

### *Ikun aktar sikur it-trasport fit-toroq*

48. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni sabiex jitnaqqas in-numru ta' korrimenti fit-trasport fit-toroq, inkluz it-teknoloġiji ġodda importanti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tassigura li kwalunkwe rekwiżit dwar it-tagħmir għas-sikurezza tal-vetturi jiddaħħal bi qbil mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar miftiehem mill-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21; jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ integrat li jinkorpora t-titjib tat-teknoloġija tal-vetturi, miżuri ta' infrastruttura u l-edukazzjoni, l-informazzjoni, u l-infurzar sabiex l-objettivi tas-sikurezza tat-toroq jitwettqu b'mod l-aktar effettiv meta mqabbel ma' l-infiq;

49. Jirrikonoxxi l-irwol katalittiku tas-suq premjum li fih ġew introdotti dawn it-teknoloġiji ġodda l-ewwel; madankollu jirrimarka li sistemi ta' sigurtà addizzjonali jistgħu jtaqqlu aktar il-karozzi tal-passiġġiera, u b'hekk iwasslu għal aktar emissjonijiet tal-$CO_2$;

50. Huwa mħasseb dwar l-impatt negattiv fuq is-sikurezza fit-toroq li jirriżulta miż-żieda fil-veloċità medja tal-vetturi; għalhekk, jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea għall-Istudju ta' Possibiltajiet Futuri ta' l-Infurzar ta' Kondizzjonijiet tajba għas-sewqan ta' vettura, ippubblikat mill-Kumitat ta' l-Ispezzjoni tal-Vetturi bil-Mutur (CITA) fl-2007; jirrakkomanda l-appoġġ għal kampanja ta' modifikar sikur u l-passi lejn l-introduzzjoni, kemm jista' jkun malajr, ta' sistemi ta' kontroll elettroniku ta' l-istabilità (ESC) bħala tagħmir standard;

51. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex ittejjeb is-sistema tas-sigurtà tat-toroq billi teħtieġ lill-Istati Membri biex jagħmlu aktar stretti r-rekwiżiti tat-taħriġ għal dawk li qed jitgħalmu jsuqu, iżidu t-taħriġ obbligatorju u jintroduċu regoli li jipprovdu taħriġ perjodiku għas-sewwieqa professjonali;

52. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex twettaq l-evalwazzjoni ta' l-ambjent 2007-2009 mħabbra, meħtieġa għall-miżuri biex jitnaqqas n-numru tal-vittmi ta' inċidenti tat-traffiku;

53. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa sistema li tippermetti lill-manifatturi tal-karozzi jipproduċu vetturi b'emissjonijiet tal-$CO_2$ adizzjonali jekk dan jirriżulta minn miżuri ta' sikurezza li jorbtu legalment li jkunu ttieħdu fuq livell Komunitarju;

54. Ma jemminx li fl-UE għandu jkun obbligatorju d-dawl mixgħul waqt is-sewqan bi nhar;

[1] ĠU L 12, 18.1.2000, p.16.

55. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex, bħala fatt ta' prijorità, ittejjeb l-arranġamenti għall-ispezzjonijiet bejn il-fruntieri dwar il-vetturi u l-infurzar ta' multi imposti għall-ksur tar-regoli tat-traffiku fi Stat Membru barrani;

***Jiddaħħal l-andament ġust fir-relazzjonijiet kummerċjali fl-industrija tal-karozzi***

56. Jiddikkjara li l-industrija Ewropea tal-karozzi hija waħda mill-industriji l-aktar kompetittivi fid-dinja; jemmen, madankollu, li l-kompetizzjoni inġusta u l-ksur tad-drittijiet tal-propjetà intellettwali jheddu din il-pożizzjoni;

57. Jenfasizza l-importanza tad-WTO għall-industrija tal-karozzi f'ambjent kummerċjali dejjem aktar globalizzat; jikkunsidra bħala importanti ferm li n-negozjati kurrenti fid-Doha Development Round jagħmlu s-swieq tal-pajjiżi terzi kemm jista' jkun aċċessibbli għall-produtturi tal-karozzi, b'mod partikolari lejn pajjiżi terzi kbar li għadhom jidħlu f'dan is-settur;

58. Jenfasizza l-importanza tal-mekkaniżmu tad-WTO għas-soluzzjoni tal-kwistjonijiet fit-tfittxija ta' soluzzjonijiet għal problemi li għandhom x'jaqsmu ma' l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi; ifakkar fir-riżultat pożittiv tal-kwistjonijiet li tressqu quddiem id-WTO fil-każijiet tal-Kanada, ta' l-Indja u ta' l-Indoneżja;

59. Jitlob għall-kawtela mill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tirrevedi l-istrumenti ta' difiża tal-kummerċ fil-prinċipju; ifakkar li l-industrija tal-karozzi tista' tkun soġġetta għal prattiki kontra l-kompetizzjoni minn pajjiżi terzi u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tissalvagwardja l-filosofija bażika ta' l-istrumenti ta' difiża tal-kummerċ biex jiddefendu lill-industrija ta' l-UE minn prattiki inġusti;

60. Ifakkar li l-konklużjoni b'suċċess ta' negozjati kummerċjali multilaterali għandha tibqa' prijorità għall-UE; madankollu, jappoġġja r-rieda tal-Kummissjoni biex tinnegozja ftehimiet ta' kummerċ ġodda bilaterali primarjament ma' l-Asja, sabiex ittejjeb l-kundizzjonijiet ta' l-aċċess għas-suq; jisħaq li l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs) għandhom dejjem jimmiraw għal livell għoli ta' aċċess għas-suq tal-pajjiż imsieħeb; jinsisti li l-politika ta' l-UE għandha tissalvagwardja l-kompetittività tal-produtturi Ewropej tal-karozzi li jaħdmu fl-UE u fil-pajjiżi mhux fl-UE; hu konvint mill-importanza għall-industrija tal-karozzi li tikkonkludi ftehimiet bilaterali bejn l-UE u l-ASEAN, l-Indja u l-Mercosur;

61. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex, fil-qafas tan-negozjati kurrenti dwar l-FTA bejn l-UE u l-Korea, tassigura li l-Korea tabolixxi l-ostakli kollha mhux tariffarji eżistenti u li ma toħloqx oħrajn ġodda, u li timplimenta aktar r-regolamenti NU/KEE; jitlob li l-Kummissjoni tikkunsidra strateġija li taqta' bil-mod it-tariffi ta' importazzjoni ta' l-UE filwaqt li jkun hemm salvagwardji u, għalhekk jirrakkomanda li din l-istrateġija li taqta' bil-mod għandha tiġi konnessa mat-tneħħija ta' l-ostakoli mhux tariffarji min-naħa tal-Korea;

62. Jerġa' jsostni li l-Korea iffirmat u rratifikat il-Ftehima UN/KEE ta' l-1958 u b'hekk ikkomettiet ruħha li timplimenta r-regolamenti UN/KEE standard; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tenfasizza dan matul in-negozjati ġejjiena u biex tinsisti għal implimentazzjoni mgħaġġla; jinnota li FTA għandha fi kwalunkwe każ tiddisponi b'mod ċar li l-Korea trid tagħti permess li karozzi importati mill-UE li jilħqu l-istandards UN/KEE jitqegħdu fis-suq Korean;

63. Jistieden lill-Kummissjoni biex tevalwa l-possibilità li jitwaqqaf Grupp ta' Ħidma dwar il-Karozzi u proċedura speċjali u mgħaġġla għas-soluzzjonijiet tal-kwistjonijiet relatati mal-karozzi, kif iddaħħlu fil-Ftehima tal-Kummerċ Ħieles bejn l-Istati Uniti u l-Korea;

64. Jenfasizza l-importanza ta' sħubija mill-qrib maċ-Ċina fl-iżvilupp ta' qafas regolatorju li joffri kundizzjonijiet ugwali; jiddikkjara li l-ħarsien effettiv tad-drittijiet ta' proprijeta intellettwali huwa prekundizzjoni għal din it-tip ta' sħubija;

65. Jilqa' b'sodisfazzjon it-talba tal-Kummissjoni sabiex jiġi stabbilit kumitat tad-WTO biex isolvi l-kwistjonijiet prinċipali relatati mat-trattament ta' parts tal-vetturi impurtati miċ-Ċina, li l-Kummissjoni qed tgħid li m'humiex konsistenti ma' bosta artikoli ta' ftehimiet varji tad-WTO;

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

66. Jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-ambjent regolatorju Ċiniż, immirati li jiżguraw li l-industriji ta' l-UE li joperaw f'dan is-suq igawdu minn regolamenti ġusti u ċertezza legali;

67. Jiġbed l-attenzjoni għall-industrija Ewropea tat-tajers bħala kontributur importanti għas-settur Ewropew b'suċċess tal-karozzi; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex teżamina mill-qrib il-kwistjoni ta' ostakli mhux ġustifikati għall-kummerċ tekniku, bħar-regolamenti tekniċi lokali li l-industrija tat-tajers qed tiffaċċja fi swieq ewlenin Asjatiċi emerġenti;

***Ir-Riċerka u l-Iżvilupp fis-settur tal-karozzi***

68. Huwa mħeġġeġ minn dak li nkiseb diġà bl-għajnuna tal-finanzjamenti u koperazzjoni Ewropej fir-riċerka u l-iżvilupp f'programmi bħal ma huma Is-Seba' Programm Qafas għar-riċerka, l-iżvilupp tat-teknoloġija u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, il-Programm Qafas dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni, u i2010; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex timmira l-programmi ta' ħidma aktar speċifikament lejn il-ħtiġijiet tas-settur tal-karozzi li jitfaċċaw minn leġiżlazzjoni jew miri mandatorji ġejjiena;

69. Jistieden lill-Kummissjoni biex qabel l-2012 tadotta strateġija li żżid b'mod sinifikanti u biżżejjed l-finanzjament tar-Riċerka u l-Iżvilupp għas-settur tal-karozzi, filwaqt li tagħti attenzjoni partikulari lill-industriji tal-provvista;

70. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jagħmlu kwalunkwe żieda fil-finanzjament ġejjieni tar-Riċerka u l-Iżvilupp għas-settur tal-karozzi b'kundizzjoni fuq in-natura li torbot tal-miri ta' emissjonijiet tal-$CO_2$;

71. Jenfasizza l-importanza ta' bidla fl-użu tal-karozzi fl-ibliet; iqis li flimkien ma' karozzi li huma effiċjenti fl-użu tal-fjuwil, l-introduzzjoni ta' karozzi ta' l-elettriku għall-ibliet hija essenzjali; għalhekk jitlob li jkun hemm appoġġ għar-riċerka u għall-iżvilupp fir-rigward tat-teknoloġiji meħtieġa;

72. Jistieden lill-Istati Membri kollha u lill-istituzzjonijiet ta' l-UE sabiex jagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ għar-riċerka u għall-iżvilupp fir-rigward ta' teknoloġiji innovattivi, bħall-muturi ta' l-idroġenu, il-batteriji li jaħdmu bl-idroġenu u bil-fjuwil jew l-ibridi;

73. Jenfasizza l-potenzjal li joffru t-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) sabiex ikunu evitati l-effetti ħżiena fuq l-ambjent u s-saħħa pubblika, fuq l-inċidenti u fuq il-ħela ta' l-enerġija, meta din it-teknoloġija tiġi użata madwar l-UE kollha f'sistemi intelliġenti għall-kontroll u għall-immaniġġjar tat-traffiku mfassla biex jassiguraw il-fluss tat-traffiku mingħajr intoppi; hu tal-fehma li fl-interess li jkunu żgurati mezzi ta' komunikazzjoni effettivi bejn il-vetturi u l-infrastruttura fl-Istati Membri kollha, l-apparat ta' komunikazzjoni għandu jkun konformi ma' standards ta' l-UE;

74. Huwa ta' l-opinjoni li l-użu ta' l-Inizjattiva Karozza Intelliġenti [1], Galileo u strumenti oħra li jagħtu kontribut għal sistema tat-trasport intelliġenti huma ta' l-akbar importanza; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja b'mod qawwi dawn l-iżviluppi;

75. Jappoġġja bis-sħiħ it-tkomplija tar-riċerka u ta' l-iżvilupp fir-rigward ta' l-innovazzjonijiet ibbażati fuq l-ICT; iqis li l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda jistgħu jiġu introdotti fl-Inizjattiva tal-Karozzi Intelliġenti sabiex jgħinu fit-tqassim tal-flussi tat-traffiku biex la darba jkun eħfef għas-sewwieqa li jieħdu d-deċiżjoni t-tajba u jagħżlu r-rotta mgħaġġla għad-destinazzjoni tagħhom, it-traffiku jibda jagħmel użu aħjar ta' l-enerġija; jistieden lill-parteċipanti kollha, b'mod partikulari lill-Istati Membri, biex jieħdu l-provedimenti meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' l-eCall;

76. Jikkunsidra li l-ħidma fuq sistemi tat-trasport intelliġenti hija ċ-ċavetta għas-suċċess ta' l-industrija tal-vetturi bil-mutur u għas-suċċess ta' l-isforzi biex jitnaqqas l-impatt ambjentali ta' l-industrija; iqis li Galileo għandu jissemma' bħala eżempju, u għalhekk is-sejbien ta' soluzzjoni għall-iffinanzjar ta' Galileo f'konsorzju fejn il-membri interessati jimpenjaw ruħhom li jiżviluppaw il-proġett għandha tkun prijorità;

77. Jemmen li waħda mill-ewwel Komunitajiet ta' Għerf u Innovazzjoni (KICs) ta' l-Istitut Ewropew ta' l-Innovazzjoni u t-Teknoloġija għandha tkun iddedikata għat-tnaqqis ta' $CO_2$ fit-teknoloġija tal-vetturi;

[1] COM(2006)0059.

***Politika ta' l-irristrutturar u t-triq 'l quddiem***

78. Iqis li huwa neċessarju li jkunu stabbiliti kundizzjonijiet ġenerali sabiex l-industrija tal-karozzi fl-UE tkun sostenibbli u tkun megħjuna tibqa' minn ta' quddiem fl-innovazzjoni teknoloġika, ekoloġika u soċjali bl-appoġġ ta' ħaddiema speċjalizzati ħafna;

79. Jirrikonoxxi li kemm il-manifatturi kif ukoll il-fornituri fl-industrija tal-karozzi fl-UE għandhom ħaddiema speċjalizzati ħafna, fattur li kellu parti ewlenija fil-prestazzjoni ta' livell għoli ta' l-industrija tal-karozzi fl-UE;

80. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza ta' l-industrija tal-karozzi għall-impjiegi, it-tkabbir, l-innovazzjoni u l-kompetittività; jemmen li, għalkemm l-industrija tal-karozzi għandha tgħaddi minn bidla sostanzjali, iridu jsiru wkoll aġġustamenti tal-politika sabiex ikun żgurat li regolamenti tal-Komunità ma jwasslux għal telf ta' impjiegi;

81. Isostni li l-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar l-ambjent, is-sikurezza tat-toroq, u l-effiċjenza ta' l-enerġija timplika ħtieġa għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali xierqa tal-ħaddiema sabiex ikunu jistgħu jadattaw aktar faċilment għall-bidliet, kemm dawk ta' natura teknika f'dak li hu regolament, u kif ukoll biex iżommu l-istess prospetti tax-xogħol jew itejbuhom;

82. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkordina l-użu effiċjenti tal-Fondi Strutturali u tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni fejn jikkonċerna l-industrija tal-karozzi;

83. Jitlob li tkun rifjutata l-għajnuna tal-Komunità lill-kumpaniji li, minħabba li dawn wara li jkunu rċivew għajnuna fi Stat Membru, jitrasferixxu l-attivitajiet ta' produzzjoni tagħhom f'pajjiż ieħor mingħajr ma jkunu ssodisfaw b'mod sħiħ il-ftehimiet li daħlu fis-seħħ ma' l-Istat Membru kkonċernat;

84. Jenfasizza li, rigward il-futur tal-proċessi tar-ristrutturar, l-UE u l-Istati Membri għandhom bżonn ukoll li jiffukaw fuq metodi li jassistu l-irristrutturar u jiffaċilitaw l-effetti tiegħu u li joffru possibilitajiet ġodda għall-ħaddiema;

85. Iqis li l-mezzi ta' informazzjoni u konsultazzjoni u l-makkinarju disponibbli għall-ħaddiema għandu jkun imsaħħaħ permezz tar-reviżjoni neċessarja tad-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE tat-22 ta' Settembru 1994 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet jew proċedura fl-impriżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi ta' l-impriżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' tagħrif u ta' konsultazzjoni għall-impjegati ([1]);

86. Isostni li l-konsultazzjoni tal-ħaddiema u d-dritt tagħhom għall-informazzjoni għandha tissaħħaħ madwar l-Ewropa, sabiex tgħinhom ikunu involuti aktar fit-teħid tad-deċiżjonijiet fi stadju aktar bikri u għalhekk l-effetti ta' ħsara ta' l-irristrutturar ikunu mtaffija; għalhekk jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-proposta dwar il-forum ta' l-irristrutturar msemmi fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq dwar ir-rapport CARS 21;

87. Jistieden lill-imsieħba soċjali sabiex jimplimentaw linji politiċi xierqa għal dawk li huma mhedda mir-ristrutturar ta' l-industrija;

88. Jitlob li jkun hemm informazzjoni aħjar għal, u konsultazzjoni ma' l-impjegati fil-proċess ta' l-adattazzjoni ta' l-industrija għall-isfidi l-ġodda li jġibu magħhom id-disinn u l-produzzjoni ta' vetturi aktar favur l-ambjent;

89. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li tiġi rriveduta r-relazzjoni preżenti bejn il-produtturi u n-negozjanti, li l-impatt tagħhom fuq il-kompetittività ta' l-industrija tal-karozzi fl-UE qed tagħmel ħsarat serji lil ħafna SMEs fis-settur; jemmen li hemm bżonn li l-kollaborazzjoni fl-oqsma ta' Riċerka u Żvilupp u fl-istrateġiji industrijali tkun imħeġġa fuq bażi aktar stabbli; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex, għal dak l-għan, jadottaw il-politiki meħtieġa jew jistabilixxu l-qafas meħtieġ sabiex din ir-relazzjoni tkun stabbilita u d-diffikultajiet inerenti jingħelbu;

90. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jsir użu aktar sistematiku tar-riżorsi tal-Bank ta' Investiment Ewropew sabiex l-SMEs fis-settur tal-karozzi jkunu appoġġjati u jiksbu aċċess għall-kapital tar-riskju;

*

* *

91. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

([1]) ĠU L 254, 30.9.94, p. 64.

# It-Trattament Fiskali tat-Telf f'Sitwazzjonijiet Transkonfinali

P6_TA(2008)0008

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar it-Trattament Fiskali tat-Telf f'Sitwazzjonijiet Transkonfinali (2007/2144(INI))**

(2009/C 41 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Trattament Fiskali tat-Telf f'Sitwazzjonijiet Transkonfinali (COM(2006)0824),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar 'Il-Kontribut ta' Politika ta' Tassazzjoni u Dwana għall-Istrateġija ta' Liżbona' (COM(2005)0532),

— wara li kkunsidra l-każistika ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (Qorti tal-Ġustizzja), notevolment il-każi C-250/95, *Futura Participations SA u Singer v. Administration des contributions* [1], C-141/99, *AMID v. Belgische Staat* [2], Każijiet konġunti C-397/98 u C-410/98 *(Metallgesellschaft) Ltd. and Others v. Commissioners of Inland Revenue and HM Attorney General* [3], C-446/03, *Marks & Spencer plc v. David Halsey (HM Inspector of Taxes* [4]*)*, u C-231/05, *Oy AA* [5],

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE tat-22 ta' Settembru 1994 rigward it-twaqqif ta' Kunsill Ewropew ghax-Xogħolijiet jew il-proċedura f'impriżi ta' skala Komunitarja u fi gruppi ta' skala Komunitarja ta' impriżi għall-iskop ta' informazzjoni u konsultazzjoni ta' l-impjegati [6],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2005 dwar it-tassazzjoni ta' intrapriżi fl-Unjoni Ewropea: bażi fiskali korporattiva komuni u konsolidata [7],

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni tal-Programm tal-Komunità għat-titjib fit-tkabbir u l-impjiegi u għall-kompetittività msaħħa tan-negozju fl-UE: Iżjed Progress matul l-2006 u l-passi li jmiss lejn proposta l-Bażi Taxxabbli Korporattiva Komuni u Konsolidata (CCCTB) (COM(2007)0223),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-4 ta' Settembru 2007 dwar ir-Reviżjoni tas-Suq Waħdani: L-iffaċċjar ta' ostakoli u ineffiċjenzi permezz ta' implimentazzjoni u infurzar aħjar [8],

— wara li kkunsidra r-Regola 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0481/2007),

A. billi s-sistemi fiskali nazzjonali ta' l-Istati Membri jridu jqisu dejjem iżjed il-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija u jiffaċċjaw ir-regoli u l-funzjonament tas-suq intern, bil-ħsieb li jinkisbu l-objettivi ta' l-Istrateġija ta' Liżbona f'termini ta' tkabbir u ta' kompetittività,

B. billi l-globalizzazzjoni ta' l-ekonomija żiedet il-kompetizzjoni fiskali b'tali mod li f'dawn l-aħħar 30 sena tat lok għal żieda drastika fir-rati fiskali medji korporattivi f'pajjiżi industrijalizzati,

C. billi wara l-aħħar tkabbir iż-żieda fir-rati fiskali ġiet intensifikata mill-aħħar tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea, u billi fl-Istati Membri hemm xejra ċara li jiddaħħlu skemi fiskali speċifiċi biex jiġu attirati, b'mod partikulari, kumpaniji mobbli;

(1) [1997] ECR I-2471.
(2) [2000] ECR I-11619.
(3) [2001] ECR I-1727.
(4) [2005] ECR I-10837.
(5) Sentenza tat-18 ta' Lulju 2007.
(6) ĠU L 254, 30.9.1994, p. 64.
(7) ĠU C 286E, 23.11.2006, p.229.
(8) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0367.

D. billi l-fatt li hemm 27 sistema fiskali differenti fl-Unjoni Ewropea jirrappreżenta impediment għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern, jikkawża spejjeż addizzjonali kunsiderevoli għan-negozju u l-kummerċ transkonfinali f'termini ta' amministrazzjoni u konformità, itellef ir-ristrutturar korporattiv, u jwassal għal każi ta' tassazzjoni doppja,

E. billi t-tnaqqis fl-ispejjeż tal-konformità fir-rigward tad-diversi liġijiet nazzjonali dwar it-taxxa korporattiva, it-trasparenza tar-regoli, it-tneħħija ta' ostakoli fiskali li jxekklu attivitajiet transkonfinali u l-ħolqien ta' kundizzjonijiet ugwali għal intrapriżi ta' l-UE li joperaw fis-suq intern jistgħu jwasslu għal gwadanji ekonomiċi ma' l-UE kollha permezz ta' ambjent korporattiv dinamiku,

F. billi koordinazzjoni fiskali xierqa fuq il-livell ta' l-UE li ma tipprovax tarmonizza r-rati tat-taxxa tista' tikkontribwixxi biex jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u jistgħu jiġġeneraw benefiċċji li jistgħu jiġu maqsuma iżjed fil-wisa' bejn l-intrapriżi, l-impjegati, il-konsumaturi, l-Istati Membri u ċ-ċittadini tagħhom,

G. billi l-kisba ta' l-objettivi ta' l-Istrateġija ta' Liżbona teħtieġ iżjed koordinazzjoni tal-politika fiskali ta' l-Istati Membri,

H. billi l-Istati Membri, bħala tradizzjoni, ippruvaw jikkoordinaw ir-reġimi fiskali tagħhom permezz ta' netwerk estensiv ta' trattati fiskali bilaterali li ma jkoprux b'mod sħiħ kwistjonijiet bħall-eżenzjoni għat-telf transkonfinali, billi, fi ħdan l-Unjoni Ewropea, l-approċċ bilaterali huwa inqas effiċjenti u jwassal għal inqas konsistenza minn approċċ multilaterali u kkoordinat; billi approċċ komuni ta' l-UE li jkun ibbażat fuq bażi fiskali korporattiva u konsolidata — bħall-proposta tas-CCCTB — huwa l-iżjed soluzzjoni adegwata għat-tpattija tat-telf u l-profitti fi ħdan is-suq intern u għandu jwassal għal iżjed trasparenza, investiment u kompetittività,

I. billi l-Istati Membri jimplimentaw regoli differenti dwar l-għoti ta' eżenzjoni mit-taxxa għal telf imġarrab minn fergħat, sussidjarji u entitajiet ta' gruppi korporattivi, u b'hekk ifixklu d-deċiżjonijiet kummerċjali u l-politiki ta' investiment fis-suq intern b'konsegwenzi fuq l-istrateġiji industrijali adegwati u għat-tul u fuq id-dħul fiskali tagħhom,

J. billi prattikament is-sistemi fiskali kollha ta' l-Unjoni Ewropea jintaxxaw il-profitti u t-telf b'mod asimetriku, fis-sens li l-profitti huma ntaxxati għas-sena li jkunu saru iżda l-valur fiskali tat-telf ma jitħallasx lura b'mod awtomatiku lill-kumpanija meta jiġġarrab; billi l-każistika riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tanalizzax kif xieraq dak il-fattur tal-ħin u l-importanza tiegħu fir-rigward ta' l-investimenti transkonfinali li dejjem qed jiżdiedu fl-Unjoni Ewropea,

K. billi l-implimentazzjoni ta' reġim transkonfinali ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq telf ikun ifisser ir-rinunzja ta' dħul fiskali korporattiv f'ċerti Stati Membri mingħajr ċerti assigurazzjonijiet legali,

L. billi t-telf li jsir mill-fergħat domestiċi awtomatikament se jitqies fir-riżultat nett tal-kumpanija primarja, iżda s-sitwazzjoni hija inqas ċara għal telf li jkun sar minn fergħat barranin, kif ukoll minn membri domestiċi u barranin ta' xi grupp.

M. billi n-nuqqas ta' eżenzjoni għat-telf transkonfinali jirrappreżenta ostakolu għad-dħul f'ċerti swieq, u jiffavorixxi l-istabbiliment fi Stati Membri kbar fejn id-daqs tas-suq domestiku jkun kbir biżżejjed biex jassorbi t-telf possibbli li jista' jsir,

N. billi s-sitwazzjoni deskritta tpoġġi lill-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) fi żvantaġġ, minħabba li huma inqas kapaċi jagħmlu investimenti transkonfinali f'ambjent ta' inċertezza dwar l-eżenzjoni għat-telf u għax spiss iġarrbu telf fil-fażi inizjali,

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

1. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu rigward l-effett negattiv tad-diversità tal-metodi applikati fl-Istati Membri għat-trattament tat-telf transkonfinali, fuq it-tħaddim tas-suq intern;

2. Jinnota li kull miżura li timpedixxi l-libertà ta' l-istabbiliment tmur kontra l-Artikolu 43 tat-Trattat KE, u li t-tneħħija ta' ostakoli bħal dawn għandha għalhekk tkun l-objettiv ta' azzjoni mmirata; ifakkar li fil-każ tal-kumpaniji, ir-reġimi fiskali differenti joħolqu ostakoli għad-dħul fi swieq nazzjonali differenti u għat-tħaddim xieraq tas-suq intern, jgħawġu l-kompetizzjoni, u jfixklu ż-żamma ta' kundizzjonijiet ugwali għall-intrapriżi fuq il-livell ta' l-UE u li għalhekk dawn jixirqilhom li tingħatalhom attenzjoni bħal din;

3. Iqis li l-interventi maħsuba għal-livell ta' l-UE fil-qasam ta' l-interċettazzjoni fiskali tat-telf transkonfinali jistgħu jġibu magħhom benefiċċji akbar fit-tħaddim tas-suq intern;

4. Juri l-appoġġ tiegħu għall-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Trattament Fiskali tat-Telf f'Sitwazzjonijiet Transkonfinali bħala pass importanti fl-iffaċċjar tas-sitwazzjoni u jitlob għal koordinazzjoni adegwata bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' l-iskedi u s-soluzzjonijiet;

5. Jenfasizza li kwalunkwe miżura mmirata li tintroduċi eżenzjoni għat-telf transkonfinali għandha tkun definita abbażi ta' approċċ multilaterali u komuni u ta' azzjoni koordinata mill-Istati Membri sabiex jiġi garantit l-iżvilupp koerenti tas-suq intern; ifakkar li miżuri mmirati bħal dawn jirrappreżentaw soluzzjoni intermedja sakemm issir l-adozzjoni tas-CCCTB; iqis li s-CCCTB tirrappreżenta soluzzjoni komprensiva u għat-tul għall-ostakoli fiskali konnessi mat-tpattija tat-telf u l-profitti f'sitwazzjonijiet transkonfinali, kif ukoll għall-prezzijiet tat-trasferiment u l-għaqdiet bejn kumpaniji (merger) u l-akkwisti transkonfinali u għall-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni, u li għandha tikkompleta l-kisbiet ta' suq intern b'kompetizzjoni ġusta;

6. Jirrimarka li xi Stati Membri japplikaw metodi varji għat-tneħħija tat-tassazzjoni doppja, jew billi jikkreditaw it-taxxa mħallsa barra l-pajjiż (il-metodu ta' kreditu) jew billi jeżentaw id-dħul barrani mill-bażi fiskali (il-metodu ta' eżenzjoni); jinnota li huma ftit biss dawk l-Istati Membri li japplikaw il-metodu ta' eżenzjoni u li ma jipprovdux eżenzjoni fuq telf imġarrab minn fergħat barranin;

7. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fil-każi meta t-telf imġarrab minn stabbilimenti permanenti ma jkunx ikkumpensat bil-profitti tas-sede prinċipali, ikun hemm differenza fit-trattament meta mqabbel mas-sitwazzjoni purament domestika li tikkostitwixxi impediment għal-libertà ta' l-istabbiliment;

8. Iqis li huwa ta' prijorità li jkun hemm azzjoni favur il-gruppi ta' intrapriżi li jwettqu negozju f'aktar minn Stat Membru wieħed, u li huma propju dawk il-gruppi li jbatu minn nuqqas ta' ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tat-telf transkonfinali meta mqabbla ma' gruppi ta' intrapriżi li jwettqu negozju fi Stat Membru wieħed;

9. Iqis, b'mod partikulari, li d-distorzjonijiet li jinbtu minn nuqqas ta' ugwaljanza fil-metodi nazzjonali huma ta' żvantaġġ għall-SMEs, b'mod partikulari fir-rigward ta' parteċipanti potenzjali u għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni sabiex tadotta miżuri speċifiċi f'dan il-qasam;

10. Ifakkar li hemm arranġamenti ġenerali għal eżenzjoni transkonfinali għat-telf bejn il-kumpaniji sussidjarji u l-kumpaniji primarji (gruppi) u li għalhekk, fi ħdan grupp ta' kumpaniji, it-telf ma jitqiesx b'mod awtomatiku bl-istess mod li jitqies fi ħdan kumpanija;

11. Jirrimarka li l-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri jipprevedu għal eżenzjoni għat-telf domestiku għall-gruppi, u b'hekk jittrattawhom b'mod effettiv bħala entità waħda, iżda jirrimarka wkoll li ftit huma dawk li jagħmlu dan fir-rigward ta' sitwazzjonijiet transkonfinali; ifakkar li n-nuqqas ta' eżenzjoni transkonfinali għall-gruppi tista' tfixkel deċiżjonijiet ta' investiment rigward tal-post u l-forma legali ta' l-investimenti (fergħa jew sussidjarja);

12. Jirrikonoxxi li l-estensjoni tar-reġimi domestiċi għal sitwazzjonijiet transkonfinali hija diffiċli għax is-sistemi fiskali huma differenti;

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

13. Iħeġġeġ biex l-eżenzjoni għat-telf transkonfinali rilevanti tiġi rikonoxxuta, għalkemm għandna nżommu f'moħħna li jeħtieġ issir iżjed elaborazzjoni fil-fond fir-rigward ta' l-iskema ta' eżenzjoni għat-telf transkonfinali; jissuġġerixxi li għandu jiġi deċiż jekk l-eżenzjoni għat-telf transkonfinali għandhiex tkun limitata għas-sussidjarji fir-rigward tal-kumpanija primarja jew bil-kontra u li għalhekk għandha ssir evalwazzjoni bir-reqqa ta' l-effetti baġitarji ta' l-iskema li permezz tagħha l-profitti tas-sussidjarji jkunu jistgħu jpattu għat-telf tal-kumpanija primarja;

14. Iqis li s-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fil-każ *Marks & Spencer* trid tiġi interpretata li tiddifferixxi lill-Istati Membri d-dritt li jżommu s-sistemi fiskali tagħhom, b'mod speċjali fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' evażjoni tat-taxxa;

15. Jinnota li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ *Oy AA* turi li s-sistemi fiskali nazzjonali differenti ma jittrattawx it-telf bl-istess mod, u li għalhekk m'huwiex ċar jekk it-telf ikunx jista' jiġi kkonsolidat fissitwazzjonijiet transkonfinali kollha fi ħdan grupp, anke jekk dan ikun finali, u b'hekk dan jirriżulta f'sitwazzjoni spoporzjonata kif intwera fil-każ *Marks & Spencer*;

16. Jemmen li l-gruppi korporattivi għandhom ikunu trattati kemm jista' jkun bl-istess mod kemm jekk huma preżenti f'diversi Stati Membri jew f'Stat Membru wieħed biss; jenfasizza li f'sitwazzjonijiet li jinvolvu telf transkonfinali minn kumpaniji sussidjarji barranin, għandha tiġi evitata t-tassazzjoni doppja tal-kumpanija primarja, il-kompetenza fiskali għandha tkun imqassma bejn l-Istati Membri b'mod ġust, it-telf m'għandux ikun ikkumpensat darbtejn u għandha ssir prevenzjoni għall-evażjoni tat-taxxa;

17. Huwa tal-fehma li jkun utli jekk jitnieda dibattitu fuq id-definizzjoni u l-karatteristiċi tal-gruppi korporattivi fl-UE, li jqis l-eżistenza ta' istituzzjonijiet komuni Ewropej bħall-'kumpanija Ewropea' u s-'Soċjetà koperattiva Ewropea', mingħajr il-ħsieb, madankollu, li jiġi limitat l-ambitu tal-miżuri għat-telf transkonfinali b'mod esklussiv għal dawn l-istituzzjonijiet;

18. Itenni l-importanza li jiġi ddefinit il-kunċett ta' 'grupp korporattiv' sabiex jiġi evitat li l-kumpaniji jqassmu b'mod opportunistiku l-profitti u t-telf tagħhom fost l-Istati Membri; iqis li, sabiex jiġi ddefinit grupp korporattiv, jaf ikun utli li jiġu identifikati karatteristiċi kritiċi speċifiċi fi ħdan l-intrapriża, bħal m'hu previst fid-Direttiva tal-Kunsill 94/45/KE rigward it-twaqqif ta' Kunsill Ewropew għax-Xogħolijiet jew il-proċedura f'impriżi ta' skala Komunitarja u fi gruppi ta' skala Komunitarja ta' impriżi għall-iskop ta' informazzjoni u konsultazzjoni ta' l-impjegati,

19. Jilqa' t-tliet alternattivi proposti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Trattament Fiskali tat-Telf f'Sitwazzjonijiet Transkonfinali; juri l-appoġġ tiegħu għal miżuri mmirati li għandhom jippermettu tnaqqis effettiv u immedjat ta' telf minn kumpaniji sussidjarji barranin (annwali, mhux biss f'każ ta' telf definittiv bħall-każ *Marks and Spencer)* li għandu jkun irkuprat ladarba l-kumpanija sussidjarja inkwistjoni tibda tagħmel il-qligħ permezz ta' taxxa addizzjonali korrispondenti fuq il-kumpanija primarja;

20. Jirrakkomanda, sabiex dawk il-proposti jkunu jistgħu jiġu implimentati b'tali mod li jevitaw l-evażjoni tat-taxxa, li jiġi kkunsidrat jekk ikunx xieraq li titwaqqaf sistema awtomatika ta' skambju ta' l-informazzjoni, bħas-sistema VIES għat-taxxa tal-VAT, sabiex l-Istati Membrji jkunu jistgħu jivverifikaw jekk ikunx hemm bażijiet fiskali negattivi ddikjarati minn kumpaniji sussidjarji fi Stati Membri oħrajn;

21. Madankollu, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tistharreġ possibilitajiet oħrajn biex il-kumpaniji jkollhom bażi fiskali korporattiva u konsolidata għall-attivitijiet li jagħmlu fl-UE kollha;

22. Jirrimarka li huwa importanti ħafna li ssir analiżi ulterjuri bir-reqqa fir-rigward ta' l-evalwazzjoni talpunt sa fejn l-iskema ta' eżenzjoni għat-telf transkonfinali li qed tiġi proposta tista' tippromwovi l-attività transkonfinali ta' l-SMEs;

23. Jirrimarka li kwalunkwe miżura mmirata rigward it-trattament fiskali ta' telf f'sitwazzjoni transkonfinali li tiddaħħal minn Stat Membru individwali waħidha mhix se ssolvi l-problemi tad-distorzjoni tal-kompetizzjoni u ta' l-ispejjeż għoljin ta' konformità li l-intrapriżi ta' l-UE jiffaċċjaw biex joperaw fis-suq intern, li jirriżultaw miż-żamma ta' 27 sistemi fiskali differenti;

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

24. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri jipproċedu b'mod ikkoordinat meta jintroduċu miżuri mmirati għall-eżenzjoni għat-telf transkonfinali fi ħdan kumpanija waħda jew grupp wieħed; ifakkar fil-ħtieġa ta' koordinazzjoni iżjed b'saħħitha fir-rigward ta' kwistjonijiet fiskali bejn Stati Membri u jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu rwol proattiv;

25. Jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni biex twaqqaf CCCTB uniformi; jinnota li CCCTB se twassal għal iżjed trasparenza u effiċjenza billi tippermetti li l-kumpaniji joperaw bl-istess regoli, kemm f'pajjiżhom u kemm barra minnu, billi toħloq kundizzjonijiet ugwali u ssaħħaħ il-kompetittività ta' l-intrapriżi ta' l-UE, billi żżid in-negozju u l-investiment transkonfinali u b'hekk toħloq il-kundizzjonijiet adatti biex jitgawdew il-benefiċċji kollha tas-suq intern fir-rigward ta' l-investiment u t-tkabbir, u billi tnaqqas ukoll b'mod sinifikanti l-piżijiet amministrattivi u l-ispejjeż ta' konformità u l-possibilità ta' l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi;

26. Ifakkar li s-CCCTB tinvolvi regoli komuni fir-rigward tal-bażi fiskali u li din ma taffettwa bl-ebda mod il-libertà ta' l-Istati Membri li jibqgħu jistipulaw ir-rati fiskali tagħhom;

27. Jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi s-CCCTB fil-qafas tal-koperazzjoni aktar mill-qrib ukoll; madankollu jirrimarka li din hija t-tieni l-aħjar soluzzjoni, għax jekk fl-UE kollha ma jkunx hemm sistema komprensiva, il-benefiċċji tat-trasparenza u t-tnaqqis fl-ispejjeż amministrattivi jistgħu jkunu limitati;

28. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## L-istrateġija Komunitarja 2007–2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol

P6_TA(2008)0009

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar l-istrateġija Komunitarja 2007–2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (2007/2146(INI))**

(2009/C 41 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Intejbu l-kwalità u l-produttività fuq ix-xogħol: Strateġija Komunitarja 2007-2012 għas-saħħa u s-siġurtà fuq il-post tax-xogħol" (COM(2007)0062) u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkompanjawha (SEC(2007)0214) u, (SEC(2007)0215), (SEC(2007)0216),

— wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikoli 2, 136, 137, 138, 139, 140, 143 u 152 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea [1] u b'mod partikulari l-Artikoli 27, 31 u 32 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' l-ILO fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol,

— wara li kkunsidra d-direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jitheġġeġ it-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol [2] (direttiva qafas) u d-direttivi individwali tagħha,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2000/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000, dwar il-ħarsien tal-ħaddiema mir-riskji marbuta ma' meta wieħed jiġi espost għal aġenti bijoloġiċi fuq il-post tax-xogħol [3],

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2007/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 li temenda d-Direttiva 89/391/KEE tal-Kunsill, id-Direttivi partikulari tagħha kif ukoll id-Direttivi tal-Kunsill 83/477/KEE, 91/383/KEE, 92/29/KEE u 94/33/KE, bil-ħsieb li jiġu simplifikati u razzjonalizzati r-rapporti dwar l-implimentazzjoni prattika [4],

[1] ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1.
[2] ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.
[3] ĠU L 262, 17.10.2000, p. 21.
[4] ĠU L 165, 27.6.2007, p. 21.

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza wara il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tat-8 sad-9 ta' Marzu 2007,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2002 dwar l-istrateġija tal-Komunità dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (1),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar il-promozzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (2),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2006 b-rakkomandazzjonijiet dwar il-ħarsien tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa Ewropej minn infezzjonijiet ġejjin mid-demm minħabba korrimenti li jirriżultaw minn labar tas-siringi (3),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2007 dwar il-promozzjoni ta' xogħol deċenti għal kulħadd (4),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Novembru 2007 dwar statistiċi tal-Komunità dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (5),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu tad-29 ta' Marzu 2007, dwar l-epatite Ċ (6),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0518/2007),

A. billi hemm korrelazzjoni pożittiva bejn il-kwalità ta' l-istandards tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u r-rendiment finanzjarju f'termini ta' rendiment globali, assenteiżmu, rati ta' rotazzjoni tal-persunal, motivazzjoni tal-ħaddiema, immaġni korporattiva mtejba u produttività,

B. billi li l-biċċa l-kbira ta' l-ekonomiji kompetittivi għandhom l-aqwa rekords ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol (occupational health and safety — OHS), u li livelli għolja ta' ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà għandhom effett pożittiv fuq il-finanzi pubbliċi f'termini ta' ffrankar ta' sigurtà soċjali u produttività ogħla; billi l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà ma jikkontribwixxix biss għall-produttività, ir-rendiment u l-benesseri tal-ħaddiema iżda jirriżulta wkoll fi frankar għall-ekonomija u għas-soċjetà kollha kemm hi,

C. billi hemm bżonn ta' aktar riċerka dwar l-effetti fuq perjodu ta' żmien twil ta' xi attivitajiet tax-xogħol sabiex il-ħaddiema jiġu mħarsa aħjar, minħabba li ċertu mard jitfaċċa biss wara li jkunu għaddew diversi snin minn meta tkun twettqet l-attività li tikkawżah,

D. billi hemm tħassib li t-tnaqqis fin-numru ta' każijiet ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol ma kienx mifrux b'mod uniformi minħabba li ċerti kategoriji ta' ħaddiema (eż. migranti, ħaddiema b'kuntratti prekarji, nisa, ħaddiema iktar żgħażagħ jew ixjeħ), ċerti kumpaniji (b'mod partikulari ntrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u mikrointrapriżi), ċerti setturi ta' attività (b'mod partikulari tal-bini, tas-sajd, ta' l-agrikoltura u tat-trasport), u ċerti Stati Membri juru rati ta' aċċidenti u ta' mard fuq il-post tax-xogħol ħafna ogħla mill-medja ta' l-UE,

E. billi l-miżuri tal-ħarsien tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għandhom dejjem jiffurmaw parti mill-kultura tan-negozju, u billi din il-kultura għandha timxi id f'id mat-taħriġ ta' tul il-ħajja tal-ħaddiema u tal-maniġers,

F. billi kultura ta' ħarsien tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol implimentata b'mod konsistenti fin-negozju tista' tgħin biex il-proċeduri OHS jiġu implimentati b'mod mhux burokratiku u b'hekk jiġi żgurat ħarsien effettiv,

G. billi l-perjodi ta' serħan huma ta' importanza kbira għal standard għoli ta' ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema,

H. billi l-ILO tagħmel stima li fl-2006 madwar 167,000 persuna mietu fl-UE minħabba aċċident tax-xogħol jew marda relatata max-xogħol, u billi l- Kummissjoni fil-komunikazzjoni dwar it-titjib tal-kwalità u tal-produttività fuq ix-xogħol — tagħmel stima li kull sena madwar 300, 000 ħaddiem isofru minn diżabilità permanenti fi gradi different,

(1) ĠU C 300 E, 11.12.2003, p. 290.
(2) ĠU C 304 E, 1.12.2005, p. 400.
(3) ĠU C 303 E, 13.12.2006, p.754.
(4) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0206.
(5) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0501.
(6) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0102.

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

I. billi strateġija ġenwina dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għandha tkun ibbażata fuq it-taħlita t-tajba ta' li ġej: kuxjenza suffiċjenti min-naħa ta' kulħadd, edukazzjoni u taħriġ iffokati, servizzi u kampanji ta' prevenzjoni adegwati, djalogu soċjali u parteċipazzjoni tal-ħaddiema, leġiżlazzjoni u implimentazzjoni adegwati, enfasi partikolari fuq gruppi speċifiċi, għall-setturi ta' attività u għal tipi differenti ta' intrapriżi, ispezzjonijiet effiċjenti u penali proporzjonati u dissważivi,

J. billi l-ħaddiema li qed jixjieħu għandhom iżommu saħħithom, il-kapaċità tax-xogħol u d-dispożizzjoni għall-impjieg tagħhom sakemm ikun possibbli u li għandhom jiġu adottati miżuri għal dan il-għan,

K. billi l-ispezzjonijiet għandhom irwol ewlieni bħala strument biex tiġi infurzata l-leġiżlazzjoni eżistenti u għalhekk biex tiġi evitata kwalunkwe forma ta' sfruttament fuq il-post tax-xogħol, biex b'hekk ikompli jiġi promoss il-kunċett ta' xogħol deċenti. jikkunsidra li l-ispetturi għandhom jiġu appoġġjati b'kooperazzjoni aktar mill-qrib u l-iskambju ta' informazzjoni bejn spetturi fl-Istati Membri,

L. billi l-evalwazzjoni tar-riskju fuq livell ta' negozju ma tistax tiġi kkunsidrata bħala attività ta' darba biss, iżda għandha titwettaq b'mod perjodiku u għandha tiġi adattata skond ir-riskji u/jew iċ-ċirkostanzi ġodda, billi n-nuqqas li jsiru evalwazzjonijiet ta' riskju jew meta dawn ma jsirux b' mod xieraq, , huwa kontra l-liġi u huwa wieħed mill-kawżi ta' inċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol,

M. billi ma hemm l-ebda statistika disponibbli rigward l-effetti negattivi ta' nirien fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol,

N. billi l-ħaddiema tal-kura tas-saħħa jinsabu f'riskju li jaqbadhom iktar minn 20 virus potenzjalment fatali, inklużi l-epatite B, l-epatite Ċ, u l-HIV/AIDS,

O. billi waħda mill-miri ta'l-Istrateġija ta' Liżbona hija rata ta' impjieg ġenerali ta' 70 % u kif ukoll rata ta' impjieg ta' 60 % għan-nisa u ta' 50 % fost il-ħaddiema aktar anzjani sa l-2010, u billi l-ħaddiema b'mard kroniku jew b'mard fit-tul ta' sikwiet ma jerġgħux lura għax-xogħol, minkejja li jkunu meqjusa li huma kapaċi li jagħmlu dan u billi dawk li jirritornaw għax-xogħol ta' sikwiet jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla bħal pereżempju tnaqqis fid-dħul tagħhom, u billi dan huwa veru b'mod partikulari għall-pazjenti tal-kanċer peress li l-parti l-kbira ta' studji riċenti juru li wieħed minn kull ħames pazjenti tal-kanċer tas-sider ma jirritornawx għax-xogħol, minkejja li jkunu jistgħu,

P. billi aktar nisa milli irġiel huma impjegati fis-suq tax-xogħol klandestin mingħajr assigurazzjoni, fatt li inevitabilment għandu konsegwenzi sinifikattivi fir-rigward tal-kundizzjonijiet tas-saħħa u tas-sigurtà skond liema kundizzjonijiet dawn qed ikunu impjegati,

Q. billi n-nisa u l-irġiel ma jiffurmawx grupp omoġenju, għalhekk strateġiji u miżuri biex itejbu l-OHS iridu jkunu aġġustati b'mod speċifiku għal postijiet tax-xogħol partikulari, li jikkunsidraw l-fatt li xi fatturi jistgħu jħallu impatt differenti fuq in-nisa milli fuq l-irġiel,

1. Jilqa' l-mira ambizzjuża tal-Kummissjoni għal medja ta' tnaqqis ta' 25 % ta' l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol madwar l-UE; jirrikonoxxi li ċ-ċifri jistgħu jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor minħabba l-punt ta' tluq differenti, iżda jikkunsidra li xorta waħda huwa importanti li jkun hemm miżuri mmirati tajjeb u ċari flimkien ma' skeda u impenji finanzjarji li wara jkunu jistgħu jiġu mkejla u evalwati; dawn, jistieden lill-Kummissjoni biex fin-nuqqas ta' tali miżuir, skeda ta' żmien u impenji biex tieħu ħsieb li tirrapporta lura lill-Parlament Ewropew fl-istadju tan-nofs tal-perjodu ta' l-istrateġija tagħha ta'l-2007-2012;

2. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jikkunsidraw kif jixraq l-inugwaljanzi mhux biss dawk bejn Stati Membri iżda wkoll dawk fi ħdan Stati Membri individwali, u biex jimpenjaw ruħhom li jnaqqsuhom;

3. Jinnota l-proposti tal-Kummissjoni biex jintużaw strumenti li ma jorbtux fejn liġijiet obbligatorji mhumiex possibbli jew mhumiex xierqa, li jippermettu li l-Istati Membri jkollhom il-flessibilità biex isibu soluzzjonijiet li jagħtu l-aqwa riżultati ta' saħħa u sigurtà fiċ-ċirkustanzi partikulari tagħhom;

4. Jilqa' l-enfasi akbar tal-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni regolatorja u t-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi, filwaqt li jinnota li filwaqt li s-simplifikazzjoni tipprovdi benefiċċji aħjar liċ-ċittadini, din tgħin ukoll biex kemm min iħaddem u kif ukoll l-impjegati jikkonċentraw bl-istess mod fuq l-immaniġġjar prattiku tas-saħħa u s-sigurtà sabiex jiżguraw riżultati aħjar; jikkunsidra li huwa ta' importanza ewlenija li simplifikazzjoni bħal din bl-ebda mod ma tnaqqas mil-livell ta' protezzjoni li tingħata lill-ħaddiema;

5. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità fl-istrateġija tagħha għal dawk l-attivitajiet u/jew l-industriji li jinvolvu riskji partikularibħal per eżempju, xogħol tal-metall, bini, elettriku jew foresterija;

6. Jistieden lill-Kummissjoni biex tinvolvi aktar mill-qrib lill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) fil-proċess tagħha, u b'mod partikulari biex tistidinha sabiex tippreżenta evalwazzjoni ta' liema industriji għandhom l-ogħla riskju ta' aċċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol u kif tali riskju jista' jiġi megħlub b'mod effettiv;

7. Jikkunsidra li l-attenzjoni qawwija tal-Kummissjoni fuq l-għajnuna lill-SMEs biex jissodisfaw l-obbligi tas-saħħa u s-sigurtà tagħhom hija eċċellenti u jappoġġja bis-sħiħ l-approċċ tagħha;

8. Jiddispjaċih li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni hija siekta dwar il-miri għat-tnaqqis ta' mard relatat max-xogħol iżda jifhem id-diffikultà biex wieħed ikejjel mard relatat max-xogħol; għalhekk jitlob lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-użu u l-implimentazzjoni ta' proċeduri eżistenti ta' l-istatistika sabiex il-mard fuq il-post tax-xogħol jiġi identifikat u kkalkulat b'mod korrett, u b'mod partikolari l-kanċer fuq ix-xogħol, bl-iskop li jiġu ffissati miri għat-tnaqqis tiegħu; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tikkunsidra l-possibilità li tissostitwixxi r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/670/KE dwar l-iskeda Ewropea dwar il-mard b'rabta max-xogħol ([1]) b'direttiva;

9. Jenfasizza l-ħtieġa li s-sessi jingħataw l-importanza xierqa meta jkunu indirizzati kwistjonijiet rigward is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol u jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tistieden għall-preparazzjoni ta' metodi uniċi ta' l-analiżi ta' l-impatt fl-OHS fir-rigward ta' l-element speċifiku tas-sessi;madanakollu, jikkritika l-Kummissjoni għal falliment li tikkunsidra b'mod xieraq l-integrazzjoni tal-perspettiva tas-sessi fil-komunikazzjoni tagħha, jew fil "Miri għall-Istrateġija Kommunitarja 2007-2012" jew fl- 'Evalwazzjonijiet ta'l-Impatt';

10. Jistieden lill-Kummissjoni biex tanalizza d-disponibilità ta' statistiċi klassifikati skond is-sessi fil-livell Komunitarju dwar mard fatali relatat max-xogħol u dak mhux fatali;

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw direttivi attwali OHS b'mod aktar sensittiv għas-sessi, biex jimplimentaw analiżi ta' l-impatt għas-sessi ta' dawn id-direttivi;

12. Jenfasizza li r-rijabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema wara li jkunu mardu jew wara aċċident fuq il-post tax-xogħol huma vitali u jfaħħar l-attenzjoni speċjali fuq ir-rijabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid mitluba fl-istrateġiji nazzjonali; jikkunsidra li huwa importanti li l-gvernijiet jiżguraw, fl-istrateġiji tas-saħħa u s-sigurtà tagħhom, l-obbligu taż-żamma tax-xogħol (permezz ta' taħriġ, allokazzjoni mill-ġdid tal-ħidmiet eċċ) għal dawk il-persuni li jkunu esperjenzaw mard fiżiku jew mentali waqt il-ħajja tax-xogħol tagħhom;

13. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiġbor aktar ċifri u data dwar ħaddiema b'mard kroniku u biex tanalizza l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u biex tfassal karta għall-ħarsein tad-drittijiet tal-pazjenti tal-kanċer u persuni oħra b'mard kroniku u, bil-għan li l-kumpaniji jkunu meħtieġa biex jagħmluha possibbli sabiex il-pazjenti jkunu jistgħu jkomplu fl-impjieg tagħhom waqt il-kura tagħhom u sabiex ikunu jistgħu jirritornaw għas-suq tax-xogħol wara li tispiċċa l-kura;

([1]) ĠU L 238, 25.9. 2003, p.28.

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

14. Jesprimi tħassib qawwi rigward ir-rata għolja wisq ta' aċċidenti fost ħaddiema temporanji u ħaddiema li jkunu qed jaħdmu għal terminu ta' żmien qasir, u bi kwalifiki baxxi, li f'xi Stati Membri hija ta' l-inqas id-doppju ta' dik tal-ħaddiema oħra, filwaqt li jirrikonoxxi l-korrelazzjoni bejn dawn il-kategoriji ta' impjiegi u l-impjiegi f'industriji b'riskju ogħla bħall-industrija tal-bini; jinnota li d-Direttiva tal-Kunsill 91/383/KEE tal-25 ta' Ġunju 1991 li tissuplementa l-miżuri biex jitħeġġeġ it-titjib fis-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol ta' ħaddiema li għandhom relazzjoni ta' mpjieg b'dewmien fiss jew ta' mpjieg temporanju [1], tistabbilixxi bħala regola ġenerali li l-ħaddiema temporanji għandhom l-istess drittijiet tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol bħal ħaddiema b' kuntratt permanenti iżda tonqos milli tistabbilixxi mekkaniżmi speċifiċi biex dan il-prinċipju jkun jista' jitħaddem fil-prattika; jistieden lill-Kummissjoni biex tindirizza dawn in-nuqqasijiet bħala kwistjoni ta' urġenza;

15. Jinnota wkoll in-numru jiżdied ta' kuntratti ta' l-impjieg atipiċi u jenfasizza li l-kundizzjonijiet li joffru jistgħu jkunu ta' riskju għas-saħħa u s-sigurtà ta' l-impjegati u l-kuntratturi;

16. Jitlob għal miżuri li josservaw drittijiet tas-sigurtà u s-saħħa għal nisa f'postijiet tax-xogħol atipiċi bħal dawk tal-kura ta' persuni morda d-dar;

17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw bis-sħiħ l-implikazzjonijiet tal-bidla demografika fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; b'mod partikulari jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni u biex jadottaw miżuri maħsuba biex jikkumpensaw għad-deklin fiżiku, b'mod partikulari permezz ta' l-ergonomija u l-ippjanar tal-postijiet tax-xogħol, u permezz ta' miżuri u inċentivi mfassla biex iżommu l-motivazzjoni, il-kapaċitajiet u s-saħħa tal-ħaddiema li jkunu qed jixjieħu;

18. Jinnota r-rabta pprovata xjentifikament bejn l-istress dejjem akbar fuq il-post tax-xogħol u l-mard ikkaġunat minn dan l-istress, b'mod partikulari l-mard kroniku, il-mard kardjovaskolari u l-mard muskolus-keletali;

19. Jikkunsidra li huwa ferm importanti li tiġi żgurata applikazzjoni aħjar ta' l-istrumenti legali eżistenti dwar l-OHS u għalhekk jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jużaw il-mezzi kollha disponibbli sabiex jiksbu dan; il-mużuri li għandhom jitqiesu għandhom jinkludu:

a) rekwiżiti minimi għall-kwalità ta' servizzi preventivi u ispezzjonijiet tax-xogħol,

b) sanzjonijiet aktar ħarxa,

c) valutazzjonijiet aħjar ta' l-implimentazzjoni leġiżlattiva,

d) skambju ta' l-aħjar prattika,

e) kultura msaħħa tal-prevenzjoni u sistemi ta' twissija minn kmieni inkluż aċċess usa' tas-soċjetà għall-informazzjoni rigward il-kundizzjonijiet b'rabta max-xogħol u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol,

f) involviment akbar ta' l-impjegati fuq il-post tax-xogħol,

g) tħeġġiġ lil min iħaddem biex jissodisfa l-impenji tiegħu fil-qasam tas-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol,

h) tisħiħ ta' l-użu tal-ftehim tad-djalogu soċjali;

20. Jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha nuqqas kbir ta' riżorsi biex tivverifika sew it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni effettiva tad-direttivi dwar is-sigurtà b'rabta max-xogħol; jikkunsidra li l-Kummissjoni għandha tagħmel użu mill-mezzi kollha disponibbli għaliha, inkluż użu usa' tal-proċedimenti ta' ksur;

21. Jinnota li l-ħarsien ta' l-OHS għandu japplika b'mod ugwali għall-ħaddiema kollha fl-Unjoni Ewropea, li tali ħarsien fl-aħħar mill-aħħar huwa bbażat fuq id-dritt fundamentali għall-integrità fiżika, u li d-derogi mil-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien ta' l-OHS jipperikolaw is-saħħa tal-ħaddiema u l-opportunitajiet indaqs, u jistgħu joħolqu sitwazzjoni fejn il-kompetizzjoni bejn l-istati differenti twassalgħat-triq tan-niżla fir-rigward ta' din il-protezzjoni;

(1) ĠU L 206, 29.7.1991, p.19.

22. Jitlob lill-Kummissjoni biex timpenja ruħha bl-istess mod fl-evalwazzjonijiet ta' l-impatt fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol kif timpenja ruħha fl-ambjent;

23. Jikkunsidra l-ispezzjonijiet tax-xogħol bħala parti essenzjali ta' l-implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni għas-saħħa u s-sigurtà;

a) għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex:

   i) tipprovdi lill-Kumitat ta'l-Ispetturi Anzjana tax-Xogħol (SLIC) bir-riżorsi neċessarji biex tiżgura li dan jista' jopera b'mod effettiv, wara studju dwar kif jista' jkun l-aktar effettiv u jipprovdi l-aħjar valur,

   ii) tkompli tiżviluppa sistemi ta' tqassim ta' għarfien biex jiġu żgurati reazzjonijiet effettivi għat-talbiet ta' informazzjoni u koperazzjoni,

   iii) tibda riċerka ta' evalwazzjoni dwar l-effikaċja u l-impatt ta' attivitajiet ta' ispezzjoni kif propost mill-SLIC, bl-iskop li jiġu stabbiliti objettivi ta' ispezzjoni kwantitattivi u kwalitattivi komuni, biex b'hekk theġġeġ l-użu ta' l-ispettorati bħala faċilitaturi fil-ħolqien ta' kultura effiċjenti u effettiva tas-saħħa u s-sigurtà fost il-ħaddiema kollha;

   iv) tintroduċi modijiet biex jiġu evalwati s-sistemi nazzjonali ta' ispezzjoni, l-aktar permezz ta' twaqqif ta' tabelli ta' evalwazzjoni,

b) u jistieden lill-Istati Membri biex:

   i) jipprovdu riżorsi finanzjarji u ta' persunal adegwati għall-ispettorati nazzjonali tagħhom,

   ii) iżidu d-densità ta' l-ispetturi tax-xogħol, biex jiġi żgurat li ta' l-inqas ikun hemm proporzjon ta' 1 għal kull 10,000 ħaddiem, b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet ta' l-ILO,

   iii) iżidu l-kwalità ta' l-ispetturi tax-xogħol billi jipprovdu iktar taħriġ multidixxiplinarju f'oqsma bħall-psikoloġija, l-ergonomija, l-iġjene, ir-riskji ambjentali u t-tossikoloġija,

   iv) jiffokaw l-ispezzjonijiet fuq oqsma ta' prijorità u fuq setturi u intrapriżi b'livelli għolja ta' inċidenti u b'livelli għolja ta' gruppi vulnerabbli bħal ħaddiema migranti, ħaddiema ta' aġenziji temporanji, ħaddiema ta' sengħa u edukazzjoni baxxi, u ħaddiema żgħażagħ u ħaddiema li qed jixjieħu;

24. Jirrikonoxxi li l-prevenzjoni hija ta' importanza ċentrali u jistieden lill-Kummissjoni biex fl-istrateġijatagħha:

a) tiżgura li min iħaddem jirrikonoxxi u jissodisfa r-responsabilitajiet tiegħu billi jipprovdi servizzi preventivi xierqa fuq postijiet tax-xogħol kollha, filwaqt li jirrikonoxxi li attitudini responsabbli mill-impjegati tiegħu għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom stess hija importanti wkoll;

b) tinkuraġġixxi li s-servizzi ta' prevenzjoni jkunu multidixxiplinarji bis-sħiħ u jirriflettu l-ġerarkija tal-miżuri pprovduti fid-Direttiva 89/391/KEE;

c) tenfasizza li l-evalwazzjoni tar-riskju għandha tkun proċess kontinwu u mhux obbligu ta' darba, bl-involviment sħiħ ta' l-impjegat;

d) tiżgura li kemm jista' jkun l-attivitajiet ta' prevenzjoni jitwettqu internament;

e) tiżgura li s-sorveljanza tas-saħħa timxi id f'id mal-prevenzjoni;

f) tadatta l-leġiżlazzjoni tagħha dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol fuq bażi regolari biex tirrifletti l-progress teknoloġiku;

25. Jenfasizza l-importanza ta' l-Istati Membri li jiżguraw li l-aċċess għal dokumenti tekniċi u regoli li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fuq livell nazzjonali jkun b'xejn;

26. Jifraħ lill-Kummissjoni rigward il-proposti dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ li hemm fil-Komunikazzjoni tagħha u jikkunsidra li dan huwa fattur importanti fl-iżvilupp ta' kultura preventiva u li barra minn hekk dan għandu jkun proċess kontinwu li jibqa' għaddej, adattat għas-sitwazzjoni teknoloġika ġdida fuq il-post tax-xogħol; u dan japplika wkoll għal dawk il-ħaddiema li jmorru lura x-xogħol wara mard jew waqfiet fil-karriera minħabba responsabbilitajiet ta' kura tal-familja;

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

27. Jikkunsidra li għandhom jiġu offruti taħriġ vokazzjonali adattat u taħriġ mill-ġdid fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol lill-impjegati u lir-rappreżentanti tas-saħħa u tas-sigurtà b'attenzjoni speċifika mogħtija lil: sotto-kuntratti, xogħol temporanju, xogħol part-time, ħaddiema nisa u ħaddiema migranti; jikkunsidra li fondi nazzjonali u ta' l-UE għandhom jibqgħu jintużaw f'dan ir-rigward;

28. Jikkunsidra li min iħaddem għandu jkun obbligat jiffaċilita l-eżamijiet mediċi għal min jaħdem bil-ġurnata u għal nies b'kuntratti ta' impjieg part-time;

29. Jistieden lill-Kummissjoni biex tuża bis-sħiħ il-fondi Komunitarji eżistenti (speċjalment il-Fond Soċjali Ewropew) fi kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà (prevenzjoni u żvilupp ta' kultura preventiva, tqajjim ta' kuxjenza, taħriġ vokazzjonali, edukazzjoni tul il-ħajja kollha, rijabilitazzjoni u integrazzjoni mill-ġdid ta' ħaddiema li jkunu ġarrbu inċident fuq ix-xogħol jew mard) u indirizzati b'mod partikulari lill-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni biex talloka fondi Komunitarji oħra (pereżempju fondi mis-7 Programm ta' Qafas dwar ir-Riċerka) u fondi nazzjonali għar-riċerka dwar mard relatat max-xogħol;

30. Jikkunsidra li huwa importanti, meta wieħed jikkunsidra r-riskju akbar li huma esposti għalih il-ħaddiema fis-setturi tal-minjieri, tal-metallurġija, tal-produzzjoni tal-ħadid u l-azzar u l-bini tal-vapuri, li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jallokaw fondi suffiċjenti għall-investimenti meħtieġa biex ikunu ggarantiti l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

31. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżguraw approċċ sistematiku sensittiv għas-sessi, meta jiżviluppaw strateġiji nazzjonali u Komunitarji OHS u meta jiġbru statistiki, meta jwettqu sondaġġi u meta jwettqu riċerka OHS; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jużaw il-possibilitajiet ta' ffinanzjar provduti f'dan ir-rigward mill-programm PROGRESS, b'mod partikulari skond it-taqsima rigward l-ugwaljanza tas-sessi;

32. Jistieden lill-Istati Membri biex jivvalutaw l-adozzjoni ta' inċentivi finanzjarji biex jippromwovu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, b'mod partikulari r-rifużjonijiet tat-taxxa jew preferenzi fis-sejħiet għal offerti għal intrapriżi mingħajr perikli u negozji ċertifikati fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà, l-introduzzjoni ta' sistema ta' "no-claims discount" fil-poloz ta' l-assikurazzjoni u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, u inċentivi finanzjarji biex jinbidel apparat skadut jew perikoluż;

33. Barra minn dan, jissuġġerixxi li l-Istati Membri jikkunsidraw il-possibilità li jinkorporaw ċerti standards ta' saħħa u sigurtà meta jagħtu kuntratti pubbliċi;

34. Filwaqt li jikkunsidra l-bidliet soċjali u ekonomiċi li għaddejjin bħalissa, li jinfluwenzaw u jbiddlu wkoll is-suq tax-xogħol, jistieden lill-Kummissjoni sabiex tħeġġeġ politiki tajbin ta' impjieg u kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol, u sabiex tħeġġeġ lil min iħaddem sabiex jippromwovi stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol permezz ta' kampanji li jippromwovu s-saħħa fuq ix-xogħol, l-infurzar tal-projbizzjoni tat-tipjip fuq il-post tax-xogħol u skemi biex l-impjegati li jpejpu jiġu appoġġjati biex jieqfu mit-tipjip, u sabiex tiżgura koerenza politika ma' oqsma oħrajn, speċjalment is-saħħa pubblika.

35. Jistieden lill-Kummissjoni biex tibda reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jitħeġġeġ titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol ta' ħaddiema tqal u nisa li jkunu welldu reċentement jew li jkunu qed ireddgħu [1];

36. Jikkunsidra li l-problemi tas-saħħa relatati ma' l-esponiment għall-asbestos huma magħrufa sew u li r-regolament Ewropew dwar l-asbestos huwaxieraq; jenfasizza l-fatt li huwa maħsub li fl-Ewropa se jkun hemm rata għolja ta' mard li ġej mill-asbestos għall-ħafna snin li ġejjin; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni biex torganizza sessjoni ta' smigħ dwar kif għandhom jiġu trattati l-problemi kbar ta' l-OHS relatati ma' asbestos eżistenti fil-bini u kostruzzjonijiet oħra bħall-vapuri, ferroviji u makkinarji; jistieden ukoll lill-Istati Membri biex ifasslu pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni biex jitneħħa l-asbestos, inklużi obbligi biex ikun hemm pjanta ta' l-asbestos fil-bini u provvediment għat-tneħħija ta' l-asbestos mingħajr perikli;

---

(1) ĠU L 348, 28.11.1992, p.1.

37. Jiddispjaċih li minkejja t-talbiet ripetuti u speċifiċi tal-Parlament, il-Kummissjoni għad trid tipproponi l-emendar tad- Direttiva 2000/54/KE bil-ħsieb li tindirizza r-riskji serji għas-saħħa tal-ħaddiema, li ġejjin minn xogħol bil-labar u strumenti mediċi li jaqtgħu; jitlob lill-Kummissjoni biex tħaffef tikkompleta l-istudju dwar l-impatt permezz tas-Sejħa għall-Offerti (2007/S 139-171103) u jitlob li ssir emenda xierqa li għandha tiġi adottata sewwa qabel it-tmiem tal-leġiżlatura f'nofs l-2009, b'konformità mar-riżoluzzjoni msemmija qabel dwar il-protezzjoni ta' ħaddiema Ewropej fis-settur tas-saħħa minn-infezzjonijiet fid-demm minn feriti magħmula permezz tal-labra tas-siringa; jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta miżuri ta' prevenzjoni u ta' screening adegwati biex jitnaqqas ir-riskju ta' mard li jittieħed mid-demm bħalma hi l-epatite Ċ;

38. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu t-tmexxija f'idejha biex jiġi żviluppat u miftiehem kodiċi ta' prattika ta' l-UE dwar il-prevenzjoni ta' infezzjonijiet relatati mal-kura tas-saħħa;

39. Jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb is-saħħa u s-sigurtà f'ambjenti tal-kura tas-saħħa, inklużi djar ta' kura, billi jittieħdu miżuri biex jiġi mħeġġeġ iskrining ta' rutina għall-persunal tal-kura tas-saħħa biex jippermetti skoperta u trattament bikrija sabiex jitnaqqsu l-infezzjonijiet marbuta max-xogħol jew li huma komunikabbli fuq ix-xogħol, bħall-MRSA;

40. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rekwiżit biex l-Istati Membri jfasslu strateġiji nazzjonali; jenfasizza li dawn l-istrateġiji għandhom ikopru l-istess perjodu ta' żmien u jibdew fl-istess sena sabiex ikun aktar faċli li jsir paragun kemm ta' l-istrateġiji nazzjonali u kif ukoll tar-riżultati tagħhom u li għandhom ukoll jistabbilixxu miri ċari u li jistgħu jitkejlu u b'attenzjoni speċjali fuq l-SMEs u l-gruppi vulnerabbli bħal ħaddiema migranti, ħaddiema żgħażagħ u ħaddiema li qed jixjieħu, nisa, ħaddiema ta' aġenziji temporanji u ħaddiema b'diżabilità;

41. Jenfasizza l-fatt li huwa essenzjali li l-post tax-xogħol isir aċċessibbli u jkun mingħajr perikli għall-ħaddiema b'diżabilità, permezz tal-provvediment ta' akkomodazzjoni raġjonevoli, il-provvediment ta' apparat speċjali adattat għall-ħtiġijiet individwali, u permezz tal-provvediment ta' dawk is-servizzi tas-saħħa meħtieġa minn nies b'diżabilità, speċifikament minħabba d-diżabilità tagħhom, inklużi servizzi mfassla biex jiġu minimizzati u evitati diżabilitajiet oħra;

42. Jitlob kemm lill-Kummissjoni u kif ukoll lill-Istati Membri biex japplikaw u jinfurzaw bis-sħiħ, irrispettivament mill-istejtus legali tagħhom, id-direttiva qafas u d-dispożizzjonijiet eżistenti tas-saħħa u s-sigurtà għall-ħaddiema kollha u biex jemendaw il-leġiżlazzjoni attwali għal ċerti professjonijiet fir-riskju, jekk din ma rriżultatx effikaċi, inklużi dawk li ta' sikwit jiġu injorati, bħall-ħaddiema fis-settur agrikolu, il-ħaddiema fil-qasam tal-kura tas-saħħa, ix-xufiera professjonali, il-ħaddiema domestiċi u l-ħaddiema tad-dar u tal-militar, fejn ikun xieraq; kif ukoll biex jiżguraw l-applikazzjni u l-infurzar bis-sħiħ tad-Direttiva 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għat-trattament ugwali fl-impjieg u x-xogħol [1]; jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw l-għażliet kollha disponibbli sabiex jestendu d-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar is-saħħa u s-sigurtà għal dawk li jaħdmu għal rashom u għas-servizzi ta' impjieg mingħajr perikli offruti lil nies b'diżabilità;

43. Jistieden lill-Istat Membri biex jikkunsidraw b'mod serju r-riskji differenti relatati mas-sigurtà u s-saħħa fil-post tax-xogħol għal impjegati nisa u rġiel u biex jipprovdu infrastruttura differenti soċjali u fiżika biex jilqgħu għal dawn ir-riskji;

44. Jenfasizza li l-ħtieġa li jkunu analizzati r-riskji li n-nisa u l-irġiel jiffaċċjaw u li jittieħdu miżuri xierqa, ma jfissirx l-introduzzjoni mill-ġdid ta' politiki protettivi ta' esklużjoni, jew l-iżvilupp ta' impjiegi differenti għan-nisa u għall-irġiel;

45. Iqis li filwaqt li l-obbligu ta' sigurtà ta' min iħaddem huwa strettament limitat għal dawk il-persuni li magħhom huwa marbut b'mod legali permezz ta' kuntratt ta' impjieg, sabiex il-politika tas-saħħa u s-sikurezza tiġi inkluża fil-politika CSR dawk li jħaddmu għandhom ikunu mħeġġa, fejn ikun possibbli, li jeżaminaw il-politiki tas-saħħa u tas-sikurezza tas-sottokuntratturi tagħhom u tal-katina tas-sottokontratti;

(1) ĠU L 303, 2.12.2000, p.16.

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

46. Jistenna r-riżultat tat-tieni fażi ta' konsultazzjoni ta' l-imsieħba soċjali dwar il-problemi skeletro-muskolari (MSDs) u jistieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-possibilita' tipproponi direttiva, minħabba l-okkorrenza dejjem ikbar ta' MSDs u li l-leġiżlazzjoni attwali tista' tkun inadegwata u ma tindirizzax is-sitwazzjonijiet kollha tax-xogħol u l-anqas ma tkopri r-riskji kollha li jikkonċernaw l-MSDs relatati max-xogħol; jinnota li l-prinċipji xjentifiċi għandhom jiġu kkunsidrati bis-sħiħ;

47. Jistenna r-riżultat tat-tieni fażi ta' konsultazzjoni ta' l-imsieħba soċjali dwar ir-reviżjoni tad-direttiva ta' l-2004 dwar karċinoġeni u jikkunsidra li l-għażla mixtieqa għandha tkun li tiġi emendata dik id-direttiva sabiex tinkludi sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni u li tipproponi reviżjoni tal-valuri massimi vinkolanti għall-espożizzjoni (BOELVs) għal karċinoġeni u mutaġeniċi elenkati fid-direttiva u biex jitwaqqfu BOELVs ġodda għal xi karċinoġeni, mutaġeniċi u sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni li għadhom mhux inklużi fid-direttiva;

48. Ifakkar li t-theddid għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol mhux marbut biss max-xogħol manwali; jitlob li tingħata aktar attenzjoni lill-kawżi li jwasslu għall-mard mentali u lis-saħħa mentali, il-vizzji u lill-perikli psikoloġiċi fuq il-post tax-xogħol, bħal m'huma l-istress, il-fastidju u l-aggressjoni minn klikek (mobbing), kif ukoll il-vjolenza u barra minn hekk jitlob li ssir enfasi akbar fuq il-politiki ta' min iħaddem għall-promozzjoni ta' saħħa fiżika u mentali tajba;

49. Jidhirlu li huwa essenzjali li jkun hemm koordinazzjoni akbar ma' l-Aġenzija Ewropea tal-Kimiċi (ECHA) il-ġdida f'Helsinki u li jiġu ċċarati numru ta' kwistjonijiet li jirriżultaw f'rabta mar-relazzjoni ta' bejn ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 rigward ir-Reġistrazzjoni, l-Evalwazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni tal-Kimiċi (REACH) ([1]) u d-direttivi l-oħra rigward is-saħħa fuq il-post tax-xogħol;

50. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw kif jixraq l-implimentazzjoni simultanja ta' l-istrateġija Komunitarja u r-Regolament tar-REACH: l-istrateġija għandha tfittex li tikkumplementa r-Regolament tar-REACH dwar il-ħarsien kontra l-perikli kimiċi u għandha tapprofitta ruħha mill-opportunità li tqawwi l-azzjoni preventiva kontra l-perikli kimiċi fuq il-post tax-xogħol f'rabta ma' l-implimentazzjoni tar-REACH;

51. Jilqa' b'sodisfazzjon il-konklużjoni riċenti tal-ftehim ta' qafas bejn l-imsieħba soċjali dwar fastidju u vjolenza fuq il-post tax-xogħol; madankollu, jiddispjaċih li dan l-ftehim ta' l-aħħar ma jkoprix b'mod espliċitu l-kwistjoni ta' vjolenza ta' partijiet terzi; għalhekk jistieden lill-imsieħba soċjali biex jiddiskutu ftehim multisettorjali dwar din il-kwistjoni;

52. Jenfasizza l-kundizzjonijiet diffiċli tax-xogħol għal ħafna xufiera tat-trakkijiet li jsuqu fl-Ewropa, minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal faċilitajiet xierqa ta' mistrieħ: L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 ([2]), dwar il-ħin ta' sewqan u ta' mistrieħ, jirrikonoxxi b'mod espliċitu l-importanza ta' numru suffiċjenti ta' faċilitajiet ta' mistrieħ u mingħajr periklu għal xufiera professjonali tul in-network ta' l-awtostrada ta' l-UE; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli l-proġett pilota għal zoni mingħajr periklu u mgħammra bis-sigurtà ta' pparkjar li ġie mibdi mill-Parlament, filwaqt li tikkunsidra l-miżuri rakkomandati fl-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar zoni għall-ipparkjar mingħajr periklu u mgħammra bis-sigurta ([3])?;

53. Jistieden lill-Kummissjoni biex tibda r-riċerka dwar il-fattibilità u l-benefiċċji għas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol u għas-soċjetà kollha kemm hi, li jkun hemm rekwiżit li, fejn dan ma jkunx ta' periklu, il-binjiet kollha ġodda li huma maħsuba bħala postijiet tax-xogħol jiġu installati bi sprinklers kontra n-nar;

([1]) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.
([3]) ĠU C 175, 27.7.2007, p. 88.

54. Jenfasizza l-importanza ta' djalogu kontinwu bejn il-partijiet interessati kollha inklużi l-awtoritajiet pubbliċi, min iħaddem, ir-rappreżentanti tagħhom u s-soċjetà ċivili bħala għodda ewlenija fl-iżvilupp effettiv ta' standards għolja tas-saħħa u s-sigurtà; dan id-djalogu għandu jwassal għal għarfien aħjar tar-riskji reali għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema kif ukoll tal-ħtiġijiet u rekwiżiti speċifiċi ta' ċerti gruppi ta' ħaddiema fil-livelli settorjali u tan-negozju u għal skambju ta' l-aħjar prattiki;

55. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw rappreżentanza xierqa tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-livelli kollha fir rigward ta' l-OHS;

56. Jikkunsidra r-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva (CSR) bħala waħda mill-għodod effettivi biex tssaħħaħ il-kompetittività, ikun hemm sigurtà aħjar fuq il-post tax-xogħol, u ambjent aħjar tax-xogħol, u f'dan ir-rigward iħeġġeġ l-iskambju ta' prattiki tajbin fil-livelli lokali, nazzjonali u Ewropej fost l-Istati Membri u globalment fil-livell multinazzjonali kif ukoll l-applikazzjoni ta' CSR fuq bażijiet volontarja, iżda bħala parti integrali ta' l-istrateġiji ta' negozju għall-iżvilupp;

57. Jikkunsidra li r-rappreżentanza ta' l-impjegati hija ta' importanza maġġuri għal kwalunkwe politika ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol; jikkunsidra li l-korrelazzjoni pożittiva bejn l-eżistenza ta' rapprezentanti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u rendiment aħjar ma tistax tiġi sottovalutata u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu l-approċċ parteċipattiv u jiżguraw li kemm jista' jkun ħaddiema jkollhom aċċess għar-rappreżentanti tas-saħħa u s-sigurtà;

58. Jikkunsidra li ħinijiet tax-xogħol eċċessivi/perjodi ta' mistrieħ insuffiċjenti huma fattur importanti fil-livell ogħla ta' aċċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol u jitlob bilanċ xieraq bejn ix-xogħol u l-ħajja tal-familja;

59. Jifraħ lill-OHSA u lill-Fondazzjoni Ewropea dwar it-Titijib ta' Kundizzjonijiet ta' Ħajja u Xogħol għax-xogħol li għamlu s'issa u huwa ta' l-opinjoni li l-għarfien speċjalizzat u l-poteri ta' dawn l-organizzazzjoniiet għandhom jiġu sfruttati bis-sħiħ; jikkunsidra li dawk il-korpi għandhom ikomplu jintużaw bħala strumenti ta' tqajjim ta' kuxjenza, ġbir, analiżi u skambju ta' informazzjoni, skambju ta' prattiki tajba u investigazzjoni biex jiġu antiċipati riskji ġodda u emerġenti, kemm jekk huma kkawżati minn bidla soċjali kif ukoll jekk huma marbutin ma' l-innovazzjoni teknika;

60. Jikkunsidra li huwa kruċjali li jiġu identifikati u mmonitorjati r-riskji ġodda u li qegħdin jitfaċċaw — eż. riskji psikosoċjali; għalhekk jifraħ lill-osservatorju tar-riskji ta' l-OHSA tal–ħidma tiegħu u jitlob lill-Kummissjoni taġixxi fuq is-sejbiet tiegħu u tressaq il-proposti neċessarji meta jiġu identifikati riskji ġodda;

61. Jirrakkomanda lill-Istati Membri li jimplimentaw il-miżuri meħtieġa sabiex ix-xogħol li jsir f'kundizzjonijiet iebsa u perikolużi jimxi id f'id mad-drittijiet ta' ħarsien soċjali tal-persuni kkonċernati, kemm waqt li jkunu qed jaħdmu u meta jkunu bil-pensjoni;

62. Jirrakkomanda li l-OHSA twettaq riċerka speċifika dwar il-problemi u r-riskji partikulari li qed jaffaċċjaw il-ħaddiema temporanji u l-ħaddiema ta' l-aġenziji u kif ukoll dawk f'intrapriżi subappaltati sabiex tgħin lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kontra r-riskji affaċċjati u biex jimplimentaw kif xieraq il-leġiżlazzjoni eżistenti li tikkonċerna dawn il-gruppi, filwaqt li jirrikonoxxi li t-tip ta' xogħol li jsir minn dawn il-gruppi, bħalma huwa l-bini, f'ċerti Stati Membri għandu, minħabba n-natura tiegħu, aktar tendenza li jinvolvi inċidenti;

63. Huwa tal-fehma li f'ambjent globali, hemm bżonn ta' kooperazzjoni ma' organizzazjonijiet internazzjonali bħad-WTO, il-WHO, u l-ILO u hemm bżonn li jiġi żgurat li l-konvenzjonijiet u l-ftehim internazzjonali dwar is-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol jiġu adottati u implimentati mill-partijiet kollha; jikkunsidra li dan huwa fattur importanti sabiex tinżamm il-kompetittività ta' l-UE u biex jiġi evitat li l-intrapriżi Ewropej jiġu trasferiti lill-pajjiżi terzi sabiex ifittxu ambjent legali ta' saħħa u sigurtà aktar permissiv; barra minn hekk, jikkunsidra li din hija kwistjoni ta' ħarsien tad-drittijiet ta-bniedem u għalhekk għandha tiġi indirizzata waqt in-negozjati ma' pajjiżi terzi;

64. Għalhekk jistieden lill-Istati Membri biex jirrispettaw id-dispożizzjonjiet internazzjonali dwar is-saħħa u s-sigurtà u b'mod partikulari biex jirratifikaw il-Konvenzjoni C-187 ta' l-ILO u biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni R-197;

65. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

# Lejn Strateġija Ewropea għad-Drittijiet tat-Tfal

P6_TA(2008)0012

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2008 "Lejn Strateġija Ewropea għad-Drittijiet tat-Tfal" (2007/2093(INI))**

(2009/C 41 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tal-21 u tat-22 ta' Ġunju 2007 dwar il-proċess tat-trattat ta' riforma,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 3 ġdid tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, kif introdott permezz ta' l-Artikolu 1(4) tat-Trattat ta' Liżbona, fejn ġie ddikjarat li "l-Unjoni tiġġieled kontra […] d-diskriminazzjoni u tippromwovi […] l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal", u huwa speċifikat li "anki fir-relazzjonijiet tagħha mal-kumplament tad-dinja, l-Unjoni […] tikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, partikolarment id-drittijiet tat-tfal",

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-Kapijiet ta' l-Istat u tal-Gvernijiet li għalqet il-Konferenza Intergovernattiva f'Liżbona tad-19 ta' Ottubru 2007 sabiex il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea jkollha valur legali li jorbot [1], fejn l-Artikolu 24 tagħha fih dispożizzjonijiet speċifiċi rigward id-"Drittijiet tat-Tfal" u, b'mod partikolari jiddikjara li "fl-atti kollha li jirrigwardaw it-tfal, kemm jekk magħmula minn awtoritajiet pubbliċi u kemm jekk minn istituzzjonijiet privati, l-interessi tat-tfal għandhom jingħataw prijorità",

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni ta' l-Unjoni li taderixxi mal-Konvenzjoni Ewropea għas-salvagwardja tad-drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ta' l-1950 (ECHR), li taħseb għal mekkaniżmi ta' sanzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' rispett ta' l-ECHR,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u l-Protokolli Fakultattivi tagħha adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fl-20 ta' Novembru 1989,

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Azzjoni tan-NU, adottat fil-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp, fil-Kajr, f'Settembru 1994,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 dwar it-twaqqif ta' Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea [2],

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' l-4 ta' Lulju 2006 "Lejn Strateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tat-Tfal" (COM(2006)0367),

— wara li kkunsidra r-rapport ta' progress tal-Medjatur tal-Parlament Ewropew għall-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal mill-Ġenituri ta' l-1 ta' Marzu 2007 li javża lill-Kummissjoni, lill-Parlament u lil istituzzjonijiet oħra dwar iż-żieda drammatika fil-każijiet ta' ħtif tat-tfal mill-ġenituri,

— wara li kkunsidra r-riżultati tal-konsultazzjoni immexxija minn *Save the Children* u mill-Pjan Internazzjonali dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni imsemmija hawn fuq bit-titolu "Lejn Strateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tat-Tfal" [3],

— wara li kkunsidra l-Forum Ewropew dwar id-Drittijiet tat-Tfal stabbilit mill-Kummissjoni wara pubblikazzjoni ta' dik il-Komunikazzjoni, liema Forum iltaqa' għall-ewwel darba f'Berlin fl-4 ta' Ġunju 2007,

---

(1) ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1.
(2) ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.
(3) http://www.savethechildren.net/alliance/where_we_work/europegrp_haveyoursay.html.

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni politika adottata f'Berlin fl-4 ta' Ġunju 2007 matul l-ewwel Forum, li fiha hemm imtennija r-rieda li jittieħed kont b'mod sistematiku tad-Drittijiet tat-Tfal fil-politiki interni u esterni ta' l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar strateġija ta' qafas għan-non-diskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd [1],

— wara li kkunsidra l-osservazzjoni tematika Nru 4 tal-25 ta' Mejju 2006 "L-Implimentazzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal fl-Unjoni Ewropea" min-Network ta' Esperti Indipendenti ta' l-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali [2],

— wara li kkunsidra l-Istudju dwar il-Vjolenza kontra t-Tfal tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, li ġie ppreżentat lill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-11 ta' Ottubru 2006,

— wara li kkunsidra l-Linjigwida tal-UNICEF dwar il-Protezzjoni ta' Tfal Vittmi tat-Traffikar ta' Settembru 2006,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill 2004/68/JHA tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal [3],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 34 u 35 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal li tikkonċerna l-protezzjoni tat-tfal minn kull forma ta' sfruttament sesswali u ta' abbuż sesswali u tfittex li tipprevjeni l-ħtif, il-bejgħ u t-traffikar tat-tfal,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Mejju 2007 "Lejn politika ġenerali dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità elettronika" (COM(2007)0267),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0520/2007),

A. billi l-ewwel objettiv tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni imsemmija hawn fuq "Lejn strateġija Ewropea dwar id-Drittijiet tat-Tfal" huwa li tippromwovi affermazzjoni pożitiva tad-drittijiet tat-tfal, b'mod partikolari d-dritt għal identità tagħhom, id-dritt għal trobbija f'kundizzjonijiet siguri/id-dritt għall-kura, id-dritt għal familja, id-dritt għall-imħabba u l-logħob, u d-dritt għas-saħħa, l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali, għal opportunitajiet indaqs, għall-isport u għal ambjent nadif u protett u d-dritt li tinkiseb informazzjoni dwar tali kwistjonijiet, bil-għan li tinħoloq soċjetà li tilqa' t-tfal, fejn it-tfal jistgħu jħossuhom protetti u l-protagonisti,

B. billi l-Artikolu 24(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea (Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali) tiddikjara illi "kull minorenni għandu jkollu d-dritt li jżomm relazzjoni personali u kuntatt dirett fuq bażi regolari maż-żewġ ġenituri tiegħu/tagħha, sakemm dan ma jmurx kontra l-interessi tiegħu/tagħha.",

C. billi skond l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, huwa importanti li t-tfal kollha jingħataw il-garanzija tad-dritt għal "parteċipazzjoni" sabiex dejjem jittieħed kont ta' l-esperjenzi tagħhom u ta' l-opinjoni tagħhom dwar kwalunkwe kwistjoni li tikkonċernahom, billi jingħata l-piż xieraq skond l-età, il-maturità u l-iżvilupp intellettwali tat-tifel/tifla; billi dak id-dritt huwa assolut u m'għandux ikun limitat, u billi għandhom jinsabu mezzi sabiex ikun hemm komunikazzjoni mat-tfal kollha, anke mat-tfal li jesprimu ruħhom b'mod li ma jinftiehemx faċilment mill-adulti, pereżempju tfal żgħar ħafna, tfal b'diżabilità u tfal li jitkellmu b'lingwa oħra,

---

[1] ĠU C 300E, 9.12.2006, p. 259.
[2] http://ec.europa.eu/justice_home/cfr_cdf/doc/thematic_comments_2006_en.pdf.
[3] ĠU L 13, 20.1.2004, p.44.

D. billi huwa fundamentali li d-drittijiet tat-tfal ikunu mdaħħlin u rrappreżentati fil-politiki kollha ta' l-Unjoni Ewropea li jirrigwardawhom b'mod dirett jew indirett,

E. billi għat-tfal, il-faqar u l-esklużjoni soċjali tal-ġenituri tagħhom jirrappreżentaw ostakli gravi għall-eżerċizzju tad-drittijiet tagħhom, u billi hemm ukoll bosta fatturi li ma jippermettux li t-tfal jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, bħal pereżempju ġenituri li ma jwettqux dmirijiethom b'mod adegwat, il-bżonn li t-tfal jiġu rappreżentati minn adulti fi kwistjonijiet legali, jew il-fatt li d-dritt għall-kura tas-saħħa jista' jiġi eżerċitat biss bil-kunsens tal-persuna li jkollha l-kustodja tat-tifel/tifla;

F. billi l-adulti għandhom jipprovdu lit-tfal b'kundizzjonijiet favorevoli biex dawn ikunu jistgħu jitkellmu, jesprimu l-opinjonijiet tagħhom u jinstemgħu;billi l-adulti għandhom jippromwovu l-azzjonijiet ta' paċi u ta' ħbiberija min-naħa tat-tfal u jħejjuhom biex jassoċjaw ma' tfal oħra;billi ż-żmien jikkostitwixxi fattur importanti fil-ħolqien ta' kundizzjonijiet li jwasslu għal imġieba u biex it-tfal jingħataw rwol, u mhux biss f'avvenimenti speċifiċi, u billi l-iffinanzjar ta' programmi pubbliċi għandu jikkunsidra dan;

G. billi l-abbuż tad-drittijiet tat-tfal, il-vjolenza kontra t-tfal u t-traffikar tat-tfal għal adozzjoni illegali, prostituzzjoni, xogħol illegali, żwieġ sfurzat, it-tallaba fit-toroq, jew għal kwalunkwe raġuni oħra, jibqgħu jikkostitwixxu problema fi ħdan l-UE,

H. billi hemm numru dejjem jikber ta' tfal li jbagħtu minn mard kroniku bħan-newrodermatite u l-allerġiji, u minn mard respiratorju u ħsejjes,

I. billi d-drittijiet ambjentali tat-tfal huma mniżżlin fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

J. billi l-ambjent tal-familja jikkostitwixxi qafas propizju għall-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal, u jiżgura l-iżvilupp tajjeb tal-personalitajiet tagħhom u tal-ħiliet tagħhom u jippermettilhom li jiskbu t-tagħrif neċessarju biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u sabiex ikunu konxji minn dmirijiethom, u għalhekk, għandu jsir kull sforz biex ikunu appoġġjati l-familji permezz ta' politiki pubbliċi xierqa, iżda, billi fin-nuqqas ta' qafas bħal dan, it-tfal kollha inklużi l-orfni, it-tfal bla dar u r-rifuġjati, b'konformità mal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tat-Tfal tan-Nazzjonijiet Uniti, għandu jkollhom aċċess għal qafas sostituttiv ta' ħarsien li jippermettilhom li jikbru mingħajr l-ebda tip ta' diskriminazzjoni kontrihom,

K. billi l-istrateġija ta' l-UE dwar id-drittijiet tat-tfal għandha tkun ibbażata fuq il-valuri u l-prinċipji stipulati fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal,

L. billi d-drittijiet tat-tfal bħala persuni li għandhom personalità legali awtonoma għandhom ikunu rikonoxxuti, iżda, minkejja l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali, il-bniet u n-nisa huma ta' sikwit vittmi ta' nuqqas ta' ugwaljanza legali, soċjali u ekonomika, li jaffettwa l-eżerċizzju tad-drittijiet pożittivi u fundamentali tagħhom bħall-aċċess għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-kura tas-saħħa, ikel sigur u ilma nadif u d-drittijiet riproduttivi għall-adoloxxenti,

M. billi d-drittijiet u l-valuri fundamentali, inkluża l-ugwaljanza bejn is-sessi, għandhom ikunu element essenzjali fl-edukazzjoni matul it-tfulija u għandhom jifformaw il-bażi ta' kull stadju ieħor tal-ħajja,

N. billi l-integrazzjoni sistematika tas-sessi għandha tkun applikata għall-politiki kollha li jaffettwaw lit-tfal, peress li l-ugwaljanza bejn is-sessi tibda mir-rikonoxximent ta' drittijiet indaqs ta' tfal subien u bniet sa mill-ewwel snin tal-ħajja,

O. billi l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem kontra n-nisa u l-bniet immigranti fil-forma ta' reati ta' l-unur, żwiġijiet sfurzati, mutilazzjoni ġenitali, jew ksur ieħor ma jista' jkun iġġustifikat taħt ebda raġuni kulturali jew reliġjuża u m'għandu jkun ittollerat fl-ebda ċirkostanza,

P. billi t-tfal fl-Ewropa huma esposti minn età żgħira għal xeni ta' orrur, pornografija u vjolenza fil-media, u billi dawn jista' jkollhom effetti psikoloġiċi u soċjali devastanti fuq it-tfal, bħall-ansjetà, id-depressjoni, żieda fl-aggressività u problemi fl-iskola,

**L-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2008**

***Ħarsa ġenerali lejn l-istrateġija***

1. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni, li tagħmilha pjuttost ċara li l-konvenzjonijiet kollha dwar id-drittijiet tal-bniedem japplikaw kemm għat-tfal kif ukoll għall-adulti, hekk kif jagħmlu wkoll numru ta' drittijiet addizjonali, inklużi dawk imniżżla fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li ġiet abbozzata b'referenza partikolari għas-sitwazzjoni speċifika tat-tfal u taż-żgħażagħ;

2. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Konferenza Intergovernattiva tad-19 ta' Ottubru 2007 li d-drittijiet tat-tfal jiddaħħlu bħala wieħed mill-objettivi ta' l-UE fit-Trattat ta' Liżbona, u b'hekk jiġi provdut qafas legali ġdid għad-drittijiet tat-tfal;

3. Jilqa' l-iżvilupp tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tfal fir-Relazzjonijiet Esterni, li se jitniżżel taħt il-qafas u l-impenji approvati ta' l-istrateġija ta' l-UE fir-rigward tad-drittijiet tat-tfal;

4. Jinnota li numru dejjem jikber ta' oqsma ta' kompetenza ta' l-UE jaffettwaw, b'mod dirett jew indirett, id-drittijiet tat-tfal u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tinkorpora taqsima ddedikata għall-konsiderazzjoni tad-drittijiet tat-tfal, fuq livell legali, fl-istudju ta' evalwazzjoni ta' l-impatt tagħha previst mill-komunikazzjoni tas-27 ta' April 2005 dwar "Ir-rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni — Metodoloġija għal kontroll sistematiku u rigoruż" (COM(2005)0172);

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq proposta għall-ħolqien ta' linja tal-baġit speċifika għad-drittijiet tat-tfal, sabiex tiġi ffinanzjata ħidma għall-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni imsemmija hawn fuq bit-titolu "Lejn Strateġija Ewropea għad-Drittijiet tat-Tfal", u proġetti speċifikament relatati mat-tfal, bħas-sistema Ewropea ta' twissija bikrija dwar ħtif ta' tfal, u korp ta' koordinazzjoni magħmul minn rappreżentanti ta' l-awtoritajiet prinċipali ta' l-Istati Membri bil-mandat li jnaqqsu n-numru ta' każijiet ta' ħtif tat-tfal; il-linja tal-baġit għandha tinkludi sussidji għal networks ta' NGOs li jaħdmu f'dan il-qasam u għandha tassigura li jkun hemm parteċipazzjoni min-naħa tat-tfal fil-ħidma għall-implimentazzjoni ta' dik il-komunikazzjoni u ta' dawk il-proġetti;

6. Jitlob li jkun hemm sistema effettiva ta' monitoraġġ appoġġjata minn mezzi finanzjarji u rapporti annwali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' l-impenji mniżżla fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni imsemmija hawn fuq "Lejn strateġija ta' l-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal" u fl-istrateġija futura dwar id-drittijiet tat-tfal;

7. Ifakkar li s-suċċess ta' l-istrateġija futura jirrikjedi impenn u azzjoni fuq tul ta' żmien, iktar sorveljanza effettiva ta' l-implimentazzjoni tad-drittijiet tat-tfal permezz ta' l-iżvilupp ta' indikaturi u l-involviment ta' NGOs u ta' assoċjazzjonijiet tal-ġenituri u assoċjazzjonijiet edukattivi, u koordinazzjoni ma' inizjattivi u politiki nazzjonali u internazzjonali dwar id-drittijiet tat-tfal;

8. Jitlob lill-Kummissjoni biex tabbozza Rapport Komprensiv ta' l-Unjoni Ewropea dwar it-Tfal u ż-Żgħażagħ kull sentejn, li jibda mill-2008;

9. Jilqa' l-pjan tal-Kummissjoni biex tiġi introdotta linja tat-telefon ta' għajnuna madwar l-UE għat-tfal u jirrimarka li hemm bżonn li dan is-servizz ikun bla ħlas u jaħdem lejl u nhar; jitlob lill-Istati Membri biex jinfurmaw lit-tfal, permezz ta' miżuri ta' informazzjoni, dwar il-possibiltà li jużaw dan is-servizz;

10. Jistenna b'interess ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Deċiżjoni ta' Qafas imsemmija hawn fuq ta' l-2003 rigward il-ġlieda kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pornografija tat-tfal;

11. Jitlob li l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal, hekk kif imniżżla fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jagħmlu parti mill-Qafas Multiannwali ta' prijoritajiet ta' l-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ("l-Aġenzija"), u li din twaqqaf, mill-aktar fis possibbli, network ta' koperazzjoni ma' l-istituzzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari ma' l-ombudsman għat-tfal u ma' l-ONGs attivi f'dan il-qasam, sabiex tkun tista' tapprofitta bis-sħiħ mill-esperjenza tagħhom u mill-informazzjoni li huma għandhom;

**L-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2008**

12. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija u lill-Istati Membri sabiex jaħdmu f'koperazzjoni ma' l-aġenziji rilevanti tan-NU, ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali u maċ-ċentri ta' riċerka ħalli jtejbu l-ġbir ta' data statistika rigward is-sitwazzjoni tat-tfal fi ħdan l-UE, u jekk ikun il-każ billi jestendu l-mandat tal-Eurostat, bil-għan li jiġi żviluppat u inkluż numru ikbar ta' indikaturi relatati speċifikament mat-tfal, bħal pereżempju, dwar il-faqar tat-tfal u l-esklużjoni soċjali; għandha tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tat-tfal fil-ġbir tad-data;

13. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi data mqassma skond is-sess u l-età dwar kull tip ta' diskriminazzjoni u vjolenza kontra t-tfal, biex tintegra l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-politiki u l-istrumenti kollha ta' l-istrateġija futura tagħha, inklużi l-attivitajiet tal-Forum dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u biex issegwi u tevalwa dawn il-politiki, fost oħrajn permezz ta' bbaġitjar skond is-sessi;

14. Jitlob biex id-drittijiet tat-tfal jiddaħħlu fil-politiki esterni u fl-azzjonijiet ta' l-UE, inkluża l-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-Isħubija Strateġika mar-Russja, hekk kif tgħid il-karta ta' ħidma futura ta' l-istaff tal-Kummissjoni dwar "Pjan ta' Azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tat-Tfal fir-Relazzjonijiet Esterni", u fil-proċess tat-tkabbir, billi jiġi rikonoxxut li dawn il-politiki jikkostitwixxu għodda b'saħħitha li tipprovdi opportunitajiet għall-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal; jitlob lill-Kummissjoni biex tfittex li dawn l-opportunitajiet isiru objettivi speċifiċi fix-xogħol estern tal-Komunità u ta' l-Istati Membri;

15. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta rapport dwar il-possibiltà li fil-ftehimiet internazzjonali kollha li l-KE tikkonkludi ma' pajjiżi terzi, tiġi inkluża klawżola speċifika li tkun torbot legalment dwar ir-rispett tad-drittijiet tat-tfal kif huma definiti fil-livell internazzjonali;

16. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirdoppja l-isforzi tagħha biex tgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw sabiex idaħħlu d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-protokolli fakultattivi tagħha fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom;

17. Jitlob illi tiġi kkunsidrata l-adeżjoni ta' l-UE għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti li jikkonċernaw id-Drittijiet tat-Tfal u ż-żewġ protokolli fakultattivi tagħha, kif ukoll għall-konvenzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar id-Drittijiet tat-Tfal, inkluża l-ECHR, u dawk dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tat-tfal, dwar l-adozzjoni, dwar l-isfruttament u l-abbużi sesswali, u jitlob lill-Kunsill sabiex jadotta pożizzjoni ta' prinċipju li tippermetti lill-UE li, fil-ġejjieni, tipparteċipa fin-negozjati dwar konvenzjonijiet relatati b'mod partikolari mad-drittijiet tat-tfal;

18. Jirrimarka li kwalunkwe strateġija rigward id-drittijiet tat-tfal għandha tkun ibbażata fuq il-valuri u fuq l-erba' prinċipji ewlenin tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-drittijiet tat-tfal: protezzjoni kontra kull forma ta' diskriminazzjoni; l-aħjar interessi tat-tfal bħala l-iktar kunsiderazzjoni importanti; id-dritt għall-ħajja u għall-iżvilupp u d-dritt għall-espressjoni ta' opinjoni u li din l-opinjoni jittieħed kont tagħha, fi kwalunkwe kwistjoni jew proċedura li taffettwa lit-tifel jew tifla;

19. Jiddispjaċih li mhux l-Istati Membri kollha stabilixxew ombudsman għad-drittijiet tat-tfal, hekk kif jitlob il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, għall-promozzjoni tal-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u jitlob lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan biex jieħdu dan il-pass mill-aktar fis; huwa ta' l-opinjoni li l-UE għandha tagħmel disponibbli appoġġ finanzjarju għan-Network Ewropew ta' Ombudsman għat-Tfal (ENOC), sabiex in-network ENOC ikun jista' jindirizza b'mod iktar intensiv u madwar l-UE il-kwistjonijiet relatati mad-drittijiet tat-tfal;

20. Jinnota li l-implimentazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità [1] tal-ġenituri qed tagħti lok għal numru ta' interpretazzjonijiet; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tabbozza linji gwida u lista ta' l-aħjar prattiki bil-għan li tiċċara u tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' dak ir-Regolament;

[1] ĠU L 338, 23.12.2003, p.1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2116/2004 (ĠU L 367, 14.12.2004, p.1).

21. Jenfasizza l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa mill-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati ta' impenji internazzjonali eżistenti, b'mod partikolari dawk li jaqgħu taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, li fiha dispożizzjonijiet speċifiċi għal tfal b'diżabilità, u l-konvenzjonijiet ta' l-ILO dwar ix-xogħol tal-minorenni;

22. Iħeġġeġ lill-Istati Membri li għadhom ma rratifikawx il-Konvenzjoni ta' l-Aja tad-19 ta' Ottubru 1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Koperazzjoni relatati mar-Responsabiltà tal-Ġenituri u l-Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal sabiex jagħmlu dan; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet ta' l-UE sabiex jippromwovu r-ratifika min-naħa ta' pajjiżi terzi ta' l-istrumenti internazzjonali ewlenin għall-protezzjoni tat-tfal, speċjalment dawk li jistgħu jtejbu s-sitwazzjoni ta' immigranti minorenni;

23. Iħeġġeġ lill-UE sabiex tieħu parti attiva fil-promozzjoni ta' qawmien ta' kuxjenza u ta' tixrid tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal ġewwa u barra mill-UE permezz ta' l-użu ta' *"soft power";*

24. Ifakkar lill-Istati Membri dwar il-bżonn li jikkonformaw immedjatament ma' l-impenji Ewropej u internazzjonali tagħhom rigward il-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal;

25. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iwaqqfu programmi ta' skambju għal għalliema u studenti ma' pajjiżi lil hinn mill-UE, b'mod partikolari fil-Lvant Nofsani u fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u biex ixerrdu u jippromwovu d-drittijiet tat-tfal, billi jiġbed l-attenzjoni għad-dritt għal edukazzjoni u għal ugwaljanza bejn is-sessi;

26. Jenfasizza l-importanza ta' kunsiderazzjoni differenzjata għall-bżonnijiet tat-tfal; eżempju tajjeb għal skala differenzjata bħal din hija l-Karta ta' Rapport 7 miċ-Ċentru ta' Riċerka ta' UNICEF INNOCENTI, b'sitt dimensjonijiet ta' benessri tat-tfal, inkluż benessri materjali, saħħa u sigurtà, benessri edukazzjonali, relazzjonijiet mal-familja u mat-tfal, imġieba u riskji u benessri suġġettiv;

27. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni biex tiġi żgurata l-osservanza tad-drittijiet ta' tfal b'diżabilità mentali, b'referenza partikolari għad-dritt tagħhom għal-libertà, l-edukazzjoni u l-aċċess għall-qrati, u biex dawn it-tfal jiġu protetti mit-tortura u minn trattament krudili, inuman jew degradanti;

28. Jitlob lill-Istati Membri kollha biex jiżguraw illi t-tfal ikollhom rappreżentazzjoni effettiva u indipendenti f'kull proċedura ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja relatata magħhom u li jkollhom persuni maħtura bil-liġi biex tieħu ħsiebhom f'każ illi ma jkunx hemm membru adult tal-familja responsabbli, kompetenti u adegwat biex iwettaq tali responsabiltajiet;

29. Jenfasizza illi, peress li l-maġġoranza l-kbira tat-tfal, speċjalment tfal żgħar, jieħdu ħsiebhom il-familji tagħhom, strateġija dwar id-drittijiet tat-tfal għandha tinkludi dispożizzjonijiet għall-promozzjoni tal-benessri tal-familji;

30. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżviluppa politiki u twettaq azzjoni komprensiva u trasversali bil-għan li jiġu protetti d-drittijiet tat-tfal sabiex jintlaħaq bilanċ inter-territorjali u opportunitajiet indaqs għat-tfal;

31. Jipproponi li l-UE tiddefinixxi bħala "tfal f'riskju" dawk it-tfal kollha li huma vittmi ta' sitwazzjoni soċjali li hija ta' theddida għas-saħħa mentali jew fiżika tagħhom u/jew tesponihom għal riskji ta' delinkwenza, kemm bħala atturi kif ukoll bħala vittmi;

32. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu iktar miżuri (kampanji ta' informazzjoni, skambji ta' l-aħjar prattika eċċ) biex jipprevjenu li t-tfal jitqiegħdu "f'riskju", inkluża l-prevenzjoni ta' delinkwenza taż-żgħażagħ;

33. Ifakkar li d-dritt għall-edukazzjoni u t-taħriġ huwa dritt soċjali bażiku, u jitlob lill-Istati Membri kollha u lill-pajjiżi kandidati biex jiggarantixxu dan id-dritt, ikunu xi jkunu l-isfond soċjali jew etniku, il-kundizzjoni fiżika jew l-istat legali tat-tfal;

34. Jitlob li l-istrateġija futura ta' l-UE dwar id-drittijiet tat-tfal tinkludi miżuri għall-prevenzjoni ta' vjolenza bbażata fuq il-ġeneru billi jkun hemm iffukar, fost affarijiet oħra, fuq kampanji biex titqajjem kuxjenza dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, li jkunu mmirati lejn bniet u subien, ġenituri, edukaturi u komunitajiet vulnerabbli, u li jkollhom l-għan ta' l-emanċipazzjoni tal-bniet, li jiggarantixxu l-opportunitajiet indaqs tagħhom u jtejbu d-difiża tad-drittijiet tagħhom; jitlob li ssir promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva tas-subien u l-irġiel fil-miżuri preventivi msemmija hawn fuq; jitlob lill-Kummissjoni biex tqiegħed bħala kundizzjoni għall-politika ta' għajnuna għall-iżvilupp u l-ftehimiet kummerċjali tagħha l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni li tiggarantixxi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-abolizzjoni ta' kull tip ta' vjolenza kontra n-nisa u t-tfal;

35. Jitlob lill-Kummissjoni biex, fir-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi, tinkoraġġixxi r-ratifika tat-Trattati internazzjonali biex tintemm id-diskriminazzjoni kontra n-nisa u biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni tan-nisa fil-ħajja ekonomika, soċjali u politika, u b'hekk jittejjeb il-benesseri tat-tfal tagħhom;

***Parteċipazzjoni tat-tfal***

36. Jilqa' t-tnedija min-naħa tal-Kummissjoni ta' Forum li jiġbor flimkien rappreżentanti ta' l-Istati Membri, tal-Parlament u tal-Kummissjoni, ta' NGOs, ta' organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali attivi fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal, u tat-tfal; jemmen li l-parteċipazzjoni tat-tfal għandha tikkostitwixxi wieħed mill-għanijiet prinċipali tal-Forum; jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura l-parteċipazzjoni tat-tfal kif ukoll ta' l-ombudsman għad-drittijiet tat-tfal fl-Istati Membri, kif ukoll ta' l-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri u tal-familji;

37. Jesprimi sodisfazzjon dwar il-fatt li l-Kummissjoni ħolqot grupp ta' interservizzi u ħatret koordinatur għad-drittijiet tat-tfal u jitlob li tinħoloq unità għall-koordinazzjoni anke fi ħdan il-Parlament bi qbil mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Liżbona, sabiex taġixxi f'kooperazzjoni mal-grupp ta' interservizzi tal-Kummissjoni u sabiex tgħaqqad flimkien u tirrazzjonalizza l-inizjattivi u l-attivitajiet Parlamentari kollha relatati mad-drittijiet tat-tfal; huwa ta' l-opinjoni li entitajiet bħal dawn għandhom jipprovdu network għall-iskambju ta' informazzjoni u prattiki tajbin, fir-rigward tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali għat-tfal li qed jiġu implimentati minn xi Stati Membri; jitlob li dawn l-entitajiet jistabbilixxu kuntatt dirett ma' organizzazzjonijiet immexxija mit-tfal u miż-żgħażagħ sabiex jiżviluppaw, jimplimentaw, jimmoniterjaw u jiżguraw il-parteċipazzjoni kostruttiva u effettiva tat-tfal fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet kollha li jaffetwawhom;

38. Ifakkar li t-tfal u ż-żgħażagħ, mingħajr distinzjoni ta' età, għandhom id-dritt li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom; iqis li l-bniet u s-subien huma intitolati daqs xulxin li jgħidu tagħhom u li dak id-dritt għandu jiġi garantit fix-xogħol li jsir għall-iżvilupp ta' strateġija ta' l-UE għad-drittijiet tat-tfal, u li għandha tkun żgurata l-parteċipazzjoni indaqs tal-bniet u s-subien;

39. Jirrikonoxxi li l-parteċipazzjoni attiva hija marbuta mill-qrib ma' l-informazzjoni; jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien ta' strateġija ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni li ser tippubblika l-miżuri ta' l-UE b'mod li jifhmuhom it-tfal u li jkunu aċċessibbli għal kulħadd;

40. Jistenna b'interess il-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni fl-2008 ta' l-istudju tagħha li jevalwa l-impatt ta' azzjonijiet eżistenti ta' l-UE li jaffettwaw id-drittijiet tat-tfal u dokument ta' konsultazzjoni li ser ikun maħsub li jistabbilixxi l-prijoritajiet ewlenin ta' l-azzjoni ta' l-UE fil-ġejjieni fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal, bil-għan li tiġi adottata White Paper; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tqis ir-riżultati tal-konsultazzjoni imsemmija hawn fuq li saret fil-bidu ta' l-2007 mis-*Save the Children and Plan International* fost madwar elf tifel u tifla, li wrew li l-kwistjonijiet ta' prijorità, fl-opinjoni tagħhom, huma l-vjolenza fuq it-tfal, id-diskri-

minazzjoni, l-esklużjoni soċjali u r-razziżmu, l-effetti tad-droga, l-alkoħol u t-tipjip, il-prostituzzjoni, l-ittraffikar tat-tfal u l-ħarsien ambjentali; jemmen li, flimkien ma' dawn il-kwistjonijiet prijoritarji speċifiċi, il-miri komprensivi ta' l-istrateġija għandhom ikunu d-drittijiet tat-tfal għall-parteċipazzjoni u l-influwenza; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa proċess li permezz tiegħu il-partijiet kollha involuti, inklużi t-tfal, ikunu kapaċi jieħdu sehem fil-konsultazzjoni li twassal għad-definizzjoni ta' l-istrateġija Ewropea għad-drittijiet tat-tfal;

41. Iqis li huwa importanti ferm li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tat-tfal tinxtered fost it-tfal b'mod li tinftiehem mit-tfal u permezz tal-mezzi xierqa; jistieden lill-Kummissjoni biex:

– tiżviluppa għoddod effettivi ta' komunikazzjoni, inkluża website adattata għat-tfal, sabiex tippromwovi x-xogħol ta' l-UE dwar id-drittijiet tat-tfal;

– twaqqaf sistema ta' informazzjoni permanenti u kondiviża sabiex iżżid l-għarfien tas-sitwazzjoni tat-tfal fl-UE;

– toħloq u tippromwovi kanali ta' informazzjoni perjodiċi u regolari dwar is-sitwazzjoni tat-tfal fl-UE, bħal rapporti statistiċi, studji u skambju ta' informazzjoni u prattiki tajbin;

***Il-Prijoritajiet ta' l-Istrateġija ta' l-UE għad-drittijiet tat-tfal***

*Vjolenza*

42. Jafferma li ebda forma ta' vjolenza fuq it-tfal fi kwalunkwe ambjent, inkluż dak tad-dar, ma tista' tiġi ġustifikata u għandha tiġi kkundannata; għalhekk jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni Komunitarja li tipprojbixxi kull forma ta' vjolenza, abbuż sesswali, kastig degradanti u prattiki tradizzjonali li jagħmlu l-ħsara; jikkundanna l-forom kollha ta' vjolenza kontra t-tfal inkluża vjolenza fiżika, psikoloġika u sesswali, bħattortura, l-abbuż u l-isfruttament tat-tfal, il-ħtif tat-tfal, l-ittraffikar jew il-bejgħ tat-tfal u l-organi tagħhom, il-vjolenza domestika, il-pornografija bit-tfal, il-prostituzzjoni tat-tfal, il-pedofilija, jew prattiki tradizzjonali li jagħmlu l-ħsara bħall-mutilazzjoni ġenitali femminili, żwiġijiet sfurzati u delitti ta' l-unur;

43. Ifakkar ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-Istudju tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-Vjolenza kontra t-Tfal imsemmi hawn fuq dwar il-prevenzjoni u r-reazzjoni għal kull forma ta' vjolenza kontra t-tfal — b'mod partikulari, jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-politiki preventivi jingħataw prijorità u li s-servizzi soċjali jissaħħu, b'referenza speċjali għas-servizzi ta' medjazzjoni familjari, li jitjieb l-appoġġ offrut lill-vittmi ta' vjolenza, sabiex il-ħatja jinżammu responsabbbli u sabiex il-ġabra u l-analiżi tad-data dwar din il-problema moħbija jissaħħu; jitlob għall-promozzjoni, fi ħdan il-qafas tal-politiki għall-prevenzjoni tal-vjolenza fuq it-tfal, ta' qawmien ta' kuxjenza fost it-tfal, kampanji ta' informazzjoni u ta' edukazzjoni u attivitajiet ta' bini ta' kapaċità għal gruppi professjonali li jaħdmu mat-tfal u għat-tfal;

44. Jistieden lill-Istati Membri biex jew jimplimentaw dispożizzjonijiet legali speċifiċi dwar il-mutilazzjoni ġenitali femminili jew jadottaw liġijiet li taħt liema kull persuna li tipprattika l-multilazzjoni ġenitali tista' tiġi imħarrka;

45. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jieħdu azzjoni dwar id-delitti ta' l-unur, irrispettivament mir-raġuni, kemm jekk marbutin ma' l-omosesswalità, ir-reliġjon jew l-identità sesswali, żwiġijiet irranġati jew żwiġijiet ma' minorenni;

46. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iqajmu l-kuxjenza fost it-tobba dwar prattiki tradizzjonali li jagħmlu l-ħsara u biex jiżguraw li r-reati kriminali jkunu kkastigati konsistentement skond il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, b'attenzjoni partikulari għall-gruppi vulnerabbli li jinkludu bniet u nisa immigranti, dawk minn minoranzi etniċi u bniet b'diżabilità;

47. Jistieden lill-Istati Membri biex jintroduċu r-reġistrazzjoni obbligatorja mill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa tal-każijiet kollha ta' mutilazzjoni ġenitali femminili, u wkoll biex jirreġistraw każijiet fejn ikun hemm suspett li tista' ssir mutilazzjoni ġenitali;

48. Jitlob lill-Istati Membri biex jitkellmu kontra l-vjolenza fuq in-nisa bbażata fuq it-tradizzjoni, biex jikkundannaw il-ksur tad-drittijiet tal-bniet immigranti li jkun ġej mill-familja, u biex jiċċekkjaw liema liġijiet jistgħu jiġu applikati biex il-membri tal-familja jinżammu responsabbli, speċjalment fil-każ ta' l-hekk imsejħa reati ta' l-unur;

49. Isostni li, jekk il-vjolenza u l-abbuż tat-tfal għandu jinqabad u jkun ikkonfrontat f'fażi bikrija, irid jiġi introdott protokoll proċedurali speċifiku għar-reġistrazzjoni u t-trattament ta' inċidenti bħal dawn, flimkien ma' miżuri ta' taħriġ għall-istaff mediku u tal-kura tas-saħħa responsabbli minn kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa fiżika u mentali tat-tfal;

50. Jappoġġja l-ħatra ta' Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra t-Tfal, bil-mandat u r-riżorsi meħtieġa sabiex jiġu infurzati impenji globali sabiex tintemm il-vjolenza fuq it-tfal;

51. Jisħaq li għandu jiġi stabbilit qafas legali dwar l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-abbuż tat-tfal u li l-koperazzjoni ġudizzjarja għandha tissaħħah bejn l-Istati Membri, il-Europol, il-Eurojust u l-entitajiet internazzjonali kollha kompetenti;

52. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jallokaw il-fondi għal kampanji edukattivi u tal-media li jimmiraw li jilħqu lill-ġenituri u lill-professjonisti u sabiex jiżguraw il-provvediment ta' servizzi legali, mediċi u psikoloġiċi adattati għat-tfal;

53. Jistieden lill-istituzzjonijiet u lill-Istati Membri kollha sabiex jieħdu sehem attiv fil-ġlieda kontra l-isfruttament tat-tfal, l-ittraffikar tat-tfal, il-pedofilija, l-abbuż sesswali tat-tfal permezz ta' l-Internet, il-prostituzzjoni tat-tfal u t-turiżmu sesswali li jinvolvi t-tfal, filwaqt li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex titlesta l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali bbażata fuq prinċipji minimi komuni adottati fid-Deċiżjoni Qafas imsemmija hawn fuq 2004/68/JHA, u wkoll fi strumenti legali oħrajn li jipprevedu l-involviment tal-partijiet interessati pubbliċi u privati kollha, kif stipulat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni imsemmija hawn fuq bit-titolu "Lejn politika ġenerali dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika";

54. Jafferma li l-isfruttament sesswali tat-tfal għandu jitqies bħala ekwivalenti għall-istupru fir-rigward ta' sanzjonijiet penali; iqis li ċirkustanzi aggravanti għandhom jitqiesu meta tifel jew tifla jkunu vittma ta' sfruttament jew abbuż sesswali;

55. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jikkunsidraw leġiżlazzjoni li tkun newtrali fil-konfront tas-sessi differenti fir-rigward tal-vjolenza sesswali u sabiex jikkunsidraw li x-xiri ta' sess mingħand tfal (i.e. minorenni) għandu jitqies bħala reat skond l-Artikolu 1 tal-Protokoll Fakultattiv tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal dwar il-Bejgħ, il-Prostituzzjoni u l-Pornografija tat-Tfal adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Mejju 2000; jisħaq li l-għarfien pubbliku huwa kruċjali sabiex tkun miġġielda l-prostituzzjoni u l-pornografija tat-tfal u titnaqqas it-talba għalihom;

56. Ifakkar fir-rakkomandazzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2006 lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ittraffikar ta' bnedmin — approċċ integrat u proposti għal pjan t'azzjoni [1], li l-premessa E tiegħu tipproponi l-mira li n-numru ta' vittmi ta' traffikar tal-bnedmin jonqos bin-nofs fl-għaxar snin li ġejjin, bil-għan ġenerali li din l-attività kriminali tinqered kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod komprensiv possibbli;

57. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri leġiżlattivi u miżuri oħrajn li jkunu effettivi, inkluż il-ġbir ta' data mqassma skond l-età u s-sess sabiex tkun evitata u eliminata kull tip ta' vjolenza mwettqa fit-territorji tagħhom, kemm fl-isfera pubblika kif ukoll dik privata;

58. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tappoġġja r-ratifika mgħaġġla tal-Protokol tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokoll Fakultattiv ta' l-istess Konvenzjoni dwar l-involviment tat-Tfal f'Kunflitt Armat;

59. Jistieden lill-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE u lill-Istati Membri sabiex jiżguraw ħarsien sħiħ u għajnuna sħiħa għall-vittmi tat-traffikar, b'mod partikolari fir-rigward tas-sejba ta' soluzzjoni xierqa fit-tul għall- tfal vittmi tat-traffikar;

---

(1) ĠU C 314 E, 21.12.2006, p.355.

60. Jistieden lill-istituzzjonijiet kollha u lill-Istati Membri sabiex jieħdu parti attiva fil-ġlieda kontra t-traffikar tat-tfal għall-forom kollha ta' sfruttament inklużi x-xogħol (eż. tħaddim tat-tfal [1]), xogħol sfurzat, servitù domestika, skjavitù, xogħol marbut u tallaba fit-toroq), żwieġ sfurzat, adozzjoni illegali u attivitajiet illeċiti (eż traffikar tad-drogi, *pick pocketing)*, sfruttament sesswali u prostituzzjoni, eċċ.;

61. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipproċedi immedjatament b'evalwazzjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali meħuda skond id-Deċiżjoni Qafas 2004/68/JHA bil-għan li ssir proposta għall-emenda immedjata tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jmorru kontra dik id-Deċiżjoni, u jappoġġja l-impenn li qed turi l-Kummissjoni li, flimkien mal-kumpaniji prinċipali tal-karti ta' kreditu, qed tesplora l-fattibilità teknika li websites involuti f'bejgħ online ta' materjal pornografiku li jinvolvi t-tfal jiġu esklużi mis-sistemi ta' ħlas online jew li tiġi introdotta sistema oħra ta' restrizzjonijiet; bl-istess mod jistieden lill-partijiet ekonomiċi l-oħra involuti, bħall-banek, *exchange bureaux*, fornituri ta' l-internet u operaturi ta' *search engines* sabiex jieħdu sehem attiv fl-isforzi sabiex tkun miġġielda l-pornografija tat-tfal u kwalunkwe forma oħra ta' sfruttament kummerċjali tat-tfal; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, fir-rigward tad-Direttiva 2007/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinament ta' ċertu dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri dwar it-twettiq ta' attivitajiet tax-xandir bit-televiżjoni [2] sabiex tipprojbixxi l-pornografija tat-tfal u l-vjolenza kontra t-tfal fis-servizzi kollha tal-media awdjoviżiva; iqis li waħda mill-prijoritajiet bażiċi tal-Kummissjoni għandha tkun li ssaħħaħ l-operazzjonijiet transkonfinali kontra websites ta' pornografija tat-tfal u li ttejjeb il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-korpi tas-settur privat bl-għan li jkun hemm impenn biex jingħalqu l-websites illegali;

62. Jiġbed l-attenzjoni għall-isfruttament tat-tfal u l-minorenni fil-moda, fil-mużika, fl-industrija tal-film u fl-isport;

63. Isejjaħ għall-ħolqien, fl-interess tad-difiża tad-drittijiet tat-tfal, ta' sistema regolatorja xierqa, effettiva u proporzjonata fi djalogu mal-fornituri, mal-media (kumpaniji tat-televiżjoni pubbliċi u privati, kumpaniji ta' riklamar, l-istampa, logħob tal-kompjuter, operaturi tat-telefown portabbli u l-Internet) u industriji, immirati, fost affarijiet oħra, lejn il-projbizzjoni ta' stampi li jagħmlu l-ħsara u l-kontenut (inkluż il-*bullying* ċibernetiku) u l-kummerċjalizzar ta' logħob tal-kompjuter vjolenti, li, billi jinkoraġġixxu l-vjolenza u s-sessiżmu, jistgħu jagħmlu l-ħsara lill-iżvilupp fiżiku u psikoloġiku tat-tfal; barra minn dan, bi tħassib, jiġbed l-attenzjoni għall-problema ta' skambju ta' stampi pornografiċi jew relatati ma' l-abbuż tat-tfal permezz ta' l-MMS; jesprimi l-appoġġ tiegħu għal Programm Plus ta' l-Internet aktar Sikur permezz ta' l-implimentazzjoni ta' miżuri operattivi u tekniċi speċjalment għall-protezzjoni tat-tfal; fi ħdan dan il-qafas, jistieden ukoll lill-Istati Membri u lill-fornituri tas-servizzi ta' l-Internet, f'kollaborazzjoni mal-kumpaniji li joffru *search engines* u mal-pulizija, sabiex jimplimentaw teknoloġija li timblokka lill-utenti ta' l-Internet milli jaċċessaw websites illegali relatati ma' l-abbuż tat-tfal u li tipprevjeni lill-pubbliku milli jaċċessa materjal li juri abbuż sesswali tat-tfal;

64. Jilqa' b'sodisfazzjon l-implimentazzjoni ta' Qafas Ewropew għall-użu aktar sikur tat-telefowns portabbli minn adoloxxenti u tfal, li ġie adottat bħala kodiċi ta' awtoregolazzjoni bejn il-kumpaniji ewlenin f'dan is-settur fl-UE u li ser jiġi segwit mill-adozzjoni ta' kodiċi ta' awtoregolazzjoni nazzjonali korrispondenti; jenfasizza li dan il-qafas jikkostitwixxi l-ewwel pass importanti lejn l-assigurazzjoni tal-ħarsien tal-minorenni minn perikli speċifiċi li huma riżultat ta' l-użu tat-telefowns portabbli, iżda li huwa essenzjali li l-Kummissjoni timmoniterja u tevalwa b'mod kostanti l-implimentazzjoni tiegħu fuq livell nazzjonali bil-għan li jiġu evalwati r-riżultati tiegħu u li tiġi eżaminata l-ħtieġa li tiġi adottata inizjattiva leġiżlattiva Komunitarja;

65. Jappoġġja l-ħolqien ta' sistema uniformi ta' klassifikazzjoni u ttikettar fl-UE għall-bejgħ u d-distribuzzjoni ta' kontenut awdjoviżiv u logħob tal-kompjuter maħsubin għall-minorenni, sabiex l-istandard Ewropew iservi ta' mudell għall-pajjiżi barra mill-UE;

66. Ifakkar li tikketta speċjali għall-logħob online żdiedet riċentement mas-sistema Ewropea eżistenti għall-klassifikazzjoni skond l-età tal-logħob tal-kompjuter u dak elettroniku (PEGI); huwa ta' l-opinjoni li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu li jagħtu appoġġ akbar lill-awtoregolazzjoni ta' dan it-tip fl-ittikkettar tal-logħob, sabiex tingħata protezzjoni minn kontenut mhux xieraq aħjar lill-minorenni u sabiex il-ġenituri jiġu infurmati dwar ir-riskji possibbli marbuta mal-logħob, kif ukoll sabiex ikunu esposti għal eżempji tajbin;

(1) Il-Konvenzjoni 182 ta' l-ILO dwar l-agħar forma ta' tħaddim tat-tfal tirreferi direttament għall-ittraffikar bħala wieħed mill-agħar forom ta' sfruttament.
(2) ĠU L 332, 18.12.2007, p.27.

**L-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2008**

67. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jissikkaw il-kontrolli tagħhom fuq il-kontenut ta' programmi televiżivi li jintwerew waqt ħinijiet meta jkun hemm l-akbar numru ta' tfal jaraw it-televiżjoni u sabiex jgħinu fil-kontroll min-naħa tal-ġenituri billi jipprovdu informazzjoni xierqa u omoġenika dwar il-programmi televiżivi; jenfasizza li t-teknoloġija ta'l-informatika toffri aktar possbilitajiet lit-tfal biex jaċċessaw il-programmi tat-televiżjoni fi kwalunkwe ħin, minn kwalunkwe kompjuter li jkollu konessjoni ma' l-internet; jirrimarka li hemm bżonn ta' aktar kunsiderazzjoni għar-reviżjoni tad-dritt mhux ristrett tal-mass media li jkollha aċċess għat-tfal u d-dritt tat-tfal li jaċċessaw il-mass media mingħajr restrizzjoni;

68. Jirrimarka li kien hemm żieda allarmanti fl-Istati Membri kollha tal-kriminalità minorenni li tinvolvi atti kriminali magħmula minn persuni minorenni u — f'ħafna mill-każi — vittmi minorenni, sitwazzjoni li titlob politika integrata, mhux biss fuq livell nazzjonali, iżda wkoll fuq livell Komunitarju; jirrakkomanda għalhekk, bħala miżura neċessarja, li jsir stħarriġ awtoritarju tal-problema mingħajr dewmien u li mbagħad jitfassal programm ta' qafas integrat fuq livell komunitarju, li jiġbor flimkien il-miżuri madwar tliet linji-gwida: miżuri preventivi, miżuri ta'integrazzoni għall-persuni minorenni li wettqu reat u miżuri ġudizzjarji u extraġudizzjarji ta' intervenzjoni;

69. Jenfasizza li l-promozzjoni ta' "kultura tat-tfal" mill-Programmi Ewropej tal-Media u l-Kultura għandhom jiżdiedu u jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jużaw proġetti innovattivi f'forma adattata għat-tfal sabiex jinkoraġġixxu interess fil-kultura Ewropea u l-lingwi Ewropej u jistimulaw ir-rieda tat-tfal li jitgħallmu minn età żgħira; jenfasizza wkoll l-importanza tal-litteriżmu tal-media sabiex tippromwovi użu aktar infurmat tat-tipi varji ta' media permezz ta' l-introduzzjoni ta' kontenut edukattiv;

70. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, fl-istrateġja tagħha għall-ġejjieni, sabiex ifasslu pjan preventiv komprensiv kontra l-kriminalità fost iż-żgħażagħ u l-*bullying* fl-iskejjel u atteġġjament ieħor li jagħmel il-ħsara u l-problema speċifika ta' gangs ta' żgħażagħ li jinvolvu familji u skejjel partikolari, is-servizzi soċjali li jaħdmu għall-appoġġ tal-familji, iċ-ċentri sportivi u dawk taż-żgħażagħ, iż-żgħażagħ infushom, b'attenzjoni speċjali fuq il-provvediment ta' opportunitajiet u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà, jirrakkomanda li l-Istati Membri jaqsmu l-aħjar prattiki tagħhom ma' xulxin;

71. Jitlob li jkun hemm ħolqien ta' mekkaniżmi sikuri, riklamati tajjeb, kunfidenzjali u aċċessibbli għat-tfal, ir-rappreżentanti tagħhom u oħrajn li jirrappurtaw vjolenza fuq it-tfal kollha, inklużi dawk f'istituzzjonijiet ta' kura u ġudizzjarji, għandhom ikunu konxji mill-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' ilment;

72. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jintroduċu sistema ta' aċċess għall-informazzjoni dwar il-kundanni li jirriżultaw minn abbuż fuq it-tfal sabiex jiġi żgurat li persuni li, minħabba kundanna għal abbuż sesswali, għandhom jiġu meqjusa bħala mhux adattati biex jaħdmu mat-tfal ikunu jistgħu jiġu esklużi, fl-aħħarnett madwar l-Unjoni kollha, mill-aċċess għal ċerti professjonijiet, li jinvolvu kuntatt mat-tfal bi qbil mal-pożizzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar l-inizjattiva tar-Renju tal-Belġju bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar fl-Unjoni Ewropea ta' projbizzjonijiet li jirriżultaw mill-ħtija ta' reati sesswali mwettqa fuq tfal ([1]) iqis li huwa meħtieġ li jiġu introdotti miżuri sabiex jiġu evitati reati oħrajn, pereżempju, meta persuna li ġiet ikkundannata minħabba abbużi sesswali kontra t-tfal tivvjaġġa; fir-rigward ta' dan, jilqa' b'sodisfazzjon il-progress miksub fi ħdan il-Kunsill fil-qasam ta' l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri dwar il-kundanni penali nazzjonali u jixtieq illi l-Kunsill iwettaq mill-aktar fis possibli interkonnessjoni bejn il-fajls ġudizzjarji nazzjonali permezz ta' networks Ewropew;

73. Jitlob li jkun hemm sforz sabiex jiġu ttrattati l-bejgħ u l-konsum ta' drogi u alkoħol fl-istabbilimenti ta' edukazzjoni u fid-dawra tagħhom, u għat-tfal sabiex jiġu pprovduti b'informazzjoni dwar il-perikli li dawn jirrappreżentaw;

74. Jitlob li l-Istati Membri jiddeterminaw ftehim komuni ta' x'jikkostitwixxi abbuż tat-tfal, minħabba li għandhom leġiżlazzjoni li tvarja dwar, pereżempju, l-eta' tal-kunsens;

([1]) ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 220.<0}.

75. Jitlob li jkun hemm ħarsien effettiv tat-tfal kontra l-isfruttament sesswali inkluż billi t-turiżmu sesswali li jinvolvi t-tfal jiġi meqjus bħala reat kriminali fl-Istati Membri kollha u billi jagħmlu suġġett għal liġijiet kriminali extraterritorjali; jitlob li kull ċittadin ta' l-Unjoni li jwettaq reat kriminali f'pajjiż terz jiġi ttrattat skond ġabra waħda ta' liġijiet kriminali extraterritorjali li japplikaw madwar l-UE kollha kemm hi, skond il-Protokol Fakultattiv tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, dwar il-Bejgħ ta' Tfal, il-Prostituzzjoni tat-Tfal u l-Pornografija tat-Tfal;

76. Jitlob li l-Europol ikollha mandat kif jixraq sabiex tikkopera mal-forzi tal-pulizija ta' l-Istati Membri u l-pajjiżi affettwati minn dan it-tip ta' turiżmu sabiex jitwettqu investigazzjonijiet bil-għan li jiġu identifikati dawk responsabbli ta' atti kriminali simili u għal dan il-għan jitlob li jinħolqu l-postijiet ta' Uffiċjal Ewropew ta' Kooperazzjoni; jitlob li jittieħdu miżuri adattati għar-rijabilitazzjoni u l-integrazzjoni soċjali tal-vittmi ta' sfruttament soċjali li jkunu nħelsu minn dawk li kienu jisfruttawhom; jitlob ukoll għal informazzjoni aktar komprensiva dwar it-turiżmu sesswali tat-tfal fl-Istati Membri;

77. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jistabbilixxu qafas leġiżlattiv biex jippenalizzaw it-turisti tas-sess mat-tfal u jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jesploraw il-possibilità li jadottaw strateġija waħda ta' l-UE kontra t-turiżmu għas-sess mat-tfal u biex jiffirmaw u jippromwovu kodiċi ta' kondotta fl-industrija tal-lukandi u t-turiżmu, bħal pereżempju l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Ħarsien tat-Tfal mill-Isfruttament Sesswali fl-Ivvjaġġar u t-Turiżmu ta' l-ECPAT (1) tal-21 t'April 2004;

78. Jenfasizza l-fatt li l-parti l-kbira tal-vittmi tfal tat-traffikar għal raġunijiet ta' sfruttament sesswali kummerċjali bħall-prostituzzjoni u l-produzzjoni tal-pornografija bit-tfal, kif ukoll fil-każ taż-żwiġijiet sfurzati, huma tfajliet, u bħala konsegwenza it-traffikar tal-persuni għandu importanza kbira fil-kwistjoni taddifferenzi bejn is-sessi; jenfasizza, barra minn hekk, li anke fi ħdan gruppi involuti fi sforzi biex it-traffikar tal-persuni jiġi kkontrollat u mwaqqaf, għadhom preżenti attitudnijiet konvenzjonali dwar ir-relazzjoni bejn is-sessi u perċezzjonijiet tradizzjonali dwar l-irwoli tan-nisa u l-bniet;

79. Jistieden lill-Istati Membri sabiex iqisu tifel jew tifla li jkunu xhieda ta' vjolenza domestika bħala vittmi ta' reat kriminali;

80. Jistieden lill-Istati Membri kollha li għadhom ma rratifikawx il-Protokoll għall-Prevenzjoni, Soppressjoni u Kkastigar tat-Traffikar ta' Persuni, Speċjalment Nisa u Tfal, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, adottat min-NU f'Palermo fl-2000 biex jagħmlu dan u biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jipprovdu ħarsien għall-vittmi tfal tat-traffikar tal-persuni, fost l-oħrajn billi jippermettu lill-vittmi tat-traffikar biex jibqgħu fit-territorji tagħhom fuq bażi temporanja jew permanenti;

81. Jirrakkomanda li l-istrateġija futura ta' l-UE għandha tagħti importanza partikulari lill-kura medika, psikoloġika u soċjali tat-tfal li huma vittmi ta' negliġenza, abbuż, trattament ħażin, sfruttament u vjolenza diretta jew indiretta, b'mod li jitqies l-aħjar interess tat-tifel jew tifla u d-dimensjoni tal-ġeneru; ifakkar li l-impatt tal-vjolenza indiretta fuq il-benesseri tat-tfal u l-prevenzjoni ta' vjolenza bħal din għandhom ikunu parti mill-ħidma tal-Kummissjoni; jisħaq li dawn il-kwistjonijiet huma ta' spiss marbuta mal-faqar u l-esklużjoni soċjali fost il-familji, u li politiki soċjali ġodda b'enfasi akbar fuq is-solidarjetà huma meħtieġa jekk dawn il-problemi iridu jiġu affaċċjati;

82. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jinvestigaw l-irwol li għandha d-domanda tas-suq kemm għall-isfruttament sesswali tat-tfal u kif ukoll għal forom oħrajn ta' sfruttament tat-tfal; ġaladarba dan ikun konstatat, jitlob li jittieħdu miżuri sabiex din id-domanda titnaqqas, inter alia permezz ta' kampanji diretti lejn il-pubbliku; iħares lejn l-ittraffikar tat-tfal bħala kriminalità organizzata, u għalhekk jitlob li jkun hemm sforzi konġunti bejn l-Istati Membri fil-ġlieda kontra reati kriminali bħal dawn; jistieden lill-Istati Membri sabiex jagħtu prijorità lid-dritt tat-tfal għall-protezzjoni;

83. Jistieden lill-Istati Membri kollha sabiex jirrikonoxxu li t-tfal bniet huma sproporzjonalment rappreżentati fost dawk sesswalment sfruttati u li l-isforzi kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal għandhom għalhekk jimplimentaw perspettiva tal-ġeneru;

(1) ECPAT huwa network ta' appoġġ internazzjonali għat-Tmiem tal-Prostituzzjoni, tal-Pornografija u t-Traffikar tat-Tfal għal finijiet ta' Sess,.

84. Huwa tal-fehma li r-relazzjonijiet bejn is-sessi, bejn il-bniet u s-subien fl-istadji bikrija tal-ħajja iwittqu t-triq ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi f'fażijiet oħrajn tal-ħajja;

85. Jitlob li jkun hemm alternattivi għall-priġunerija fir-rigward tal-minorenni, filwaqt li titqies kif jixraq il-gravità tar-reat kriminali imwettaq, u sabiex miżuri ta' rijedukazzjoni, bħal m'hu s-servizz komunitarju fost iż-żgħażagħ, jiġu garantiti għar-reintegrazzjoni soċjali u tax-xogħol fil-futur ta' persuni bħal dawn, filwaqt li titqies kif jixraq il-ħtieġa li t-tfal jitgħallmu li huma għandhom id-drittijiet, iżda wkoll id-dmirijiet, filwaqt li josserva li d-detenzjoni ta' persuni minorenni li jwettqu reati kriminali għandha tkun biss l-aħħar għażla u għall-iqsar żmien possibbli; jitlob ukoll għal miżuri edukattivi sabiex tiġi assigurata r-reintegrazzjoni soċjali u vokazzjonali; huwa tal-fehma li miżuri ta' rijedukazzjoni għandhom jimmiraw inter alia li jipprovdu lill-persuni żgħażagħ bl-għerf u bl-għodda meħtieġa sabiex jitrattaw is-sitwazzjoni reali li jgħixu fiha, li jfisser li jkun ċar għalihom li huma għandhom ir-responsabilità li jirrispettaw lil ħaddieħor, kif ukoll ir-responsabilità li jirrispettaw il-liġijiet u r-regoli stabbiliti mis-soċjetà; iqis li l-iżvilupp possibbli taż-żgħażagħ f'individwi responsabbli huwa essenzjali sabiex dawn ikunu involuti u jkollhom id-dritt li jinfluwenzaw is-sitwazzjoni tagħhom stess u l-kwistjonijiet li jikkonċernawhom;

86. Jinnota li l-età tar-responsabilità kriminali attwali mhix l-istess fl-Istati Membri kollha u jitlob li l-Kummissjoni twettaq studju dwar l-opinjonijiet differenti fost l-Istati Membri dwar l-età tar-responsabilità kriminali; it-trattatment ta' persuni li jwettqu reati u l-istrateġiji effettivi tagħhom rigward il-prevenzjoni ta' kriminalità fost iż-żgħażagħ;

87. Jisħaq dwar il-ħtieġa li professjonisti legali li jaħdmu fis-settur tal-ġustizzja taż-żgħażagħ (imħallfin, avukati, *social workers* u uffiċjali tal-pulizija) jiġu pprovduti b'taħriġ speċifiku;

88. Jesprimi x-xewqa li titwaqqaf taqsima speċjalizzata dwar id-drittijiet tat-tfal fil-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;

89. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw miżuri serji sabiex jipprojbixxu l-forom kollha ta' sfruttament tat-tfal inklużi l-isfruttament għall-prostituzzjoni jew forom oħra ta' sfrtuttament sesswali, xogħol jew servizzi sfurzati, skjavitù jew prattiki simili, l-użu tat-tfal biex jittalbu l-flus fit-toroq, attivitajiet illegali, sport u attivitajiet relatati, adozzjoni illeċita, żwieġ sfurzat jew kwalunkwe forma oħra ta' sfruttament;

90. Jitlob li tittieħed azzjoni dwar il-problema tal-ħtif internazzjonali tat-tfal, li spiss ikun hemm ġlieda dwarhom minn ġenituri wara separazzjoni jew divorżju, filwaqt li tingħata kunsiderazzjoni ewlenija fiċ-ċirkustanzi kollha lill-aħjar interess tat-tifel jew tifla;

91. Jisħaq li l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal tgħid li "Fl-azzjonijiet kollha li jirrigwardaw lit-tfal, kemm jekk ikunu azzjonijiet meħuda minn istituzzjonijiet pubbliċi jew privati ta' *welfare* soċjali, qrati tal-ġustizzja, awtoritajiet amministrattivi jew entitajiet leġiżlattivi, l-aħjar interessi tat-tfal għandu jingħata kunsiderazzjoni ewlenija"; taħt il-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1980 dwar l-Aspetti Ċivili dwar il-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal (Il-Konvenzjoni ta' l-Aja) l-interessi tat-tfal huwa mifhum li jfissru r-ritorn mill-aktar fis possibbli wara l-ħtif; madanakollu, l-interessi tat-tfal jiġbru fihom aktar minn sempliċi ritorn malajr, pereżempju ambjent fiżiku dirett sikur, klima ta' affezzjoni, struttura familjari ta' appoġġ u flessibbli, ġenituri li jservu ta' mudell xieraq, kontinwità fit-trobbija u kura, kif ukoll kundizzjonijiet ta' għixien diċenti; il-Konvenzjoni ta' l-Aja ma tqisx dawn il-kriterji, pereżempju, ma tqisx liema ġenitur ikun ħataf lit-tfal, jekk dak il-ġenitur ikollux responsabbiltà ta' ġenitur, kemm għandhom żmien it-tfal, kemm it-tfal qattgħu żmien fil-pajjiż l-ieħor, jekk it-tfal imorrux l-iskola u għamlux ħbieb eċċ, jista' jkun konkluż li minkejja l-intenzjonijiet "tajbin" tal-Konvenzjoni ta' l-Aja u r-Regolament (KE) Nru 2201/2003, id-drittijiet tat-tfal spiss mhumiex imħarsa tajjeb; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu azzjoni sabiex tiggarantixxi d-drittijiet tat-tfal aħjar hawnhekk ukoll, u jħeġġiġha sabiex tagħmel proposti għal dak il-għan;

92. Jistieden sabiex ikunu introdotti miżuri xierqa u b'ħeffa għat-tfittxija u s-sejbien ta' tfal irrapurtati nieqsa inkluż l-użu tas-Sistemi ta' Informazzjoni Schengen sabiex ma jitħallewx jaqsmu l-fruntieri; jilqa' b'sodisfazzjoni il-komunikazzjonijiet *hotline* Ewropej għat-tfal irrapurtati neqsin u l-azzjoni korrispondenti ta' NGOs u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi l-ħolqien ta' aġenzija telefonika Ewropea għat-tfal u ż-żgħażagħ bi problemi;

93. Jistieden lill-Istituzzjonijiet ta' l-UE u lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw ir-riżoluzzjonijiet ta' l-Assemblea Ġenerali tan-NU A/RES/46/121, A/RES/47/134 u A/RES/49/179 dwar id-drittijiet tal-bniedem u faqar estrem, A/RES/47/196 dwar osservanza ta' ġurnata internazzjonali għall-qerda tal-faqar u A/RES/50/107, dwar l-osservazzjoni tas-Sena Internazzjonali għall-Qirda tal-Faqar u l-proklamazzjoni ta' l-ewwel Deċennju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Qirda tal-Faqar, and dokumenti Ekonomiċi u tal-Kunsill Soċjali tan-NU E/CN.4/Sub.2/1996/13, E/CN4/1987/NGO/2, E/CN4/1987/SR.29 u E/CN.4/1990/15, dwar id-drittijiet tal-bniedem u faqar estrem, E/CN.4/1996/25, dwar id-dritt għall-iżvilupp u E/CN.4/SUB.2/RES/1996/25 dwar il-realizzazzjoni tad-drittijiet ekonomiċi, soċjali u drittijiet kulturali;

*Faqar/Diskriminazzjoni*

94. Ifakkar li 19 % tat-tfal fl-UE jgħixu taħt il-linja tal-faqar u għalhekk għandhom jittieħdu miżuri xierqa ta' għajnuna mmirati lejn il-ħtiġijiet tat-tfal, inklużi miżuri sabiex jappoġġjaw il-familji tagħhom u jistieden lill-Istati Membri sabiex jadottaw miri ambizzjużi u li jistgħu jintlaħqu għat-tnaqqis — u maż-żmien il-qirda — tal-faqar tat-tfal;

95. Huwa favur il-ħolqien ta' strutturi xierqa fl-Istati Membri biex jgħinu lit-tfal u lill-ġenituri jadattaw irwieħhom għal ċirkustanzi tal-familja mibdula;

96. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tieħu passi sabiex tippermetti lit-tfal li jgawdu s-snin tat-tfulija tagħhom u jieħdu sehem fl-attivitajiet tat-tfal mingħajr ma' jsofru minn diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali;

97. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tfittex l-integrazjoni ta' strateġija li speċifikament jindirizzaw il-faqar tat-tfal, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-inklużjoni soċjali tal-minorenni fil-ħdan l-istrateġiji inkluża fid-Dokumenti ta' Strateġija għat-Tnaqqis tal-Faqar u l-Programmi Indikattivi;

98. Jistieden lill-istituzzjonijiet involuti sabiex jipprovdu lit-tfal bl-opportunità li jagħtu kontibuzzjoni reali għall-ġlieda kontra l-faqar; Jitlob, bil-għan li l-ġlieda kontra l-faqar tat-tfal tkun aktar effettiva, sabiex il-partijiet kollha konċernati, inklużi l-ifqar tfal, sabiex jingħataw parti attiva fl-ippjanar, fil-ħolqien u fl-evalwazzjoni ta' proġetti bħal dawn għall-qerda tal-faqar estrem;

99. Jisħaq li l-azzjoni kontra l-isfruttament sesswali tat-tfal għall-kummerċ — i.e. l-ittraffikkar tat-tfal għal raġunijiet ta' sess, il-pornografija tat-tfal u t-turiżmu għas-sess mat-tfal għandhom isiru waħda mill-objettivi ta' azzjoni ewlenin ta' l-istrateġija kemm fi ħdan u kif ukoll barra mill-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fid-dawl ta' l-Objettivi tal-Millenju għall-Iżvilupp (MDGs); jirrimarka li l-faqar huwa spiss wieħed mill-ħafna kawżi ta' l-esklużjoni soċjali, id-diskriminazzjoni u l-periklu tat-tfal u jkompli jsaħħaħ dawn il-fatturi; huwa ta' l-opinjoni, għalhekk, li l-isfruttament sesswali tat-tfal għall-kummerċ għandu l-bidu veru tiegħu fit-talba għas-sess mat-tfal u fil-kriminalità organizata, li hija ppreparata li tisfrutta sitwazzjonijiet li jpoġġu t-tfal fir-riskju;

100. Jitlob li tingħata kunsiderazzjoni lill-provvediment ta' kura psikosoċjali u appoġġ emozjonali għat-tfal li jgħixu f'sitwazzjonijiet diffiċli bħal kunflitt bl-armi u sitwazzjonijiet ta' kriżi, tfal imċaqalqa minn arthom jew tfal li jgħixu f'faqar estrem;

101. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jaqdu d-dmir tagħhom li jgħinu u jħarsu lit-tfal kollha kontra r-riskji tal-malnutrizzjoni, il-mard, it-trattament ħażin u l-abbuż, lilhinn mill-istatus soċjali u/jew l-istatus legali tagħhom jew tal-ġenituri tagħhom;

102. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta għal Direttiva li tkopri l-forom kollha ta'diskriminazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13 tat-Trattat KE u s-setturi kollha msemmija fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etniċità ([1]);

([1]) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

103. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jagħtu attenzjoni lill-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra t-tfal, inkluża diskriminazzjoni kontra tfal li jsofru minn diffikultajiet biex jitgħallmu (eż. dyslexia, dyscalculia, dyspraxia) jew minn diżabilitajiet varji oħrajn;

104. Jilqa' b'sodisfazzjoni l-eżistenza ta' ħafna NGOs u ħaddiema voluntarji, li joħolqu rabtiet ta' ħbiberija u ta' solidarjetà fost it-tfal l-anqas favoriti u t-tfal minn sfondi soċjali differenti sabiex tkompli l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; jistieden lill-istituzzjonijiet ta' l-UE u lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li anke l-ifqar tfal ikunu jistgħu jibbenefikaw minn proġetti Komunitarji u li l-proġetti tas-Servizzi Volontarji Ewropej jipprovdu organizzazzjonijiet bħal dawn b'aktar opportunitajiet sabiex idaħħlu magħhom ħaddiema volontarji żgħażagħ;

105. Jitlob li t-tfal Roma u tfal li jappartienu għal minoritajiet nazzjonali oħrajn b'mod partikulari jibbenefikaw minn miżuri mmirati, speċjalment bil-għan li tintemm id-diskriminazzjoni, is-segregazzjoni, l-esklużjoni soċjali u skolastika kif ukoll l-isfruttament li ta' spiss huma jkunu vittmi tagħhom; jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu sforzi sabiex jeliminaw ir-rappreżentanza żejda ta' tfal Roma f'istituzzjonijiet għal persuni b'diżabilità mentali; jitlob ukoll li jiġu promossi kampanji li jħeġġu t-tagħlim ta' l-iskola, miżuri biex jiġu miġġielda l-livelli għolja ta' tluq bikri mill-iskola u proġetti ta' ħarsien u ta' għajnuna fil-qasam tas-saħħa preventiva, inkluż it-tilqim;

106. Hu tal-fehma li l-UE għandha tagħmlu l-objettiv tagħha li tiżgura li ma jkunx hemm tfal mingħajr dar jew tfal jgħixu fit-triq fl-UE; jitlob li jittieħdu miżuri xierqa u mmirati biex jiġu mgħejuna t-tfal li m'għandhomx dar u t-tfal li jgħixu fit-triq, peress li l-biċċa l-kbira tagħhom huma ttrawmatizzati bl-ikreh u mħollija barra soċjalment, ma jirċevux edukazzjoni formali jew kura tas-saħħa, huma partikularment vulnerabbli li jsiru vittmi ta' l-ittraffikar tal-bnedmin (bħal m'huma l-prostituzzjoni, l-ittraffikar ta' l-organi u l-adozzjoni illegali), id-dipendenza mid-droga u l-kriminalità jew inkella huma spiss imġiegħla jittallbu;

107. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu lill-eluf ta' tfal li jgħixu fit-triq u tfal li huma mġiegħla jittallbu bħala kwistjoni serja soċjali u għad-drittijiet tal-bniedem li tikser il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal u jistieden ukoll lill-Istati Membri jdaħħlu sanzjonijiet kontra dawk responsabbli għad-degradazzjoni tat-tfal li huma mġiegħla jittallbu;

108. Jistieden lill-Unjoni Ewropea, lill-Istati Membri u lis-soċjetà ċivili biex jiżguraw li kull tifel u tifla jingħataw l-opportunità li jiffurmaw parti minn grupp jew assoċjazzjoni tat-tfal sabiex jiltaqgħu ma' tfal oħra u jiskjambaw ideat magħhom; jitlob, fuq din il-bażi, li jiġu adottati miżuri ta' appoġġ li jittieħdu minn persuni adulti li jkollhom il-għan li jiżguraw li kull tifel u tifla jħossuhom parti mill-grupp u li jkunu jistgħu jesprimu ruħhom fi ħdanu; jistieden għalhekk lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali relevanti biex jinkuraġġixxu proġetti li jkunu mmirati biex iħallu lit-tfal ikunu jistgħu jesprimu ruħhom b'dan il-mod, bħal m'huma l-kunsilli lokali tat-tfal jew il-parlamenti tat-tfal, filwaqt li jiżguraw li jkunu involuti t-tfal l-aktar imwarrba;

109. Jitlob li tingħata kunsiderazzjoni lill-possibilità li jiġi inventat strument Komunitarju dwar l-adozzjonijiet, li jkun żviluppat f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u standards internazzjonali relevanti oħra, li jtejjeb il-kwalità tal-kura fir-rigward tas-servizzi ta' informazzjoni, it-tħejjija ta' adozzjonijiet internazzjonali, l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet ta' l-adozzjonijiet internazzjonali u s-servizzi ta' wara l-adozzjoni, filwaqt li wieħed iżomm quddiem għajnejh il-fatt li l-konvenzjonijiet internazzjonali kollha dwar il-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal jirrikonoxxu d-dritt tat-tfat abbandunati u ta' l-orfni li jkollhom familja u li jkunu mħarsa;

110. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni sabiex jiggarantixxu d-dritt bażiku tat-tfal li jkollhom familja; iħeġġeġ lill-Istati Membri, għalhekk, biex jieħdu azzjoni sabiex jidentifikaw soluzzjonijiet effettivi biex jiġi evitat l-abbandun tat-tfal u sabiex jikkumpensaw għat-tqegħid ta' tfal abbandunati u orfni f'istituzzjonijiet; meta tkun qed tinstab soluzzjoni għal tifel jew tifla, l-aħjar interess tat-tifel jew tifla, kif stabbilit fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, għandu dejjem ikun il-kunsiderazzjoni fundamentali;

111. Hu tal-fehma li l-adozzjoni tista' ssehh fi ħdan il-pajjiż tan-nazzjonalità tat-tifel jew tifla, jew billi tinstab familja permezz ta' adozzjoni internazzjonali, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-konvenzjonijiet internazzjonali, it-tqegħid f'istituzzjonijiet għandu jintuża biss bħala soluzzjoni temporanja; soluzzjonijiet alternattivi ta' kura minn familja jistgħu jkunu l-familji tar-rispett ("foster families"); iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, f'koperazzjoni mal-Konferenza ta' l-Aja, lill-Kunsill ta' l-Ewropa u lill-organizzazzjonijiet tat-tfal, biex jistabbilixxu qafas biex jiġu żgurati t-trasparenza, l-immoniterjar effettiv ta' l-iżvilupp ta' tfal adottati u biex jiġu kkoordinati l-azzjonijiet tagħhom sabiex jiġi impedit l-ittraffikar tat-tfal; iħeġġeġ lill-Istati Membri, f'dan il-kuntest, biex jagħtu konsiderazzjoni speċjali lit-tfal bi bżonnijiet speċjali, e.g. tfal li jkunu jeħtieġu kura medika u tfal b'diżabilità;

112. Jinkuraġġixxi lill-Istati Membri, sabiex idaħħlu miżuri favur l-adulti żgħażagħ li jkunu ħarġu minn orfanatrofji jew minn stabbilimenti għall-kura tat-tfal sabiex jibbenefikaw minn miżuri ta' akkompanjament biex jgħinuhom jagħmlu pjanijiet għall-ġejjieni professjonali tagħhom u jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà;

113. 113 Jenfasizza l-esklużjoni soċjali esperjenzata miż-żgħażagħ delinkwenti, li f'ħafna każijiet tagħmilha impossibbli li jkollhom rijintegrazzjoni soċjali faċli; iħeġġeġ għalhekk lill-Istati Membri biex jiddefinixxu strateġiji ta' akkumpanjament ta' dawn il-minuri jew adulti żgħażagħ f'riskju, sabiex jiġu megħjuna jelaboraw proġetti għall-ġejjieni professjonali tagħhom u biex tiġi faċilitata ir-rijintegrazzjoni tagħhom fis-soċjetà;

114. Josserva li dawk it-tfal li qed jagħmluha ta' responsabbli tal-kura ta' ġenituri jew ta' aħwa bi bżonnijiet speċifiċi għandhom ikunu intitulati għal appoġġ speċifiku immirat;

115. Jirrimarka li l-istrateġija futura ta' l-UE għandha tirrikonoxxi l-irwol importanti tal-familja bħala l-istituzzjoni bażika fis-soċjetà għas-sopravivenza, il-ħarsien u l-iżvilupp tat-tifel/tifla; huwa tal-fehma li d-drittijiet tat-tfal għandhom jitqiesu bis-sħiħ fi kwistjonijiet rigward il-konċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u tal-familja u l-ħin tax-xogħol, b'enfasi partikulari fuq iċ-ċirkustanzi ta' ommijiet b'diżabilità u ommijiet ta' tfal b'diżabilità, kif ukoll fil-formulazzjoni ta' politiki għall-appoġġ pubbliku u/jew privat tat-tfal u l-ġenituri tagħhom sabiex iż-żewġ ġenituri jkunu jistgħu jieħdu u jaqsmu r-responsabilità għat-trobbija u l-kura tat-tfal tagħhom; huwa tal-fehma li għandu jingħata rikonoxximent lill-fatt li numru dejjem jikber ta' nies issa jgħix fi strutturi ta' familja alternattivi li ma jikkorrispondux għall-familja nukleari tradizzjonali, li tikkonsisti f'omm u missier u t-tfal bijoloġiċi tagħhom;

116. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex ineħħu r-restrizzjonijiet kollha minn fuq id-dritt tal-ġenituri li jkollhom kuntatt ma' wliedhom liema restrizzjonijiet ikunu jirriżultaw minn differenzi fin-nazzjonalità, b'mod partikulari f'rabta ma' l-għażla li jitkellmu lingwa li ma tkunx il-lingwa uffiċjali fi ħdan pajjiż partikulari; hu tal-fehma li t-tneħħija ta' restrizzjonijiet minn fuq familji multinazzjonali li fihom ikun hemm kunflitt bejn il-ġenituri għandha tinvolvi l-ħelsien mingħajr restrizzjoni li wieħed jitkellem bil-lingwa magħżula mit-tifel/tifla u l-ġenitur, bir-rispett xieraq għar-rekwiżiti li setgħu ġew imposti mill-qrati biex il-laqgħat ikunu ssorveljati;

117. Jilqa' b'sodisfazzjon l-introduzzjoni ta' ombudspeople għad-drittijiet tat-tfal u jistieden lill-Istati Membri kollha biex jiffaċilitaw introduzzjoni bħal din kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll dak lokali;

***Xogħol tal-minorenni***

118. Jisħaq li huwa essenzjali li jkun żgurat li dawk it-tfal li legalment ikollhom età biżżejjed biex ikollhom impjieg ikunu mħallsa fuq il-bażi ta' xogħol ugwali għal paga ugwali;

119. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li d-deliberazzjonijiet minn kumitati tad-drittijiet tal-bniedem u sottogruppi imwaqqfa skond ftehimiet ta' kummerċ u koperazzjoni jiffukaw fuq il-problema tax-xogħol tal-minorenni u l-ħarsien tat-tfal minn kull forma ta' abbuż, sfruttament u diskriminazzjoni;

120. Jenfasizza l-ħtieġa li jkun żgurat li l-politiki kollha, kemm dawk interni u kemm dawk esterni, kemm fuq livell ta' Stat Membru u kemm fuq il-livell ta' l-Unjoni Ewropea, għandhom ikollhom konsiderazzjoni għall-eliminazzjoni tax-xogħol tal-minorenni fil-forom kollha tiegħu; jemmen li l-edukazzjoni "full-time" hija l-aħjar mezz biex tiġi megħluba l-problema, kemm għall-bniet kif ukoll għas-subien, kemm f'dik li hi l-prevenzjoni ta' abbuż bħal dan kif ukoll fit-tkissir taċ-ċirku ta' l-illitteriżmu u l-faqar milli jkompli fil-ġejjieni;

121. Jikkundanna bil-qawwa kull sura ta' xogħol tal-minorenni, skjavitù u xogħol b'rahan u suriet oħra ta' xogħol li jaffettwaw is-saħħa u s-sikurezza tat-tfal b'mod negattiv; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex il-kummerċ li għandha l-Unjoni Ewropea ma' pajjiżi terzi u l-għajnuna għall-iżvilupp mogħtija lill-pajjiżi terzi mill-Unjoni Ewropea jorbtuhom aktar mill-qrib ma' l-implimentazzjoni li jagħmlu dawn il-pajjiżi tal-Konvenzjoni ta' l-ILO dwar il-Projbizzjoni ta' u Azzjoni Immedjata għall-Eliminazzjoni ta' l-Agħar Forom ta' Xogħol tal-Minorenni;

**L-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2008**

122. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li prodotti li qed jinbiegħu fl-UE jista' jkun li qed jiġu maħduma permezz ta' xogħol tal-minorenni; jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta mekkaniżmu li permezz tiegħu vittmi tax-xogħol tal-minorenni jkunu jistgħu jfittxu riparazzjoni għad-danni kontra kumpaniji ta' l-UE fil-qrati nazzjonali ta' l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni biex tinforza l-konformità tal-katina ta' provvista u b'mod speċjali li tersaq b'mekkaniżmi li jagħmlu lill-kuntrattur prinċipali responsabbli fl-UE f'każijiet ta' ksur tal-konvenzjonijiet tan-NU dwar ix-xogħol tal-minorenni fil-katina tal-provvista; għal dan il-għan, jistieden lill-UE biex tuża l-proċedura tas-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (GSP) bħala mod wieħed biex jiġi miġġieled b'mod aktar effettiv l-isfruttament tax-xogħol tal-minorenni li jseħħ f'diversi reġjuni tad-dinja, b'miżuri speċjali għal xogħol perikoluż li numru kbir ta' tfal huma mġiegħla jagħmlu;

### *It-tfal ta' l-immigranti, ta' dawk li jfittxu ażil u tar-rifuġjati*

123. Jitlob li tingħata attenzjoni speċjali, u fl-aħjar interessi tat-tifel jew tifla, lis-sitwazzjoni tat-tfal rifuġjati, tfal li qed ifittxu ażil u tfal migranti, u tfal li l-ġenituri tagħhom ikunu qed ifittxu ażil, ikunu refuġjati jew immigranti illegali, sabiex ikun żgurat li tfal bħal dawn ikunu jistgħu igawdu d-drittijiet tagħhom ikun xi jkun l-istatus legali tal-ġenituri tagħhom u li dawn it-tfal ma jbatux mill-effetti ta' ħsara ta' sitwazzjoni li m'għandhom l-ebda responsabilità tagħha, u li l-bżonnijiet speċjali tagħhom ikunu indirizzati; filwaqt li għandha tingħata attenzjoni speċjali biex tiġi ppriservata l-għaqda tal-familja fejn dan ikun fl-aħjar interess tat-tifel jew tifla;

124. Jitlob li l-minorenni li ma jkunux akkumpanjati tingħatalhom attenzjoni speċjali fil-kuntest ta' kull forma ta' immigrazzjoni, peress li l-kriminalità organizzata tagħmel użu minn kull opportunità biex iddaħħal tifel jew tifla f'pajjiż sabiex imbagħad tisfruttah(a); hu tal-fehma li l-Istati Membri għandhom għalhekk joqogħdu għassa sew u jiżguraw li jkun hemm politiki tal-ħarsien tat-tfal għal kull sitwazzjoni li wieħed jista' jimmaġina;

125. Jinsab imħasseb dwar il-ħafna vjolazzjonijiet tad-drittijiet li jaffettwaw lill-bniet li jkunu ġejjin minn ambjent ta' migranti; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprojbixxu l-imkatar tar-ras u l-ħiġab għall-inqas fl-iskola primarja, sabiex jistabbilixxu b'mod iktar sod id-dritt għat-tfulija u biex tkun żgurata libertà ġenwina u mhux sfurzata ta' l-għażla f'età akbar iktar 'il quddiem;

126. Jitlob li jkun hemm aċċess għall-edukazzjoni għal tfal immigranti u li jiġu stabbiliti programmi u riżorsi, minn perspettiva interkulturali, b'konċentrament partikulari fuq sitwazzjonijiet ta' vulnerabilità jew ta' minorenni li ma jkunux akkumpanjati;

127. Jirrimarka li l-istandards internazzjonali dwar il-ħarsien tat-tfal huma applikabbli għall-minorenni li ma jkunux akkumpanjati li jaslu f'territorju ta' l-Unjoni Ewropea permezz ta' proċeduri irregolari ta' immigrazzjoni; jistieden lill-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali kollha u lill-istituzzjonijiet ta' l-UE sabiex jikkoperaw bejniethom kemm jista' jkun possibbli fil-ħarsien ta' dawn il-minorenni li m'humiex akkumpanjati; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi proċeduri ta' koperazzjoni u assistenza internazzjonali mal-pajjiżi terzi ta' oriġini sabiex ikun żgurat li l-minorenni jkunu mreġġgħin lura lejn dawn il-pajjiżi b'mod xieraq u jitlob li jiġu stabbiliti mekkaniżmi biex iħarsu lil dawn il-minorenni ladarba dawn ikunu reġgħu lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, kemm fi ħdan il-familja bijoloġika tagħhom kif ukoll permezz ta' mekkaniżmi jew istituzzjonijiet li se joffrulhom ħarsien effettiv;

128. Jiġbed l-attenzjoni lejn is-sitwazzjoni partikulari tat-tfal migranti li jkunu mifrudin miż-żewġ ġenituri tagħhom jew mill-persuna li kellhom tieħu ħsiebhom legalment jew mill-persuna prinċipali li kienet issoltu tieħu ħsiebhom u jitlob li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa li jkun hemm miżura ddedikata ta' l-UE li tkun tindirizza d-dritt ta' l-assistenza għat-tfal kollha li jinsabu waħidhom, li tkun tindirizza l-aċċess għat-territorju, il-ħatra u ll-irwol tal-gwardjani, id-dritt li jiġu mismugħa, il-kundizzjonijiet ta' l-ilqugħ u miżuri għall-ittraċċar tal-familja u potenzjalment tkun tista' tindirizza wkoll soluzzjonijiet dewwiema;

129. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li t-tfal li m'humiex akkumpanjati minn adulti, it-tfal mingħajr stat, kif ukoll tfal li ma jkunux ġew irreġistrati meta twieldu, jinsabu f'riskju partikulari u jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri speċjali fuq il-bażi ta' x'inhu l-aħjar għat-tifel jew tifla individwali, kif iddefinit, b'mod partikulari, mill-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal u mill-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati;

130. Jiġbed l-attenzjoni lejn l-irwol ta' l-edukazzjoni, li għandu jkun wieħed ugwalitarju u mingħajr l-użu tal-vjolenza jew tas-swat; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex talloka r-riżorsi meħtieġa biex issir il-prevenzjoni ta' kull tip ta' vjolenza fil-komunitajiet tar-rifuġjati, b'mod speċjali l-vjolenza skond is-sess u l-isfruttament sesswali, billi tistabbilixxi programmi għall-edukazzjoni u għat-tqajjim ta' kuxjenza dwar kwistjonijiet rigward is-sessi, dwar id-drittijiet tal-bniedem, is-saħħa sesswali u riproduttiva, il-mutilazzjoni ġenitali femminili u l-HIV/AIDS, immirati lejn il-minorenni taż-żewġ sessi;

131. Jisħaq li hemm diskrepanza bejn dak li titlob il-liġi u dak li fil-fatt huwa pprattikat fir-rigward ta' l-implimentazzjoni ta' l-istrumenti Ewropej ta' l-ażil u li fadal differenzi enormi fil-mod li bih huma ttrattati t-tfal li għandhom status ta' rifuġjati fl-Istati Membri differenti;

132. Jenfasizza l-fatt li 5 % ta' dawk li jfittxu l-ażil huma minurenni mhux akkumpanjati, li jindika l-bżonn li jinħatru gwardjani legali mharrġa sew għal tfal mhux akkumpanjati biex jirrappreżentaw l-aħjar interessi tagħhom wara l-wasla tagħhom fil-pajjiż li jkun laqagħhom; jitlob li jsir titjib fil-kundizzjonijiet ta' għajxien għat-tfal fil-faċilitajiet ta' l-ilqugħ; jinsab iddiżappuntat min-nuqqas ta' proċeduri ta' ażil li jkunu sensittivi għat-tfal;

133. Jinnota li ħafna mir-riskji li jaffaċċjaw it-tfal refuġjati huma ugwalment iffaċċjati minn tfal li jkunu ġew spustjati bil-forza bejn il-fruntieri tal-pajjiżi tagħhom stess;

134. Jinsisti li t-tfal għandhom jiġu rritornati lura lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom biss meta s-sikurezza u s-sigurtà tagħhom tkun fiċ-ċert, u jenfasizza l-bżonn li jiġu ttraċċati l-familji u li l-familji jingħaqdu mill-ġdid; jisħaq li r-ritorn tagħhom għandu jkun ipprojbit fejn ikun hemm il-periklu li ssirilhom ħsara, pereżempju permezz tax-xogħol tal-minorenni, l-isfruttament sesswali, il-vjolenza jew ir-riskju ta' mutilazzjoni ġenitali femminili, l-esklużjoni soċjali jew l-involviment f'kunflitti armati;

135. Jisħaq fuq il-bżonn li jitjieb il-ġbir tad-data dwar tfal li jkunu qed ifittxu status ta' refuġjati, tfal li jkunu qed jgħixu illegalment fit-territorju ta' stat ieħor imma li ma jkunux qed ifittxu status ta' refuġjati u r-riżultat tal-proċeduri għall-ażil u l-futur ta' tfal bħal dawn wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni finali pożittiva jew negattiva dwar it-talba tagħhom għall-ażil, sabiex ikun żgurat li tfal bħal dawn ma jisparixxux fl-oskurità jew isiru l-vittmi tal-kriminalità;

136. Jissottolinja l-konsegwenzi negattivi ta' l-emigrazzjoni u s-sitwazzjoni prekarja tat-tfal li jkunu tħallew waħidhom fil-pajjiż tagħhom minn ġenituri li jkunu emigraw; jisħaq fuq il-ħtieġa li jkunu żgurati l-kura komprensiva, l-integrazzjoni u l-edukazzjoni għal tfal bħal dawn, kif ukoll ir-reintegrazzjoni tal-familja kull meta jkun possibbli;

137. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħmel studju dwar il-possibilità li tiġi offruta ċittadinanza ta' l-Unjoni lil tfal li jitwieldu fl-UE hu x'inhu l-istatus legali tal-ġenituri tagħhom;

138. Ifakkar li d-detenzjoni amministrattiva tat-tfal għandha tkun miżura eċċezzjonali; jisħaq li t-tfal li jkunu akkumpanjati mill-familji tagħhom għandhom ikunu ddetenuti biss meta ma jkunx fadal għażla oħra, għall-iqsar perjodu ta' żmien possibbli u biss jekk detenzjoni bħal din tkun fl-aħjar interessi tagħhom, skond l-Artikolu 37(b) tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, u li minorenni li ma jkunux akkumpanjati mgħandhomx jiġu ddetenuti jew imreġġgħin lura;

139. Ifakkar li t-tfal migranti għandhom id-dritt għall-edukazzjoni u li jieħdu pjaċir;

***Id-dritt tat-Tfal għall-Informazzjoni u għall-Edukazzjoni***

140. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ifasslu sistema effettiva biex ikun żgurat li, kemm fid-dar u kemm fl-iskola, u sa livell li jkun adattat għall-età u l-iżvilupp intellettwali tagħhom, it-tfal jintgħamlu konxji tad-drittijiet tagħhom u jkunu jistgħu jeżerċitawhom;

141. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-aċċess għat-tfajliet żgħar għal informazzjoni u għal edukazzjoni dwar is-saħħa riproduttiva u dwar is-servizzi tas-saħħa riproduttiva;

**L-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2008**

142. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu kull miżura meħtieġa biex jiżguraw il-kwalità tal-faċilitajiet tagħhom għall-kura tat-tfal, inklużi t-taħriġ professjonali kontinwu kif ukoll taħriġ fid-drittijiet tat-tfal, kundizzjonijiet tajba tax-xogħol u paga diċenti għal dawk li jieħdu ħsieb it-tfal b'mod professjonali peress li dawn il-faċilitajiet u l-istaff tagħhom jipprovdu lit-tfal b'pedament b'saħħtu għall-futur tagħhom, filwaqt li huma wkoll ta' benefiċċju għall-ġenituri, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-ammont ta' xogħol tal-ġenituri li jaħdmu u tal-ġenituri li huma waħidhom — dan min-naħa l-oħra jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-faqar fost in-nisa u sussegwentement fost it-tfal;

143. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu sforz ikkoordinat biex jgħinu pajjiżi sħab biex jilħqu l-mira ta' edukazzjoni primarja universali bla ħlas (mira ta' żvilupp tal-Millennju 2) u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jipprovdu l-finanzjament meħtieġ għall-Inizzjattiva ta' Malajr ta' l-Edukazzjoni għal Kulħadd;

144. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata attenzjoni speċjali lill-mira ta' żvilupp tal-Millennju 3 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u għall-edukazzjoni tal-bniet, ir-reklutaġġ u t-taħriġ ta' għalliema femminili lokali, l-eliminazzjoni ta' kull preġudizzju favur is-sess maskil fil-kurrikuli, l-ippustjar ta' l-iskejjel aktar qrib lejn il-komunitajiet li huma jservu u l-provvediment ta' faċilitajiet sanitarji xierqa; jisħaq li l-iskejjel għandhom ikunu zoni ta' sikurezza fejn id-drittijiet tat-tfal huma rrispettati, u li l-fastidju sesswali u l-vjolenza fl-iskejjel u madwarhom għandhom ikunu impediti u ttrattati vigorożament;

145. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu proġetti interġenerazzjonali ta' għajxien kommunali (djar interġenerazzjonali) sabiex it-tfal ikunu jistgħu jikbru ma' persuni mdaħħla fiż-żmien, u min-naħa l-oħra sabiex il-persuni mdaħħla fiż-żmien jibbenefikaw minn network ta' appoġġ soċjali u biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp tat-tfal billi jaqsmu l-għarfien u l-esperjenza tagħhom;

146. Jenfasizza li d-dritt għall-edukazzjoni huwa rekwiżit bażiku għall-iżvilupp soċjali tat-tfal u għandu jkun aċċesibbli għat-tfal kollha fuq il-bażi tal-kapaċitajiet individwali tagħhom u huma x'inhuma l-oriġini etniċi u soċjali tagħhom jew l-ambjent ta' familja li ġejjin minnu;

147. Jidhirlu li t-tfal għandu jkollhom aċċess għall-edukazzjoni hu x'inhu l-istatus tagħhom u/jew l-istatus tal-ġenituri tagħhom; jissottolinja l-importanza li jingħata aċċess bħal dan lit-tfal migranti u/jew lit-tfal refuġjati;

148. Jenfasizza li l-istrateġija tal-ġejjieni għandha tirrikonoxxi d-dritt għall-edukazzjoni fuq il-bażi ta' opportunitajiet indaqs u tan-non-diskriminazzjoni;

149. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lill-inklużjoni fil-kurrikuli edukattivi ta' materjal li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-bniedem u l-valuri komuni li huma l-pedament ta' ċittadinanza demokratika;

150. Jitlob illi fost il-prijoritajiet ta' l-istrateġija jkun hemm l-adozzjoni ta' sett konsistenti ta' miżuri biex ikun żgurat li t-tfal li jkollhom xi diżabilità ikunu dejjem jistgħu igawdu d-drittijiet tagħhom, bit-tama li tintemm kull forma ta' diskriminazzjoni u li tiġi promossa l-integrazzjoni tagħhom fl-iskola, fis-soċjetà u fl-impjiegi f'kull stadju ta' ħajjithom;

151. Jirrakkomanda wkoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li huma jistudjaw il-ħtiġijiet speċifiċi ta' skulari minorenni b'diżabilità u li jimplimentaw programm ta' tagħlim skolastiku biex jinkuraġġixxu l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà;

152. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħtu konsiderazzjoni partikulari lill-edukazzjoni integrata ta' tfal b'diżabilitajiet, u b'hekk ikun qed jiġi żgurat li jiġu integrati soċjalment b'mod faċli waqt li jkunu għadhom l-iskola u tkun qed tiżdied it-tolleranza ta' tfal b'saħħithom li ma jkollhomx diżabilità lejn diżabilitajiet u inugwaljanzi soċjali;

153. Jitlob li jittieħdu passi biex jiġu ttrattati b'determinazzjoni akbar kwistjonijiet marbuta mad-diskriminazzjoni, id-diversità soċjali, it-tagħlim tat-tolleranza fl-iskejjel, l-edukazzjoni dwar stil ta' ħajja li hu ta' ġid għas-saħħa tal-bniedem, l-edukazzjoni dwar l-ikel, il-prevenzjoni ta' l-abbuż mill-alkoħol, id-drogu, prodotti mediċinali u psikotropiċi u sustanzi intossikanti oħra u edukazzjoni xierqa marbuta mas-saħħa sesswali;

154. Jinnota li l-provvediment ta' kura bikrija għat-tfal f'istituzzjonijiet kollettivi (crèches, skejjel) huwa wieħed mill-aħjar modi biex tissolva l-problema ta' l-ibbilanċjar tal-ħajja tax-xogħol u tal-familja u huwa wkoll mezz biex jiġi żgurat, fi stadju bikri ta' l-iżvilupp tat-tfal, li huma jkollhom il-benefiċċju ta' opportunitajiet indaqs u jsiru soċjalizzati;

155. Jirrimarka li l-fatt li l-bniet huma pprojbiti li jieħdu sehem fit-tagħlim fl-iskola u fi sports bħallgħawm minħabba raġunijiet kulturali m'hu ġġustifikat mill-ebda kultura jew reliġjon u m'għandux ikun ittollerat;

156. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħtu lit-tfal kollha aċċess għal possibilitajiet ta' faċilitajiet ta' logħob u ta' sports li jkunu xierqa għall-età tagħhom mingħajr ħlas jew bi prezz li jintlaħaq mill-but ta' kulħadd;

***Is-Saħħa***

157. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt inkwetanti li l-obeżità, speċjalment fost it-tfal, qiegħda tiżdied fl-Ewropa; jissottolinja li stimi juru li aktar minn 21 miljun tifel u tifla għandhom piż żejjed fl-UE filwaqt li din iċ-ċifra qiegħda tiżdied b'400,000 kull sena; jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti biex jiġi rregolat l-irreklamar aggressiv u qarrieqi u biex itejjeb id-dispożizzjonijiet għat-tikkettar dwar in-nutrizzjoni ta' l-ikel ipproċessat sabiex tiġi megħluba l-problema ta' l-obeżità;

158. Jitlob li l-Istati Membri u l-awtoritajiet relevanti tagħhom jagħmlu ħilithom kollha biex jiżguraw li t-tfal jesperjenzaw ambjent fiżiku ta' ġid għas-saħħa, meta wieħed iqis l-effett sproporzjonat li għandhom fuq iż-żgħar it-tniġġis u l-kundizzjonijiet fqar ta' għajxien; għandha tingħata attenzjoni xierqa wkoll lill-kundizzjonijiet ta' l-ambjent fejn jitgħallmu t-tfal, u għandhom jiddaħħlu standards xierqa;

159. Ifakkar fid-drittijiet li għandhom it-tfal għas-saħħa u, b'mod partikulari, id-drittijiet ta' l-adoloxxenti għas-saħħa sesswali u riproduttiva u jishaq li l-ħarsien tas-saħħa ta' l-ommijiet għandu jkun parti integrali mill-istrateġija futura Ewropea dwar id-drittijiet tat-tfal, li għandha tippromwovi kundizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol adattati għal nisa tqal jew li qed ireddgħu u tinsisti fuq konformità mal-leġiżlazzjoni eżistenti għall-ħarsien tad-drittijiet ta' l-impjegati nisa, kif ukoll fuq l-aċċess ugwali u universali għan-nisa kollha għal servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità qabel u wara l-ħlas fis-settur pubbliku sabiex titnaqqas il-mortalità ta' l-ommijiet u tat-tfal iż-żgħar kif ukoll it-trażmissjoni ta' mard mill-omm lit-tarbija; jishaq fuq l-importanza vitali li għandu l-liv tal-maternità għall-iżvilupp tat-tfal, partikularment minħabba r-rabta tat-tarbija ma' ommha mhux biss matul l-ewwel xhur wara t-twelid imma wkoll matul l-ewwel snin tal-ħajja tagħha;

160. Jilqa' b'sodisfazzjoni il-fatt li l-Kummissjoni tagħraf li t-tfal, mit-twelid sa meta jsiru adulti, għandhom ħtiġijiet differenti ħafna fi stadji differenti ta' żvilupp tal-ħajja tagħhom; ifakkar fid-dritt tat-tfal għall-ogħla standard ta' saħħa li jista' jintlaħaq u, speċifikament, id-dritt ta' l-adoloxxenti għal edukazzjoni u servizzi dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva u dwar l-ippjanar tal-familja u li għandu jkun għalhekk parti integrali mill-istrateġija futura dwar id-drittijiet tat-tfal;

161. Jinnota li d-drittijiet tat-tfal, kif stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, jirreferu għal kull bniedem/bniedma taħt l-età ta' 18-il sena u li ħtiġijiet speċifiċi dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva ta' l-odoloxxenti u d-drittijiet marbuta magħha jridu jkunu rikonoxxuti;

162. Jissottolinja l-importanza li jiġu promossi politiki dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva sabiex jitnaqqsu u possibilment jiġu evitati l-infezzjonijiet trasmessi sesswalment (inklużi l-HIV/AIDS), tqaliet mhux mixtieqa u abortijiet illegali u li m'humiex sikuri għal nisa żgħażagħ, u biex jiġi evitat in-nuqqas ta' fehim min-naħa taż-żgħażagħ dwar il-ħtiġijiet tas-saħħa riproduttiva tagħhom;

163. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu passi biex iħarsu lit-tfal li l-ġenituri tagħhom ikunu jbatu mill-AIDS u jenfasizza l-ħtieġa li jintlaħqu l-mira ta' żvilupp tal-Millennju 5 (MDG 5) (li tittejjeb is-saħħa materna), il-mira ta' żvilupp tal-Millennju 4 (li titnaqqas il-mortalità fost it-tfal) u l-mira ta' żvilupp tal-Millennju 6 (li jiġu miġġielda l-HIV/AIDS, il-malarja u mard ieħor); iħeġġeġ ukoll l-investiment f'riċerka dwar formulazzjonijiet pedjatriċi ta' kontra r-retrovirus u fl-iżvilupp tagħhom, fil-provvediment ta' filoxx kontra l-malarja għal fuq is-sodot u fil-promozzjoni tat-tilqim permezz ta' l-Alleanza GAVI (li qabel kienet magħrufa bħala l-Alleanza Globali għall-Vaċċini u l-Immunizzazzjoni);

164. Jistieden lill-Istati Membri biex jipprovdu edukazzjoni sesswali, informazzjoni u pariri sesswali sabiex tiżdied il-kuxjenza dwar is-sesswalità personali u r-rispett għaliha, u biex jiġu evitati tqaliet mhux mixtieqa u t-tixrid ta' l-HIV/AIDS u mard ieħor li jiġi trasmess sesswalment (STDs), u biex jiffaċilitaw l-aċċess għal kontraċettivi differenti u l-informazzjoni dwarhom;

165. Jitlob li l-Istati Membri jiżguraw li t-tfal u l-adoloxxenti kollha kemm ġewwa u kemm barra mill-iskola huma pprovduti informazzjoni xjentifika mfassla kif meħtieġ u komprensiva dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva biex jagħmlu għażliet infurmati dwar kwistjonijiet relatati mal-benesseri personali tagħhom, inkluża l-prevenzjoni ta' l-infezzjonijiet li jiġu trasmessi sesswalment (STDs) u l-HIV/AIDS;

166. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu, kemm ġewwa u kemm barra mill-Unjoni, aċċess indaqs għat-tfal taż-żewġ sessi għall-kura tas-saħħa, b'enfasi partikulari fuq tfal żvantaġġjati u dawk ġejjin minn minoranzi etniċi jew soċjali;

167. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu kontra l-ħsara lin-nisa u t-tfal marbuta ma' l-alkoħol, billi:

a) jipprovdu informazzjoni aħjar lin-nisa dwar id-diversi ta' diżordnijiet fil-fetu kkawżati mix-xorb alkoħoliku,

b) jipprovdu servizzi tas-saħħa adegwati u pariri adegwati għal nisa bi problemi ta' l-alkoħol matul u wara t-tqala kif ukoll għal nisa u tfal f'familji bi problemi ta' l-alkoħol u ta' l-abbuż tad-drogi,

c) jintroduċu regolamenti aktar iebsa dwar ir-reklamar għax-xorb alkoħoliku u dwar l-isponsorjar ta' avvenimenti sportivi mill-industrija ta' l-alkoħol, fil-forma ta' projbizzjonijiet ta' reklamar bejn is-6 a.m. u d-9 p.m., u billi jipprojbixxu r-reklamar ta' l-alkoħol ma' kontenut li jkun immirat għat-tfal (logħob tal-kompjuter, komiks), sabiex ma tiġix ikkomunikata lit-tfal xbieha pożittiva ta' l-alkoħol, u

d) jipprojbixxu x-xorb alkoħoliku li fid-disinn tiegħu ftit li xejn ikun differenti minn mill-ħelu jew mill-ġugarelli, ladarba t-tfal ma jafux jiddistingwu bejn xorb alkoħoliku u xorb mhux alkoħoliku;

168. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżguraw li jkunu maħluqa l-kundizzjonijiet biex kull tifel u tifla jkunu jistgħu jkollhom aċċess għal kull tip u livell ta' servizz tas-saħħa, u fejn ikun meħtieġ li jieħdu miżuri pożittivi biex jgħinu l-gruppi żvantaġġjati biex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn għażliet ta' servizzi tal-kura tas-saħħa li altrimenti kienu jibqgħu esklużi minnhom;

169. Ifakkar li d-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 t'Ottobru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li jkunu welldu reċentement, jew li qed ireddgħu [1] tistipula drittijiet tax-xogħol għal nisa tqal u li qed ireddgħu, li jobbligaw lil min iħaddem li jieħu l-passi xierqa kollha biex jiżgura li la n-nisa u l-anqas it-tarbija fil-ġuf ma jkunu esposti għal xi riskju għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol;

170. Jitlob li ssir riċerka dwar l-effetti ambjentali fuq is-sistemi ormonali, newroloġiċi, psikoloġiċi u immunitarji u li ssir valutazzjoni tagħhom, li fl-ippjanar urban kollu u fl-ippjanar kollu tat-trasport jiġu introdotti testijiet ta' kemm jirrispettaw lit-tfal, li jsir tikkettar pożittiv ta' ġugarelli li ma jkunux maħduma permezz tax-xogħol tal-minorenni;

### *Ir-reġistrazzjoni tat-twelid*

171. Jagħraf id-dritt ta' kull tifel u tifla li jiġu rreġistrati kif jitwieldu bħala għarfien legali ta' l-eżistenza tiegħu/tagħha u tad-dritt tiegħu/tagħha li tikseb nazzjonalità u identità, hu x'inhu s-sess jew l-oriġini etniku tagħhom, jew in-nazzjonalità tal-ġenituri tagħhom jew l-istatus tal-ġenituri tagħhom bħala rifuġjati, immigranti jew bħala persuni li qed ifittxu ażil;

172. Jagħraf li ċ-ċertifikati tat-twelid jgħinu biex iħarsu tifel jew tifla kontra vjolazzjonijiet tad-drittijiet li jinħolqu minn dubji dwar l-età jew l-identità tiegħu/tagħha; jidhirlu li sistemi ta' reġistrazzjoni tat-twelid li jkunu affidabbli jxekklu l-ittraffikar tat-tfal u ta' l-organi tagħhom, irażżnu l-adozzjoni illegali u jevitaw li l-età ta' tifel jew tifla tkun stmata aktar milli fill-fatt hi għall-għanijiet ta' żwieġ bikri, reklutaġġ militari taħt l-età, sfruttament sesswali, xogħol tal-monorenni [2] u t-trattament ġudizzjarju ta' minorenni bħala adulti;

173. Jenfasizza l-fatt li l-"inviżibilità" ta' tfal li m'humiexx irreġistrati żżid il-vulnerabilità tagħhom u l-probabilità li l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tagħhom jgħaddu mingħajr ma ħadd jinduna bihom;

(1) ĠU L 348, 28.11.1992, p.1.
(2) Definit fl-Artikolu 32(1) tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

174. Jikkundanna l-eżistenza f'xi pajjiżi ta' diskriminazzjoni tas-sessi fir-reġistrazzjoni tat-twelid, b'liġijiet u prattiki li qed joperaw li huma kuntrarji għall-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, u li jinkludu ċ-ċaħda tar-reġistrazzjoni għal ommijiet mhux miżżewġa, ir-rifjut tan-nazzjonalità tal-mara u d-diskriminazzjoni fir-reġistrazzjoni ta' bniet mingħajr edukazzjoni skolastika fejn l-aċċess għar-reġistrazzjoni hija bbażata fuq is-sistema edukattiva;

175. Jistieden lill-Kummissjoni u kemm lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tat-tfal kif ukoll lill-organizzazzjonijiet ta' l-għajnuna umanitarja biex jingħaqdu fl-azzjoni biex titqajjem kuxjenza dwar il-ħtieġa li ssir ir-reġistrazzjoni tat-twelid f'pajjiżi terzi; jinnota li n-nuqqas ta' ċertifikat tat-twelid jista' jżomm tfal milli jiksbu għarfien ta' drittijiet possibbli ta' wirt u milli jiksbu aċċess għall-edukazzjoni, servizzi tal-kura tas-saħħa u għall-għajnuna materjali mill-Istat; jitlob li ssir il-promozzjoni ta' miżuri biex jiġi żgurat li servizzi bħal dawn ikunu pprovduti b'mod universali sakemm ikun komplut għal kollox il-proċess tar-reġistrazzjoni uffiċjali;

176. Jitlob lill-Kummissjoni biex tħeġġeġ lill-Istati biex jistabbilixxu sistemi ta' reġistrazzjoni permanenti li jkunu joperaw mil-livell nazzjonali għal dak tal-villaġġi, li jkunu disponibbli mingħajr ħlas għall-popolazzjoni kollha kemm hi inklużi dawk in-nies li jgħixu f'inħawi remoti, permezz tal-provvediment, inter alia, ta' unitajiet mobbli ta' reġistrazzjoni fejn hu xieraq, it-taħriġ adegwat għar-reġistraturi ċivili u l-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti biex jiffinanzjaw dawn l-inizjattivi;

177. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-Komunità u lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw il-koordinament effettiv ta' politiki biex tiġi inkuraġġita r-reġistrazzjoni tat-twelid, b'mod partikulari bl-involviment tan-NU u l-aġenziji dipendenti, bit-tama li jintlaħaq ftehim dwar aġenda komuni li se trawwem rispons effettiv madwar id-dinja kollha;

### *Tfal f'kunflitti armati*

178. Jisħaq fuq il-bżonn kruċjali li jiġu implimentati l-Linji Gwida ta' l-UE dwar Tfal f'Kunflitti Armati;

179. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinkorporaw l-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali ta' Ruma fil-liġijiet nazzjonali tagħhom u biex jinvestigaw, iħarrku u jikkastigaw lil dawk kollha li bi ksur tal-liġi jkunu rreklutaw lit-tfal f'forzi jew gruppi armati, jew li jkunu użawhom għal parteċipazzjoni attiva f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt, sabiex jiżguraw li jkun qed isir kull sforz biex tintemm il-kultura ta' impunità fir-rigward ta' dawk id-delitti;

180. Jilqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni ta' "L-Impenji ta' Pariġi biex it-tfal jiġu mħarsa mir-reklutaġġ jew l-użu illegali minn forzi armati jew minn gruppi armati" ta' l-2007 bħala aġġornament tal-Prinċipji ta' Cape Town ta' l-1997, u jħeġġeġ lill-Istati kollha biex jadottawhom;

181. Jidhirlu li huma meħtieġa miżuri biex jiġi żgurat li tfal li huma mċaħħda mill-libertà tagħhom jiġu trattati f'konformità mal-liġijiet internazzjonali umanitarji u mal-liġijiet tad-drittijiet tal-bniedem, billi jitqies l-istatus speċjali tagħhom bħala tfal, u biex tiġi pprojbita d-detenzjoni tat-tfal ma' l-adulti, ħlief fil-każ ta' ġenituri bit-tfal żgħar; f'dan ir-rigward, jissottolinja l-ħtieġa li jiġu promossi programmi ta' taħriġ sabiex titqajjem kuxjenza fost l-uffiċjali u l-istaff tas-sistemi legali u dawk tal-pulizija tal-pajjiżi fejn l-użu ta' subien u bniet bħala suldati tfal tkun ġiet innutata;

182. Jisħaq fuq il-bżonn li t-tfal jiġu ttrattati f'konformità mar-regoli tal-ġustizzja taż-żgħażagħ kif ukoll il-bżonn li jinsabu alternattivi għall-proċeduri ġudizzjali; jitlob li prosekuturi u avukati speċjalisti taż-żgħażagħ attivi fil-qasam tal-liġi soċjali jassistu lit-tfal fil-qorti; jitlob li jiġu stabbiliti kummissjonijiet tal-verità u tar-rikonċiljazzjoni;

183. Jitlob li ssir ir-reintegrazzjoni, u r-riabilitazzjoni fiżika, soċjali u psikoloġika ta' dawk li kienu suldati tfal u tfal oħra affettwati minn kunflitti armati, l-għaqda tagħhom mill-ġdid mal-familji tagħhom, kura alternattiva għal dawk li l-għaqda mill-ġdid m'hijiex possibbli, korsijiet edukattivi biex ilaħħqu mat-tagħlim li jkunu tilfu u t-tixrid ta' informazzjoni dwar l-HIV/AIDS; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu indirizzati nuqqasijiet speċifiċi fir-reintegrazzjoni tas-suldati bniet, li kultant jiġu mwarrba emarġinati soċjalment, billi jiġu allokati riżorsi speċjali biex jiġu stabbiliti programmi għall-edukazzjoni, is-saħħa sesswali, l-appoġġ psikoloġiku u għall-medjazzjoni tal-familja;

184. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jieħdu azzjoni diplomatika konġunta kull fejn ikun hemm rapporti li tfal qed jiġu rreklutati għal ġo unitajiet militari jew gruppi armati;

185. Jinnota li d-dispożizzjonijiet ta' emerġenza għal tfal fi stati fraġli affettwati minn kunflitti rari jestendu għal edukazzjoni xierqa u jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja attivitajiet edukattivi, inkluża l-implimentazzjoni ta' l-Istandards Minimi mfissra fil-qosor min-Network ta' bejn l-Aġenziji għall-Edukazzjoni waqt l-Emerġenzi, kemm waqt emerġenzi kif ukoll fil-fażi transizzjonali mill-kriżi għall-iżvilupp;

186. Jisħaq li n-nuqqas ta' ftehima formali finali li ttemm kunflitti ffriżati joħloq sitwazzjoni li fiha l-istat tad-dritt huwa ttraskurat u fejn huma kommessi vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem fiz-zoni kkonċernati, u li dan jikkostitwixxi impediment mill-aktar serju kontra l-assigurazzjoni li d-drittijiet kollha tat-tfal huma rrispettati; jitlob li jittieħdu passi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal u l-familji tagħhom f'zoni ta' kunflitt iffriżat;

### *It-tfal u d-demokrazija*

187. Jisħaq fuq id-dritt tat-tfal li jikbru f'soċjetà ħielsa u miftuħa fejn id-drittijiet tal-bniedem u l-libertà ta' l-espressjoni huma rrispettati u fejn is-sentenzi tal-mewt ma jkunux imposti aktar, b'mod partikulari fuq individwi ta' taħt l-età;

188. Jisħaq li l-pożizzjoni tat-tfal fi stati mhux demokratiċi hija waħda prekarja ħafna u jistieden lill-Kummissjoni tagħti kunsiderazzjoni lil dan il-grupp ta' nies;

189. Jistieden lill-Kummissjoni biex tħares lejn il-kwistjoni tat-tqajjim tal-kuxjenza politika tat-tfal u taż-żgħażagħ f'pajjiżi terzi fejn id-demokrazija hija ristretta, sabiex dawn iż-żgħażagħ ikunu jistgħu jiżviluppaw f'ċittadini li jkunu konxji politikament;

190. Jistieden lill-Kummissjoni biex tisħaq fuq l-importanza li ż-żgħażagħ ikunu jistgħu jsemmgħu l-fehmiet tagħhom fuq bażi volontarja permezz ta' organizzazzjonijiet (politiċi) taż-żgħażagħ;

*

* *

191. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lin-Network Ewropew ta' Osservatorji Nazzjonali dwar it-Tfulija (ChildONEurope), lill-Kunsill ta' l-Ewropa, lill-Kumitat għad-Drittijiet tat-Tfal tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-UNICEF, lill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), lill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati (UNHCR) u lill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO).

---

## It-tagħlim għall-Adulti: Qatt ma huwa tard wisq biex titgħallem

P6_TA(2008)0013

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2008 dwar tagħlim għall-adulti: qatt ma huwa tard wisq biex titgħallem (2007/2114(INI))**

(2009/C 41 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Tagħlim għall-Adulti: qatt m'hu tard wisq biex titgħallem" (COM(2006)0614),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1720/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi programm ta' azzjoni fil-qasam tat-tagħlim tul il-ħajja [1],

[1] ĠU L 327, 24.11.2006, p. 45.

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni 2006/962/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2006 dwar sfidi demografiċi u solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Liżbona tat-23 u l-24 ta' Marzu 2000,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 149 sa 150 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tal-25 ta' Settembru 2007 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp ta' statistiki dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim għal tul il-ħajja ([3]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tal-24 ta' Ottubru 2007 dwar il-proposta għal rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif tal-Qafas ta' Kwalifiki Ewropew għal tagħlim għal tul il-ħajja ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2007 dwar l-effiċjenza u l-ugwaljanza f'sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ Ewropej ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-13 ta' Marzu 2007 dwar il-Pjan Direzzjonali għal ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (2006-2010) ([6]) u tas-27 ta' Settembru 2007 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea — 2007 ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-Opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0502/2007),

A. billi t-tagħlim għall-adulti qiegħed isir prijorità politika u jeħtieġ programmi konkreti u xierqa, viżibilità, aċċess, riżorsi u metodi ta' analiżi,

B. billi l-edukazzjoni u t-taħriġ huma fatturi kritiċi sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' l-Istrateġija ta' Liżbona sabiex jiżdiedu t-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività u l-inklużjoni soċjali,

C. billi jeħtieġ li 4 miljun adult addizzjonali jipparteċipaw fit-tagħlim tul il-ħajja sabiex jiksbu r-rata ta' parteċipazzjoni tal-benchmark li sar qbil dwaru mill-Istati Membri fil-qafas tal-proċess ta' l-"Edukazzjoni u Taħriġ 2010",

D. billi sistema ta' tagħlim għall-adulti effiċjenti bi prijoritajiet ċari u implimentazzjoni mmonitorjata, integrata fi strateġiji ta' tagħlim għal tul il-ħajja, tista' tappoġġja l-integrazzjoni lingwistika, soċjali u kulturali ta' gruppi esklużi, bħal emigranti u r-Roma, li bosta minnhom jħallu l-iskola minn kmieni,

E. billi l-investiment fl-edukazzjoni adulta jżid ir-riżultati soċjali u kulturali f'termini ta' żieda fil-benessri u s-sodisfazzjon individwali u fiċ-ċittadinanza attiva,

F. billi l-kontribut essenzjali tat-tagħlim għall-adulti, permezz tal-kisba ta' kompetenzi importanti, huwa essenzjali għall-impjegabilità u l-mobilità fis-suq tax-xogħol u għall-inklużjoni soċjali,

G. billi data effiċjenti hija meħtieġa biex tkun osservata, mqabbla u analizzata l-multipliċità ta' l-alternattivi tat-tagħlim għall-adulti biex ikunu żviluppati politiki,

H. billi l-informazzjoni dwar u l-aċċess għas-sistemi tat-tagħlim tul il-ħajja jvarjaw ħafna minn Stat Membru għal ieħor,

([1]) ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10.
([2]) ĠU C 292 E, 1.12.2006, p. 131.
([3]) *Testi adottati*, P6_TA(2007)0400.
([4]) *Testi adottati*, P6_TA(2007)0463.
([5]) *Testi adottati*, P6_TA(2007)0417.
([6]) *Testi adottati*, P6_TA(2007)0063.
([7]) *Testi adottati*, P6_TA(2007)0423.

I. billi r-rikonoxximent u l-validar ta' tagħlim formali, mhux formali u informali jifformaw il-pedament fi strateġija għal tagħlim għal tul il-ħajja,

J. billi huwa urġenti li ssir konnessjoni bejn it-tagħlim għall-adulti mal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u li jiżdied il-potenzjal tiegħu fir-rigward ta' kompetenzi ewlenin u ta' kompetenzi soċjali u personali.

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni għal Pjan ta' Azzjoni għat-Tagħlim għall-Adulti;

2. Jirrikonoxxi li miżuri għandhom jittieħdu f'livelli varji li fihom, minbarra l-Istati Membri, l-Unjoni Ewropea trid tkun involuta wkoll, biex tippromwovi, issaħħaħ u tistabbilixxi t-tkabbir ta' kultura ta' tagħlim, b'mod speċjali għall-adulti;

3. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jintroduċu kultura ta' tagħlim tul il-ħajja, li primarjament tiffoka fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-adulti, billi jimplimentaw politiki u azzjonijiet maħsuba biex jippromwovu l-kisba ta' l-għarfien, billi jagħmlu dan iżjed attraenti u aċċessibbli, u billi jaġġornaw il-kwalifiki b'mod permanenti;

4. Jenfasizza l-importanza ta' l-ugwaljanza tas-sessi fir-rigward ta' programmi relatati mat-tagħlim għal tul il-ħajja, biex kemm l-irġiel u n-nisa jistgħu jieħdu vantaġġ bl-istess mod tal-possibilitajiet offruti b'tagħlim bħal dan; jistieden lill-Kummissjoni biex tuża l-għodod disponibbli kollha għall-immonitorjar ta' politiki sensittivi ta' l-ugwaljanza tas-sessi fil-preparazzjoni tat-tagħlim għall-adulti, b'koperazzjoni ma' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza tas-Sessi;

***It-titjib tal-motivazzjoni għall-parteċipazzjoni fit-tagħlim għall-adulti***

5. Iħeġġeġ it-titjib fil-promozzjoni ta' l-edukazzjoni adulta sabiex iżjed nies ikunu motivati biex jieħdu sehem f'edukazzjoni bħal din; jikkunsidra li l-edukazzjoni għall-adulti għandha tilgħab rwol ewlieni f'politiki li jippromwovu kultura ġenerali ta' tagħlim, permezz ta' kampanji mill-media u ta' servizzi ta' informazzjoni, ta' gwida u ta' pariri, u b'mod partikulari, b'servizzi ta' informazzjoni, ta' gwida u ta' pariri maħsubin għal gruppi żvantaġġjati; jikkunsidra li, jekk se tkun effettiva, promozzjoni bħal din għandha tkun akkumpanjata b'politiki attivi min-naħa ta' l-Istati Membri li se jagħmluha aktar faċli għal persuni li jikkombinaw l-edukazzjoni max-xogħol u l-ħajja tal-familja;

6. Jaqbel li linji speċjali tat-telefon u websites huma mezz ta' suċċess ħafna li bih tkun promossa l-edukazzjoni għall-adulti;

7. Jikkunsidra li l-promozzjoni tat-tagħrif tal-media b'mod ġenerali u l-edukazzjoni vokazzjonali għandhom l-irwol essenzjali biex tintgħeleb il-qasma diġitali bejn il-ġenerazzjonijiet;

***Data statistika***

8. Huwa tal-fehma li hemm il-ħtieġa ta' data statistika kumparabbli sabiex jiġu żviluppati u ssorveljati politiki fil-qasam tat-tagħlim għall-adulti kif ukoll biex jiġu pprovduti indikazzjonijiet u orjentazzjonijiet għall-Programm integrat tat-Tagħlim Tul il-Ħajja;

9. Jikkunsidra li l-Istħarriġ Ewropew dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti għandu jkun appoġġjat bħala mezz biex tinġabar l-informazzjoni kumparabbli dwar l-edukazzjoni għall-adulti u biex jiġu promossi kunċetti komuni;

10. Jistieden lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri biex jinkuraġġixxu l-iskambju ta' prattiki tajba;

***Ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-familja u t-tagħlim tul il-ħajja u l-provvediment effettiv tat-tagħlim***

11. Ifakkar fl-objettivi tal-Kunsill Ewropew ta' Barċellona tal-15 u tas-16 ta' Marzu 2002 u jenfasizza l-progress imwettaq mill-Istati Membri lejn il-kisba ta' l-objettivi tal-provvediment ta' postijiet ta' nursery u kindergarten u edukazzjoni ta' qabel l-iskola, kif ukoll l-istabbiliment tal-"ġurnata ta' kura tat-tfal u kura ta' persuni dipendenti oħrajn"; jinnota li fl-istess waqt xi Stati Membri jinsabu lura ħafna fl-iskeda biex jilħqu l-objettivi ta' Barċellona;

12. Jinnota li r-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tal-familja max-xogħol u t-tagħlim tul il-ħajja teħtieġ mhux biss iżjed flessibilità fl-immaniġġjar tal-ħin u l-ispazju, iżda wkoll inċentivi soċjali, ekonomiċi u fiskali sabiex ikun promoss l-aċċess ta' l-adulti għall-programmi ta' tagħlim u edukazzjoni;

13. Jenfasizza l-ħtieġa għal użu mtejjeb ta' teknoloġiji ġodda u josserva, f'dan ir-rigward, li l-iżvilupp ta' l-aċċess għall-internet u ta' programmi ta' inklużjoni diġitali mfassla biex jevitaw il-qasma diġitali għandhom ikunu promossi u li sorsi ġodda ta' tagħrif u mezzi ta' tagħlim, bħal programmi ta' tagħlim bid-distanza u l-provvediment ta' positjiet ta' tagħlim għandhom ikunu inkoraġġuti u l-aċċess possibbli għal kulħadd;

14. Jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-aċċess tan-nisa għal teknoloġiji ġodda, inklużi nisa li jgħixu f'zoni remoti u rurali u nisa anzjani, b'hekk jingħataw possibilità ugwali li jikkompetu fis-suq tax-xogħol; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jappoġġja passi li jnaqqsu l-qasma bejn l-irġiel u n-nisa f'termini ta' kwalifiki tekniċi u xjentifiċi;

15. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jitwessa' l-iskop tal-faċilitajiet pubbliċi u privati tal-kura tat-tfal u biex ikunu involuti u inkoraġġuti impjegati, li jistgħu jipprovdu faċilitajiet tal-kura tat-tfal tal-kumpanija u skop għal ġenituri biex jirritornaw għax-xogħol, b'mod partikulari ommijiet, u sabiex il-ġenituri jkollhom l-opportunità li jkomplu bit-taħriġ għal tul il-ħajjawaqt li jkomplu jaħdmu. Jenfasizza wkoll il-ħtieġa għal provvediment imtejjeb ta' faċilitajiet pubbliċi biex jassistu lil min hu dipendenti u lill-anzjani;

### *Solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet (kontra l-"getto tal- etajiet") u solidarjetà interkulturali*

16. Ifakkar li l-bidliet demografiċi se jippreżentaw lill-Istati Membri sensiela ta' sfidi interkonnessi u kumplessi, u li s-soċjetajiet tagħna se jkollhom jiżviluppaw forom ġodda ta' solidarjetà bejn il-kulturi u bejn il-ġenerazzjonijiet;

17. Jipproponi, għalhekk, li tittejjeb it-trażmissjoni u l-iskambju ta' l-għarfien, tal-kapaċitajiet u ta' l-esperjenza ta' l-adulti, b'mod partikulari bejn il-ġenerazzjonijiet, fil-forma ta' skemi ta' taħriġ li jappoġġjaw diversi attivitajiet ta' l-imprenditorija u ta' l-artiġġjanat; jikkunsidra ukoll li huwa importanti li l-għalliema responsabbli jkunu konnessi b'netwerk li permezz tiegħu jkunu jistgħu jaqsmu u jiskambjaw l-informazzjoni;

18. Jenfasizza l-importanza ta' "approċċ ta' tagħlim fil-familja", fejn il-ġenituri jkunu motivati li jkomplu jistudjaw għax ikunu jridu jgħinu lil uliedhom biex jirnexxu fl-iskola;

19. Jappoġġja l-iżvilupp ta' programmi ta' volontarjat f'dak li għandu x'jaqsam mas-sehem li jagħtu fis-solidarjetà bejn il-ġenerazzjonijiet u fir-rikonoxximent ta' l-esperjenza u l-kwalifiki;

20. Jenfasizza l-ħtieġa, fil-kuntest tal-mobilità u tal-koeżjoni soċjali, li jiġu provduti, speċjalment għall-immigranti, opportunitajiet flessibbli għall-edukazzjoni u għall-programmi ta' taħriġ kif ukoll kundizzjonijiet xierqa biex iwettquhom;

### *L-importanza tat-tagħlim tal-lingwi u l-bżonnijiet speċifiċi ta' gruppi f'riskju*

21. Jikkunsidra t-twaqqif ta' ċentri nazzjonali u lokali għall-appoġġ ta' l-immigranti bħala għodda ewlenija li tagħmel disponibbli informazzjoni utli u tipprovdi kjarifika dwar kwistjonijiet konnessi ma' l-integrazzjoni sħiħa ta' l-immigranti fis-soċjetà;

22. Itenni l-importanza li jkun provdut appoġġ akbar għal korsijiet tal-lingwa — b'mod speċjali għal dawk immirati lejn l-emigranti — u biex jinkoraġġixxi t-tagħlim ta' lingwi barranin fost il-popolazzjoni b'mod ġenerali;

23. Jappoġġja l-idea li jitwaqqfu "verifiki tal-kompetenzi" għall-immigranti, għal dawk li ma tantx għandhom kwalifiki u għall-persuni b'diżabilità; jemmen li minbarra li jġibu benefiċċji ekonomiċi, dawn il-verifiki tal-kwalifiki jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-razziżmu, tal-ksenofobija, tad-diskriminazzjoni u ta' l-esklużjoni;

*L-aċċess għal edukazzjoni ogħla*

24. Jikkunsidra li aċċess għal edukazzjoni ogħla għandha tinkludi pubbliku aktar wiesa', inklużi adulti bl-esperjenza tax-xogħol u persuni aktar anzjani, għal liema skop sistemi ta' edukazzjoni għandhom ikunu adattati u magħmula aktar flessibbli; u li miżuri ta' infrastruttura xierqa u provvediment ta' riżorsi ta' persunal iridu jkunu promossi;

25. Jinnota li l-imodernizzar tas-sistemi ta' l-iskejjel sekondarji huwa neċessarju sabiex dawn isiru iżjed kompetittivi, flessibbli, aċċessibbli u effiċjenti;

***It-titjib fil-kwalità, fit-tagħlim u fil-varjetà tal-provvediment***

26. Jenfasizza l-ħtieġa ta' persunal ta' kwalità għolja fil-qasam ta' l-edukazzjoni għall-adulti; jemmen li għandu jingħata appoġġ għal programmi speċifiċi għall-għalliema ta' l-adulti u jinkuraġġixxi t-twaqqif ta' programmi ta' gradi universitarji li jwasslu għal diploma fl-edukazzjoni għall-adulti;

27. Jappoġġja azzjonijiet maħsubin biex iżidu t-trasferiment tal-kompetenzi u l-mobilità fit-tagħlim għall-adulti, bħal:

a) l-implimentazzjoni u t-tkabbir tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki ta' l-EUROPASS;

b) ir-rikonoxximent u l-ivvalidar ta' ħiliet bażiċi, ta' kompetenzi ewlenin, u ta' kwalifiki u edukazzjoni formali, mhux formali u informali sabiex tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tar-riżultati tat-tagħlim, u b'hekk jiġu ffaċilitati s-suċċess fit-tagħlim u t-tranżizzjoni bejn toroq differenti ta' tagħlim;

***Perspettivi ta' impjieg***

28. Jaqbel mal-ħsieb li t-tagħlim għal tul il-ħajja għandu l-irwol importanti l-ewwel u qabel kollox biex itejjeb l-inklużjoni soċjali u l–possibilità ta' impjieg, iżda wkoll fl-iżvilupp personali ta' l-individwu u biex jintgħelbu l-possibilitajiet ta' nuqqas ta' konverġenza fis-suq tax-xogħol u l-kisba tal-mira ta' Lisbona għal rata ta' parteċipazzjoni ogħla għal dawk ta' 'l fuq minn 50 sena, kif ukoll għal kompetittività;

29. Jenfasizza l-importanza tat-tagħlim ta' l-adulti biex tinkiseb il-mira li jinħolqu impjiegi aħjar fl-Ewropa kif ukoll li tittejjeb il-kwalità tal-ħajja u jkun promoss l-iżvilupp individwali, is-sodisfazzjoni personali u ċ-ċittadinanza attiva; jiġbed l-attenzjoni għall-importanza ta' kumpaniji li jipprevedu kompetenzi ġodda u rekwiżiti tas-suq tax-xogħol biex il-provvediment ta' edukazzjoni għall-adulti tirrifletti t-talba għal ħiliet; jinnota li l-kontenut għal edukazzjoni jrid ikun imfassal għal rekwiżiti vokazzjonali u prattiċi; jenfasizza l-importanza ta' l-irwol ta' sħubija soċjali f'dan ir-rigward;

30. Jinnota li t-tagħlim għal tul il-ħajja ma jżidx biss il-possibilità ta' impjieg għal ħaddiema, iżda jżid ukoll l-adattabilità tagħhom kif ukoll il-mobilità ġeografika u vokazzjonali, li hija importanti għall-iffunzjonar tas-suq intern; jenfasizza l-valur tal-promozzjoni tat-tagħlim tat-tieni (u t-tielet) lingwa biex tkun faċilitata aktar mobilità tal-ħaddiem;

31. Jenfasizza l-fatt li livell baxx ta' kwalifika, li hija s-sitwazzjoni attwali ta' terz tal-ħaddiema Ewropej (72 miljun ħaddiem), jimplika riskju għoli ta' qgħad, u li permezz tat-taħriġ l-individwu se jkompli jkollu jew jakkwista kompetenzi meħtieġa biex jiggwadanja xogħol u jtejjeb il-kwalità tiegħu. Jenfasizza l-importanza ta' rikonoxximent u validazzjoni tal-ħiliet akkwistati permezz ta' tagħlim mhux formali u informali, li jipprovdi bażi għall-iżvilupp ta' tagħlim għal tul il-ħajja kemm fl-oqfsa nazzjonali ta' kwalifiki vokazzjonali u kemm fil-Qafas ta' Kwalifiki Ewropew;

32. Jenfasizza l-importanza taċ-ċittadini kollha li jkollhom aċċess u opportunitajiet ugwali biex jieħdu sehem fi programmi ta' tagħlim għal tul il-ħajja; jiddispjaċih f'dan il-kuntest bil-fatt li dawk bl-aktar livelli baxxi ta' edukazzjoni tal-bidu, nisa, immigranti, anzjani, persuni f'zoni rurali u l-persuni b'diżabilità huma dawk li l-anqas għandhom tendenza li jipparteċipaw; u jikkunsidra lijridu jkunu offruti metodi u programmi differenti u adattati; f'dan il-kuntest huwa tal-ħsieb li enfasi speċjali għandha tingħata għal edukazzjoni u taħriġ f'teknoloġiji ġodda għal ħaddiema u l-persuniqegħda, u jistieden lill-Istati Membri biex jappoġġjaw l-użu ta' informazzjoni ġdida u komunikazzjonijiet tat-tekonoloġiji għal skopijiet edukattivi, billi għandhom l–irwol ewlieni biex jiżguraw opportunitajiet ugwali għal kulħadd, jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni għat-tagħlim għal tul il-ħajja, u għal dawk bl-aktar livelli baxxi ta' edukazzjoni li jirċievu promozzjoni u ffinanzjar partikulari;

33. Jenfasizza l-importanza tat-tagħlim ta' l-adulti inklużi l-lingwa u l-ħiliet vokazzjonali biex ikunu integrati l-emigranti u tiżdied il-possibilità tagħhom li jkunu impjegati u tittejjeb il-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol kif ukoll tissaħħaħ l-inklużjoni soċjali tagħhom;

34. Jenfasizza l-importanza li l-imsieħba soċjali jkunu involuti b'mod attiv kif ukoll partijiet oħra li għandhom sehem, inklużi NGOs soċjali, peress li permezz ta' sħubiji soċjali li jiffunzjonaw biss li dawk li jimpjegaw u l-impjegati jistgħu jipproċedu fuq l-istess livell; jikkunsidra li fl-Istati Membri mingħajr struttura żviluppata ta' sħubija soċjali l-ħolqien tagħha għandu jingħata appoġġ;

35. Jenfasizza l-importanza ta' l- Fond Soċjali Ewropew (ESF) u ta' fondi strutturali oħrajn biex jilħaq il-mira ta' tagħlim għal tul il-ħajja għal kulħadd u jħeġġeġ għall-immonitorjar tal-Fondi Strutturali biex ikun żgurat li jkun allokat aktar għal dawk li jeħtieġu l-aktar it-tagħlim għal tul il-ħajja; jiddispjaċih li f'xi Stati Membri ma ingħatawx prijorità u finanzjar biżżejjed biex jiżdied l-aċċess għal opportunitajiet ta' tagħlim għal adulti, b'mod speċjali għal ħaddiema anzjani u ta' ħiliet baxxi; jistieden lill-Istati Membri biex jużaw il-Fondi Strutturali b'mod aktar attiv, u b'mod partikulari l-ESF; jistieden lill-Kummissjoni biex issaħħaħ il-programmi speċifiċi f'dan il-qasam;

36. Jenfasizza li t-titjib tal-provvista tat-tagħlim għal adulti, il-provvediment ta' informazzjoni u l-iffaċilitar li jingħaqqad ix-xogħol mal-ħajja tal-familja huma essenzjali biex tiżdied il-parteċipazzjoni u huma stimulanti jekk ikunu magħquda ma' inċentivi; jinnota li miżuri biex jippromwovu provvediment effettiv jinkludu d-disponibilità ta' siti ta' tagħrif, faċilitar ta' tagħrif fil-post tax-xogħol bl-aġġustament tas-sigħat tax-xogħol, il-provvediment ta' faċilitajiet tal-kura tat-tfal lokalment, servizzi ta' tagħlim bid-distanza għal persuni b'diżabilità jew vulnerabbli f'zoni remoti, informazzjoni u gwidar dwar miżuri tat-tagħlim għal tul il-ħajja u dwar opportunitajiet ta' xogħol, programmi mfassla b'mod speċifiku u disponibilità ta' arranġamenti ta' tagħlim flessibbli; jenfasiżża li tali miżuri jridu jiġu rikonoxxuti wkoll b'mod ġenerali u għandhom jikkontribwixxu għal avvanz professjonali;

37. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri xierqa biex jindirizzaw r-rati baxxi ta' xogħol ta' ħaddiema anzjani, b'mod partikulari dawk li kellhom karrieri atipiċi jew nuqqas ta' ħiliet fl-ICT, u biex jistabbilixxu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex jipprovdu servizzi ta' tagħlim għal tul il-ħajja f'kull livell biex jiffaċilitaw il-progress fix-xogħol, kemm jekk huwa l-ewwel impjieg, kemm jekk huwa ritorn għax-xogħol jew ix-xewqa li jtawwlu l-ħajja tax-xogħol; jikkunsidra li huwa importanti wkoll li kumpaniji jkunu inkoraġġuti, u li jinħolqu inċentivi għal dan il-għan, biex jimpjegaw jew jaħtru impjegati anzjani għal aktar żmien, peress li bħala regola huma kompetenti ħafna, ta' l-esperjenza, effiċjenti u mħarrġa ħafna;

38. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li ħaddiema li huma obbligati li jibdlu l-impjieg tagħhom wara inċident fil-post tax-xogħol jew mard jistgħu jipparteċipaw fit-tkomplija tat-taħriġ u jtejbu l-prospetti tal-karriera tagħhom;

39. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jipprovdu inċentivi ekonomiċi u oħrajn sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu joqgħodu aktar fuq ix-xogħol u biex jenkoraġġixxu lill-min iħaddem jimpjega u jżomm ħaddiema anzjani, billi jipprovdi opportunitajiet ta' tagħlim għal tul il-ħajja u billi jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-kwalità fix-xogħol;

40. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li kull Stat Membru jieħu l-passi legali u finanzjarji meħtieġa biex joffri u jipprovdi aċċess għal tagħlim għal tul il-ħajja għal impjegati kollha u għal dawk li jfittxu x-xogħol;

***Finanzjar***

41. Jistieden lill-investituri biex jiffukaw l-attenzjoni fuq l-iżvilupp ta' programmi, ħiliet u kwalifiki li jippermettu n-nisa li jakkwistaw bażi fil-ħiliet maniġerjali u intraprenditorjali u biex itejbu l-kwalifiki tagħhom bil-ħsieb li javanzaw għal pożizzjonijiet eżekuttivi;

42. Jistieden biex il-prattika tal-finanzjament u l-organizzar ta' tagħlim minn min iħaddem għall-impjegati tagħhom isiru iżjed wesgħin u appoġġjati permezz ta' konċessjonijiet fiskali, minħabba li l-kwalifiki u l-ħiliet ta' l-impjegati huma aspett ewlieni ta' l-innovazzjoni, tal-produttività u tal-kompetittività;

**L-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2008**

43. Jikkunsidra li l-edukazzjoni għall-adulti għandha tilħaq livelli ta' ħiliet għoli fis-setturi kollha permezz ta' attivitajiet edukattivi u kulturali ta' kwalità għolja u mudelli ta' taħriġ, biex tiżgura li t-tagħrif u l-ħiliet ta' l-individwu jkunu jaqblu mat-tibdiliet f'dak li huwa meħtieġ għal ħaddiema u t-tibdiliet fl-organizzazzjoni tax-xogħol u fil-metodi tax-xogħol;

44. Iħeġġeġ il-koordinazzjoni, il-koperazzjoni, l-effiċjenza u t-trasparenza bejn il-miżuri leġiżlattivi u l-oqfsa istituzzjonali, in-networks u l-isħubijiet ta' korpi jew assoċjazzjonijiet istituzzjonali li huma konnessi mat-tagħlim għall-adulti, bl-użu ta' riżorsi finanzjarji lokali, reġjonali u Ewropej (pubbliċi jew privati);

45. Jikkunsidra li huwa essenzjali li jiġu offruti inċentivi finanzjarji li jippermettu li n-nies ikollhom aċċess liberu għat-taħriġ u l-edukazzjoni u għall-benefiċċji li dawn iġibu magħhom; jinnota li inċentivi finanzjarji bħal dawn jistgħu jieħdu l-forma ta' inċentivi fiskali, konċessjonijiet, għotjiet, finanzjament kon-ġunt, jew tnaqqis fit-taxxi jew fl-ispejjeż tas-sigurtà soċjali għal dawk li jimpjegaw li jwaqqfu kundizzjoni tax-xogħol xierqa għat-tagħlim għall-adulti;

46. Japprezza l-importanza ta' taħriġ intern u jenfasizza li trid tingħata prijorità għolja għal intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u negozji żgħar ħafna u kumpaniji ġodda, perezz li dawn huma l-inqas li jistgħu jindirizzaw l-ispejjeż biex iħarrġu l-persunal tagħhom;

47. Jinkoraġġixxi lil dawk li jħaddmu, fil-kunstest ta' responsabilità soċjali tal-kumpaniji, biex jiffinanzjaw programmi ta' taħriġ vokazzjonali li jippromwovi t-tagħlim għal tul il-ħajja, b'mod partikulari għal persunal femminili, bil-ħsieb li l-ħajja tax-xogħol attiva tagħhom tkun estiża u biex jissaħħew l-opportunitajiet tan-nisa għal parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u l-iżvilupp professjonali;

*

* *

48. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri.

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

# Politika aktar effettiva ta' l-UE għan-Nofsinhar tal-Kawkasu

P6_TA(2008)0016

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar politika aktar effettiva ta' l-UE għan-Nofsinhar tal-Kawkasu: mill-wegħdiet għall-azzjoni (2007/2076(INI))**

(2009/C 41 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar in-Nofsinhar tal-Kawkasu u, b'mod partikolari, ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Frar 2004 b' rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew lill-Kunsill dwar il-politika ta' l-UE għan-Nofsinhar tal-Kawkasu [1],

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew, intitolata "Sinerġija tal-Baħar l-Iswed — Inizjattiva ta' Kooperazzjoni Reġjonali Ġdida" (COM(2007)0160),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (COM(2006)0726),

— wara li kkunsidra l-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) adottati ma' l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja,

— wara li kkunsidra l-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija (ENPI), li hu marbut mill-qrib ma' l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni li kienu adottati konġuntament, li jissostitwixxi l-assistenza teknika li s'issa kienet provduta permezz tat-TACIS u l-MEDA,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew u lill-Parlament Ewropew intitolata "Politika dwar l-Enerġija għall-Ewropa" COM(2007)0001,

— wara li kkunsidra l-Konferenza tal-Kummissjoni dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat, li saret fit-3 ta' Settembru 2007,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007 dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat [2],

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 1771 (2006)u r-Riżoluzzjoni 1525 (2006) ta' l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar l-istabbiliment tal-Patt ta' Stabilità għan-Nofsinhar tal-Kawkasu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 dwar politika barranija Ewropea komuni għall-enerġija [3],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu taa-17 ta' Jannar 2008 dwar Approċċ ta' Politika Reġjonali dwar il-Baħar l-Iswed [4],

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsilli Ewropej ta' l-14 u l-15 ta' Diċembru 2006 u tal-21 u t-22 ta' Ġunju 2007, u r-Rapport ta' Progress tal-Presidenza Ġermaniża intitolat "It-Tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat" tal-15 ta' Ġunju 2007,

---

(1) ĠU C 98 E, 23.4.2004, p.193.
(2) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0538.
(3) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0413.
(4) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0017.

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri li ltaqgħu fil-Kunsill dwar is-Sigurtà u l-Iżvilupp tad-19 u l-20 ta' Novembru 2007 u l-impenn ta' l-UE li timplimenta r-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Shubija u Koperazzjoni milħuqa ma' l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja,

— wara li kkunsidra r-Rapport Finali u r-Rakkomandazzjonijiet tad-disa' laqgħa tal-Kumitat għall-Koperazzjoni Parlamentari UE-Armenja (PCC) tat-30 ta' Jannar 2007,

— wara li kkunsidra r-Rapport Finali u r-Rakkomandazzjonijiet tat-tmien laqgħa tal-PCC UE-Ażerbajġan tat-12 ta' Settembru 2007,

— wara li kkunsidra r-Rapport Finali u r-Rakkomandazzjonijiet tad-disa' laqgħa tal-PCC UE-Ġeorġja tas-26 ta' Ġunju 2007,

— wara li kkunsidra l-elezzjonijiet parlamentari riċenti fl-Armenja u fl-Ażerbajġan u r-rapporti ta' osservazzjoni ta' l-OSCE/ODIHR,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1781 (2007) tal-15 ta' Ottubru 2007 dwar il-kunflitt Ġeorġjan-Abkaż u l-estensjoni tal-mandat tal-Missjoni ta' Osservazzjoni tan-NU fil-Ġeorġja,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill 14818/07 dwar is-sitwazzjoni attwali fil-Ġeorġja u 14809/07 dwar il-kundanna ta' Eynulla Fatullayev l-Ażerbajġan,

— wara li kkunsidra l-Inizjattiva ta' Baku għall-iżvilupp tal-koperazzjoni dwar l-enerġija u l-Memorandum ta' Ftehim bejn l-UE u l-Ażerbajġan dwar sħubija strateġika fil-qasam ta' l-enerġija, iffirmat fi Brussel fis-7 ta' Novembru 2006,

— wara li kkunsidra l-impenn ta' l-UE li tippromwovi l-ilħuq ta' l-Għanijiet tal-Millenju għall-Iżvilupp tan-NU u l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp ([1]),

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà intitolata "Ewropa Sikura f'Dinja Aħjar", approvata mill-Kunsill Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2003,

— wara li kkunsidra r-rapporti ta' monitoraġġ ta' l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill ta' l-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A6-0516/2007),

A. billi waqt il-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali li ltaqa' ta' 26 ta' Frar 2001 l-UE ddikjarat ir-rieda tagħha li jkollha rwol politiku aktar attiv fir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Kawkasu, li tfittex modi kif tappoġġja sforzi mmirati lejn il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti fir-reġjun u li tipparteċipa fir-rijabilitazzjoni ta' wara l-kunflitti,

B. billi t-tnedija tal-ferrovija Baku-Tbilisi-Kars se tiftaħ tieqa ġdida bejn ir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Kawkasu, it-Turkija u l-Ewropa tal-Punent, iżda ser żżid ukoll l-iżolazzjoni ta' l-Armenja u b'hekk taħdem kontra l-għanijiet ta' l-ENP u billi, madankollu, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar it-Trasport ser jiġu implimentati u l-Kuritur tat-Trasport tal-pern Ewropa Kawkasu Asja (TRACECA) ser jibqa' l-pern prinċipali transnazzjonali għall-Kawkasu, li jgħaqqad il-pajjiżi kollha fir-reġjun,

([1]) ĠU C 46, 24.2.2006, p.1.

C. billi l-estensjoni ta' l-ENP għall-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja tfisser pass importanti 'l quddiem fl-involviment ta' l-Unjoni fir-reġjun, filwaqt li toħloq il-premessi meħtieġa għal involviment proattiv ta' l-UE fin-Nofsinhar tal-Kawkasu u tipprovdi lill-pajjiżi tar-reġjun b'opportunitajiet għal koperazzjoni eqreb ma' l-UE; billi jeħtieġ li jiġu żviluppati aktar inċentivi biex l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja jiġu mmotivati biex jimxu 'l quddiem fit-triq tar-riformi,

D. billi l-ENP hija bbażata fuq valuri komuni u implimentazzjoni effettiva ta' riformi politiċi, ekonomiċi u istituzzjonali, bl-għan iddikjarat li tinħoloq zona ta' ġirien ħbieb b'demokraziji b'saħħithom ibbażati fuq ekonomiji tas-suq funzjonali u fuq l-istat tad-dritt,

E. billi jeħtieġ li l-ENP tiġi żviluppata sabiex tintlaħaq politika ta' l-UE għar-reġjun li tkun aqwa u aktar effettiva u sabiex tagħti lill-UE l-irwol li tista' twettaq bħala parteċipant għas-sigurtà u għall-istabilità, billi l-UE jeħtieġ li tiżviluppa profil ċar u preżenza aktar b'saħħitha fir-reġjun;

F. billi l-inklużjoni tal-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu fl-ENP iġġib magħha aktar responsabilitajiet u impenji anke min-naħa ta' dawk il-pajjiżi; billi r-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien u l-koperazzjoni reġjonali huma elementi fundamentali ta' l-ENP,

G. billi riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt Nagorno-Karabakh — kunflitt li jaggrava r-relazzjonijiet bejn l-Armenja u l-Ażerbajġan u tal-kunflitti interni tal-Ġeorġja fl-Abkażja u fl-Ossetja tan-Nofsinhar hija essenzjali għall-istabilità fil-viċinat ta' l-UE, kif ukoll għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjun tan-Nofsinhar tal-Kawkasu,

H. billi l-kwistjoni ta' l-internalizzazzjoni ulterjuri tal-kunflitti post-Sovjetiċi mhux riżolti għandha tkun waħda mill-kwistjonijiet ewlenin tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja, sabiex jiġu ttrattati b'mod aktar effettiv il-problemi tal-pajjiżi ġirien komuni,

I. billi s-sinifikat tar-reġjun għall-involviment pożittiv ta' l-UE mhux biss huwa marbut mal-pożizzjoni ġeografika tiegħu bħala zona ta' tranżitu għall-provvisti ta' l-enerġija mill-Asja Ċentrali lejn l-Ewropa, iżda huwa bbażat ukoll fuq l-interess reċiproku li għandhom il-partijiet kollha konċernati, fl-iżvilupp tar-reġjun bil-għan li jissaħħu d-demokrazija, il-prosperità u l-istat tad-dritt u b'hekk jinħoloq qafas vijabbli għall-iżvilupp u l-koperazzjoni reġjonali u inter-reġjonali fl-inħawi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu,

J. billi r-reġjun sar zona fejn tiżvolġi ruħha l-kompetizzjoni bejn l-interessi strateġiċi ta' bosta protagonisti ġeopolitiċi kbar, billi l-Pjanijiet ta' Azzjoni Individwali għas-Sħubija li t-tliet pajjiżi li huma għandhom man-NATO jagħmlu lill-alleanza parteċipant ġdid fir-reġjun

K. billi d-djalogu u l-koordinazzjoni bejn l-UE, ir-Russja u l-Istati Uniti jistgħu jgħinu biex tiġi promossa d-demokrazija, titjieb is-sigurtà ta' l-enerġija u tissaħħaħ is-sigurtà reġjonali fir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Kawkasu,

L. billi l-Ġeorġja u l-Armenja esperjenzaw tkabbir ekonomiku kbir f'dawn l-aħħar snin u l-Ażerbajġan huwa fost l-aktar ekonomiji li qed jikbru malajr fid-dinja, b'żieda ta' 34.5 % fil-GNP fl-2006, primarjament minħabba r-riżervi tiegħu ta' gass u ta' żejt; billi irrispettivament minn dawn ir-rati ta' tkabbir, is-soċjetajiet tat-tliet pajjiżi huma kkaratterizzati minn faqar u qgħad li għadhom għolja ħafna, aċċess limitat għal servizzi soċjali bażiċi, dħul baxx u distribuzzjoni mhux bilanċjata ta' dak id-dħul,

M. billi fin-Nofsinhar tal-Kawkasu għaddejja tellieqa għall-armamenti li qed toħloq instabilità, ikkaratterizzata minn akkumulazzjoni ta' arsenali militari b'rata li m'għandhiex preċedenti;

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

***L-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja fil-qafas ta' l-ENP***

1. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inklużjoni ta' l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja fl-ENP u l-approvazzjoni ta' Pjanijiet ta' Ħidma bilaterali ta' l-ENP mill-Kunsilli ta' Koperazzjoni rilevanti fl-14 ta' Novembru 2006, u jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-isforzi li għadhom għaddejjin sabiex dawn jiġu implimentati, sforzi li għandhom jinkludu fil-proċess lill-partijiet interessati kollha;

2. Jenfasizza li approċċ ta' politika għat-tliet pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu m'għandux jinjora l-karatteristiċi partikulari tat-tliet stati; jappoġġja d-diverenzjar inkorporat fl-applikazzjoni tal-politika ta' l-ENP fir-rigward tal-pajjiżi kkonċernati, u jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu r-relazzjonijiet ta' l-UE ma' dawk il-pajjiżi skond il-merti individwali tagħhom fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Ħidma rilevanti tagħhom ta' l-ENP;

3. Jenfasizza l-pożizzjoni ġeopolitika ta' l-Armenja, il-Ġeorġja u l-Ażerbajġan f'relazzjoni mar-Russja, l-Iran u t-Turkija, u l-interess li qed jiżdied ta' qawwiet ekonomiċi oħra, bħar-Russja, l-Istati Uniti u ċ-Ċina f'din iz-zona; jikkunsidra li huwa ta' l-akbar importanza, għaldaqstant, li l-koperazzjoni man-Nofsinhar tal-Kawkasu tingħata l-ogħla prijorità, mhux l-inqas fi kwistjonijiet marbuta ma' l-enerġija;

4. Jerġa' jafferma li l-għanijiet prinċipali ta' l-UE fir-reġjun huma li l-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu jiġu inkoraġġati jiżviluppaw fi stati miftuħa, paċifiċi, sikuri u stabbli, li kapaċi jikkontribwixxu għal relazzjonijiet tajba mal-ġirien fir-reġjun u għall-istabilità reġjonali, u li lesti jikkondividu l-valuri Ewropej u jiżviluppaw interoperabilità istituzzjonali u legali bejniethom u ma' l-UE; sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jistieden lill-UE biex tiżviluppa politika reġjonali għan-Nofsinhar tal-Kawkasu, li għandha tiġi implimentata konġuntament mal-pajjiżi tar-reġjun, ikkumplimentata b'politiki bilaterali individwali;

5. Jenfasizza li l-ENP kienet imfassla biex il-linji ta' qsim fl-Ewropa jiġu misbuqa permezz ta' estensjoni gradwali taz-zona ta' demokrazija, prosperità u sigurtà; jistieden lill-UE u lill-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu biex jieħdu vantaġġ, permezz tal-ġemellaġġ, l-issekondar u programmi oħra ta' assistenza li huma disponibbli, mill-għarfien u l-esperjenza estensivi miksuba mill-Istati Membri l-ġodda fil-proċess ta' riforma tas-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħhom waqt il-proċess ta' integrazzjoni fl-UE, b'mod partikolari fir-rigward tat-tisħiħ ta' l-awtoritajiet tal-gwardja tal-fruntieri u dawk tad-dwana u fir-rigward ta' l-iżvilupp tal-koperazzjoni reġjonali bejniethom;

6. Jenfasizza li r-reviżjonijiet u l-iffinanzjar ta' l-ENP għandhom jintużaw biex ikunu promossi t-twaqqif ta' l-istituzzjonijiet, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, id-demokratizzazzjoni u l-koperazzjoni reġjonali; jerġa' jafferma l-ħtieġa ta' aktar passi sodi min-naħa ta' l-UE biex jiġu inkoraġġati l-koperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali ġenwini; jistieden lill-Kummissjoni biex tirrapporta regolarment dwar il-progress tal-proċess ta' koperazzjoni reġjonali u biex tadatta l-politiki u l-istrumenti tagħha kif meħtieġ; jistenna b'ħerqa l-iżvilupp ta' relazzjonijiet dejjem aktar kostruttivi bejn l-UE u l-partijiet interessati differenti, b'mod partikulari s-soċjetà ċivili, sabiex tagħmel il-proċess ta' l-ENP aktar dinamiku u trasparenti;

7. Jinnota li, minħabba t-tkabbir mgħaġġel u qawwi fil-GNP tiegħu, l-Ażerbajġan sar donatur ta' għajnuna, filwaqt li donaturi internazzjonali naqqsu b'mod notevoli l-attività tagħhom fil-pajjiż; jipproponi li l-UE għandha tiffoka fuq it-trasferiment ta' l-għarfien tekniku u ta' l-aħjar prattiki fil-qafas tal-programmi Twinning, TAIEX u Sigma (skond l-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija (ENPI);

8. Jikkunsidra li l-politika dwar il-kummerċ hija element ewlieni fl-iżgurar ta' l-istabilità politika u l-iżvilupp ekonomiku li jwassal għal tnaqqis fil-faqar fin-Nofsinhar tal-Kawkasu u li hija kruċjali għal aktar integrazzjoni bejn l-UE u n-Nofsinhar tal-Kawkasu; jenfasizza li fir-rigward tal-politika dwar il-kummerċ, trid tiġi meqjusa d-dimensjoni soċjali;

9. Jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tagħmel studju ta' fattibilità sabiex tiġi evalwata l-possibilità ta' ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Ġeorġja u l-Armenja; jemmen li ftehim bħal dan ikun ta' benefiċċju għall-partijiet kollha; sadanittant, jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jimplimentaw miżuri biex jiżguraw li l-Armenja, il-Ġeorġja u l-Ażerbajġan jibbenefikaw kemm jista' jkun mis-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi, filwaqt li jenfasizza l-importanza li l-Ażerbajġan ikun membru tad-WTO sabiex ikomplu jitjiebu aktar ir-relazzjonijiet kummerċjali bilaterali; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Ażerbajġani biex ikomplu jindirizzaw ix-xkiel li baqa' għall-adeżjoni tiegħu mad-WTO, bħal tariffi doganali għolja, nuqqas ta' trasparenza u nuqqas ta' infurzar tal-liġijiet kummerċjali, korruzzjoni, u nuqqas ta' infurzar tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, u jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli tappoġġja lill-Ażerbajġan fil-proċess tiegħu ta' adeżjoni mad-WTO;

10. Jinnota li l-Ġeorġja tinsab taħt pressjoni kbira minħabba l-embargo ekonomiku Russu, li kien infurzat aktar minn sena ilu, u li għalaq swieq tradizzjonali għal prodotti Ġeorġjani u għaldaqstant ċaħħad numru ta' ċittadini mill-għajxien tagħhom; jenfasizza li l-konklużjoni b'ħeffa ta' ftehim ta' kummerċ ħieles mal-Ġeorġja hija ugwalment importanti biex jissaħħu r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Ġeorġja u biex jittaffew il-konsegwenzi ta' l-embargo Russu fuq il-pajjiż;

11. Jenfasizza li t-tliet stati se jkollhom ikomplu l-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-faqar u jikkonformaw mal-prinċipju ta' l-iżvilupp sostenibbli; jissuġġerixxi li jiġu adottati politiki effiċjenti bil-għan li jnaqqsu l-polarizzazzjoni soċjali, kif ukoll sabiex jiżguraw li jkun hemm aċċess għas-sistemi tas-sigurtà soċjali; jistieden lill-Kummissjoni biex toffri appoġġ ulterjuri lit-tliet pajjiżi fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet nazzjonali tagħhom biex itejbu u jimplimentaw politiki sabiex jitnaqqas il-faqar;

12. Jemmen li l-ENP jipprovdi qafas eċċellenti għall-koperazzjoni reġjonali u sub-reġjonali, bil-għan li jinħoloq spazju ġenwin ta' stabilità u demokrazija kemm fin-Nofsinhar tal-Kawkasu kif ukoll fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed; hu tal-fehma li approċċ bilaterali divrenzjat lejn it-tliet pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu għandu jinkludi dimensjoni multilaterali globali li ġġib magħha l-iżvilupp tal-koperazzjoni reġjonali; għal-daqstant:

— jagħti importanza partikulari għas-sehem attiv u l-inklużjoni ta' l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja fil-proċess ta' implimentazzjoni tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed u proġetti reġjonali relatati;

— jippromwovi t-tfannid ta' djalogu politiku regolari bejn l-UE u l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja;

— jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Ġeorġja u l-Armenja jallinjaw ruħhom mal-parti l-kbira tad-dikjarazzjonijiet u l-pożizzjonijiet tal-Politika Barranija u tas-Sigurtà Komuni ta' l-UE, u jappoġġja d-deċiżjoni li l-Ażerbajġan jiġi involut bl-istess mod;

— iħeġġeġ lit-tliet pajjiżi biex ma jfixklux u biex ma jużawx veto kontra programmi u proġetti transkonfinali ffinanzjati mill-UE li jkollhom l-għan li jerġgħu jistabbilixxu d-djalogu, ikattru l-fiduċja bejn il-partijiet u jindirizzaw problemi reġjonali;

— jitlob li jkun hemm aktar koperazzjoni effettiva bejn it-tliet pajjiżi fil-qafas taċ-Ċentru Ambjentali Reġjonali għan-Nofsinhar tal-Kawkasu;

— jitlob li jkun hemm koperazzjoni msaħħa fl-oqsma tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, u b'mod partikulari fl-immaniġġjar tal-fruntieri, il-migrazzjoni u l-ażil, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar tal-bnedmin u tad-drogi, l-immigrazzjoni illegali, it-terroriżmu u l-ħasil tal-flus;

— jistieden lill-Kummissjoni biex tikkoordina u tappoġġja azzjonijiet mill-Istati Membri li diġà huma involuti fir-riżoluzzjoni ta' kunflitti reġjonali;

13. Ifaħħar ir-riformi politiċi u istituzzjonali interni mwettqa mill-Armenja wara r-riforma kostituzzjonali u fil-kuntest ta' l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-ENP; jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet Armeni biex ikomplu f'din it-triq u biex jagħmlu aktar progress fit-tisħiħ ta' l-istrutturi demokratiċi, l-istat tad-dritt u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem; itlob, b'mod partikulari, biex isiru aktar sforzi fit-twaqqif ta' ġudikatura indipendenti, il-promozzjoni ta' riformi fil-pulizija, fis-servizz ċivili u fit-tmexxija lokali, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħolqien ta' soċjetà ċivili attiva; jinnota l-istqarrija tal-Missjoni Internazzjonali ta' Osservazzjoni Elettorali li tgħid li l-elezzjonijiet parlamentari li saru f'Mejju 2007 b'mod ġenerali kienu konformi ma' impenji internazzjonali; jittama li l-awtoritajiet Armeni jaħdmu mill-qrib ma' l-Organiżżazzjoni tas-Sigurta' u Koperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) u mal-Kunsill ta' l-Ewropa biex jindirizzaw il-kwistjonijiet li baqa', sabiex ikomplu jittejbu l-istandards li diġà intlaħqu u biex ikun garantit b'mod sħiħ li l-elezzjonijiet presidenzjali tad-19 ta' Frar 2008 isiru b'mod ħieles u ġust; jinkoraġġixxi, b'mod ġenerali, il-ħolqien ta' djalogu kostruttiv bejn il-gvern u l-oppożizzjoni bil-għan li jissaħħaħ il-pluraliżmu bħala l-element ewlieni tad-demokrazija; jistieden ukoll lill-awtoritajiet Armeni biex jinvestigaw allegazzjonijiet ta' vjolenza u maltrattament fil-kustodja tal-pulizija u f'istituzzjonijiet penitenzjarji u ta' korruzzjoni u ksur tal-libertà ta' l-espressjoni;

14. Itenni t-tħassib serju tiegħu dwar id-deterjorazzjoni tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertà tal-media fl-Ażerbajġan; jistieden lill-awtoritajiet Ażerbajġani biex jiżguraw il-libertà tal-media, jilqa' pożittivament, f'dan ir-rigward, il-maħfra presidenzjali tat-28 ta' Diċembru 2007 li b'riżultat tagħha, sitt ġurnalisti inħelsu mill-ħabs, u jistieden lill-awtoritajiet ta' l-Ażerbajġan sabiex jeħilsu immedjatament il-ġurnalisti kollha li qegħdin il-ħabs, itemmu l-iffastidjar tal-ġurnalisti, partikolarment fil-forma ta' użu abbużiv tal-liġijiet ta' libell kriminali, u jiddikjaraw moratorju fuq l-użu ulterjuri tal-liġijiet tal-libell kriminali bħala passi biex juru l-impenn tagħhom favur il-libertà ta' l-espressjoni; jistenna li l-awtoritajiet Ażerbajġani isegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill ta' l-Ewropa bil-għan li jiżguraw il-libertà ta' l-assemblea u n-nuqqas ta' restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet tal-partiti politiċi bi tħejjija għall-elezzjonijiet ta'l-2008, u li jiżguraw li l-istandards ta' l-OSCE jiġu osservati b'mod sħiħ; jistieden ukoll lill-awtoritajiet Ażerbajġani biex jipprevjenu l-vjolenza mill-pulizija u jinvestigaw l-allegazzjonijiet kollha ta' maltrattament li jseħħ fil-kustodja; itenni li l-UE lesta tgħin lill-Ażerbajġan sabiex jagħmel ir-riformi relatati mar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija;

15. Jinnota r-riformi estensivi mwettqa mill-Gvern Ġeorġjan wara r-Rivoluzzjoni tal-Warda; jinkoraġġixxi aktar progress fit-tmexxija pluralistika u fid-djalogu bejn il-gvern u l-oppożizzjoni, fl-istat tad-dritt u fil-konformità ma' l-obbligi relatati mad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-indipendenza tal-ġudikatura, tolleranza zero lejn il-vjolenza mill-pulizija, riformi fil-ġustizzja kriminali u titjib fil-kundizzjonijiet ta' detenzjoni; jistieden lill-awtoritajiet Ġeorġjani biex jirrispettaw id-drittijiet tal-proprjetà, il-libertà ta' l-assemblea, il-libertà ta' l-espressjoni, id-drittijiet tal-minoranzi b'konformità mal-Konvenzjoni ta' Qafas għall-Ħarsien tal-Minoranzi Nazzjonali, u l-libertà tal-media; jistenna li l-Ġeorġja tilħaq l-objettivi tal-Pjan ta' Ħidma ta' l-ENP u timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa, sabiex it-tmexxija demokratika tkun sostenibbli fit-tul, b'attenzjoni partikolari għall-pluraliżmu u l-oppożizzjoni, mekkaniżmi inkorporati ta' kontrolli u bilanċi u riformi istituzzjonali;

16. Itenni l-appoġġ kontinwu tiegħu għall-isforzi tal-Ġeorġja sabiex tintroduċi riformi politiċi u ekonomiċi u sabiex isaħħaħ l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħha, inkluża r-riforma tal-Kodiċi Elettorali, u b'hekk tibni Ġeorġja paċifika u prospera li tista' tikkontribwixxi għal stabilità kemm fir-reġjun kif ukoll fil-bqija ta' l-Ewropa; jesprimi tħassib serju dwar l-iżviluppi politiċi fil-Ġeorġja f'Novembru 2007, li eskalaw f'ripressjoni vjolenti mill-pulizija fuq dimostrazzjonijiet paċifiċi, l-għeluq ta' mezzi tax-xandir indipendenti u d-dikjarazzjoni ta' l-istat ta' emerġenza; jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-valutazzjoni ġenerali mill-Missjoni Internazzjonali ta' Osservazzjoni Elettorali kienet li l-elezzjonijiet Presidenzjali li saru fil-5 ta' Jannar 2008 essenzjalment kienu konsistenti mal-parti l-kbira ta' l-impenji u ta' l-istandards għal elezzjonijiet demokratiċi ta' l-OSCE u tal-Kunsill ta' l-Ewropa; iqis li, għalkemm dehru sfidi sinjifikanti li jeħtieġ jiġu indirizzati b'mod urġenti, din l-elezzjoni kienet l-ewwel elezzjoni Presidenzjali ġenwinament kompetittiva li ippermettiti lill-poplu tal-Ġeorġja li jesprimi l-għażla politika tiegħu; jistieden lill-forzi politiċi kollha tal-Ġeorġja sabiex jaħdmu lejn kultura politika demokratika, fejn l-avversarji politiċi huma rispettati u fejn djalogu kostruttiv ikunu immirat li jappoġġja u jikkonsolida l-istituzzjonijiet demokratiċi fraġili tal-Ġeorġja; jistieden lill-awtoritajiet tal-Ġeorġja sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet li ġew innutati fir-rapport preliminarju tal-Missjoni Internazzjonali ta' Osservazzjoni Elettorali qabel l-elezzjonijiet Parlamentari li se jsiru fir-rebbiegħa ta' l-2008:

17. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-elezzjonijiet presidenzjali tal-5 ta' Jannar 2008 kienu paċifiċi, u jqis li dan huwa pass ieħor 'il quddiem lejn il-bini u lejn il-konsolidazzjoni ta' l-istituzzjonijiet demokratiċi fil-Ġeorġja; jistenna li l-president li għadu kemm ġie elett jieħu l-passi meħtieġa għal djalogu kostruttiv ma' l-oppożizzjoni għal dan il-għan; jesprimi, madankollu, it-tħassib tiegħu dwar il-mod ġenerali ta' kif saret il-kampanja elettorali, jiġifieri ambjent polarizzat ħafna u mmarkat minn nuqqas ta' fiduċja u allegazzjonijiet pervażivi ta' vjolazzjonijiet u mill-fatt li l-attivitajiet statali tal-president ta' qabel ġew marbuta b'mod deliberat mal-kampanja elettorali tiegħu, xi ħaġa li tat kontribut sabiex l-ambjent tal-kampanja elettorali kien wieħed u jistieden lill-inekwi awtoritajiet tal-Ġeorġja sabiex jindirizzaw b'mod adegwat u urġenti l-ilmenti kollha dwar il-proċess elettorali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Ġeorġja sabiex iqis kif jixraq ir-rimarki ta' l-osservaturi internazzjonali, bil-għan li jissolvew il-problemi kollha msemmija, u li jagħmlu tħejjija xierqa u b'reqqa għall-elezzjonijiet ġenerali li ġejjin; jistieden lill-forzi ta' l-oppożizzjoni sabiex jaġixxu b'mod responsabbli, jirrispettaw ir-riżultati ta' l-elezzjoni, u jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv fid-dibattitu politiku fl-istituzzjonijiet demokratiċi tal-Ġeorġja;

18. Jenfasizza li l-impenn ċar ta' l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali huwa ta' l-akbar importanza għad-determinazzjoni tar-relazzjonijiet ġejjiena tagħhom ma' l-UE; minn dawk il-pajjiżi jistenna li jilħqu l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni ta' l-ENP u li jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' l-Ewropa f'dan ir-rigward; jitlob lill-Kummissjoni tinnegozja t-twaqqif ta' sottokumitati għad-drittijiet tal-bniedem mat-tliet pajjiżi li huma;

19. Jistenna li l-awtoritajiet ta' l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja jiżguraw il-libertà ta' l-espressjoni, il-libertà ta' l-assemblea u l-libertà tal-media qabel l-elezzjonijiet rispettivi tagħhom fl-2008; jenfasizza li l-ħila ta' dawk il-pajjiżi li jippermettu aċċess ġust u bbilanċjat għall-media, kemm pubblika kif ukoll privata u li jorganizzaw l-elezzjonijiet tagħhom b'konformità ma' standards internazzjonali hija importanti ħafna sabiex ikomplu jissaħħu r-relazzjonijiet tagħhom ma' l-UE;

20. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni li l-Polonja tinħatar biex tagħmilha ta' medjatur f'isem l-UE bejn il-gvern Ġeorġjan u l-media ta' l-oppożizzjoni waqt it-tħejjija għall-elezzjonijiet ta' Jannar 2008; jikkunsidra li l-involviment ta' l-Istati l-Membri l-ġodda, li għandhom rabtiet kulturali u storiċi mill-qrib fir-reġjun, huwa ta' sinifikat kbir;

21. Jenfasizza l-importanza li s-soċjetà ċivili tiġi appoġġjata u li tissaħħaħ il-kapaċità tagħha, u li jiġu żviluppati kuntatti bejn il-popli fil-promozzjoni tad-demokrazija u ta' l-istat ta' dritt; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tagħmel użu sħiħ mill-opportunitajiet offruti mill-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem sabiex, inter alia, tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni ta' l-ENP; jenfasizza li l-proċess ta' l-ENP, u b'mod partikulari l-monitoraġġ ta' l-implimentazzjoni tiegħu, irid jkun miftuħ għall-koperazzjoni u l-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħti eżempju billi tistabbilixxi mekkaniżmi konkreti għall-konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-fondi jiġu mqassma b'mod ġust mingħajr indħil b'motivazzjoni politika; jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa linji gwida għall-awtoritajiet lokali u reġjonali dwar l-irwol speċifiku tagħhom fl-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' l-ENP;

22. Jenfasizza l-importanza tal-koperazzjoni fil-qasam tal-libertà tal-moviment bejn il-fruntieri ta' l-UE u l-ġirien tagħha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jaraw li s-Sottokumitat tal-Ġustizzja, Liberta' u Sigurta' bejn l-UE u l-Ġeorġja jibda jopera malajr kemm jista' jkun u biex jieħdu l-passi neċessarji għat-tnedija tan-negozjati dwar ftehim dwar ir-rijammissjoni u l-faċilitazzjoni tal-viżi bejn l-UE u l-Ġeorġja u għall-iffirmar ta' ftehim ta' sħubija dwar il-mobilità ma' l-UE, filwaqt li jenfasizza l-effetti negattivi tad-dewmien fuq is-sejba ta' soluzzjoni tal-kunflitti interni fil-Ġeorġja u jinnota d-diffikultajiet ikkawżati mid-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet Russi li jagħtu passaporti Russi lill-persuni li jgħixu fl-Abkażja u fl-Ossetja tan-Nofsinhar; jappoġġja l-bidu tan-negozjati dwar il-ftehim ma' l-Armenja u l-Ażerbajġan; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex isaħħu l-koperazzjoni sabiex titjieb l-effiċjenza tas-servizzi konsulari fil-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu u biex iħaffu l-ħolqien ta' Ċentri Komuni ta' Applikazzjoni għall-Viżi; jappoġġja l-esplorazzjoni ta' inizjattivi supplimentari fl-iżvilupp ta' approċċ globali dwar il-migrazzjoni fl-Ewropa tal-Lvant u tax-Xlokk;

23. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex minn lat finanzjarju tinkoraġġixxi l-preżenza ta' NGOs Ewropej fl-Armenja, fl-Ażerbajġan u fil-Ġeorġja, sabiex iferrxu l-għarfien u l-esperjenza tagħhom fil-ħolqien ta' soċjetà ċivili organizzata;

24. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħmel kull sforz sabiex tlaqqa' flimkien lill-NGOs u lir-rappreżentanti tas-soċjetajiet ċivili fit-tliet pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu sabiex jiġi faċilitat id-djalogu, jiġi mrawwem il-fehim reċiproku u jiġu trattati b'reqqa il-problemi tar-reġjun; jistieden lill-awtoritajiet tal-pajjiżi relevanti sabiex ma jostakolawx kwalunkwe inizjattiva ta' dan it-tip;

25. Jenfasizza l-fatt li l-faċilitazzjoni tal-moviment tal-persuni hija marbuta ma' fruntieri sikuri, u jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tippromwovi l-koperazzjoni reġjonali fin-Nofsinhar tal-Kawkasu fil-qasam ta' l-immaniġġjar integrat tal-fruntieri; jenfasizza l-ħtieġa li jkunu faċilitati b'mod effiċjenti r-rekwiżiti tal-viża għat-traffiku lokali fuq il-fruntieri; jirrealizza li r-rieda t-tajba miż-żewġ naħat hija prerekwiżit għall-koperazzjoni matul il-fruntieri kollha tal-Ġeorġja mar-Russja; jenfasizza l-importanza tat-trasparenza baġitarja u dik tad-dħul fl-assigurazzjoni li l-infiq tal-gvern jagħti kont liċ-ċittadini ordinarji;

26. Jistieden lit-tliet pajjiżi sabiex iżidu l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u fit-twaqqif ta' klima favorevoli għall-investiment u n-negozju; jenfasizza l-importanza tat-trasparenza baġitarja bil-għan li tiggarantixxi r-responsabilità tal-gvern għan-nefqa pubblika; jenfasizza li l-iżvilupp tad-drittijiet tal-proprjetà huwa fundamentali għat-tkabbir ta' intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u għal żvilupp ekonomiku sostenibbli; jinkuraġġixxi l-promozzjoni ta' riformi ekonomiċi tas-suq immirati sabiex iżidu l-kompetittività u jikkonsolidaw is-settur privat; jappoġġja l-armonizzazzjoni u l-intensifikazzjoni ulterjuri ta' miżuri ta' liberalizzazzjoni b'konformità mal-prinċipji tad-WTO; jenfasizza l-importanza li jkun żgurat li r-riformi ekonomiċi ikunu akkumpanjati minn miżuri soċjali xierqa;

27. Jistieden lill-awtoritajiet tat-tliet pajjiżi biex jiżguraw li l-miżuri li jittieħdu fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni ma jintużawx għal għanijiet politiċi u li l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-proċessi kriminali jsiru b'mod ġust u trasparenti;

28. Jinnota li l-kunflitti mhux riżolti post-Sovjetiċi u n-nuqqas ta' sigurtà li dawn joħolqu wasslu għal żieda fl-infiq militari fl-istati tar-reġjun, u b'hekk laqtu ħażin l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħhom; għaldaqstant jistieden lill-istati fir-reġjun sabiex ma jibqgħux iżidu n-nefqa militari tagħhom;

***Ir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti***

29. Jikkunsidra li s-sejba ta' soluzzjoni paċifika għall-kunflitti post-Sovjetiċi li għadhom ma ġewx rilżolti hija ċ-ċavetta biex jintlaħqu l-istabilità politika u l-iżvilupp ekonomiku fin-Nofsinhar tal-Kawkasu, kif ukoll f'kuntest reġjonali aktar wiesa'; jenfasizza l-fatt li l-UE għandha rwol importanti biex tikkontribwixxi għall-kultura ta' djalogu u ftehim fir-reġjun u biex tiżgura li jkun hemm implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (2000), liema riżoluzzjoni hija msemmija hawn fuq; jippromwovi l-użu ta' programmi u djalogu transkonfinali fost is-soċjetajiet ċivili bħala għodod għat-trasformazzjoni tal-kunflitti u għall-ħolqien tal-fiduċja bejn il-linji ta' diviżjoni; b'mod speċjali jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi tal-Kummissjoni biex tagħti l-għajnuna u informazzjoni lill-Abkażja u lill-Ossetja tan-Nofsinhar; jappoġġja l-inizjattiva tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE għan-Nofsinhar tal-Kawkasu, is-Sur Peter Semneby li jiftaħ Uffiċċji ta' Informazzjoni fiż-żewġ reġjuni; jitlob lill-Kummissjoni u s-Sur Semneby sabiex jagħtu l-istess tip ta' għajnuna u informazzjoni lin-Nagorno-Karabakh;

30. Jiċħad kull attentat mis-setgħat barranin immirati lejn il-ħolqien ta' sferi esklussivi ta' influwenza; jappella għal involviment kostruttiv mal-pajjiżi kollha fir-rapporti mal-ġirien komuni u iħeġġeġ lir-Russja sabiex ma topponi l-ebda involviment mill-UE fl-operazzjonijiet ta' mmaniġġjar tal-kunflitt u ta' żamma tal-paċi fin-Nofsinhar tal-Kawkasu;

31. Jinnota li l-kontradizzjoni bejn il-prinċipji tat-tmexxija ħielsa u indipendenti u l-integrità territorjali tikkontribwixxi għat-tkomplija tal-kunflitti mhux riżolti post-Sovjetiċi fir-reġjun tan-Nofsinhar tal-Kawkasu; jikkunsidra li din il-problema tista' tingħeleb biss bis-saħħa ta' negozjati fuq il-bażi tal-prinċipji mħaddna fil-Karta tan-NU u fl-Att Finali ta' Ħelsinki u fi ħdan il-qafas ta' l-integrazzjoni reġjonali; jinnota li dan il-proċess ma jistax iseħħ mingħajr l-appoġġ tal-komunità internazzjonali, u jistieden lill-UE sabiex tniedi miżuri għal dak il-għan; barra minn hekk jikkunsidra li t-titjib fir-relazzjonijiet bejn l-etniċitajiet, fuq il-bażi

ta' l-istandards Ewropej, u t-tisħiħ tad-drittijiet tal-minoranzi b'mod li tissaħħaħ il-koeżjoni ċivika ta' l-istati fin-Nofsinhar tal-Kawkasu huma meħtieġa sabiex tinkiseb soluzzjoni nnegozjata għall-kunflitti fir-reġjun;

32. Itenni l-appoġġ bla kundizzjonijiet tiegħu għall-integrità territorjali u għall-invjolabilità tal-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment tal-Ġeorġja u jappoġġja l-isforzi kontinwi magħmula mill-awtoritajiet Ġeorġjani biex jaslu għal soluzzjoni għall-kunflitti interni tagħha fl-Abkażja u fl-Ossetja tan-Nofsinhar; jesprimi dispjaċir, madankollu, dwar ir-retorika aggressiva kontinwa li qed tintuża mill-partijiet fir-rigward tat-tilwimiet, u jappoġġja l-appell mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-irduppjar ta' l-isforzi biex tiġi evitata azzjoni li tista' twassal sabiex fl-Abkażja l-ġlied jerġa' jibda mill-ġdid; jinkuraġġixxi l-partijiet sabiex jagħmlu użu mid-djalogu u negozjati bil-għan li jiksbu ftehim aħħari fil-kunflitt fl-Ossetja tan-Nofsinhar; jistieden lill-awtoritajiet de facto u lill-protetturi tagħhom biex jipprovdu kundizzjonijiet sikuri għar-ritorn ta' persuni li ġew imċaqalqa internament (IDPs) u biex jirrispettaw l-invjolabilità tad-drittijiet tal-proprjetà fiz-zoni tal-kunflitt, skond ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU 1781 (2007) msemmija hawn fuq; jenfasizza li s-sejba ta' soluzzjonijiet sodisfaċenti għall-kwistjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, bħar-ritorn ta' l-IDPs u tal-proprjetà tagħhom u l-investigazzjoni xierqa min-naħat kollha ta' delitti tal-gwerra u każijiet ta' persuni nieqsa, se jkollhom rwol ewlieni fl-ilħuq ta' kwalunkwe soluzzjoni dejjiema; jistieden lill-partijiet kollha sabiex jerġgħu lura għall-mejda tan-negozjati; u jilqa' l-ewwel laqgħa ta' livell għoli bejn l-uffiċjali Ġeorġjani u Abkażi, li saret dan l-aħħar wara waqfa twila;

33. Hu tal-fehma li aktar dewmien għal soluzzjoni tal-kunflitt ta' Nagorni-Karabakh ma jkun ta' ġid għall-ebda naħa involuta iżda jpoġġi l-istabbilità reġjonali fil-periklu u jfixkel il-progress politiku u ekonomiku reġjonali; itenni r-rispett u l-appoġġ bla kundizzjonijiet tiegħu għall-integrità territorjali u għall-fruntieri rikonoxxuti internazzjonalment ta' l-Ażerbajġan kif ukoll għad-dritt ta' awto-determinazzjoni tal-poplu, skond il-Karta tan-NU u ta' l-Att Finali ta' Helsinki; b'urġenza jistieden lill-Armenja u lill-Ażerbajġan biex jaħtfu kwalunkwe opportunità għar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt Nagorno-Karabakh; itenni l-appoġġ qawwi tiegħu għall-Grupp ta' Minsk ta'l-OSCE iżda jiddispjaċih li ma kien hemm ebda progress sostanzjali fin-negozjati; jistieden lill-partijiet sabiex japplikaw ir-riżoluzzjonijiet relevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, b'mod partikulari li jippermettu lir-refuġjati u lill-IDPs kollha jmorru lura lejn djarhom b'sikurezza u b'dinjità; iwissi kontra kwalunkwe retorika militanti u provokattiva li tista' ddgħajjef il-proċess tan-negozjati;

34. Jiddispjaċih li l-isforzi sabiex it-tliet pajjiżi fir-reġjun jitressqu viċin xulxin qed jiġu mfixkla minħabba li l-kunflitti jibqgħu mhux solvuti minħabba talbiet territorjali u separatiżmu; jenfasizza li z-zoni ta' kunflitt spiss jintużaw bħala mkejjen ta' protezzjoni għall-kriminalità organizzata, il-ħasil tal-flus, it-traffikar ta' droga u l-kuntrabandu ta' l-armi;

35. Ifakkar lill-awtoritajiet konċernati li r-refuġjati u l-IDPs m'għandhomx jintużaw bħala għodod fil-kunflitti; jitlob azzjoni deċiżiva biex jittejbu l-kundizzjonijiet ta' l-għajxien u s-sitwazzjoni soċjali ta' l-IDPs qabel ma dawn jingħataw id-dritt tal-bniedem tagħhom li jmorru lura lejn djarhom;

36. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jipprovdu appoġġ finanzjarju għall-isforzi ta' l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja sabiex ilaħħqu mas-sitwazzjoni tar-rifuġjati u tal-persuni mċaqalqa, billi jgħinu sabiex jiġu rrinovati il-bini u jinbnew it-toroq, l-infrastruttura tal-provvista ta' l-ilma u ta' l-elettriku, sptarijiet u skejjel, sabiex dawn il-komunitajiet ikunu integrati b'mod aktar effettiv, filwaqt li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tar-reġjuni fejn huma jgħixu, mingħajr ma tiġi minsija l-popolazzjoni lokali, li spiss ukoll ikunu qed jgħixu taħt il-livell tal-faqar; jenfasizza l-importanza li tiġi indirizzata l-problema ta' l-għadd kbir ta' mini għal kontra l-persuni li rriżultaw mill-kunflitt fin-Nagorno-Karabakh, li għadhom s'issa jdarrbu, u kultant joqtlu, lin-nies;

37. Jistieden lill-esponenti ewlenin fir-reġjun sabiex ikollhom irwol kostruttiv fir-riżoluzzjoni ta' kunflitti mhux riżolti post-Sovjetiċi fir-reġjun u biex jieħdu passi biex iġibu għan-normal ir-relazzjonijiet tagħhom mal-ġirien; itenni t-talba tiegħu lit-Turkija sabiex tinvolvi ruħha fi sforzi serji u intensivi għar-riżoluzzjoni ta' tilwim eżistenti mal-ġirien kollha tagħha, skond il-karta tan-NU, ir-riżoluzzjonijiet relevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u konvenzjonijiet internazzjonali relevanti oħra, u jinkludu diskussjoni sinċiera u miftuħa tal-ġrajjiet tal-passat; itenni t-talba tiegħu lill-Gvernijiet tat-Turkija u l-Armenja sabiex jibdew il-proċess ta' rikonċiljazzjoni għall-preżent u l-passat, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiffaċilita dan il-proċess filwaqt li tieħu vantaġġ mill-koperazzjoni reġjonali li saret fi ħdan l-ENP u l-politika tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex jindirizzaw il-ftuħ tal-fruntiera Torka ma' l-Armenja ma' l-awtoritajiet taż-żewġ pajjiżi;

38. Jissuġġerixxi t-twaqqif ta' Konferenza 3+3 dwar is-sigurtà u l-koperazzjoni fin-Nofsinhar tal-Kawkasu, li tkun magħmula, minn naħa t-tliet pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu, u min-naħa l-oħra l-UE, l-Istati Uniti u r-Russja, sabiex tiġi diskussa l-kwistjoni tas-sigurtà u tal-koperazzjoni reġjonali fin-Nofsinhar tal-Kawkasu, bl-akbar attenzjoni tmur fuq il-ħolqien ta' l-ambjent xieraq li fih jistgħu jissolvew il-kunflitti post-Sovjetiċi mhux riżolti fir-reġjun;

***Koperazzjoni fl-enerġija u fit-trasport***

39. Jagħti sinifikat kbir lill-ftuħ tal-pipeline tal-gass Baku-Tbilisi-Erzurum, u l-pipeline taż-żejt Baku-Tbilisi-Ceyhan, u jenfasizza l-importanza tal-proġetti tal-kuritur ta' l-enerġija Trans-Kaspjan, li għandhom jikkontribwixxu għall-iżvilupp ekonomiku u kummerċjali fir-reġjun u li għandhom isaħħu s-sikurezza, is-sigurtà u d-diversifikazzjoni tal-provvisti ta' l-enerġija u tas-sistemi ta' tranżitu mill-Ażerbajġan u mill-baċir tal-Kaspju għas-suq ta' l-UE kif ukoll jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-politika barranija komuni Ewropea dwar l-enerġija; madankollu, jitlob b'mod qawwi lill-pajjiżi involuti u lill-Kummissjoni sabiex jinkludu lill-Armenja pipeline tal-gass Baku-Tbilisi-Erzurum u fil-proġetti tal-kuritur ta' l-enerġija Trans-Kaspjan b'konformità ma' l-objettiv ta' koperazzjoni reġjonali promoss mill-ENP;

40. Jenfasizza l-importanza li titfannad is-sħubija dwar l-enerġija bejn l-UE u l-Ażerbajġan kif maħsub fil-Memorandum ta' Fehim tas-7 ta' Novembru 2006 msemmi hawn fuq, u jilqa' d-dispożizzjoni tal-Gvernijiet ta' l-Ażerbajġan u tal-Ġeorġja sabiex ikomplu jkollhom rwol fil-promozzjoni ta' provvista ta' l-enerġija bbażata fuq is-suq u tad-diversifikazzjoni tat-transitu fir-reġjun, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod sostanzjali għas-sigurtà Ewropea fl-enerġija;

41. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-Rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' trasport msemmi hawn fuq, intitolat 'Network għall-Paċi u l-Iżvilupp', u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, intitolata 'L-Estenzjoni ta'l-Assi Prinċipali tat-Trasport għall-Pajjiżi Ġirien (COM(2007)0032); itenni l-appoġġ tiegħu għall-ħolqien ta' infrastruttura ġdida u kuriduri ta' trasport vijabbli li jiddiversifikaw kemm il-fornituri kif ukoll ir-rotot, bħalma huma l-kuridur ta' l-enerġija tat-Trans-Kaspju/trans-Baħar l-Iswed u l-pipeline Nabucco, kif ukoll il-proġetti INOGATE (Trasport Intrastatali tal-Gass u taż-Żejt lejn l-Ewropa) u TRACECA li jikkollegaw ir-reġjuni tal-Baħar l-Iswed u tal-Baħar tal-Kaspju;

42. Jinnota l-emerġenza ta' realtà ġdida li fiha l-bidla fil-klima u s-sigurtà tal-provvista huma elementi ta' l-akbar importanza; jirrikonoxxi li l-ħolqien ta' diversità fil-provvista huwa importanti ħafna u jista' biss jinkiseb permezz ta' koperazzjoni msaħħa ma' stati ġirien, l-aktar dawk tan-Nofsinhar tal-Kawkasu u tar-reġjuni ta' l-Asja Ċentrali, u jinkoraġġixxi l-iżvilupp reġjonali u inter-reġjonali; jikkunsidra li t-twettiq tal-proġetti ta' diversifikazzjoni ta' l-enerġija għandu jkun wieħed mill-prijoritajiet ta' ENP msaħħa, u jappella għal appoġġ imsaħħaħ għal titjib fil-klima favorevoli għall-investiment u tal-qafas regolatorju, ibbażat fuq il-prinċipji tat-Trattat tal-Karta ta' l-Enerġija, fl-oqsma ta' l-enerġija tal-pajjiżi produtturi u dawk ta' transitu;

43. Jinnota li r-riservi tal-gass u taż-żejt ta' l-Ażerbajġan huma stmati li jistgħu jiġu sfruttati għall-ħmistax jew l-għoxrin sena li ġejjin; jinnota li, skond estimi riċenti, il-meded fejn jinsab iż-żejt taħt il-Baħar tal-Kaspju fihom madwar 14-il biljun barmil żejt u r-riżorsi tal-gass jammontaw għal madwar 850 sa 1370 biljun metru kubu; jirrikonoxxi li jridu jsiru sforzi sabiex il-pajjiż jevita l-iżvantaġġi tas-'saħta tar-riżorsi'; jenfasizza, għaldaqstant, l-importanza ta' alternattivi sostenibbli, kemm mil-lat politiku kif ukoll minn dak ekonomiku; jistieden lill-Gvern Ażerbajġan biex jieħu l-passi neċessarji biex idaħħal fis-seħħ il-qafas leġiżlattiv u operattiv meħtieġ sabiex jagħmilha possibbli li l-għajnuna ta' l-UE fil-qasam ta' l-enerġiji li jiġġeddu u l-effiċjenza ta' l-enerġija tkun tista' tintuża bl-aħjar mod;

44. Jilqa' b'sodisfazzjon u b'interess il-proposta tal-Kummissjoni li twettaq studju ta' vijabilità dwar il-possibilità ta' 'Ftehim mal-Ġirien fil-Qasam ta' l-Enerġija', u għal dan il-għan, jinkuraġġixxi lill-pajjiżi imsieħba fl-ENP sabiex jirrispettaw il-liġi internazzjonali u l-impenji li huma daħlu għalihom fis-swieq dinjin;

45. Jappoġġja l-isforzi magħmula mill-Gvern Armen għall-għeluq bikri ta' l-installazzjoni l-qadima ta' l-impjant ta' l-enerġija nukleari ta' Medzamor u lejn is-sejba ta' soluzzjonijiet alternattivi vijabbli għall-provvista ta' l-enerġija, kif mitlub mill-UE, iżda jesprimi t-tħassib tiegħu għad-deċiżjoni tal-gvern li jibni installazzjoni ġdida fl-istess impjant li jinsab f'żona sismika, u jinkuraġġixxi lill-awtoritajiet Armeni sabiex isibu soluzzjonijiet alternattivi għall-provvista ta' l-enerġija;

46. Jirrakkomanda li l-koperazzjoni fl-enerġija għandha tieħu kont ukoll tal-ħtiġijiet u tal-benefiċċji ta' l-enerġija tal-pajjiżi, l-aktar f'dak li huwa aċċess għall-enerġija; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-proġetti fil-qasam ta' l-enerġija ffinanzjati mill-għajnuna ta' l-assistenza uffiċjali għaż-żvilupp skond l-ENPI għandhom impatt dirett fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-benefiċċju tal-popolazzjoni lokali; jistieden lill-Kummissjoni sabiex isaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-isforzi tat-tliet pajjiżi sabiex jiġġieldu l-bidla fil-klima u tesplora soluzzjonijiet konkreti li jindirizzaw il-produzzjoni ineffiċjenti ta' l-enerġija u x-xejriet tal-konsum, inkluż permezz tat-trasferiment ta' teknoloġiji;

47. Jinnota inizjattivi inter-reġjonali bħall-proġett Ferrovjarju Baku-Tbilisi-Kars; jemmen li din l-inizjattiva tiftaħ il-bieb għall-integrazzjoni ekonomika u politika aħjar ta' din il-parti tad-dinja fl-ekonomija Ewropea u internazzjonali, u li ser tikkontribwixxi għal żvilupp ekonomiku u kummerċjali fir-reġjun; jenfasizza, madankollu, li l-proġett ma jużax il-kollegament ferrovjarju eżistenti u kompletament operattiv fl-Armenja; iħeġġeġ lir-repubbliki tan-Nofsinhar tal-Kawkasu u lit-Turkija biex iħaddnu politiki ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali u biex iżommu lura milli jwettqu proġetti reġjonali fil-qasam ta' l-enerġija u tat-trasport li jikkunsidrau biss il-ġejjieni immedjat u li jkunu politikament motivati u li jiksru l-prinċipji ta' żvilupp fis-sod ta' l-ENP;

***Rimarki oħra***

48. Itenni s-sejħa tiegħu għal rapporti regolari mir-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE għall-Kawkasu tan-Nofsinhar, inkluż ir-rapport komprensiv finali ppreżentat fl-aħħar tal-missjoni, li għandu jsir disponibbli għall-Parlament;

49. Jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Mejju 2007 biex ittejjeb il-livell tad-delegazzjoni tagħha f'Yerevan u biex tiftaħ delegazzjoni f'Baku sa l-aħħar ta' l-2007; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li dawk id-delegazzjonijiet isiru operattivi mingħajr aktar dewmien;

50. Jikkunsidra li huwa ferm importanti li tissaħħaħ il-viżibilità tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-UE għan-Nofsinhar tal-Kawkasu sabiex tittejjeb il-komunikazzjoni ta' l-istrateġija Ewropea għall-pajjiżi rispettivi u għaċ-ċittadini tagħhom; jikkunsidra li, f'dan ir-rigward, l-inklużjoni attiva tas-soċjetà ċivili hija ta' importanza kbira;

51. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill sabiex, fuq il-bażi tal-kisbiet individwali ta' pajjiż partikulari, jikkunsidrau ftehim imtejba ġodda mal-pajjiżi konċernati;

52. Jistieden lill-parlamenti tal-pajjiżi rispettivi biex isaħħu r-rappreżentanzai ta' l-oppożizzjoni parlamentari fid-delegazzjonijiet tagħhom għall-PCCs u jappoġġja żieda fil-koperazzjoni parlamentari reġjonali, inkluża l-Assemblea Parlamentari tal-Koperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed u l-Inizjattiva Parlamentari tan-Nofsinhar tal-Kawkasu;

53. Jenfasizza l-ħtieġa li jintużaw organizzazzjonijiet multilaterali eżistenti u li jissaħħu l-azzjonijiet reċiproċi bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tan-Nofsinhar tal-Kawkasu;

54. Jerġa' jafferma l-ħtieġa ta' koordinazzjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE ma' atturi oħra bilaterali u multilaterali, sabiex ikun żgurat li jkun hemm konsistenza bejn il-Pjanijiet ta' Azzjoni u l-impenji magħmula lill-Kunsill ta' l-Ewropa, lill-OSCE, lin-NATO u lin-NU;

55. Jenfasizza l-importanza tar-reġjun tan-Nofsinhar tal-Kawkasu għall-UE u l-bżonn li l-implimentazzjoni tad-diversi Pjanijiet ta' Ħidma ta' l-ENP tkun segwita mill-qrib mill-Parlament;

*
* *

56. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti ta'l-Istati Membri u ta' l-Armenja, l-Ażerbajġan u l-Ġeorġja, u lill-gvernijiet tat-Turkija, l-Istati Uniti, u lill-Federazzjoni Russa, u lis-Segretarju Generali tan-NU.

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

# Approċċ Politiku Reġjonali għall-Baħar l-Iswed

P6_TA(2008)0017

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar Approċċ Politiku Reġjonali għall-Baħar l-Iswed (2007/2101(INI))**

(2009/C 41 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem ta' "Sinerġija tal-Baħar l-Iswed — Inizjattiva ta' Kooperazzjoni Reġjonali Ġdida" (COM(2007)0160),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem ta' "Koperazzjoni reġjonali fiz-zona tal-Baħar l-Iswed: Sitwazzjoni, perspettivi għall-azzjoni ta' l-UE bħala inkoraġġament għall-iżvilupp ulterjuri tagħha" (COM(1997)0597),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (COM(2006)0726),

— wara li kkunsidra l-Pjanijiet ta' Azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (ENP) adottati ma' l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna, kif ukoll il-Ftehim ta' Sħubija u ta' Koperazzjoni (PCAs) iffirmati ma' dawk l-Istati u li jiskadu fl-2008 jew fl-2009,

— wara li kkunsidra l-PCA li twaqqaf sħubija bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa, u l-Federazzjoni Russa, fuq in-naħa l-oħra, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 1997 u skadiet fl-2007,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/35/KE tat-23 ta' Jannar 2006 dwar il-prinċipji u l-kundizzjonijiet li jinsabu fis-Sħubija ta' Adeżjoni mat-Turkija [1] ("Is-Sħubija ta' Adeżjoni"),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Repubblika tal-Moldova, il-Federazzjoni Russa, it-Turkija, l-Ukrajna u l-Kawkasu t'Isfel,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007 dwar it-Tisħiħ tal-Politika Ewropea tal-Viċinat [2],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar id-diżastri navali fl-Istrett ta' Kerch fil-Baħar l-Iswed u t-tniġġis miż-żejt li rriżulta [3],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2008 dwar politika aktar effettiva ta' l-UE għan-Nofsinhar tal-Kawkasu: mill-wegħdiet għall-azzjoni [4],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Settembru 2007 bl-isem "Lejn politika barranija Ewropea komuni għall-enerġija" [5],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0510/2007),

---

(1) ĠU L 22, 26.1.2006, p. 34.
(2) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0538.
(3) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0625.
(4) *Testi Adottati*, P6_TA(2008)0016.
(5) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0413.

A. billi r-reġjun tal-Baħar l-Iswed jinsab bejn l-Ewropa, l-Ażja Ċentrali u l-Lvant Nofsani, reġjun li hu kkaratterizzat minn rabtiet storiċi u kulturali b'saħħithom, u minn potenzjal kbir, iżda wkoll minn diversitajiet kbar; billi r-reġjun jinkludi lill-Bulgarija, lill-Greċja u lir-Rumanija bħala Stati Membri ta' l-UE, lit-Turkija bħala pajjiż kandidat u lill-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Ġeorġja, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna bħala msieħba ta' l-ENP, kif ukoll lill-Federazzjoni Russa, li magħha l-UE laħqet ftehim dwar sħubija strateġika bbażata fuq Erba' Spazji Komuni,

B. billi, bl-adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-UE, il-Baħar l-Iswed sa ċertu punt sar il-baħar intern ta' l-UE u għalhekk kiseb dimensjoni ġdida ta' importanza strateġika għall-UE, li wassal għall-multiplikazzjoni ta' l-isfidi u l-objettivi komuni, kif ukoll għal opportunitajiet imġedda għat-tisħiħ tal-koperazzjoni bejn l-UE u l-pajjiżi fir-reġjun, bil-għan li jinħoloq spazju reali ta' sigurtà, stabilità, demokrazija u prosperità,

C. billi l-għażliet fir-rigward tal-koperazzjoni fl-iżvilupp u fl-immaniġġjar ta' sinerġiji fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed għandhom jiġu definiti fl-isfond ta' ammont kbir ta' politiki, formati u approċċi eżistenti fir-rigward tar-reġjun,

D. billi l-Kummissjoni pproponiet strateġija inizjali fir-rigward tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed fil-Komunikazzjoni tagħha fuq imsemmija ta' l-1997 dwar koperazzjoni reġjonali fiz-zona tal-Baħar l-Iswed,

E. billi l-aspetti speċifiċi tal-politika ta' l-UE għaz-zona tan-Nofsinhar tal-Kawkasu huma koperti mir-riżoluzzjoni fuq imsemmija tas-17 ta' Jannar 2008 fuq dak is-suġġett,

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem ta' "Sinerġija tal-Baħar l-Iswed — Inizjattiva ta' Kooperazzjoni Reġjonali Ġdida" u l-għan li tissaħħaħ il-koperazzjoni mar-reġjun tal-Baħar l-Iswed u kif ukoll dik fi ħdanu billi jiġu ssupplimentati l-politiki bilaterali eżistenti b'approċċ reġjonali ġdid; jinnota b'mod partikolari li l-kwistjonijiet dwar is-sigurtà ta' l-enerġija u n-negozjati dwar l-adeżjoni mat-Turkija, kif ukoll l-iskadenza imminenti tal-PCAs u n-negozjati dwar il-ġejjieni tagħhom, iqiegħdu l-koperazzjoni reġjonali fiz-zona tal-Baħar l-Iswed fost il-prijoritajiet ewlenin ta' l-aġenda tal-politika barranija ta' l-Unjoni; iqis li l-iżvilupp futur tal-Baħar l-Iswed għandu jibbenefika ħafna fuq perjodu ta' żmien twil minn strateġija indipendenti għall-Baħar l-Iswed;

2. Jenfasizza li r-reġjun tal-Baħar l-Iswed jeħtieġ reazzjoni aktar koerenti, sostenibbli u strateġika, li twassal għall-ħolqien ta' politika għall-Baħar l-Iswed, flimkien mal-Politika tad-Dimensjoni tat-Tramuntana u s-Sħubija Ewro-Mediterranja;

3. Jikkunsidra li, sabiex jiġi adottat approċċ ta' politika reġjonali koerenti, effettiv u orjentat lejn ir-riżultati, il-Komunikazzjoni għandha tiġi segwita b'aktar passi konsistenti min-naħa ta' l-UE bħala inkoraġġament għal dimensjoni reġjonali ġenwina mfassla apposta għal din iz-zona; jinsab imħasseb ukoll dwar il-fatt li r-riżultati ta' l-Istrateġija reġjonali tal-Baħar l-Iswed li ilha titwettaq sa mill-1997 ma ġewx evalwati b'mod adegwat; jistieden lill-Kummissjoni biex tħejji evalwazzjoni dettaljata ta' attivitajiet preċedenti u li għadhom għaddejjin u biex tippreżenta r-riżultati lill-Parlament;

4. jilqa' b'sodisfazzjon l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi evalwazzjoni inizjali tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed fl-2008 u jistiedinha biex tressaq proposti konkreti għat-trawwim ta' koperazzjoni reġjonali u ta' sħubija ġenwina fiz-zona tal-Baħar l-Iswed, ibbażati fuq ir-riżultati ta' l-evalwazzjoni tagħha u filwaqt li jiġu kkunsidrati r-rakkomandazzjonijiet inklużi f'din ir-riżoluzzjoni u f'riżoluzzjonijiet rilevanti oħra adottati mill-Parlament; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tuża l-esperjenzi miksuba fid-Dimensjoni tat-Tramuntana meta tkun qed tfassal kwalunkwe reviżjoni futura jew estensjoni ta' l-istrateġija tagħha għall-Baħar l-Iswed;

5. Jenfasizza li l-approċċ ta' politika reġjonali għall-Baħar l-Iswed la għandu jintuża biex jipprovdi alternattiva għal sħubija fl-UE u lanqas biex jiddefinixxi l-fruntieri ta' l-UE; jikkunsidra, madanakollu, li l-objettivi speċifikati hawnhekk għandhom jirrappreżentaw parti integrali u koerenti mill-politika barranija aktar wiesgħa ta' l-Unjoni Ewropea rigward il-pajjiżi ġirien u l-pajjiżi parteċipanti fl-istrateġija reġjonali tal-Baħar l-Iswed;

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

6. Jemmen li l-koperazzjoni reġjonali fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed għandha tinvolvi lill-UE, lill-pajjiżi ta' l-ENP, lit-Turkija bħala pajjiż kandidat u lir-Russja bħala sħab indaqs; jemmen li huwa biss billi jinħoloq gradwalment sens ta' responsabilità komuni fost il-pajjiżi tal-Baħar l-Iswed għall-isfidi komuni tar-reġjun, inklużi l-kwistjonijiet tas-sigurtà, li se jkun possibbli li jintlaħaq il-potenzjal sħiħ ta' l-involviment ta' l-Ewropa fir-reġjun; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jinvolvu b'mod attiv lill-pajjiżi kollha tal-Baħar l-Iswed fl-approċċ politiku;

7. Jikkunsidra li l-approċċ reġjonali l-ġdid għandu jkun immirat lejn numru ta' oqsma prijoritarji li għalihom il-Kummissjoni għandha tipprovdi pjan ta' azzjoni dettaljat b'objettivi konkreti, benchmarks u segwitu, u li għandu jikkostitwixxi l-bażi għat-tisħiħ ta' l-involviment ta' l-UE fir-reġjun u kif ukoll għat-tisħiħ tal-koperazzjoni intrareġjonali; jenfasizza li l-UE għandha tikkonċentra fuq sett limitat ta' objettivi prijoritarji u tevita t-tixrid jew id-dupplikazzjoni ta' l-isforzi;

### *Oqsma prijoritarji ewlenin ta' koperazzjoni*

*Sfidi ta' sigurtà*

8. Jenfasizza li l-kunflitti mhux solvuti li għadhom għaddejjin fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed jikkostitwixxu sfida kbira għall-istabilità u għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjun, kif ukoll ostaklu importanti fil-proċess ta' trawwim tal-koperazzjoni reġjonali; jitlob għalhekk li jkun hemm involviment iktar attiv u komprensiv ta' l-UE fl-isforzi li qed isiru bħalissa biex jiġu solvuti dawn il-kunflitti, b'konformità mal-liġi internazzjonali u mal-prinċipji ta' l-integrità territorjali u biex ikun hemm involviment ikbar mill-UE fl-immaniġġjar tal-kunflitti u fl-operazzjonijiet għaż-żamma tal-paċi; jikkunsidra li l-UE għandha rwol ewlieni biex jingħata kontribut għall-kultura ta' ftehim, għad-djalogu u għall-bini tal-fiduċja fir-reġjun;

9. Jieħu nota tal-preżenza militari konsiderevoli tar-Russja fir-reġjun, fil-forma tal-flotta tal-Baħar l-Iswed, li tinsab stazzjonata fil-port tal-belt ta' Sevastopol fil-Krimea; jiġbed l-attenzjoni li l-ftehim ta' l-1997 bejn ir-Russja u l-Ukrajna li t tikkonċerna l-istazzjonar tal-flotta tal-Baħar l-Iswed tiskadi fl-2017; jinnota li din il-kwistjoni li għadha mhux solvuta diġà ħolqot ftit tensjoni bejn il-gvernijiet tar-Russja u ta' l-Ukrajna; iħeġġeġ lill-UE biex tinvolvi ruħha f'din il-kwistjoni ta' importanza strateġika u biex taħdem aktar mill-qrib mal-gvernijiet tar-Russja u ta' l-Ukrajna;

10. Jenfasizza li l-UE għandha bżonn tiddefinixxi sett stabbli ta' prijoritajiet fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fil-qafas tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed, bil-għan li jiġu stabbiliti l-armonizzazzjoni u l-kompatibilità f'oqsma sħaħ ta' politiki;

11. Wara li kkunsidra l-ħlasijiet għolja għall-viżi applikati fir-rigward ta' xi pajjiżi ġirien, wara t-tkabbir taz-Zona Schengen mill-21 ta' Diċembru 2007, iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jirrevedu l-ħlasijiet tal-viżi u biex inaqqsuhom għal livell li jkun aċċettabbli għal ċittadini ordinarji tal-pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-Politika tal-Viċinat ta' l-UE jew li huma fi Sħubija Strateġika ma' l-UE;

12. Ifakkar fil-bżonn li jiġu indirizzati l-isfidi kkawżati mill-kriminalità transnazzjonali, mill-ittraffikar u mill-immigrazzjoni illegali, filwaqt li jiġi osservat b'mod sħiħ il-prinċipju tan-non-refoulement; jenfasizza li l-miżuri f'dan il-qasam għandhom jiġu abbinati ma' miżuri adegwati biex titjieb il-mobilità sabiex jiġu stimulati l-kuntatti bejn il-popli u b'hekk jinfirxu l-valuri Ewropej tad-demokrazija, ta' l-istat tad-dritt u tad-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, għaldaqstant, biex jikkonkludu ftehim dwar l-iffaċilitar tal-viżi u dwar ir-ripatrijazzjoni ma' dawk il-pajjiżi tal-Baħar l-Iswed li għadhom ma jibbenefikawx minnhom, kif ukoll biex jippromwovu l-mobilità bil-mezzi l-oħra kollha possibbli, inkluż bl-iffirmar ta' sħubijiet ta' mobilità ma' pajjiżi ta' l-ENP; jenfasizza, b'mod partikolari, il-bżonn li jkun hemm iffaċilitar effiċjenti tal-viżi għat-traffiku transkonfinali lokali u għal gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni bħall-istudenti, in-negozjanti u l-operaturi tas-soċjetà ċivili;

13. Jenfasizza l-importanza li tiġi żviluppata aktar il-koperazzjoni transkonfinali u l-koperazzjoni ta' l-immaniġġjar tal-fruntieri, bil-għan li jintlaħqu l-objettivi fir-rigward kemm tas-sigurtà u kemm tal-fluwidità tal-moviment; jikkunsidra li l-Missjoni ta' Assistenza tal-Fruntieri ta' l-UE fil-Moldova u fl-Ukrajna (EUBAM) tipprovdi esperjenza importanti biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà permezz tal-koperazzjoni multilaterali, u jemmen li għandha tkompli tissaħħaħ u applikata bħala eżempju ta' koperazzjoni bejn il-fruntieri;

14. Jenfasizza l-bżonn ta' analiżi fil-fond tas-sitwazzjonijiet u l-isfidi ta' sigurtà speċifiċi fid-diversi stati fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed; jappoġġja l-proposta li l-Europol jingħata mandat u riżorsi biex jipproduċi xogħol analitiku relatat mar-reġjun, b'mod partikolari fil-qasam tal-migrazzjoni;

*Promozzjoni ta' l-istabilità politika u tad-demokrazija effettiva*

15. Jikkunsidra li approċċ ta' politika ġdid għall-Baħar l-Iswed ma jistax ikun limitat għall-koperazzjoni ekonomika iżda għandu jkollu l-għan ukoll li joħloq zona karatterizzata minn demokrazija sostenibbli, governanza u mill-istat tad-dritt, u jenfasizza b'mod partikolari l-importanza ta' riforma politika u ġudizzjarja u ta' implimentazzjoni effettiva ta' l-impenji; jisħaq li t-trawwim tar-rispett għad-drittijiet tal-Bniedem u għal-libertajiet fundamentali huwa wieħed mill-kolonni ewlenin tal-politika esterna ta' l-UE, u jenfasizza l-bżonn ta' l-integrazzjoni sistematika ta' dawn il-valuri rispettivament kemm fir-relazzjonijiet bilaterali kif ukoll fl-approċċ reġjonali, irrispettivament mill-volontà murija minn gvernijiet imsieħba; jistieden lill-Unjoni Ewropea biex tindirizza l-kwistjonijiet ta' koperazzjoni reġjonali fl-oqsma fi ħdan id-djalogi u l-konsultazzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem mal-pajjiżi tal-Baħar l-Iswed kif ukoll fi ħdan fora multilaterali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tagħmel użu sħiħ mill-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem u mis-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed sabiex tippromwovi l-koperazzjoni reġjonali fost is-soċjetajiet ċivili;

16. Jilqa' b'sodisfazzjon l-inizjattiva għall-ħolqien Ewroreġjun tal-Baħar l-Iswed immirat biex irawwem koperazzjoni reġjonali permezz ta' koperazzjoni fost il-protagonisti reġjonali u lokali; jenfasizza l-importanza ta' proġetti bottin up u ta' koperazzjoni bejn il-fruntieri fil-livell lokali fil-proċess għall-bini ta' spazju ġenwin ta' demokrazija u governanza effettiva fiż-żona tal-Baħar l-Iswed.

17. Jisħaq dwar l-importanza cruċjali ta' twaqqif u żvilupp ta' relazzjonijiet tajbin ta' viċinat fost il-pajjiżi tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed u bejn dawk il-pajjiżi u l-ġirien tagħhom ibbażat fuq ir-rispett reċiproku, fuq l-integrità territorjali u fuq il-projbizzjoni ta' l-użu tal-forza jew theddidiet ta' użu ta' forza u n-non-interferenza fl-affarijiet interni ta' xulxin bħala prinċipji fundamentali għat-trawwim tal-koperazzjoni reġjonali; jenfasizza s-sinifikat ta' djalogu mill-qrib mas-soċjetà ċivili u tad-djalogu interkulturali f'dan il-qasam u jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi iktar dan id-djalogu, b'mod partikolari fil-kuntest tas-Sena 2008 tad-Djalogu Interkulturali, bl-għan li tinħoloq kultura ta' tolleranza reċiproka, rispett għad-diversità u djalogu u koperazzjoni reġjonali;

*Koperazzjoni fil-qasam ta' l-enerġija, it-trasport u l-ambjent*

18. Jinnota l-importanza strateġika tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed bħala zona ta' produzzjoni u ta' trażmissjoni għad-diversifikazzjoni tal-fornitura ta' l-enerġija għall-UE; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw b'mod urġenti li jżidu l-appoġġ prattiku tagħhom għal proġetti infrastrutturali ta' importanza strateġika; itenni l-appoġġ tiegħu għall-ħolqien ta' infrastruttura ġdida u ta' kurituri ta' trasport vijabbli li jiddiversifikaw kemm il-fornituri kif ukoll ir-rotot, bħatll kuritur ta' l-eneġija trans- Kaspju /trans- Baħar l-Iswed (linja ta' l-enerġija li taqsam il-Baħar Kaspju u l-Baħar l-Iswed) u l-linja ta' pajpijiet tal-gass Nabucco, Constanța-Trieste u AMBO, kif ukoll proġetti pjanati oħra għat-tranżitu tal-gass u ż-żejt li jaqsmu l-Baħar l-Iswed u l-proġetti INOGATE (Trasport Interstatali ta' Żejt u Gass lejn l-Ewropa) u TRACECA (Il-Kuridur ta' Trasport Ewropa-Kawkażu-Asja) li jagħmlu konnessjoni bejn il-Baħar l-Iswed u l-Baħar Kaspju; jitlob għal evalwazzjonijiet ta' l-impatt soċjali u ambjentali biex janalizzaw l-impatt tal-kostruzzjoni ta' infrastrutturi ta' tranżitu ġodda bħal dawn; jemmen li s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed għandha tikkostitwixxi qafas adegwat għall-promozzjoni ta' riformi tas-suq fir-reġjun bil-għan li jinħolqu swieq ta' l-enerġija kompetittivi, prevedibbli u trasparenti;

19. Jenfasizza l-importanza tax-xmara Danubju bħala wieħed miċ-ċentri ewlenin tat-trasport u bħala waħda mill-arterji ekonomiċi li tikkonnettja lill-UE mar-reġjun tal-Baħar l-Iswed; jikkunsidra, għalhekk, li l-iżvilupp sostenibbli tax-xmara Danubju u l-potenzjal ekonomiku tagħha li tkun il-ħolqa bejn il-pajjiżi li jdawru l-Baħar l-Iswed, għandha tkun fost il-prijoritajiet ta' l-UE fir-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq studju li jesplora inizjattivi possibbli konkreti f'dan ir-rigward, inkluż it-tħassib ambjentali; jinsisti li jekk jittieħed vantaġġ sħiħ mill-aċċess ta' l-Unjoni għall-Baħar l-Iswed, se jkun vitali li jiġu żviluppati l-infrastrutturi tal-port fil-portijiet tal-Baħar l-Iswed ta' l-Unjoni (Bourgas, Constanța, Mangalia u Varna) kif ukoll dawk li jinsabu fl-estwarju tad-Danubju, bl-għan li jiġi żgurat it-trasport intermodali;

20. Jikkunsidra li l-koerenza reġjonali se tibbenefika bil-kbir mill-inizjattivi tat-tisħiħ tal-konnessjonijiet fiżiċi bejn l-Istati littorali kollha tal-Baħar l-Iswed; jemmen li l-koperazzjoni fl-oqsma tat-trasport u ta' l-ambjent m'għandhiex tkun limitata għal kwistjonijiet ta' l-enerġija iżda għandha tipprovdi approċċ komprensiv li jieħu kont tal-bżonnijiet tar-reġjun; jinnota l-pjanijiet għat-twettiq tar-Ring Highway tal-Baħar l-Iswed; jenfasizza l-importanza tal-Baħar l-Iswed u tax-xmara Danubju bħala rotot strateġiċi għat-trasportazzjoni fir-reġjun;

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

21. Jinsab imħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni ambjentali fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, b'mod partikolari dik tal-Baħar l-Iswed innifsu, Baħar li hu affettwat minn tniġġis mhux ikkontrollat u aggravata minn bosta inċidenti ekoloġiċi, kif ukoll dwar is-sitwazzjoni tad-Danubju u tad-delta tiegħu; jenfasizza l-bżonn għall-implimentazzjoni msaħħa ta' ftehim ambjentali multilaterali fir-reġjun u għall-inklużjoni ta' evalwazzjoni ambjentali fil-proġetti reġjonali kollha, u

22. Jitlob għal koperazzjoni ikbar bejn il-pajjiżi ta' l-UE u tal-Baħar l-Iswed sabiex tiġi trattata l-firxa wiesgħa kollha ta' sfidi ambjentali fir-reġjun;

23. Jinsab partikolarment imħasseb dwar it-tniġġis taż-żejt mhux kontrollat u l-impatt ta' dan it-tniġġis fuq l-ambjent naturali; jenfasizza l-bżonn li l-koperazzjoni tmur lil hinn mill-appoġġ provdut mill-Kummissjoni permezz taċ-Ċentru tal-Monitoraġġ u l-Informazzjoni tagħha, speċjalment fil-qasam tal-prevenzjoni tat-tixrid taż-żejt, b'attenzjoni speċjali għat-tisħiħ tas-sikurezza tat-trasport marittimu għat-tankers;

24. Jiġbed l-attenzjoni għad-Delta tad-Danubju, ambjent naturali uniku li jgħixu fih diversi speċijiet ta' flora u fauna; jenfasizza l-bżonn qawwi li ssir evalwazzjoni ta' l-impatt ambjentali ta' infrastrutturi bħall-kanal ta' Bistraya bejn ir-Rumanija u l-Ukraina;

25. Jistieden lill-Kummissjoni biex tapplika l-approċċ tat-task force DABLAS (għad-Danubju u l-Baħar l-iswed) sabiex issolvi l-problemi ambjentali, b'attenzjoni partikolari mhux biss fuq id-Danubju iżda wkoll fuq il-baċiri tax-xmajjar Dniester u Dnieper;

*Koperazzjoni ekonomika u kummerċjali*

26. Jiġbed l-attenzjoni dwar it-tkabbir ekonomiku irregolari, għalkemm b'saħħtu fir-reġjun kollu, iżda jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li tkabbir huwa aktar sostenibbli fil-pajjiżi esportaturi taż-żejt u tal-gass; jiġbed l-attenzjoni għall-fraġilità tas-settur privat f'ħafna pajjiżi li għandhom fruntiera mal-Baħar l-Iswed; jenfasizza l-importanza li jinbena spazju għal opportunitajiet ekonomiċi u għall-prosperità fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed għall-popolazzjoni u għall-imsieħba kummerċjali tiegħu; jenfasizza l-bżonn li tittejjeb il-klima ta' l-investiment, kemm għal kumpaniji lokali kif ukoll internazzjonali, partikolarment billi tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-frodi, u li jiġu promossi riformi fl-ekonomija tas-suq bil-għan li tiżdied il-kompetittività u l-attrazzjoni ekonomika, li joħolqu ekonomiji diversifikati u li jipprovdu tkabbir sostenibbli, kif ukoll ġustizzja u koerenza soċjali; jinkoraġġixxi l-miżuri ta' armonizzazzjoni u ta' liberalizzazzjoni ulterjuri u jappoġġja l-ħolqien ta' zona ta' kummerċ ħieles b'konformità mal-prinċipji tal-WTO; jemmen li l-UE, bħal sieħeb ekonomiku kbir tal-pajjiżi tal-Baħar l-Iswed, għandha rwol ewlieni x'tilgħab fil-promozzjoni ta' l-objettivi msemmija hawn fuq u fl-inkoraġġiment lir-reġjun biex jieħu l-passi neċessarji;

27. Jieħu kont ta'l-irwol sinifikanti tat-turiżmu kostali u marittimu bħala katalist ewlieni għall-iżvilupp tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed f'termini tat-tkabbir kummerċjali u ekonomiku; jenfasizza l-bżonn li tiġi żviluppata aktar l-infrastruttura tat-turiżmu u li tiġi mħeġġa d-diversifikazzjoni tal-prodotti tat-turiżmu, biex b'hekk jiġu protetti mezzi tradizzjonali ta' l-għejxien, isir użu aħjar mir-riżorsi naturali (eż r-riżorsi ġeothermiċi, li joffru opportunitajiet importanti ta' negozju) u biex ikun provdut titjib tal-kwalità tal-ħajja fir-reġjun; jenfasizza li l-iffaċilitar ta' l-iskemi tal-viża fil-viċinat se jħeġġu l-mobilità u jrawwmu l-kummerċ u l-attività ekonomika; jemmen li s-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed għandha tikkostitwixxi qafas adegwat għall-promozzjoni ta' l-iżvilupp tat-turiżmu fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed;

28. Jinnota l-inizjattivi inter-reġjonali bħall-Proġett tal-Ferrovija Baku-Tbilisi-Kars; jemmen li din l-inizjattiva tiftaħ it-triq għal integrazzjoni ekonomika u politika aħjar ta' dik il-parti tad-dinja fl-ekonomija Ewropea u internazzjonali u li se tikkontribwixxi għall-iżvilupp ekonomiku u kummerċjali fir-reġjun; jiddispjaċih, madankollu, li l-proġett jaqbeż il-linja ferrovjarja eżistenti u operattiva b'mod sħiħ li teżisti fl-Armenja; iħeġġeġ lir-repubbliki tan-Nofsinhar tal-Kawkasu u lit-Turkija biex ikomplu b'mod effettiv b'politiki ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali u biex iżżommu lura minn kwalunkwe proġetti reġjonali ta' l-enerġija jew tat-trasport li ma jkunux iħarsu 'l quddiem u li jkunu politikament immotivati, u li jiksru l-prinċipji ta' żvilupp sod ta' l-ENP;

*Edukazzjoni, taħriġ u riċerka*

29. Jenfasizza l-importanza tat-tisħiħ tad-djalogu interkulturali u jistieden lill-Kummissjoni biex tippromovih b'mod ulterjuri,

30. Jenfasizza l-bżonn li jiġu faċilitati l-kuntatti bejn il-popli billi tiġi promossa l-koperazzjoni fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, it-taħriġ u r-riċerka permezz ta' programmi ta' l-UE eżistenti u disponibbli (Tempus, Erasmus Mundus, is-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka); jistieden lill-UE u lill-pajjiżi tal-Baħar l-Iswed biex itejbu l-koperazzjoni tagħhom f'dawn l-oqsma;

31. Jenfasizza l-importanza li jitħeġġu riċerkaturi mill-pajjiżi tal-Baħar l-Iswed lejn l-UE, billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri dwar l-għoti ta' permessi tax-xogħol, inter alia permezz tas-sistema tal-card blu;

***Aspetti Istituzzjonali u finanzjarji***

32. Jinsab favur irwol prinċipali għall-Istati Membri ta' l-UE tar-reġjun fil-promozzjoni ta' koperazzjoni mtejba mar-reġjun u fi ħdanu; jikkunsidra li r-Rumanija, il-Bulgarija u l-Greċja, bħala Stati Membri ta' l-UE fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, jistgħu u għandhom iwittu t-triq f'dan ir-rigward; jenfasizza l-irwol speċjali li għandu jkollhom dawn l-Istati Membri fit-trasferiment ta' l-għarfien espert u tal-kapaċitajiet permezz tal-programmi Twinning, TAIEX u Sigma; jemmen li għandu jsir użu sħiħ mill-esperjenza ta' l-UE fil-promozzjoni ta' koperazzjoni reġjonali fi spazji esterni oħra qrib, partikolarment fi ħdan id-Dimensjoni Nordika, sabiex isir skambju ta' prattiki u ta' lezzjonijiet;

33. Jenfasizza l-importanza tal-pożizzjonijiet tar-Russja u tat-Turkija fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed għall-iskopijiet tal-promozzjoni tal-koperazzjoni reġjonali; jikkunsidra li huwa importanti għas-suċċess tal-koperazzjoni reġjonali tal-Baħar l-Iswed li jiġu involuti dawn il-pajjiżi b'mod kostruttiv, flimkien ma' l-Istati l-oħra kollha mat-truf;

34. Ifakkar li diġà jeżisti numru kbir ta' mekkaniżmi ta' koperazzjoni reġjonali fiz-zona tl-Baħar l-Iswed; jenfasizza għalhekk il-bżonn li l-UE u l-pajjiżi tal-Baħar l-Iswed jikkoordinaw l-attivitajiet u jipprevjenu l-irduppjar ta' l-isforzi; jikkunsidra li t-tisħiħ tal-varji organizzazzjonijiet u inizjattivi reġjonali, bħall-Organizzazzjoni tal-Koperazzjoni Ekonomika tal-Baħar l-Iswed (BSEC), il-Forum tal-Baħar l-Iswed għas-Sħubija u d-Djalogu, l-Organizzazzjoni GUAM għad-Demokrazija u l-Iżvilupp Ekonomiku u organizzazzjonijiet settorjali oħra, skond l-għarfien espert speċifiku tagħhom, u t-tisħiħ tal-koperazzjoni magħhom, possibilment fil-qafas ta' struttura ġdida, jista' jipprovdi qafas xieraq għall-ħolqien ta' sinerġiji; jemmen li d-dimensjoni politika tad-djalogu u l-koperazzjoni mar-reġjun tal-Baħar l-Iswed u kif ukoll fi ħdanu għandhom ikunu żviluppati aktar;

35. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni riċentiment kisbet status ta' osservatur BSEC u jiġbed l-attenzjoni tar-relazzjonijiet eżistenti bejn il-Parlament Ewropew u l-Assemblea Parlamentari tal-BSEC; jikkunsidra li huwa importanti li tiġi inkoraġġata ulterjorment id-dimensjoni parlamentari tal-koperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-parlamenti tal-pajjiżi tal-Baħar l-Iswed;

36. Jenfasizza l-bżonn li tiġi żviluppata koperazzjoni fir-Reġjun tal-Baħar l-Iswed anke fuq livell mhux govermentali; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġja t-twaqqif ta' pjattaforma NGO għall-Baħar l-Iswed bl-iskop li jinħoloq qafas għall-iskambji bejn is-soċjetajiet ċivili tar-reġjun, biex tissaħħaħ il-kuxjenza tal-problemi komuni u biex il-Kummissjoni tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki ta' l-UE għar-reġjun;

37. Jitlob li l-istrumenti finanzjarji Komunitarji jiġu użati b'mod razzjonali permezz ta' koordinazzjoni aħjar ta' l-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija, il-Fondi Strutturali u l-fondi ta' qabel l-adeżjoni li huma disponibbli għar-reġjun; jistieden lill-Kummissjoni biex, f'koperazzjoni ma' l-Istati benefiċjarji, tistabbilixxi sistema ġenerali ta' rappurtar qabel ma jiġu żburżati r-riżorsi, sabiex jiġi mmoniterjat u evalwat kemm l-użu ta' dawk ir-riżorsi huwa sostenibbli, effiċjenti u f'konformità ma' l-objettivi ġenerali tal-politika ta' l-UE;

38. Japprova l-irduppjar tar-riżorsi finanzjarji li huma disponibbli fl-Istrument Ewropew tal-Viċinat u s-Sħubija (ENPI) għall-iffinanzjar ta' proġetti transkonfinali; jitlob li l-prinċipji li jirregolaw il-Fondi Strutturali, b'mod partikolari s-sħubija, is-sostenibilità, l-effiċjenza, in-non-diskriminazzjoni u d-deċentralizzazzjoni, jiġu applikati għall-użu ta' dawn ir-riżorsi finanzjarji; jistieden lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-fondi u l-progress li jsir, permezz ta' rapporti qosra li jsiru darbtejn fis-sena;

39. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel l-istrument finanzjarju Fondi għal Proġetti Żgħar disponibbli għal proġetti bejn il-popli fil-qasam tal-koperazzjoni transkonfinali, u biex tagħmel sforzi speċjali biex tinkoraġġixxi l-użu ta' dak l-istrument;

40. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi msaħħaħ il-bini tal-kapaċità fost il-partijiet interessati lokali u reġjonali fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed fir-rigward tal-programmazzjoni u l-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-proġetti, sabiex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti ta' l-istrumenti finanzjarji Komunitarji;

*

* *

41. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-pajjiżi kollha tal-Baħar l-Iswed.

---

## Kenja

P6_TA(2008)0018

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar il-Kenja**

(2009/C 41 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni preliminari tal-Missjoni ta' l-Unjoni Ewropea għall-Osservazzjoni ta' l-Elezzjoni (EUEOM) fil-Kenja ta' l-1 ta' Jannar 2008,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni mill-Presidenza f'isem l-Unjoni Ewropea rigward l-isforzi ta' medjazzjoni ta' l-Unjoni Afrikana fil-Kenja tal-11 ta' Jannar 2008,

— wara li kkunsidra l-Karta Afrikana tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, 1981, u l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza, 2007,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' l-Unjoni Afrikana dwar il-Prinċipji li Jirregolaw l-Elezzjonijiet Demokratiċi fl-Afrika, 2002,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Prinċipji għal Missjonijiet Internazzjonali ta' Osservazzjoni Elettorali u l-l-Kodiċi ta' Kondotta għall-Osservaturi Elettorali Internazzjonali, imfakkra fin-Nazzjonijiet Uniti fis-27 ta' Ottubru 2005,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn fuq naħa l-membri tal-Grupp ta' Stati ta' l-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, u fuq oħra l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iffirmata f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (il-'Ftehim ta' Cotonou') u emendata fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005, u b'mod partikulari l-Artikoli 8 u 9 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

A. billi fis-27 ta' Diċembru 2007 saru elezzjonijiet presidenzjali u leġiżlattivi fil-Kenja, li fihom disa' partiti ressqu kandidati presidenzjali, inklużi Mwai Kibaki ta-Partit għall-Unità Nazzjonali (Party of National Unity (PNU)) u Raila Odinga, mexxej tal- Moviment Demokratiku Oranġjo (Orange Democratic Movement (ODM)),

B. Billi ż-żewġ partiti ewlenin, il-PNU u l-ODM, kisbu, rispettivament, 43 u 99 siġġu mit-total ta'210 fil-parlament nazzjonali,

C. billi l-elezzjonijiet presidenzjali ta' l-2007 fil-Kenja ma laħqux l-istandards bażiċi internazzjonali u reġjonali għal elezzjonijiet demokratiċi, u kienu segwiti minn irvellijiet li wasslu għall-mewt ta' aktar minn 600 persuna,

D. billi l-vjolenza politika li segwiet l-elezzjonijiet wasslet biex 250 000 ruħ ġew spustati u affettwat bejn 400 000 u 500 000 Kenjan, speċifikament mill-bliet ta' Eldoret, Kericho u Kisumu, skond l-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Kwistjonijiet Umanitarji (OCHA),

E. billi l-kriżi politika attwali oriġinat prinċipalment minn-tensjoni fil-Koalizzjoni Nazzjonali tal-Qawsalla (National Rainbow Coalition (NARC)) preċedenti, li kienet rebħet l-elezzjonijiet Kenjani tas-sena 2000, meta Mwai Kibaki u Raila Odinga ftiehmu li jaqsmu l-poter, ftehim li ma kienx ġie onorat,

F. billi r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-EOM ta' l-UE ta' l-2002 ma ġewx meqjusa biżżejjed, inklużi dawk dwar id-daqs u l-konfini tal-kostitwenzi għall-elezzjonijiet ġenerali u r-rakkomandazzjoni li t-tul ta' żmien tal-mandat tal-Kummissarji tal-Kummissjoni Elettorali tal-Kenja (ECK) għandu jiġi estiż sa sitt xhur wara l-elezzjonijiet ġenerali, sabiex jissaħħu l-indipendenza u l-professjonaliżmu tagħha,

G. filwaqt li jinnota li l-atmosfera tal-kampanja elettorali ta' l-2007 kienet ikkaratterizzata minn polarizzazzjoni politika qawwija bejn il-partitarji ta' Kibaki u ta' Odinga, li wassal għal atmosfera mimlija tensjoni fil-komunitajiet etniċi rispettivi tagħhom,

H. billi l-elezzjonijiet presidenzjali ma ssodisfawx it-tamiet u l-istennijiet tal-poplu Kenjan, li ħa sehem bil-ħerqa fil-proċess elettorali billi vvota f'numri kbar ta' nies b'mod paċifiku u paċenzjuż,

I. billi l-isforzi diplomatiċi intensivi, inkluża l-missjoni ta' medjazzjoni miċ-chairperson ta' l-Unjoni Afrikana, u l-President tal-Gana, John Kofi Agyekum Kufuor, u sforzi min-naħa ta' erba' ex presidenti, ma rnexxielhomx isolvu l-kriżi politika,

J. billi fit-8 ta' Jannar 2008 Mwai Kibaki unilateralment ħatar 17-il membru tal-kabinet tiegħu, qabel ma l-medjazzjoni internazzjonali kien għadda ż-żmien tagħha, biex b'hekk effettivament eskluda minn qabel negozjati tripartiċi, u ġiegħel lill-ODM biex terġa' tibda protesti tal-massa,

K. billi, matul il-kampanja elettorali, il-libertà ta' l-assoċjazzjoni, ta' l-espressjoni u ta' l-assemblea kienu fil-biċċa l-kbira rrispettati; billi l-kampanja kienet madankollu karatterizzata wkoll minn firdiet etnopolitiċi li kkontribwew għas-sitwazzjoni instabbli fiż-żmien ta' tħejjija għall-elezzjonijiet,

L. billi l-komunità internazzjonali ma tatx kas biżżejjed ta' dawn it-tensjonijiet etniċi li huma fil-bażi ta' dak li ġara u minn issa 'l quddiem trid tikkunsidra din il-kwistjoni fi kwalunkwe sforzi ta' medjazzjoni li jsiru fil-ġejjieni fil-kriżi Kenjana attwali,

M. billi l-ECK ħadet ħsieb l-aspett loġistiku u tekniku ta' l-elezzjonijiet, tejbet l-aċċess għaċ-ċentri ta' reġistrazzjoni tal-votanti u ħarrġet lill-istaff elettorali,

N. billi, madankollu, l-ECK ma wrietx l-imparzjalità, it-trasparenza u l-kunfidenzjalità li huma prerekwiżiti f'elezzjoni demokratika, u billi dan hu rifless fil-proċeduri difettużi biex jinħatru l-kummissarji ta' l-ECK,

O. billi l-osservaturi ta' l-EUEOM intlaqgħu mill-awtoritajiet relevanti fil-postijiet tal-votazzjoni fejn il-votazzjoni saret b'mod ordnat,

P. billi, madankollu, l-osservaturi ta' l-EOM ta' l-UE ma ġewx mogħtija l-istess aċċess għall-istazzjonijiet ta' l-għadd u billi kkonkludew li n-nuqqas ta' trasparenza u ta' proċeduri adegwati ta' sigurtà dgħajfu ħafna l-kredibilità tar-riżultati ta' l-elezzjoni presidenzjali,

Q. billi f'xi postijiet tal-votazzjoni kienu rreġistrati ċifri ta' nies li marru jivvutaw li kienu aktar minn 90 %, u billi l-ECK esprimiet dubji dwar dawn il-figuri li huma għolja b'mod li mhumiex realistiċi,

R. billi l-EOM ta' l-UE kkonkludiet li globalment il-proċess elettorali qabel it-tabulazzjoni kien immexxi sew u li l-elezzjonijiet parlamentari kienu meqjusa b'mod ġenerali bħala suċċess,

S. billi madankollu l-EOM ta' l-UE kkonkludiet li l-proċess ta' l-għadd tal-voti fl-elezzjoni presidenzjali kien nieqes mill-kredibilità u għalhekk esprimiet dubji rigward il-preċiżjoni tar-riżultati,

T. billi, skond l-Osservatorju għall-Ħarsien tad-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem, sar theddid kontra membri ta' l-Inizjattiva tal-Kenjani għall-Paċi mal-Verità u l-Ġustizzja (KPTJ), koalizzjoni ta' NGOs indipendenti, li kienet iffurmata fis-segwitu ta' l-elezzjonijiet biex tiddenunzja l-frodi elettorali u biex tappoġġja l-libertà ta' l-espressjoni u ta' l-assoċjazzjoni fil-pajjiż,

U. billi l-Kenja daħlet għal impenji biex tirrispetta d-drittijiet ċivili fundamentali, id-demokrazija bbażata fuq l-istat tad-dritt u t-tmexxija trasparenti u responsabbli fil-qafas tal- Ftehim ta' Cotonou),

1. Jikkundanna t-telf traġiku tal-ħajja umana u s-sitwazzjoni umanitarja kritika, u jistieden urġentement lill-awtoritajiet u lill-partijiet interessati rilevanti biex jagħmlu l-aħjar li jistgħu sabiex iġibu l-paċi fir-Repubblika tal-Kenja u biex jiżguraw li d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt jiġu rrispettati;

2. Jaqbel mal-konklużjonijiet ippreżentati mill-EOM ta' l-UE fid-dikjarazzjoni preliminari tagħha;

3. Jiddispjaċih li, minkejja l-elezzjonijiet parlamentari li ġeneralment kellhom suċċess, ir-riżultati ta' l-elezzjonijiet presidenzjali ma jistgħux jitqiesu bħala kredibbli minħabba rapporti mifruxa ta' irregolaritajiet elettorali;

4. Jiddeplora l-fatt li Mwai Kibaki, ħatar il-kabinett tiegħu unilateralment, xi ħaġa li dgħajfet ħafna l-isforzi ta' medjazzjoni;

5. Jistieden lill- Mwai Kibaki, biex jirrispetta l-impenji demokratiċi ta' pajjiżu kif imfissrin fil-Kostituzzjoni tal-Kenja, fil-Karta Afrikana tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli, u l-Karta Afrikana dwar id-Demokrazija, l-Elezzjonijiet u l-Governanza rigward elezzjonijiet ħielsa u ġusti, u sabiex jaqbel li ssir eżaminazzjoni indipendenti tal-vot presidenzjali; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kenjani, barra minn hekk, biex jiffaċilitaw din l-investigazzjoni sabiex titranġa s-sitwazzjoni u sabiex min hu responsabbli għal dawn l-irregolaritajiet elettorali jinżamm responsabbli għal għemilu;

6. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Kenjani biex jiggarantixxu fiċ-ċirkostanzi kollha l-integrità fiżika u psikoloġika tal-membri tal-KPTJ u tad-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiż u biex itemmu l-atti kollha ta' tkasbir mwettqa fil-konfront tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kenja;

7. Jistieden liż-żewġ naħat biex b'mod urġenti jieħdu azzjoni tanġibbli ta' rimedju permezz tan-negozjar; jappoġġja, f'dan ir-rigward, aktar sforzi ta' medjazzjoni minn grupp ta' anzjani Afrikani mmexxija minn Kofi Annan, l-ex Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti;

8. Jistieden lill-Presidenza ta' l-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni biex jimmoniterjaw mill-qrib il-missjoni ta' medjazzjoni mmexxija minn Kofi Annan u, jekk ikun hemm il-ħtieġa, jiżguraw kontinwazzjoni immedjata ta' dawn l-isforzi ta' medjazzjoni minn delegazzjoni ta' livell għoli ta' l-Unjoni Ewropea, possibilment f'inizjattiva konġunta bejn l-UE u l-AU; jistieden lill-Kummissjoni biex toffri lill-awtoritajiet Kenjani l-għajnuna teknika u finanzjarja kollha meħtieġa fil-proċess ta' l-eżaminazzjoni indipendenti ta' l-elezzjonijiet presidenzjali, kif ukoll rigward il-passi meqjusa meħtieġa sabiex titranġa s-sitwazzjoni;

9. Jilqa' l-fatt li l-parlament ġdid elett wera l-indipendenza tiegħu bl-elezzjoni tas-Sur Kenneth Marende bhala speaker u jisħaq dwar l-irwol deċiżiv li għandu jintlagħab minn dak il-parlament fit-tiswir mill-ġdid tal-libertajiet ċivili fil-Kenja;

10. Jitlob miżuri konkreti sabiex titwaqqaf Kummissjoni Elettorali verament imparzjali li fil-futur tkun tista' tmexxi elezzjonijiet ħielsa u ġusti b'mod aħjar;

11. Jiġbed l-attenzjoni għad-dikjarazzjoni ta' Samuel Kivuitu, chairperson tal-ECK, poġġa distanza bejnu u r-riżultati ta' l-elezzjoni presidenzjali li ġew ippubblikati fil-media u talab li ssir inkjesta indipendenti dwar l-allegazzjonijiet ta' frodi;

12. Jitlob li jerġgħu jsiru elezzjonijiet presidenzjali jekk ma jkunx possibbli li l-għadd mill-ġdid tal-voti ta' l-elezzjoni presidenzjali jerġa' jsir b'mod kredibbli u ġust minn korp indipendenti;

13. Jiddispjaċih li ma' tteħidx il-vantaġġ offrut mill-l-opportunità ppreżentata millelezzjonijiet presidenzjali ta' l-2007 biex jiġi kkonsolidat u żviluppat aktar il-proċess elettorali u dak demokratiku b'mod aktar ġenerali;

14. Jistieden lill-mexxejja tal-partiti politiċi biex jieħdu r-responsabilità biex jipprevjenu iktar vjolenza fil-pajjiż, biex juru impenn għall-istat tad-dritt u biex jiggarantixxu r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem;

15. Huwa ppreokkupat ħafna minħabba r-riperkussjonijiet soċjali tal-kriżi ekonomika attwali, minħabba l-effett negattiv fuq l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-pajjiż, u kif ukoll minħabba l-konsegwenzi ekonomiċi għall-pajjiżi ġirien, li fil-biċċa l-kbira jiddependu mill-infrastrutturi tal-Kenja u li s-sitwazzjoni umanitarja tagħhom qed tiddgħajjef minħabba l-kriżi;

16. Jistieden lill-Gvern Kenjan u lill-Kummissjoni biex iħejju assistenza umanitarja ta' malajr għall-persuni spustati internament u biex jipprovdu l-ħaddiema kollha meħtieġa għal għajnuna umanitarja;

17. Jistieden lill-awtoritajiet rilevanti biex jiżguraw rappurtaġġ ħieles u indipendenti mill-istampa u biex jerġgħu jippermettu x-xandir dirett minnufih;

18. Jiddispjaċih bl-iżburżar ta' l-għajnuna mill-baġit tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp lill-gvern ta' Kibaki direttament wara l-elezzjonijiet, fatt li jista' jiġi miżinterpretat li hu mxaqleb politikament, u jitlob li jiġi ffriżat l-appoġġ baġitarju ulterjuri kollu lill-gvern tal-Kenja sakemm ma jkunx hemm soluzzjoni politika għall-kriżi attwali;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri, lill-gvern tal-Kenja, lill-Ko-Presidenti ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-UE u liċ-Chairmen tal-Kummissjoni u l-Kunsill Eżekuttiv ta' l-Unjoni Afrikana.

---

## L-irwol tan-nisa fl-industrija

P6_TA(2008)0019

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar l-irwol tan-nisa fl-industrija (2007/2197(INI))**

(2009/C 41 E/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 2, l-Artikolu 3(2) kif ukoll l-Artikoli 141 u 157 tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, iffirmata fit-12 ta' Diċembru 2007 [1], b'mod partikolari l-Artikoli 15, 23, 27, 28 u 31 tagħha,

[1] ĠU C 303, 14.12.2007, p 1.

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

— wara li kkunsidra l-Komunikazzojni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ottubru 2005 dwar "L-implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona: Qafas ta' Politika għat-Tisħiħ ta' l-industrija tal-manifattura ta' l-UE — lejn strateġija aktar integrata għall-politika industrijali" (COM(2005)0474),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-18 ta' Lulju 2007 bit-titolu: "Niġġieldu kontra l-inugwaljanza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel" (COM(2007)0424),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar ir-relazzjonijiet industrijali fl-Ewropa fl-2006,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-iżviluppi reċenti tad-djalogu soċjali settorjali Ewropew, ippubblikat fl-2006,

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-kuntest tax-xogħol,

— wara li kkunsidra l-qafas ta' azzjonijiet dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, iffirmat mill-imsieħba soċjali fuq livell Ewropew,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2007 dwar "Il-promozzjoni ta' xogħol deċenti għal kulħadd" ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Settembru 2002 dwar ir-rappreżentazzjoni tan-nisa fost l-imsieħba soċjali ta' l-Unjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Frar 2000 dwar il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "In-Nisa u x-xjenza — Il-Mobilizzazzjoni tan-nisa biex jarrikixxu r-riċerka Ewropea" ([3]),

— wara li kkunsidra s-seduta pubblika li saret fil-5 ta' Ġunju 2007 mill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi dwar l-irwol tan-nisa fl-industrija,

— wara li kkonsidra r-Regola 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0519/2007),

A. billi hu meħtieġ li tkun preservata l-importanza strateġika ta' l-industrija fl-Istati Membri differenti ta' l-Unjoni Ewropea fil-ħolqien tal-ġid u tax-xogħol,

B. billi l-isterjotipi li għadhom jeżistu fir-rigward ta' l-għażla ta' l-orjentazzjoni edukattiva u professjonali tan-nisa jikkontribwixxu sabiex in-nisa ma jitqassmux b'mod ugwali fis-settur industrijali,

C. billi l-irwol tan-nisa fl-industrija għandu jkun dejjem ibbażat fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza tas-salarji u tal-prospettivi tal-karriera sabiex tkun promossa l-parteċipazzjoni usa' tagħhom anke f'oqsma industrijali li tradizzjonalment mhumiex assenjati lin-nisa;

D. billi l-irwol tan-nisa fl-industrija jvarja minħabba rappreżentazzjoni li tvarja skond is-setturi, partikolarment b'rappreżentanza ogħla f'ċerti setturi (tat-tessuti, tal-ħwejjeġ, tar-rakkmu, taż-żraben, tas-sufra, tal-linji, tal-materjal ta' l-elettriku u elettroniku, ta' l-ikel) u b'rappreżentanza baxxa fis-setturi tat-teknoloġija l-iktar avvanzata, li ġġib magħha distinzjoni tal-problemi li jiltaqgħu magħhom,

E. billi l-ostakoli relatati mal-ġeneru għadhom jimpedixxu lin-nisa milli jimxu 'l quddiem fl-industrija, iżda llum dawn l-ostakoli huma aktar sottili minn qabel,

([1]) *Testi Adottati* ta' din id-data, P6_TA(2007)0206.
([2]) ĠU C 273 E, 14.11.2003, p. 169.
([3]) ĠU C 309, 27.10.2000, p. 57.

F. billi, fl-oqsma fejn in-nisa jirrappreżentaw il-parti l-kbira tal-ħaddiema, jispikkaw il-pagi baxxi, fattur li jirrifletti t-trattament diskriminatorju tax-xogħol tan-nisa, u billi l-ftehim kollettivi ġeneralment ma jikkunsidrax biżżejjed id-dimensjoni tal-ġeneru u l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa, u jridu jsiru sforzi akbar biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni eżistenti tiġi implimentata verament,

G. billi medja ta' kważi 14 % tal-ħaddiema nisa fl-UE jaħdmu fl-industrija, iżda, f'ċerti pajjiżi dan il-persentaġġ hu aktar minn 25 %, li f'din il-medja, aktar minn 21 % jaħdmu part-time u li n-nisa jirrapreżentaw 65 % tal-ħaddiema part-time f'dan is-settur,

H. billi l-kumpaniji għandhom responsabilità li jirrispettaw il-prinċipju ta' l-ugwaljanza fuq il-post tax-xogħol, irrispettivament mid-daqs tagħhom jew mis-settur li joperaw fih;

I. billi n-nisa li jagħmlu xogħlijiet prekarji, part-time, temporarji jew mhux standard isofru minn aktar diskriminazzjoni, b'mod partikulari meta jsiru ommijiet, u ġeneralment għandhom inqas opportunitajiet għal tagħlim bażiku matul il-ħajja u għat-taħriġ vokazzjonali; billi n-nisa f'impjieg prekarju jew part-time spiss ma jkunux kapaċi jikkontribwixxu b'mod konsistenti għal fond tal-pensjoni u għalhekk għandhom riskju akbar li ma jkollhomx dħul biżżejjed biex imantnu lilhom infushom aktar tard fil-ħajja,

J. billi l-viżjoni integrata tal-politika industrijali maħsuba mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni msemmija hawn tal-5 ta' Ottubru 2005, għalkemm tinkludi l-koeżjoni ekonomika u soċjali fost l-għanijiet tagħha, ma tikkunsidrax biżżejjed id-dimensjoni tal-ġeneru,

K. billi l-industrija ta' l-ipproċessar, li fiha hemm konċentrazzjoni ta' 86 % tal-ħaddiema nisa fl-industrija, hija magħmula minn 99 % intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li jimpjegaw madwar 58 % tal-ħaddiema globali f'dan is-settur,

L. billi l-evoluzzjoni tax-xogħol fl-industrija fil-preżent hija kkaratterizzata aktar minn tnaqqis ta' l-iskemi tradizzjonali tax-xogħol milli minn titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-perspettivi ta' karriera, partikolarment għan-nisa,

M. billi hemm rabta mill-qrib bejn in-nuqqas ta' strutturi għall-kura tat-tfal, l-għażla mhux volontarja għal xogħol part-time u n-nuqqas ta' opportunitajiet ta' taħriġ u ta' għajnuna għad-dħul mill-ġdid fil-ħajja professjonali, fatturi li jirriskjaw li jħallu lin-nisa f'pożizzjonijiet b'inqas kwalifiki u mingħajr prospettivi suffiċjenti ta' karriera,

N. billi hemm nuqqas ta' statistika bbażata fuq is-sessi f'dak li għandu x'jaqsam mad-diviżjoni tax-xogħol f'kategoriji professjonali differenti u l-livelli tas-salarji rispettivi fis-setturi industrijali,

O. billi r-riskji tas-saħħa u t-tip ta' mard professjonali jistgħu jkunu differenti għan-nisa u għall-irġiel, jeħtieġ li jiġu analizzati u studjati f'aktar dettall is-sitwazzjonijiet eżistenti u l-konsegwenzi tagħhom, filwaqt li jiġu kkunsidrati wkoll il-konsegwenzi tal-maternità,

P. billi l-edukazzjoni kontinwa u t-tagħlim mgħaġġel iżid il-produttività tan-nisa u l-kontribut tagħhom għall-ekonomija,

Q. billi ambjent tax-xogħol mhux diskriminatorju huwa l-uniku wieħed li jiffavorixxi l-potenzjal produttiv tal-ħaddiema kemm nisa u kemm irġiel, u billi jeħtieġ li tinħoloq klima fejn kull individwu huwa apprezzat u l-għanijiet tiegħu jew tagħha jiġu rikonoxxuti,

1. Jenfasizza l-irwol tan-nisa fl-industrija u jinkoraġixxi l-promozzjoni tagħhom fl-ugwaljanza fis-salarji, fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, fil-perspettivi tal-karriera, fit-taħriġ professjonali kif ukoll fir-rispett tal-maternità u tal-paternità bħala valuri soċjali fundamentali;

2. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jippromwovu programmi ta' imprenditorjat femminili fil-qasam industrijali u biex jappoġġjaw finanzjarjament il-ħolqien ta' intrapriżi femminili;

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

3. Jenfasizza l-ħtieġa li n-nisa jingħataw inkoraġġiment sabiex jaħdmu fl-industrija biex jiksbu kontinwament il-ħiliet meħtieġa biex ikollhom suċċess fil-karrieri tagħhom;

4. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li hemm ħafna fatturi, f'kull stadju ta' l-iżvilupp tal-karriera, li jwasslu għal ambjent li ma jilqax lin-nisa fl-industrija, bħall-prattiki tar-reklutaġġ li joħolqu ostakoli de facto għan-nisa, l-istandards differenti għan-nisa u għall-irġiel, id-disparitajiet fit-tqassim ta' xogħlijiet ta' kwalifiki għolja u d-diskrepanza fil-ħlas bejn l-irġiel u n-nisa; għalhekk huwa tal-fehma li kull wieħed minn dawn il-fatturi għandu jiġi indirizzat mill-politiki speċifiċi maħsuba mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri;

5. Jagħraf il-ħtieġa ta' politika industrijali integrata li tieħu kont tal-forza indispensabbli tal-kompetittività, filwaqt li tiggarantixxi d-drittijiet soċjali u ekonomiċi tal-ħaddiema;

6. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jistiednu lill-intrapriżi kbar biex iħejju u jimplimentaw, b'mod li jorbot, il-pjanijiet ta' ugwaljanza tagħhom stess li ġew innegozjati, kif ukoll biex iħeġġu lill-intrapriżi żgħar u medji biex jagħmlu l-istess;

7. Jafferma li l-promozzjoni ta' xogħol deċenti tifforma parti integrali mill-valuri ta' l-Unjoni Ewropea u jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri effettivi bil-għan li jiġu rrispettati l-istandards soċjali u li jkun hemm garanzija ta' xogħol deċenti fis-setturi industrijali differenti, u b'hekk jiġi żgurat dħul deċenti għall-ħaddiema, b'mod partikulari għan-nisa, id-dritt għas-sikurezza u għas-saħħa fuq ix-xogħol, għall-ħarsien soċjali u għal-libertà rigward it-trejdjunjins, u permezz ta' dan isir kontribut sinifikanti lejn l-għan tat-tneħħija ta' kull tip ta' diskriminazzjoni bejn in-nisa u l-irġiel fuq ix-xogħol;

8. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiġġieldu b'mod effikaċi kontra l-isfruttar tan-nisa fuq il-post tax-xogħol, li huwa nnotat b'mod speċjali f'ċerti setturi bħal dak tat-tessuti, sabiex id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema, u b'mod partikulari dawk tan-nisa, ikunu rispettati u sabiex jiġi evitat id-dumping soċjali;

9. Huwa tal-fehma li l-irwol tan-nisa fi kwalunkwe qasam industrijali ma jistax jitqies f'iżolament mill-istat ta' l-industrija fl-Unjoni Ewropea b'mod ġenerali, mill-isfidi li l-industrija fl-UE qed tiffaċċja u mill-bżonn tas-sejba ta' soluzzjonijiet adegwati;

10. Jifraħ dwar il-fatt li skond l-aħħar statistiċi ppubblikati, l-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi terzi għadhom jirrappreżentaw, f'diversi setturi, l-istess proporzjon ta' fatturat totali, li juri l-kompetittività ta' l-UE f'dawn is-setturi; jesprimi madankollu t-tħassib tiegħu dwar l-istaġnar tad-domanda domestika f'għadd ta' Stati Membri, dwar iż-żieda fl-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u l-persistenza tal-fenomenu tat-telf ta' l-impjiegi settorjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea, li sikwit jaffetwa lin-nisa;

11. Jisħaq dwar il-ħtieġa ta' miżuri urġenti għall-implimentazzjoni integrali u effettiva tad-Direttiva 75/117/KEE [1] sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni fis-salarji, b'mod partikulari permezz ta' involviment akbar tat-trejdjunjins u permezz tat-tfassil ta' pjanijiet settorjali progressivi, b'għanijiet preċiżi, li jippermettu li tintemm id-diskriminazzjoni fis-salarji, kemm diretta kif ukoll indiretta;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw protezzjoni mill-fastidju sesswali u mill-fastidju għal raġunijiet relatati mal-ġeneru;

13. Jikkunsidra li huwa importanti l-approfondiment tal-kwistjoni tal-ħolqien ta' metodoloġija ta' analiżi ta' x'jinvolvu l-impjiegi eżattament, li tkun tista' tiggarantixxi d-drittijiet fil-qasam ta' l-ugwaljanza fis-salarji bejn in-nisa u l-irġiel, ;

14. Jikkunsidra li huwa importanti li jiġu evalwati l-proġetti EQUAL immirati lejn l-għoti ta' status ġdid għax-xogħol sabiex tiġi promossa l-ugwaljanza, u jenfasizza l-importanza ta' l-għajnuna għal proġetti pilota li japprofondixxu l-analiżi ta' x'jinvolvu eżattament l-impjiegi bil-għan li jkunu garantiti d-drittijiet fil-qasam ta' l-ugwaljanza tas-salarji bejn in-nisa u l-irġiel u li jingħata valur lill-persuni u lill-professjonijiet;

---

(1) Id-Direttiva 75/117/KEE tal-Kunsill, ta' l-10 ta' Frar 1975, rigward it-tqarrib tal-leġiżlazzjonijiet ta' l-Istati Membri rigward l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza tal-pagi bejn il-ħaddiema nisa u dawk irġiel (ĠU L 45, 19.2.1975, p. 19).

15. Jinsisti dwar il-ħtieġa li jkunu promossi inizjattivi li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni fl-intrapriżi ta' azzjonijiet pożittivi u ta' politiki tar-riżorsi umani li jiffavorixxu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, filwaqt li jingħata wkoll valur lill-prattiki ta' sensibilizzazzjoni u ta' taħriġ li jippermettu l-promozzjoni, it-trasferiment u l-inkorporazzjoni ta' prattiki li kellhom suċċess fl-organizzazzjonijiet u fl-intrapriżi;

16. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex ikunu aktar attivi u biex jagħmlu sforzi akbar biex iżidu s-sensibilizzazzjoni u jissorveljaw intrapriżi rigward ir-rispett tar-regoli ta' kondotta u ta' kriterji marbuta mar-responsabiltà soċjali korporattiva fix-xogħol tagħhom ta' kuljum, kif ukoll biex jiggarantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar u jieħdu kont tal-ħinijiet tax-xogħol, ir-rispett tad-drittijiet ta' l-ommijiet u tal-missirijiet, b'mod partikulari billi jiggarantixxu d-dħul mill-ġdid fix-xogħol wara l-liv tal-maternità jew il-liv tal-ġenituri, ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol ma' dik tal-familja, u jitlob li dawn id-drittijiet jiġu inklużi f'leġiżlazzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li jinħolqu kundizzjonijiet li jiffaċilitaw il-qsim tar-responsabiltajiet familjari;

17. Jirrakkomanda li għandu jkun hemm għażla akbar fuq il-post tax-xogħol, li tippermetti lill-irġiel u lin-nisa jkollhom għażliet ikbar għall-iżvilupp kemm tal-ħajja familjari tagħhom u kemm tal-karrieri tax-xogħol tagħhom; jemmen li x-xogħol għandu jkun iktar disponibbli għall-irġiel u għan-nisa biex ikun jaqbel mal-ħtiġijiet tagħhom li jinbidlu;

18. Jitlob lill-Istati Membri biex jintroduċu pensjonijiet aħjar, aktar flessibbli u li jistgħu jiġu trasferiti; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-titjib fil-faċilità tat-trasferiment tad-drittijiet supplimentari għall-pensjoni [1];

19. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' network ta' servizzi soċjali ta' min jorbot fuqhom u ta' flessibiltà fil-qasam preskolari u ta' l-iskejjel primarji, sabiex jgħin lin-nisa li jaħdmu matul iż-żmien li huma jiddedikaw għall-edukazzjoni ta' wliedhom;

20. Jenfasizza l-fatt li l-ħinijiet twal tax-xogħol jagħmlu pressjoni kbira fuq il-ħaddiema u għandhom effett negattiv fuq saħħithom, fuq il-benessri tagħhom u fuq il-livell ta' sodisfazzjoni tagħhom;

21. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jiffavorixxi kumpaniji biex jieħdu azzjoni favur l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u biex jiffaċilitaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja, bil-għan li jinkoraġġixxu t-tixrid ta' prattiki tajba f'dan il-qasam;

22. Jenfasizza l-bżonn li jkun żgurat li miżuri li jkunu ttieħdu fil-qasam tar-rikonċiljazzjoni tal-professjoni, tal-familja u tal-ħajja privata, ma jwasslux għas-separazzjoni jew għall-isterjotipar tal-ġeneru ta' l-irwoli ta' l-irġiel u n-nisa u li dawn il-miżuri jikkonformaw mal-prijoritajiet tal-Pjan Direzzjonali għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2006-2010, b'mod partikolari rigward l-involviment sħiħ u ugwali tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-indipendenza ekonomika tagħhom, u jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw aċċess komprensiv għal servizzi soċjali bi prezz raġonevoli, bħal creches, nurseries, faċilitajiet ta' divertiment għat-tfal u appoġġ għall-anzjani, li l-kura tagħhom ħafna drabi tingħata min-nisa; jitlob li jkun hemm appoġġ tekniku effettiv u fejn hu possibbli appoġġ finanzjarju jew inċentivi għal min iħaddem fl-SMEs biex jimplimentaw dawn il-politiki u prattiki;

23. Jenfasizza l-importanza ta' negozjati u ftehim kollettivi fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra n-nisa, speċjalment fl-oqsma ta' l-aċċess għax-xogħol, tas-salarji, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, ta' l-avvanz fil-karriera u tat-taħriġ professjonali;

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-imsieħba soċjali settorjali biex jiddefinixxu standards għoljin għall-protezzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol, standards li jikkunsidraw id-dimensjoni tal-ġeneru, b'mod partikolari l-ħarsien tal-maternità, fil-livell tar-riċerka, tal-kontroll u tal-miżuri ta' prevenzjoni; jinnota li n-nisa huma rappreżentati żżejjed fis-setturi fejn movimenti repetittivi huma responsabbli għal mard okkupazzjonali bħal mard fil-muskoli u fl-għadam (musculo-skeletal disorders)u li dawn il-kundizzjonijiet għandhom jingħataw attenzjoni speċjali;

25. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw ukoll id-dimensjoni tal-ġeneru fl-istudji, sondaġġi u inkjesti nazzjonali;

(1) *Testi Adottati*, 20.6.2007, P6_TA(2007)0269.

26. Jenfasizza l-fatt li l-biċċa l-kbira ta' l-istudji dwar l-impjieg ta' persuni foqra jindikaw li familji bi dħul wieħed, b'mod partikolari dawk il-familji li fihom il-mara taqla' dan id-dħul, huma partikolarment affetwati mill-povertà; jenfasizza li l-qerda tal-faqar u l-esklużjoni soċjali għandha tkun prijorità politika għall-Unjoni Ewropea; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippreċiżaw u jsegwu objeetiv ambizjuż li jitnaqqas in-numru ta' ħaddiema foqra fl-Ewropa;

27. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromwovi politiki u programmi ta' taħriġ professjonali, inkluż l-iżvilupp tal-kapaċità ta' l-użu tal-kompjuter, mmirati għan-nisa sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni tagħhom f'diversi setturi ta' l-industrija, b'kunsiderazzjoni għall-appoġġ finanzjarju eżistenti disponibbli fil-livelli lokali, nazzjonali u Komunitarji u billi jinħolqu inċentivi fiskali ikbar biex miżuri bħal dawn jiġu esegwiti kemm mill-kumpaniji l-kbar u kemm mill-SMEs;

28. Jitlob lill-Kummissjoni biex tintensifika l-appoġġ għall-programmi ta' taħriġ professjonali mmirati għan-nisa fi ħdan l-SMEs, u biex il-Kummissjoni tappoġġja r-riċerka u l-innovazzjoni, skond is-Seba' Programm ta' Qafas u skond id-dispożizzjonijiet tal-Karta Ewropea għall-Intrapriżi Żgħar, kif approvata fl-Anness III tal-Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Santa Maria da Feira tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2000;

29. Jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġja t-tagħlim, it-tagħlim superjuri u t-taħriġ professjonali; jenfasizza l-fatt li l-edukazzjoni hija mezz essenzjali li jippermetti lin-nisa jaffaċċjaw suq tax-xogħol maqsum skond is-sess;

30. Jitlob li jkun hemm l-iktar distribuzzjoni wiesgħa possibbli ta' l-Aġenda tar-Riċerka Strateġika tal-Pjattaforma Teknoloġika Ewropea għall-Futur tat-Tessuti u tal-Ħwejjeġ u jheġġeġ lill-partijiet kollha involuti sabiex jersqu lejn teknoloġiji u mudelli ta' negozju innovattivi li għandhom parteċipazzjoni bbilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel fil-livelli kollha;

31. Jiddispjaċih għall-parteċipazzjni dgħajfa tan-nisa fl-organizzazzjonijiet ta' imsieħba soċjali u jistieden lil dawn ta' l-aħħar biex jintensifikaw it-taħriġ dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi mogħti lin-negozjaturi u lil dawk responsabbli mill-ftehim kollettivi u biex isaħħu l-parteċipazzjoni tan-nisa fi ħdan l-organi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom;

32. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiffaċilitaw preżenza bilanċjata bejn in-nisa u l-irġiel fil-kunsilli amministrattivi ta' intrapriżi, speċjalment meta l-Istati Membri huma azzjonisti ta' dawn l-intrapriżi;

33. Jenfasizza l-bżonn li jiġi mħeġġeġ il-ħolqien ta' networks ta' nisa fi ħdan intrapriżi privati, bejn intrapriżi fl-istess settur industrijali u bejn setturi industrijali differenti;

34. Jiddispjaċih għall-persentaġġ baxx tan-nisa fil-qasam tat-teknoloġija avvanzata (state of the art technology) u jenfasizza l-importanza ta' programmi edukattivi u ta' taħriġ operazzjonali fix-xjenza u fit-teknoloġija, programmi li jiggarantixxu l-kwalità u d-diversifikazzjoni ta' offerti ta' taħriġ għan-nisa fl-Istati Membri differenti u l-promozzjoni ta' studji xjentifiċi u teknoloġiċi disponibbli għan-nisa żgħażagħ;

35. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jiżviluppaw u jimplimentaw strateġiji biex jiġu solvuti d-diverġenzi fl-ambjent tax-xogħol u fl-avvanz fil-karriera tan-nisa li jaħdmu fl-oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi;

36. Jikkunsidra li hu importanti li jinxterdu l-prattiki t-tajba eżistenti dwar dak li għandu x'jaqsam mal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-settur tar-riċerka industrijali u fl-industriji avvanzati; jinsisti f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li l-entitajiet amministrattivi jkunu konxji mid-dimensjoni tal-ġeneru fl-intrapriżi industrijali kkaratterizzati minn nuqqas parteċipazzjoni femminil; din il-kuxjenza għandha tiġi tradotta f'ċifri;

37. Jinkoraġġixi lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw fil-politiki kollha relatati s-sitwazzjoni speċifika tan-nisa fl-industrija, b'mod partikolari fis-setturi milquta mill-bidliet strutturali u mill-miżuri fis-settur kummerċjali tad-dinja, kemm fi kwistjonijiet ta' impjieg, kemm fi kwistjonijiet ta' taħriġ professjonali, kif ukoll fi kwistjonijiet ta' saħħa u ta' sigurtà fuq ix-xogħol;

38. Jenfasizza l-bżonn li n-nisa li kellhom iwaqqfu l-karriera jerġgħu jiġu mħarrġa, sabiex tiġi msaħħa l-possibilità li jiġu mpjegati;; jitlob lill-Istati Membri biex iżidu l-possibilitajiet ta' taħriġ matul il-ħajja;

39. Jirrikonoxxi li ċerti reġjuni huma kkaratterizzati minn konċentrazzjoni qawwija ta' intrapriżi tas-settur tat-tessuti u tal-ħwejjeġ, li fuqhom jiddependi ħafna l-impjieg tan-nisa, b'mod partikolari fir-reġjuni żvantaġġjati ta' l-UE; jitlob li tingħata attenzjoni partikolari, speċjalment għall-importazzjoni ta' prodotti li ġejjin minn pajjiżi terzi;

40. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jingħata appoġġ lill-iżvilupp tar-reġjuni żvantaġġjati, liz-zoni li għandhom żvantaġġi strutturali permanenti, lir-reġjuni ultraperiferali u liz-zoni milquta mid-diżindustrijalizzazzjoni jew mill-konverżjonijiet industrijali reċenti, bil-għan li tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika u soċjali u l-inklużjoni soċjali tan-nisa f'dawn iz-zoni u reġjuni;

41. Jikkunsidra li d-delokalizzazzjonijiet laqtu lil xi industriji li kellhom intensità qawwija ta' ħaddiema nisa, bħall-industrija tat-tessuti, tal-ħwejjeġ, tar-rakkmu, taż-żraben, tas-sufra, taċ-ċeramika, tal-materjal ta' l-elettriku jew elettroniku u industriji differenti fis-settur alimentari, sitwazzjoni li tolqot b'mod iktar gravi lill-Istati Membri li għandhom żvilupp ekonomiku aktar dgħajjef, bil-ħolqien tal-qgħad u bit-theddida għall-koeżjoni ekonomika u soċjali;

42. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġu mmonitorati d-delokalizzazzjonijiet ta' intrapriżi fl-Istati Membri ta' l-UE u biex il-politika ta' għotjiet ta' fondi komunitarji jerġa' jkollha l-għan li tiggarantixxi x-xogħol u l-iżvilupp reġjonali;

43. Jinsisti li ma jingħatawx għajnuniet Komunitarji lill-intrapriżi li wara li jkunu bbenefikaw minn Stat Membru, jitrasferixxu l-attivitajiet ta' produzzjoni tagħhom f'pajjiż ieħor mingħajr ma jesegwixxu b'mod sħiħ il-kuntratti konklużi ma' l-Istat Membru kkonċernat;

44. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni biex issegwi b'attenzjoni l-proċeduri attwali ta' għeluq u ta' delokalizzazzjoni ta' intrapriżi industrijali, filwaqt li tesiġi, f'każ ta' irregolaritajiet, ir-rimborż ta' għajnuniet mogħtija;

45. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jikkunsidraw id-dimensjoni tal-ġeneru meta jiġu distribwiti għajnuniet mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni sabiex dawn ikunu jistgħu wkoll jilħqu lis-setturi li għandhom numru qawwi ta' ħaddiema nisa;

46. Jenfasizza l-bżonn li wieħed jikkonċentra fuq il-bidla strutturali kkontrollata fis-settur tat-tessuti u fuq il-bżonn li n-nisa jiġu orjentati u inkoraġġiti jsegwu taħriġ addizzjonali sabiex itejbu l-possibilitajiet ta' impjieg tagħhom fil-fergħat industrijali li qed jiżviluppaw;

47. Jenfasizza l-importanza ta' programmi komunitarji li jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' ditti, id-difiża ta' l-indikazzjoni ta' l-oriġini tal-produzzjoni u l-promozzjoni esterna tal-prodotti komunitarji tas-setturi industrijali fejn jippredominaw in-nisa, partikolarment fil-fieri professjonali u internazzjonali, filwaqt li jinkoraġġixxu x-xogħol tan-nisa u jiggarantixxu l-impjieg tagħhom;

48. Jikkunsidra li, fil-miżuri li l-Kummissjoni għandha tieħu, partikolarment fil-qafas tan-negozjati ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), hu meħtieġ li jiġu kkunsidrati l-kuntest u l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull settur, l-opportunitajiet u l-isfidi li kull settur jiġi ffaċċjat bihom u d-diffikultajiet li kull Stat Membru jiltaqa' magħhom, partikolarment fis-settur ta' l-impjieg tan-nisa u d-drittijiet tagħhom;

49. Jinsisti fuq id-difiża tad-drittijiet tal-ħaddiema rġiel u nisa fil-proċess ta' ristutturizzazzjoni ta' intrapriżi industrijali, fuq il-bżonn li jiġu ggarantiti b'mod sħiħ l-istrutturi tagħhom, partikolarment fil-Kumitat għall-Intrapriżi Ewropej fil-proċessi kollha, fuq id-disponibbiltà ta' l-informazzjoni u l-possibilità ta' intervent deċiż, inkluż id-dritt tal-veto, kif ukoll fuq il-bżonn li jiġu definiti l-kriterji ta' kumpens dovut lill-ħaddiema f'każ li l-intrapriża ma tirrispettax l-obbligi kuntrattwali tagħha;

50. Jikkonsidra li huwa importanti biex jiġi ffaċilitat għall-impjegati li jirritornaw lura għax-xogħol wara waqfa fil-karriera;

51. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

# It-tieni Forum dwar il-Governanza ta' l-Internet, li sar f'Rio de Janeiro bejn it-12 u l-15 ta' Novembru 2007

P6_TA(2008)0020

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar it-tieni Forum dwar il-Governanza ta' l-Internet, li sar f'Rio de Janeiro bejn it-12 u l-15 ta' Novembru 2007**

(2009/C 41 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2005 dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Marzu 2006 dwar soċjetà ta' l-informazzjoni Ewropea għat-tkabbir u l-impjiegi [2],

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Ġinevra tal-Prinċipji u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Laqgħa Għolja Dinjija dwar is-Soċjetà ta' l-Informazzjoni (WSIS), adottati f'Ġinevra fit-12 ta' Diċembru 2003,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Lejn Sħubija Globali fis-Soċjetà ta' l-Informazzjoni: Mill-Prinċipji ta' Ġinevra għall-Azzjoni" (COM(2004)0480),

— wara li kkunsidra l-Impenn ta' Tuneż u l-Aġenda għas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, adottati f'Tuneż fit-18 ta' Novembru 2005,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Lejn Sħubija Globali fis-Soċjeta ta' l-Informazzjoni: Segwitu għall-Fażi ta' Tuneż tal-Laqgħa Għolja Dinjija dwar is-Soċjeta ta' l-Informazzjoni (WSIS)" (COM(2006)0181),

— wara li kkunsidra l-preżentazzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa ta' l-10 ta' Awissu 2007 għat-tieni Forum dwar il-Governanza ta' l-Internet f'Rio de Janeiro, il-Brażil mit-12 sal-15 ta' Novembru 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-għan tal-Forum dwar il-Governanza ta' l-Internet (IGF) hu li jesegwixxu l-mandat tal-Laqgħa Għolja Dinjija dwar is-Soċjetà ta' l-Informazzjoni (WSIS) rigward it-tlaqqigħ ta' fora għal djalogu demokratiku u trasparenti li jhaddan politika li tinteressa lil bosta partijiet,

B. billi l-irwol ewlieni u l-funzjoni ta' l-IGFs hu li jiddiskutu medda wiesgħa ta' kwistjonijiet marbuta mal-Governanza ta' l-Internet u, fejn ikun xieraq, li jagħmlu rakkomandazzjonijiet lill-komunità internazzjonali,

C. billi fl-ewwel IGF li sar f'Ateni bejn it-30 ta' Ottubru u t-2 ta' Novembru 2006, kienu ġew identifikati xi kwistjonijiet u xi forom ta' dibattitu, bħall-koalizzjonijiet dinamiċi, li wara kienu analizzati aktar fil-fond f'Rio de Janeiro u se jkomplu jiġu diskussi fl-IGFs li jmiss,

D. billi t-tieni IGF li sar f'Rio de Janeiro bejn it-12 u l-15 ta' Novembru 2007, ġibed aktar minn 2,000 parteċipant,

E. billi d-delegazzjonijiet ad hoc li bagħat il-Parlament kellhom sehem ewlieni fil-promozzjoni tal-valuri Ewropej u fl-interazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali li attendew għal dawn l-avvenimenti, b'koperazzjoni mal-Kummissjoni,

[1] ĠU C 133 E, 8.6.2006, p.140.
[2] ĠU C 291, 30.11.2006, p.133.

F. billi t-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs) għandhom sehem importanti biex jinkisbu l-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju,

G. billi waħda mill-preokkupazzjonijiet ewlenin ta' l-Ewropa dwar l-ICTs hi li tnaqqas il-firda diġitali kemm fil-livell reġjonali kif ukoll f'dak globali,

H. billi l-ogħla prijoritajiet ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Kunsill ta' l-Ewropa waqt it-tieni IGF kienu l-protezzjoni tat-tfal li jużaw l-Internet, il-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà ta' l-espressjoni, il-ħtieġa li jkunu garantiti l-użu bil-miftuħ u l-aċċessibilità biex ikun hemm diversità, l-indirizzi u n-numerazzjoni IP (Internet Protocol), u l-Internet ta' l-Affarijiet *(Internet of Things)* marbut mal-kwistjoni usa' ta' l-RFID (Radio Frequency Identification),

I. billi dawn il-kwistjonijiet se jerġgħu jiġu trattati fl-IGF li jmiss, li se jiltaqa' f'i New Delhi bejn it-8 u l-11 ta' Diċembru 2008,

1. Jikkunsidra li, għalkemm l-IGF mhux se jadotta konklużjonijiet formali, ir-responsabilità ta' l-Unjoni Ewropea hi li tagħti appoġġ lil dan il-proċess, billi dan jagħti kuntest pożittiv u konkret lill-iżvilupp ta' l-Internet fil-ġejjieni fuq il-bażi ta' strateġija li tinteressa lil bosta partijiet;

2. Jenfasizza li diġà jistgħu jittieħdu tagħlimiet mill-iskambji produttivi li kien hemm fil-kuntest ta' l-IGFs s'issa, u li bdew jaħdmu, l-aktar fl-aspetti regolatorji dwar il-komunikazzjoni elettronika u l-kwistjonijiet dwar is-sigurtà tad-data u l-privatezza; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi assigurat Internet miftuħ u indipendenti għall-ġejjieni, ibbażat fuq l-inizjattivi u l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati, kif ukoll fuq il-libertà ta' l-espressjoni;

3. Jistieden lill-istituzzjonijiet konċernati ta' l-UE biex iqisu l-Aġenda ta' Tuneż għas-Soċjetà ta' l-Informazzjoni fil-ħidma leġiżlattiva tagħhom, bħar-reviżjoni tal-qafas tat-telekomunikazzjoni elettronika, ir-reviżjoni ta' l-inizjattiva i2010 u kull proposta leġiżlattiva prospettiva dwar l-ICT; jenfasizza l-mezzi biex l-Internet isir aktar aċċessibbli għal aktar nies, p.e. il-kompetizzjoni bejn l-operaturi u l-fornituri tas-servizz, in-newtralità bejn it-teknoloġija u l-iżvilupp ta' l-ICT;

4. Jenfasizza l-importanza li għandu jogħla l-profil parlamentari dwar il-proċess ta' l-IGF u jfittex bil-ħerqa li jikkopera mal-Parlamenti tal-Brażil u ta' l-Indja u assemblej oħra interessati rigward l-IGF li jmiss fi New Delhi;

5. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jagħtu prijorità lill-IGF fl-aġendi tagħhom;

6. Jinnota l-offerta li saret mil-Litwanja biex torganizza l-IGF ta' l-2010;

7. Jirrikonoxxi l-valur li jkompli bil-koperazzjoni tiegħu mal-Kummissjoni, p.e. b'laqgħat regolari wara l-laqgħat tal-gruppi ta' konsulenza ta' l-IGF;

8. Jisħaq fuq l-importanza li jidħlu l-interessi nazzjonali u reġjonali fil-proċess ta' l-IGF sabiex jinħolqu IGFs lokali, kif diġà qiegħed jiġi propost li jsir fir-Renju Unit;

9. Jinkoraġġixxi l-organizzazzjoni ta' "IGF Ewropea" qabel nofs l-2009 biex tissaħħaħ id-dimenzjoni Ewropea tal-proċess sħiħ bejn l-IGF u d-WSIS; jitlob lill-President tiegħu biex joffri l-faċilitajiet għal avveniment ta' tħejjija qabel l-IGF ta' New Delhi li jkun jinvolvi membri parlamentari mill-UE;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri.

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

## L-arrest tad-dissident Ċiniż Hu Jia

P6_TA(2008)0021

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar l-arrest tad-dissident Ċiniż Hu Jia**

(2009/C 41 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' qabel dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina,

— wara li kkunsidra l-aħħar żewġ sessjonijiet ta' Djalogu UE-Ċina dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li saru f'Beijing fis-17 ta' Ottubru 2007, u f'Berlin fil-15 u s-16 ta' Mejju 2007,

— wara li kkunsidra s-seduta ta' smigħ pubbliku li saret fis-26 ta' Novembru 2007 mis-Sotto-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem fiċ-Ċina fiż-żmien ta' preparazzjoni għal-Logħob Olimpiku ta' l-2008 f' Beijing,

— wara li kkunsidra t-Tregwa Olimpika msejħa mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-31 ta' Ottubru 2007, li tħeġġeġ lill-Istati Membri tan-NU sabiex josservaw u jippromwovu l-paċi waqt il-logħob Olimpiku ta' l-2008,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-promotur tad-drittijiet tal-bniedem Hu Jia ittieħed minn uffiċjali tal-pulizija mid-dar tiegħu f'Beijing fis-27 ta' Diċembru 2007 akkużat b'inċitament sovversiv,

B. billi Hu Jia u l-mara tiegħu, Zeng Jinyan, tefgħu l-attenzjoni dwar l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina ta' dawn l-aħħar ftit snin u għaddew ħafna żmien arrestati f'darhom bħala riżultat tal-kampanji li għamlu,

C. billi Hu Jia jinsab f'kundizzjoni ta' saħħa ħażina peress li qed isofri minn marda tal-fwied li għaliha hu irid jieħu l-mediċina,

D. billi fl-2006 it-Time Magazine innomina lil Zeng Jinyan bħala waħda mill-mitt eroj u pijunieri dinjin u fl-2007, flimkien ma' Hu Jia, hi irċeviet il- premju speċjali għaċ-'Ċina' tal-Korrispondenti mingħajr Fruntieri u kienet nominata għall-Premju Sakharov,

E. billi l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem iddikkjaraw l-arrest bħala mossa oħra mill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex jagħlqu ħalq il-kritiċi qabel il-Logħob Olimpiku ta' l-2008,

F. billi 57 intellettwali miċ-Ċina immedjatament ippubblikaw ittra miftuħa fejn sejħu għall-ħelsien immedjat ta' Hu Jia,

G. billi l-President tal-Parlament Ewropew, fil-31 ta' Diċembru 2007, ippubblika stqarrija li fiha widdeb lill-awtoritajiet Ċiniżi għad-detenzjoni ta' Hu Jia u ħeġġiġhom sabiex jużaw il-Logħob Olimpiku ta' l-2008 bħala 'opportunità għaċ-Ċina sabiex turi li pajjiż li qed jospita l-avveniment sportiv l-aktar importanti fid-dinja hu impenjat sabiex fuq livell internazzjonali jirrikonoxxi l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-libertà ta' l-espressjoni',

1. Jikkundanna bil-qawwa d-detenzjoni ta' Hu Jia u jitlob il-ħelsien immedjat tiegħu u tad-dissidenti kollha li ġew arrestati u miżmuma l-ħabs fuq reati ta' opinjoni;

2. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex jiggarantixxu fiċ-ċirkustanzi kollha l-integrità fiżika u psikoloġika tas-Sur Hu Jia, tal-qraba tiegħu u ta' l-avukati tiegħu;

3. Jitlob liċ-Ċina sabiex tirrispetta l-impenji tagħha tad-drittijiet tal-bniedem u ta' l-istat tad-dritt, partikolarment id-dispożizzjonijiet tad-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fid-9 ta' Diċembru 1998, billi ttemm it-turment tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem Ċiniżi, ħalli turi l-impenn tagħha lejn id-drittijiet tal-bniedem fis-sena Olimpika tagħha;

4. Iħeġġeġ liċ-Ċina sabiex ma tużax il-Logħob Olimpiku ta' l-2008 bħala pretest biex tarresta u żżomm illegalment jew titfa' l-ħabs, dissidenti, ġurnalisti jew attivisti tad-drittijiet tal-bniedem li jew jirrapurtaw dwar jew jagħmlu dimostrazzjoni kontra l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem;

5. Itenni l-opinjoni tiegħu li t-tħassib dwar id-drittijiet tal-bniedem għandu jirċievi ħafna aktar attenzjoni fiż-żmien ta' preparazzjoni lejn il-Logħob Olimpiku ta' l-2008 u jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħtiega għal rispett lejn il-prinċipji etiċi fundamentali universali u l-promozzjoni ta' soċjetà paċifika li turi interess fil-preservazzjoni tad-dinjità tal-bniedem kif imniżżla fl-Artikoli 1 u 2 tal-Karta Olimpika;

6. Iħeġġeġ liċ-Ċina sabiex tirriforma l-liġi kriminali tagħha ħalli tagħti aktar libertà ta' l-espressjoni lill-ġurnalisti, lill-kittieba, lill-freelancers, lill-korrispondenti eċċ., li se jirrapurtaw lid-dinja dwar avveniment daqstant importanti bħalma huwa l-Logħob Olimpiku ta' l-2008; iqis li tali riforma tagħmilha wkoll possibbli li jiġi ċċarat l-għan ta' wħud mid-dispożizzjonijiet li mhumiex ċari (per eż. l-Artikolu 105 tal-Kodiċi Kriminali taċ-Ċina), u tagħti lid-dinja sinjal pożittiv li s-Sbatax-il Kungress Nazzjonali tal-Partit Komunistà Ċiniż witta t-triq għal aktar rispett lejn opinjonijiet differenti;

7. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex jippermettu lil Hu Jia u lid-dissidenti l-oħra kollha li jinsabu arrestati li jingħataw l-għajnuna medika li jeħtieġu, u li jżommu f'moħħhom li d-detenzjoni f'kundizzjonijiet mhux xierqa jistgħu jagħmlu ħsara lis-saħħa tagħhom;

8. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex jagħlqu l-hekk imsejħa 'ħabsijiet suwed', postijiet ta' detenzjoni li twaqqfu sabiex iżommu 'persuni li jaqilgħu l-inkwiet' fil-perjodu ta' qabel il-Logħob Olimpiku ta' l-2008;

9. Jistieden lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea sabiex jieħu azzjoni fir-rigward ta' l-awtoritajiet Ċiniżi dwar l-arrest ta' Hu Jia u dwar l-għajbien, fit-22 ta' Settembru 2007, ta' Gao Zhisheng, avukat magħruf tad-drittijiet tal-bniedem u ħabib ta' Hu Jia, li kien qed jirrappreżenta s-sitwazzjoni mwiegħra ta' eluf ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li attwalment jinsabu l-ħabs fiċ-Ċina;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati, lill-President u l-Prim Ministru tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u lill-Kumitat Olimpiku Internazzjonali.

---

## Is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-istupru bħala reat tal-gwerra

P6_TA(2008)0022

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u l-istupru bħala reat tal-gwerra**

(2009/C 41 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-ksur tad-drittijiet tal-Bniedem fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (DRC),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni ta' l-Assemblea Parlamentari Konġunta ACP-EU tat-22 ta' Novembru 2007 dwar il-qagħda tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo, partikularment fil-lvant tal-pajjiż, u l-impatt tagħha fuq ir-reġjun,

— wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali adottat fl-1998, u b'mod partikolari l-Artikoli 7 u 8 tiegħu, li jiddefinixxu l-istupru, l-iskjavitù sesswali, il-prostituzzjoni sfurzata, it-tqala sfurzata u l-isterilizzazzjoni sfurzata jew kwalunkwe forma oħra ta' vjolenza sesswali bħala reati kontra l-umanità u reati tal-gwerra u jqisuhom bħala forma ta' tortura u reat tal-gwerra serju, kemm jekk dawn l-atti jkunu mwettqa b'mod sistematiku kif ukoll jekk le waqt kunflitti internazzjonali jew interni,

— wara li kkunsidra l-24 Rapport tan-Nazzjonijiet Uniti tas-Segretarju Ġenerali dwar il-Missjoni ta' Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, ta' l-14 ta' Novembru 2007,

— wara li kkunsidra l-istqarrija maħruġa fis-27 ta' Lulju 2007 mill-Missjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (MONUC),

— wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-*Human Rights Watch* bl-isem "Kriżi Mġedda fil-Kivu tat-Tramuntana" *(Renewed Crisis in North Kivu)*, ta' Ottubru 2007,

— wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tal-*Human Rights Watch* bl-isem ta' "Infittxu l-Ġustizzja — Il-Prosekuzzjoni tal-Vjolenza Sesswali fil-Gwerra tal-Kongo" *(The Prosecution of Sexual Violence in the Congo War)*, ta' Marzu 2005,

— wara li kkunsidra r-Rapport ta' *Amnesty International* għall-2007,

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni Umanitarja għall-2008 għar-Repubblika Demokratika tal-Kongo sponsorizzat min-Nazzjonijiet Uniti, tal-11 ta' Diċembru 2007,

— wara li kkunsidra l-"Aħbarijiet umanitarji u analiżi" ta' l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Kwistjonijiet Umanitarji, tat-13 ta' Diċembru 2007,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115 (5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-gwerra u l-ġlied fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo irriżultaw fi vjolenza sesswali fuq in-nisa fuq skala mifruxa u allarmanti min-naħa tal-gruppi ribelli armati kif ukoll minn forzi tal-gvern, ta' l-armata u tal-pulizija,

B. billi n-nisa fil-Lvant tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo qed jiġu attakkati sistematikament fuq skala ikbar milli qatt kien hemm u billi, u skond is-Sottosegretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Kwistjonijiet Umanitarji, il-vjolenza sesswali fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo hija l-agħar fid-dinja,

C. billi l-istupru qed jitwettaq ukoll f'kampijiet ta' persuni mċaqalqa, fejn ħafna persuni ċivili jkunu ġew ifittxu li jaħarbu mill-ġlied li ċaqlaq iktar minn 400,000 persuna lil hinn minn darhom u mill-villaġġi tagħhom fl-2007,

D. billi skond ir-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, l-atroċitajiet kontra n-nisa huma strutturati madwar l-istupru, l-istupru minn gruppi, l-iskjavitù sesswali u l-qtil, li għandhom konsegwenzi vasti ħafna, inkluża l-qirda fiżika u psikoloġika tal-nisa,

E. billi skond il-Pjan ta' Azzjoni Umanitarja għar-Repubblika Demokratika tal-Kongo għall-2008 kien hemm irrappurtati 32 353 każ ta' stupru matul l-2007, u din hija probabbilment parti biss mill-għadd totali,

F. billi r-Riżoluzzjoni 1325(2000) tal-Kunsill għas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tenfasizza r-responsabiltà ta' l-istati kollha li jtemmu l-impunità u jwettqu prosekuzzjonijiet kontra l-persuni responsabbli minn reati kontra l-umanità u minn reati tal-gwerra inklużi dawk relatati ma' vjolenza sesswali u ta' tip ieħor fuq in-nisa u t-tfajliet,

G. billi jidher li l-istupru qed jintuża bħala mezz biex jiġu umiljati n-nisa quddiem il-familji tagħhom u quddiem il-komunitajiet u għalhekk biex jinqerdu l-integrità, il-moral u l-koeżjoni ta' dawk il-komunitajiet;

H. inkwtat dwar il-fatt li n-nisa u t-tfajliet li jisfaw vittmi ta' stupru jgħaddu minn diskriminazzjoni soċjali mifruxa u rifjut mill-familji u mill-komunitajiet tagħhom, filwaqt li dawk li jweetqu l-istupri ma jiġux kastigati, u din hija raġuni ulterjuri għaliex biss parti mill-inċidenti ta' stupru tiġi rrappurtata mill-vittmi,

I. imħasseb ħafna minħabba li l-isforzi biex isiru investigazzjonijiet fil-fond ta' reati bħal dawn huma inadegwati, min-nuqqas ta' miżuri ta' protezzjoni tax-xhieda, tal-vittmi u tal-familji tagħhom, min-nuqqas ta' informazzjoni rigward każijiet ta' nuqqas ta' kura medika adegwata għall-vittmi,

J. billi l-liġi l-ġdida dwar l-abbużi sesswali adottata mill-Parlament tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo fl-2006 u maħsuba biex tgħaġġel il-prosekuzzjoni ta' każijiet ta' stupru u biex timponi kastigi iktar qawwija, s'issa ftit kellha effett,

K. billi ġiet iffirmata Dikjarazzjoni Konġunta mir-Rwanda u mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo f'Nairobi fl-10 ta' Diċembru 2007 favur soluzzjoni komprensiva fir-rigward tal-preżenza ta' gruppi armati fil-Kivus, li huma responsabbli minn vjolenza sesswali u minn ksur ieħor tad-drittijiet tal-Bniedem,

L. billi bosta snin ta' kunflitti armati rriżultaw direttament u indirettament f'4 miljun vittma diretta u indiretta u kkawżaw iċ-ċaqliq ta' mill-inqas 1.5 miljun persuna, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma nisa u tfal, kif ukoll il-qirda ta' l-infrastrutturi soċjoekonomiċi tar- Repubblika Demokratika tal-Kongo,

1. Jikkundanna bis-saħħa l-użu ta' l-istupru bħala arma tal-gwerra u jfakkar li l-Qorti Kriminali Internazzjonali għandha ġurisdizzjoni fuq dawn l-atti, kif għandha wkoll ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo;

2. Iħeġġeġ b'mod partikolari li min iwettaq dawn l-atti ta' vjolenza sesswali fuq in-nisa għandu jkun irrappurtat, jiġi identifikat, jidher quddiem qorti u jiġi kkastigat skond il-liġi kriminali nazzjonali u internazzjonali;

3. Jistieden lill-Gvern tar- Repubblika Demokratika tal-Kongo biex itemm l-impunità u jimplimenta l-liġi l-ġdida adottata mill-Parlament tiegħu li tagħmel illegali l-vjolenza sesswali, u li tipprevedi kastigi ikbar għal min iwettaq tali reati;

4. Iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali biex tieħu l-passi neċessarji kollha possibbli biex tappoġġa l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti biex jiġu investigati dawn l-atti u ssir prosekuzzjoni ta' min huwa responsabbli tagħhom;

5. Jistieden lill-UE biex talloka fondi sostanzjali għall-provvista ta' appoġġ mediku, legali u soċjali għall vittmi ta' l-abbużi sesswali u biex in-nisa u t-tfajliet jingħataw is-setgħa bħala mezz għall-prevenzjoni ta' abbużi sesswali ulterjuri;

6. Jistieden lill-forzi kollha li jipparteċipaw fil-kunflitti fil-Lvant tad-DRC sabiex jirrispettaw id-drittijiet tal-Bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali, biex itemmu l-attakki kollha fuq in-nisa u persuni ċivili oħra u biex jippermettu lill-aġenziji umanitarji biex jiġu jassistu lill-vittmi;

7. Jistieden lill-UE u lin-Nazzjonijiet Uniti biex jirikonoxxu formalment l-istupru, it-tqala sfurzata, l-iskjavitù sesswali u kull forma oħra ta' vjolenza sesswali bħala reat kontra l-umanità, bħala reati tal-gwerra serji u bħala forma ta' tortura, kemm jekk iseħħu b'mod sistematiku u kemm jekk le;

8. Jistieden lill-Istati Membri tan-Nazzjonijiet Uniti li jibgħatu staff fuq missjonijiet ta' żamma tal-paċi tal-MONUC biex jagħtu segwitu għall-ilmenti kollha relatati ma' abbużi sesswali u sfruttament, partikolarment dawk li jikkonċernaw minorenni, u biex il-persuni responsabbli mill-abbużi sesswali jinġiebu quddiem il-Qorti mill-aktar fis; jitlob għalhekk biex il-mandat tal-MONUC fir-rigward tal-protezzjoni tal-persuni ċivili kontra l-vjolenza sesswali jissaħħaħ;

9. Jistieden lin-Nazzjonijiet Uniti, lill-Unjoni Afrikana u lill-UE u imsieħba oħra tad-DRC biex jagħmlu dak kollu li hu possibbli biex jitwaqqaf mekkaniżmu effettiv għall-monitoraġġ u d-dokumentazzjoni ta' vjolenza sesswali fir- Repubblika Demokratika tal-Kongo u biex tiġi pprovduta għajnuna u protezzjoni effiċenti u adegwata għan-nisa, b'mod partikolari fil-Lvant tal-pajjiż;

10. Jesprimi t-tħassib qawwi tiegħu rigward il-fatt li l-vjolenza sesswali qed tikkawża esodu rurali ta' proporzjonijiet kbar ħafna u jenfasizza li l-vjolenza sesswali sistematika, flimkien ma' "kultura ta' vjolenza sesswali" ġenerali, jeqirdu n-netwerks soċjali kollha u jirrappreżentaw theddida nazzjonali reali;

11. Jilqa' l-ftuħ tal-konferenza dwar il-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp f'Goma (Tramuntana ta' Kivu) u jittama li l-fatt li waqfu l-ostilitajiet matul il-konferenza jkun l-ewwel pass fil-ħolqien ta' fiduċja bejn il-ġellieda; iħeġġeġ lill-parteċipanti biex jindirizzaw il-kwistjoni tal-vjolenza sesswali fuq in-nisa u t-tfajliet u jieħdu l-impenn li jġibu lil min iwettaqha quddiem il-ġustizzja;

12. Jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi appoġġ, inkluża għajnuna finanzjarja, għall-organizzazzjoni tal-konferenza għall-paċi f'Kivu, bil-għan li l-poplu jkun jista' jipparteċipa fit-tfittxija ta' soluzzjonijiet dewwiema;

13. Jistieden lill-Gvern tar- Repubblika Demokratika tal-Kongo u lill-MONUC biex jiggarantixxu livell adegwat ta' sigurtà għall-membri ta' l-organizzazzjonijiet umanitarji;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-UE, lill-gvernijiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u tal-pajjiżi tal-Great Lakes, lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana, u lis-Segretarju Generali tan-Nazzjonijiet Uniti.

---

## Eġittu

P6_TA(2008)0023

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar is-sitwazzjoni fl-Eġittu

(2009/C 41 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu ta' qabel dwar is-Shubija Ewro-Mediterranja,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007 dwar avvenimenti serji li jikkompromettu l-eżistenza ta' komunitajiet Kristjani u ta' komunitajiet reliġjużi oħra ([1]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' Barċellona ta' Novembru 1995,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-21 ta' Mejju 2003 dwar "It-tisħiħ mill-ġdid ta' l-azzjonijiet ta' l-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokratizzazzjoni mas-sieħba tal-Mediterran — linji ta' gwida strateġiċi" (COM(2003)0294),

— wara li kkunsidra l-ewwel konferenza tan-Netwerk Ewro-Mediterranju dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li saret fil-Kajr fis-26 u s-27 ta' Jannar 2006,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattament Krudili, Inuman jew Degradanti Ieħor ta' l-1984,

— war li kkunsidra l-Linji ta' Gwida ta' l-UE dwar id-Difensuri tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 19 tal-Ftehima Internazzjonali tan-NU dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, irratifikata fl-Eġittu fl-1982,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Xorta ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa,

— wara li kkunsidra l-programm ta' ħidma adottat fil-Laqgħa Għolja ta' Barċellona bejn il-Kapijiet ta' l-Istat u tal-Gvern f'Novembru 2005,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Ħames Konferenza Ewropea tal-Presidenti tal-Parlamenti, adottati fis-26 ta' Novembru 2005 f'Barċellona,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet adottati mill-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja (APEM) tas-27 ta' Marzu 2006 u d-dikjarazzjoni tal-President tagħha,

---

([1]) *Testi Adottati*, P6_TA(2007)0542.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2006 dwar il-Politika Ewropea tal-Viċinat [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi f'Marzu ta' l-2007 ġie ffirmat Pjan ta' Azzjoni UE-Eġittu fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni imwaqqaf mill-Ftehima Ewro-Mediterranja li jistabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika Għarbija ta' l-Eġittu, minn naħa l-oħra; billi dak il-Pjan ta' Azzjoni jfassal prijoritajiet, fosthom li għandha tingħata attenzjoni partikolari biex titjieb l-effikaċja ta' l-istituzzjonijiet fdati bit-tisħiħ tad-demokrazija, ta' l-istat tad-dritt u tal-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-aspetti kollha tagħhom,

B. billi l-promozzjoni tar-rispett għad-demokrazija, għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet ċivili huma prinċipji u għanijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u jikkostitwixxu bażi komuni għall-iżvilupp taż-żona Ewro-Mediterranja,

C. billi jagħti importanza kbira lir-relazzjonijiet ma' l-Eġittu u li elezzjonijiet ġusti u trasparenti huma l-unika triq biex isir progress għal soċjetà aktar demokratika, filwaqt li jisħaq fuq l-importanza ta' l-Eġittu u tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Eġittu għall-istabilità u l-iżvilupp taż-żona Ewro-Mediterranja,

D. billi l-awtoritajiet Eġizzjani wiegħdu li ma jkomplux għaddejjin bit-tfigħ ta' ġurnalisti l-ħabs, imma li din il-wegħda s'issa għadha ma nżammitx,

E. billi l-kandidat presidenzjali ta' l-Oppożizzjoni Ayman Nour għadu qiegħed iservi sentenza ta' ħames snin ħabs wara ġuri inġust fl-2005 għal akkużi motivati politikament, u billi saħħtu sejra lura bħala konsegwenza ta' din is-sentenza,

F. wara li kkunsidra l-għeluq taċ-Ċentru għat-Trejd Unjins u s-Servizzi tal-Ħaddiema u l-fergħat tiegħu, b'din tkun l-ewwel darba li NGO li taħdem għal prinċipju ngħalqet permezz ta' deċiżjoni eżekuttiva, kif ukoll l-għeluq ta' l-Assoċjazzjoni għall-Għajnuna Legali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (AHRLA) u l-verdett segwenti dwar l-attivista tad-drittijiet tal-bniedem Kamal Abbas, il-koordinatur ġenerali taċ-ċentru, għal kitba libelluża kontra Mohammed Mostafa, wara li ppubblika esej fil-perjodiku f'*Kalam Sanya,*

G. billi l-Kopti, il-Baha'i, ix-Xi'iti, il-Koranisti u membri ta' minoranzi reliġjużi oħra b'xorti ħażina għadhom żvantaġġati b'mod serju minħabba iżolament settarju,

1. Jirrikonoxxi s-sehem ta' l-Eġittu fil-proċess tal-paċi fil-Lvant Nofsani u l-importanza li għandhom ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Eġittu għaż-żona Ewro-Mediterranja kollha u għall-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali u l-fundamentaliżmu, imma jiġbed l-attenzjoni li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa valur fundamentali tal-Ftehima ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Eġittu u jirrijafferma l-importanza tas-Sħubija Ewro-Mediterranja għall-promozzjoni ta' l-istat tad-dritt u tal-libertajiet fundamentali;

2. Jikkunsidra li l-arresti u l-azzjonijiet ta' dan l-aħħar kontra NGOs u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem imorru kontra l-impenji li daħal għalihom il-gvern Eġizzjan dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u dwar il-proċess demokratiku fil-pajjiż; jagħti appoġġ lill-"kampanja ta' organizzazzjonijiet li m'humiex tal-gvern għal-libertà ta' l-assoċjazzjoni" imnedija fit-13 ta' Mejju 2007 minn 34 NGO bħala segwitu għall-ewwel rapport kollettiv dwar "tkasbir amminstrattiv u tas-sigurtà";

3. Jistieden lill-Gvern Eġizzjan biex itemm kull xorta ta' tkasbir, inklużi miżuri ġudizzjarji, id-detenzjoni ta' professjonisti tal-mezzi ta' komunikazzjoni u, b'mod iżjed ġenerali, ta' difensuri u attivisti tad-drittijiet tal-bniedem li jridu riformi, u biex jirrispetta bis-sħiħ il-libertà ta' l-espressjoni, b'konformità ma' l-Artikolu 19 tal-Ftehima Internazzjonali tan-NU dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

[1] ĠU C 287 E, 24.11.2006, p.312.

4. Jinkoraġġixxi lill-Gvern Eġizzjan biex jonora l-wegħda tiegħu li jneħħi l-istat ta' emerġenza fil-31 ta' Mejju 2008; jitlob lill-awtoritajiet Eġizzjani biex jemendaw il-liġi Nru 25 ta' l-1966 dwar il-qrati marzjali, li hija wieħed mill-ostakli ewlenin għat-tgawdija sħiħa tal-libertajiet fundamentali, u biex jiżguraw li l-miżuri u l-leġiżlazzjoni kollha adottati biex jiġġieldu kontra t-terroriżmu jkunu jaqblu bis-sħiħ mal-liġijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem;

5. Jagħti appoġġ sħiħ għal miżuri li jiggarantixxu l-libertà akkademika, il-libertà tal-mezzi ta' komunikazzjoni u l-libertà tat-twemmin reliġjuż privat; għal dak il-għan, jitlob biex jiġu revokati l-miżuri amministrattivi arbitrarji, bħal dawk li ttieħdu kontra ċ-Ċentru għat-Trejd Unjins u s-Servizzi tal-Ħaddiema u kontra l-Assoċjazzjoni għall-Għajnuna Legali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; jitlob għall-ħelsien ta' Kamel Abbas u ta' attivisti oħra; iħeġġeġ li l-liġi dwar l-assoċjazzjonijiet m'għandhiex timponi restrizzjonijiet arbitrarji fuq l-attivitajiet paċifiċi ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

6. Jitlob għall-ħelsien immedjat ta' Ayman Nour, fid-dawl tar-rapporti dwar l-istat ħażin ta' saħħtu, u jitlob li minnufih issirlu żjara għall-benesseri tiegħu, inkluża żjara minn staff mediku kwalifikat;

7. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu implimentati bis-sħiħ il-prinċipji tal-Konvenzjoni OAU ta' l-1969 li Tirregola Aspetti Speċifiċi tal-Problemi tar-Refuġjati fl-Afrika u l-Konvenzjoni Internazzjonali ta' l-1993 dwar id-drittijiet u l-ħarsien tal-ħaddiema emigranti u l-familji tagħhom; jagħti appoġġ lill-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar il-Ħaddiema Emigranti ta' Mejju 2007 li talbu biex jerġgħu jinfetħu l-investigazzjonijiet dwar il-qtil ta' 27 refuġjat Sudaniż f'Diċembru 2005;

8. Jitlob biex tintemm kull xorta ta' tortura u trattament ħażin u jitlob biex isiru investigazzjonijiet fejn ikun hemm suspett raġonevoli li jkunu saru atti ta' tortura; jistieden lill-Gvern Eġizzjan biex jippermetti li ssir żjara mir-Rapporteur Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-tortura u trattamenti jew kastigi oħra krudili, inumani u degradanti;

9. Jisħaq fuq l-importanza li jiġu żgurati u jissaħħew l-indipendenza tal-ġudikatura permezz ta' emendi jew revoka tad-dispożizzjonijiet legali kollha li jmorru kontra l-liġi jew li ma jiggarantux biżżejjed l-indipendenza tagħha; jisħaq fuq il-ħtieġa għar-rispett u l-ħarsien tal-libertajiet ta' l-assoċjazzjoni u ta' l-espressjoni ta' l-imħallfin, b'konformità ma' l-Artikoli 8 u 9 tal-prinċipji bażiċi tan-NU dwar l-Indipendenza tal-Ġudikatura;

10. Jilqa' b'sodisfazzjon l-isforzi ta' l-Eġittu biex il-fruntiera ma' Gaża ssir aktar sigura u jinkoraġġixxi lill-partijiet kollha konċernati biex iħarrxu l-ġlieda kontra l-kuntrabandu permezz ta' mini għall-Medda ta' Gaża;

11. Iħeġġeġ lill-UE biex iżżomm l-iżviluppi dwar id-drittijiet tal-bniedem fost l-ogħla prijoritajiet ta' l-aġenda tagħha waqt il-laqgħa li jmiss tas-Sottokumitat bejn l-UE u l-Eġittu dwar Kwistjonijiet Politiċi; jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jibagħtu rapport lill-Parlament u biex jinvolvu lill-Parlament mill-qrib fil-proċess ta' l-evalwazzjoni;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Gvern u lill-Parlament Eġizzjan, lill-gvernijiet u l-parlamenti ta' l-Istati Membri u lill-pajjiżi terzi Mediterranji li huma firmatarji tad-Dikjarazzjoni ta' Barċellona, lill-President ta' l-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja u lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

III

*(Atti preparatorji)*

# PARLAMENT EWROPEW

## TESTI ADOTTATI

### Sħubija (partnerships) Ewropea fil-qafas tal-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni *

P6_TA(2008)0001

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 dwar it-twaqqif ta' sħubija (partnerships) Ewropea fil-qafas tal-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni (COM(2007)0662 — C6-0471/2007 — 2007/0239(CNS))**

(2009/C 41 E/14)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0662),

— wara li kkunsidra l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 181a(2) tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0471/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A6-0517/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda il-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

## Kontroll tat-trasport bit-triq ta' merkanzija perikoluża (setgħat implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni) ***I

P6_TA(2008)0002

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 95/50/KE rigward is-setgħat implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni (COM(2007)0509 — C6-0278/2007 — 2007/0184(COD))**

(2009/C 41 E/15)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0509),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 71(1) tat-Trattat KE, skond liema trattat il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0278/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0506/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tikkonsultah jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

## It-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kundizzjonijiet tat-trasport ***I

P6_TA(2008)0003

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 11 rigward it-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kundizzjonijiet tat-trasport, fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 79(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Regolament (KE) 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel — Aspetti tat-trasport (COM(2007)0090 — C6-0086/2007 — 2007/0037A(COD))**

(2009/C 41 E/16)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0090),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 75(3), 95 u 152(4)(b) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0086/2007),

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni mill-Konferenza tal-Presidenti fil-5 ta' Lulju 2007 li tawtorizza lill-Kumitat dwar l-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u lill-Kumitat dwar it-Trasport u t-Turiżmu sabiex ifasslu rapport leġiżlattiv kull wieħed fuq il-bażi tal-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 35 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0513/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 1

*TITOLU*

| | |
|---|---|
| Regolament ***tal-Parlament Ewropew u*** tal-kunsill li jemenda r-Regolament Nru 11 rigward it-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kundizzjonijiet tat-trasport, fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 79(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea ***u r-Regolament (KE) 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel.*** | Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament Nru 11 rigward it-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rati u l-kundizzjonijiet tat-trasport, fl-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 79(3) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea. |

Emenda 2

*ĊITAZZJONI 1*

| | |
|---|---|
| Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 75(3), ***l-Artikolu 95 u l-Artikolu 152(4)*** tiegħu, | Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 75(3) tiegħu, |

Emenda 3

*ĊITAZZJONI 5*

| | |
|---|---|
| ***Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat,*** | ***imħassra*** |

Emenda 4

*PREMESSA 3*

| | |
|---|---|
| ***(3) L-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 jeħtieġ li l-operaturi kollha tal-kumpaniji ta' l-ikel iwaqqfu, jimplimentaw u jżommu proċedura msejsa fuq il-prinċipji ta' l-Analiżi tal-Periklu u l-Punti ta' Kontroll Kritiċi (HACCP).*** | ***imħassra*** |

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 5

*PREMESSA 4*

| | |
|---|---|
| ***(4) L-esperjenza wriet li f'ċerti kumpaniji ta' l-ikel, l-iġjene ta' l-ikel jista' jiġi żgurat permezz ta' l-implimentazzjoni korretta tar-rekwiżiti ta' l-iġjene ta' l-ikel stipulati fir-Regolament (KE) Nru 852/2004 mingħajr ma jsir użu tas-sistema ta' l-HACCP. Il-kumpaniji kkonċernati huma b'mod partikolari kumpaniji żgħar li fil-biċċa l-kbira jbigħu l-prodotti tagħhom direttament lill-konsumatur finali, bħal tal-ħobż, tal-laħam, tal-growser, tal-monti, ir-restaurants, u l-bars, li huma mikro-impriżi skond it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 rigward id-definizzjoni ta' l-impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju.*** | ***imħassra*** |

Emenda 6

*PREMESSA 5*

| | |
|---|---|
| ***(5) Għalhekk, jeħtieġ li tiġi pprovduta eżenzjoni lil dawn il-kumpaniji mir-rekwiżit ta' l-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004. Dan ifisser li huma għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti l-oħra kollha ta' dan ir-Regolament.*** | ***imħassra*** |

Emenda 7

*PREMESSA 6*

| | |
|---|---|
| ***(6) Peress li l-emenda tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u dik tar-Regolament Nru 11 għandhom l-għan komuni li jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi fuq il-kumpaniji, mingħajr ma jbiddlu l-proposta bażi ta' dawn ir-Regolamenti, jeħtieġ li dawn l-emendi jingħaqdu f'Regolament wieħed.*** | ***imħassra*** |

Emenda 8

*ARTIKOLU 2*

*Artikolu 5(3) (Regolament (KE) 852/2004)*

| | |
|---|---|
| ***Artikolu 2*** | ***imħassar*** |
| ***Fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, is-sentenza li ġejja tiżdied:*** | |
| ***Mingħajr ħsara għar-rekwiżiti l-oħra ta' dan ir-Regolament, il-paragrafu 1 mhux se japplika għall-kumpaniji li huma mikro-impriżi skond it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003, u l-attivitajiet li jikkonsistu fil-biċċa l-kbira fil-bejgħ dirett ta' l-ikel lill-konsumatur finali.*** | |

## L-imposti ta' l-ajruporti ***I

P6_TA(2008)0004

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imposti ta' l-ajruporti (COM(2006)0820 — C6-0056/2007 — 2007/0013(COD))**

(2009/C 41 E/17)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0820),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0056/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A6-0497/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2007)0013**

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2008/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imposti ta' l-ajruporti

(Test b'relevanza għall-EEA)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni ‖,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

---

[1] ĠU C *10, 15.1.2008, p. 35.*

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Il-kompitu ewlieni u l-attività kummerċjali primarja ta' l-ajruporti huma li jiżguraw it-trattament ta' l-inġenji ta' l-ajru, mil-landjar sat-tluq, u tal-passiġġieri u l-merkanzija, sabiex iħallu lill-operaturi ta' l-ajru jipprovdu s-servizzi tagħhom tat-trasport bl-ajru. Għal dan il-għan, l-ajruporti joffru għadd ta' faċilitajiet u servizzi relatati ma' l-operat ta' l-inġenji ta' l-ajru u l-ipproċessar tal-passiġġieri u l-merkanzija, li l-ispejjeż tagħhom ġeneralment jirkuprawhom permezz ta' imposti ta' l-ajruporti. ***Il-faċilitajiet u s-servizzi li għalihom jitħallsu imposti għandhom jiġu pprovduti fuq il-bażi ta' l-effiċjenza ta' l-ispejjeż.***

(2) Jeħtieġ li jiġi stabbilit qafas komuni li jirregola l-karatteristiċi essenzjali ta' l-imposti ta' l-ajruporti u l-mod li bih jiġu stabbiliti, minħabba li, fin-nuqqas ta' qafas bħal dan, ir-rekwiżiti bażiċi fir-relazzjoni bejn il-korpi tal-ġestjoni ta' l-ajruporti u l-utenti ta' l-ajruporti jistgħu ma jiġux rispettati.

(3) Din id-Direttiva għandha tapplika għal ajruporti li jinsabu fit-territorju tal-Komunità u li jisbqu daqs minimu, minħabba li l-ġestjoni u l-finanzjament ta' ajruporti żgħar ma jirrikjedux l-applikazzjoni ta' qafas Komunitarju.

(4) Il-ġbir ta' l-imposti fir-rigward tal-fornimanet ta' servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u ta' groundhandling diġà ġie ttrattat rispettivament fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1794/2006 ([3]) ‖ u fid-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE ([4]) ‖.

(5) L-imposti ta' l-ajruporti għandhom ikunu ħielsa mid-diskriminazzjoni. Għandha tiġi stabbilita proċedura obbligatorja għall-konsultazzjoni regolari bejn il-korpi tal-ġestjoni ta' l-ajruporti u l-utenti ta' l-ajruporti, bil-possibbiltà lil kull waħda mill-partijiet li tirrikorri għand awtorità regolatorja indipendenti kulmeta l-utenti ta' l-ajruporti ma jaqblux ma' deċiżjoni dwar l-imposti ta' l-ajruporti jew ma' modifika tas-sistema tal-ġbir.

(6) F'kull Stat Membru għandha ***tiġi nnominata jew*** titwaqqaf awtorità regolatorja indipendenti ***waħda*** b'tali mod li *tiġi żgurata* l-imparzjalità tad-deċiżjonijiet tagħha u l-applikazzjoni sewwa u effikaċi ta' din id-Direttiva. L-awtorità għandu jkollha l-pussess tar-riżorsi kollha meħtieġa, fir-rigward ta' l-għadd tal-persunal, l-għarfien espert, u l-mezzi finanzjarji għat-twettiq tax-xogħol tagħha***, sabiex jiġi żgurat li l-ajruporti jipprovdu s-servizzi u l-faċilitajiet tagħhom fuq il-bażi ta' l-effiċjenza meta mqabbla ma' l-ispejjeż.***

(7) Huwa ta' importanza vitali għall-utenti ta' l-ajruporti li, mingħand il-korp ta' ġestjoni ta' l-ajruport, fuq bażi regolari jiksbu t-tagħrif dwar kif u fuq liema bażi jiġu kkalkolati l-imposti ta' l-ajruporti. Lill-operaturi tat-trasport bl-ajru, trasparenza tali sejra tippermettilhom jifhmu l-ispejjeż li jkun ġarrab l-ajruport u l-produttività ta' l-investimenti ta' ajruport. Sabiex korp tal-ġestjoni ta' ajruport ikun jista' jivvaluta sewwa r-rekwiżiti rigward l-investimenti tal-ġejjieni tiegħu, l-utenti ta' l-ajruport għandhom ikunu obbligati jaqsmu f'waqthom mal-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport it-tbassir operattiv, il-proġetti ta' żvilupp u t-talbiet u x-xewqat speċifiċi tagħhom.

(8) L-ajruporti għandhom jinfurmaw lill-utenti ta' l-ajruporti dwar proġetti kbar ta' l-infrastruttura, minħabba li dawn ikollhom impatt sinifikanti fuq il-livell ta' l-imposti ta' l-ajruporti. It-tali informazzjoni għandha tingħata sabiex ikun jista' jsir il-monitoraġġ ta' l-ispejjeż infrastrutturali, u bil-għan li fl-ajruport ikkonċernat jingħataw faċilitajiet adegwati u ta' spiża effiċjenti.

([1]) ĠU C *305, 15.12.2007, p. 11.*
([2]) *Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008.*
([3]) *Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1794/2006 tas-6 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru (ĠU L 341, 7.12.2006, p. 3).*
([4]) *Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/EC tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 272, 25.10.1996, p. 36). Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).*

(9) ***Ladarba*** *harġu fis-suq* operaturi ta' l-ajru li joperaw servizzi tat-trasport bl-ajru bl-irħis, l-ajruporti moqdija minn dawn l-operaturi għandhom ikunu jistgħu japplikaw imposti li jikkorrispondu għall-infrastruttura u/jew il-livell ta' servizz ipprovdut, ladarba l-operaturi ta' l-ajru għandhom interess leġittimu jirrikjedu mill-ajrupot servizzi li jikkorisspondu mal-proporzjon bejn il-prezz u l-kwalità. Madankollu, l-aċċess għal livell ***daqstant differenti*** ta' infrastruttura jew servizzi għandu jkun miftuħ għall-operturi kollha li jkunu jixtiequ jagħmlu użu minnu, fuq bażi ħielsa mid-diskriminazzjoni. Jekk id-domanda tisboq l-offerta, l-aċċess jeħtieġlu jiġi ddeterminat abbażi ta' kriterji oġġettivi u ħielsa mid-diskriminazzjoni, li għandu jiżviluppahom korp tal-ġestjoni ta' ajruport. ***Kwalunkwe differenzjar u/jew żieda fl-imposti għandha tkun trasparenti, oġġettiva u bbażata fuq kriterji ċari. Id-differenzjar jista' jitqies bħala inċentiv għal ftuħ ta' rotot ġodda u b'hekk jgħin l-iżvilupp f'reġjuni li jsofru minn żvantaġġi ġeografiċi u naturali, inklużi r-reġjuni l-iktar 'il bogħod.***

(10) Minħabba li fil-Komunità hemm metodi differenti għall-istabbiliment u l-ġbir ta' l-ammonti dovuti biex ikopru l-ispejjeż tas-sikurezza, jeħtieġ li jkun hemm armonizzazzjoni tal-bażijiet għall-imposti biex ikopru l-ispejjeż tas-sikurezza fl-ajruporti tal-Komunità fejn l-ispejjeż tas-sigurtà jkunu riflessi fl-imposti ta' l-ajruporti. F'dawn l-ajruporti, l-imposta għandha tkun relatata ma' l-ispiża ***proprja*** għall-provvista tas-sikurezza, ***b'immaniġġjar bir-reqqa ta'*** kwalunkwe finanzjament pubbliku ***u għajnuna ta' l-Istat mogħtija biex jintlaħqu*** l-ispejjeż tas-sikurezza***, u s-servizz għandu jingħata bil-prezz li sewa u b'riżultat tiegħu ma jkun qed isir l-ebda profitt. Id-dħul mill-imposti ta' l-ajruporti imdaħħla biex ikopru l-ispejjeż tas-ikurezza għandu jintuża b'mod esklussiv għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sikurezza.***.

(11) L-utenti ta' l-ajruporti għandu jkollhom id-dritt għal livell ***fiss*** ta' servizz bi tpattija għall-imposti li jħallsu. Biex dan jiżgurawh, il-livell ta' servizz għandu jkun is-suġġett ta' ftehim, li għandhom jiġu konklużi f'intervalli regolari, bejn il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u l-assoċjazzjoni *jew l-assoċjazzjonijiet* li tirrappreżenta/jirrappreżentaw lill-utenti ta' l-ajruport f'dak l-ajruport.

(12) Din id-Direttiva hija mingħajr ħsara għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, b'mod partikolari l-Artikoli 81 sa 89 tiegħu.

(13) Minħabba li l-għanijiet ta' *din id-Direttiva* ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, *peress illi* fil-livell *nazzjonali* s-sistemi ta' l-imposti ta' l-ajruporti ma jistgħux jiġu implimentati b'uniformità fil-Komunità kollha, u li *għalhekk* minħabba l-iskala u l-effetti *tagħha*, jistgħu jintlaħqu aħjar fuq il-livell tal-Komunità, din ta' l-aħħar tista' tadotta miżuri, *f'konformita' mal*-prinċipji tas-sussidjarjetà *stabbilit* fl-Artikolu 5 tat-Trattat. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif *stabbilit f' dak l*-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## Artikolu 1

## Is-suġġett

1. Din id-Direttiva tistabilixxi prinċipji komuni għall-ġbir ta' imposti ta' l-ajruporti tal-Komunità. ***Dan huwa bla ħsara għal-libertà tal-korpi tal-ġestjoni ta' l-ajruport li jagħżlu sistema ta' single till jew dual till jew sistema mħallta.***

2. Din id-Direttiva tapplika għal kull ajruport f'territorju suġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u miftuħ għal traffiku kummerċjali liema traffiku annwali tiegħu jisboq ***il-5 miljun moviment ta' passiġġieri jew li kull sena jammonta għal aktar minn 15 % tal-movimenti ta' passiġġieri fl-Istat Membru fejn ikun jinsab.***

***L-Istati Membri jistgħu, wara li titwettaq investigazzjoni bir-reqqa mill-awtorità nazzjonali għall-kompetizzjoni, japplikaw ukoll din id-direttiva għal ajruporti oħra jekk dan jiġi ppruvat li huwa meħtieġ.***

***Din id-Direttiva tapplika wkoll għal networks ta'-ajruporti u għall-ajruporti kollha organizzati f'networks fi kwalunkwe territorju soġġett għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat.***

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

***L-Istati Membri għandhom jippubblikaw lista ta' l-ajruporti fit-territorju tagħhom li għalihom tapplika din id-Direttiva. Din il-lista għandha tkun ibbażata fuq data mill-EUROSTAT u għandha tiġi aġġornata kull sena.***

Din id-Direttiva ma tapplikax għall-imposti miġbura bħala ħlas għal servizzi ta' navigazzjoni ta' l-ajru tul it-titjira jew fit-terminals skond ir-Regolament (KE) *Nru* 1794/2006 ‖, jew għall-imposti miġbura bħala ħlas għal servizzi ta' groundhandling imsemmija fl-Anness tad-Direttiva *Nru* 96/67/KE ‖, ***jew għall-imposti miġbura għall-iffinanzjar ta' assistenza għal passiġġieri b'diżabilità u passieġġieri b'mobilità mnaqqsa msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivjaġġaw bl-ajru*** (1).

Din id-Direttiva hija bla preġudizzju għad-dritt ta' kull Stat Membru li japplika miżuri regolatorji addizzjonali li ma humiex inkompatibbli ma' din id-Direttiva jew ma' dispożizzjonijiet rilevanti oħra tal-liġi tal-Komunità dwar kwalunkwe korp tal-ġestjoni ta' l-ajruporti mwaqqaf fit-territorju tiegħu. B'mod partikulari, dan jista' jinkludi l-approvazzjoni ta' sistema ta' imposti u/jew il-livell ta' imposti ibbażat fuq liġi tal-kompetizzjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva

a) "ajruport" tfisser kull medda ta' art speċifikament adattata għall-inżul, tluq u manuvri ta' inġenji ta' l-ajru, inklużi l-istallazzjonijiet anċillarji li dawn l-operazzjonijiet jistgħu jinvolvu għall-ħtiġijiet tat-traffiku u servizzi ta' l-inġenji ta' l-ajru inklużi l-istallazzjonijiet meħtieġa biex jgħinu servizzi kummerċjali ta' l-ajru;

b) "korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport" tfisser korp li, flimkien ma' attivitajiet oħra jew le skond il-każ, għandu bħala l-għanijiet tiegħu skond il-liġijiet jew regolamenti nazzjonali li jamministra u jiġġestixxi l-infrastrutturi ta' l-ajruport, ***jew tan-network ta' ajruporti***, u l-koordinazzjoni u l-kontroll ta' l-attivitjiet ta' l-operaturi differenti preżenti fl-ajruporti ***jew fin-network ta' ajruporti*** konċernati;

c) "utent ta' l-ajruport" tfisser kull persuna naturali jew legali responsabbli għall-ġarr ta' passiġġieri, posta u/jew merkanzija bl-ajru minn jew lejn l-ajruport konċernat;

d) "imposta ta' l-ajruporti" tfisser *imposta* miġbura għall-benefiċċju tal-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u mħallsa minn dak li juża l-ajruport u/jew passiġġieri bl-ajru ***għall-użu ta'*** faċiltajiet u servizzi li huma esklussivament provduti mill-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u li huma relatati ma' nżul, tluq, tidwil u parking ta' inġenji ta' l-ajru u pproċessar tal-passiġġiera u l-merkanzija;

e) "imposta fuq sikurezza" tfisser *imposta* li hi ddisinjata speċifikament biex tirkupa parti minn jew l-ispiża ta' miżuri ***minimi*** ta' sikurezza *maħsuba* biex jipproteġu l-avjazzjoni ċivili minn atti ta' interferenza illegali***, stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà ta' l-avjazzjoni ċivili*** (2)***;***

***f) "network ta' ajruporti" tfisser numru ta' ajruporti fi Stat Membru li huma mħaddma minn korp ta' ġestjoni ta' l-ajruporti maħtur mill-awtorità nazzjonali kompetenti.***

Artikolu 3

Nuqqas ta' diskriminazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imposti ta' l-ajruporti ma jiddiskriminawx bejn utenti ta' l-ajruport jew passiġġieri bl-ajru.

***Din id-dispożizzjoni m'għandhiex ixxekkel l-introduzzjoni ta' aġġustamenti ta' imposti minħabba raġunijiet ta' interess ġenerali oġġettivi u trasparenti.***

(1) *ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1.*
(2) ***ĠU L 355, 30.12.2002, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 849/2004, p.1. (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni rettifikata fil-ĠU L 229, 29.6.2004, p. 3)***.

*Artikolu 4*

***Network ta' ajruporti***

***Sabiex jiġi żgurat li jiġi pprovdut aċċess għall-ajruporti f'network ta' ajruporti bi prezz proporzjonat man-numru ta' passiġġieri bl-ajru, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-operaturi tan-networks ta' ajruporti li jdaħħlu sistema uniformi u trasparenti ta' imposti ta' l-ajruporti għall-ajruporti kollha li jkunu fin-network. Il-permess jista' jingħata biss bil-kundizzjoni li ma tixxekkilx il-kompetizzjoni bejn l-ajruporti fl-Istati Membri differenti, pereżempju fir-riward ta' turiżmu. Fil-każ ta' tilwim, l-attur jista' jikkuntatja lill-Kummissjoni fuq il-bażi tar-regoli ta' kompetizzjoni relevanti tal-KE.***

*Artikolu 5*

Konsultazzjoni u rimedju

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li f'kull ajruport ***li għalih tapplika din id-Direttiva*** tiġi stabilita proċedura obbligatorja *għall-konsultazzjoni* bejn il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u *l-utenti* ta' l-ajruport jew *ir-rappreżentanti* ta' *l-utenti* ta' l-ajruport fir-rigward tat-tħaddim tas-sistema ta' imposti ta' l-ajruporti u l-livell ta' dawn l-imposti***, inkluż il-livell tal-kwalità tas-servizz li għandu jiġi pprovdut mill-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport bi tpattija għall-imposta ta' l-ajruporti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li din il-konsultazzjoni titwettaq qabel ma l-korpi ta' ġestjoni ta' l-ajruport jew l-utenti ta' l-ajruport jippruvaw idaħħlu jew jagħmlu bidliet sinifikanti fl-istrtuttura jew fil-livell ta' l-imposti ta' l-ajruporti. Fejn ikun hemm ftehim plurijennali bejn il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u l-utenti ta' l-ajruport, il-konsultazzjoni għandha sseħħ skond id-dispożizzjonijiet ta' dak il-ftehim.***

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn possibbli, tibdil fis-sistema ta' l-imposti ta' l-ajruporti jew fil-livell ta' l-impost isir bi ftehim bejn il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u utenti ta' l-ajruport. Il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport għandu, għal dan l-iskop, jissottometti kwalunkwe proposta għal tibdil fis-sistema ta' imposti ta' l-ajruporti jew tal-livell ta' imposti ta' l-ajruporti lill-utenti ta' l-ajruport mhux iktar tard minn ***6 xhur*** qabel ma dawn jidħlu fis-seħħ, flimkien mar-raġunijiet għall-bidliet proposti. Fuq talba ta' kwalunkwe utent ta' l-ajruport, il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport għandu jagħmel konsultazzjonijiet fuq il-bidliet proposti ma' utenti ta' l-ajruport u jqis il-kontribut tagħhom qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali. Il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport għandu jippubblika d-deċiżjoni finali tiegħu ***fi żmien raġjonevoli qabel ma din*** tidħol fis-seħħ. Il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport għandu jiġġustifika d-deċiżjoni tiegħu rigward il-kummenti ta' utenti ta' l-ajruport fil-każ li ma jintlaħaqx qbil fuq il-bidliet proposti bejn il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u utenti ta' l-ajruport.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' nuqqas ta' qbil ***definittiv*** fuq deċiżjoni dwar imposti ta' l-ajruporti, ***il-korp ta' ġestjoni ta' l-ajruport jew l-utenti ta' l-ajruport, sakemm ikunu jirrapreżentaw mhux inqas minn żewġ linji ta' l-ajru mhux relatati jew mhux inqas minn 10 % tal-movimenti annwali ta' vetturi ta' l-ajru jew tan-numru ta' passieġġieri annwali fl-ajruport relevanti, jistgħu jirrikorru*** għall-intervent ta' l-awtorità regolatorja indipendenti li għandha teżamina l-ġustifikazzjonijiet għat-tibdil tas-sistema ta' imposti ta' l-ajruport jew il-livell ta' imposti ta' l-ajruporti.

***L-awtorità regolatorja indipendenti nominata jew imwaqqfa skond l-Artikolu 12 għandha:***

***a) tistabbilixxi proċedura biex jiġi solvut in-nuqqas ta' ftehim bejn il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u l-utenti ta' l-ajruport jew ir-rappreżentanti tagħhom dwar bidliet fil-livell jew fl-istruttura ta' l-imposti ta' l-ajruporti, inklużi bidliet relatati mal-kwalità tas-servizz;***

***b) tiddetermina l-kundizzjonijiet skond liema nuqqas ta' ftehim jista' jittieħed quddiemha għal riżoluzzjoni;***

***c) tiddetermina l-kriterji li magħhom jiġu evalwati n-nuqqasijiet ta' ftehim.***

***Dawn il-kundizzjonijiet u l-kriterji għandhom ikunu nondiskriminatorji, trasparenti u b'konformità malprinċipji tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-KE u ma' din id-direttiva.***

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

***L-eżami ta' tibdil fis-sistema ta' imposti ta' l-ajruporti jew għal-livell ta' imposti ta' l-ajruporti m'għandux ikollu l-effett ta' sospensjoni.***

***4. L-utent ta' l-ajruport għandu jipprovdi evidenza prima facie li l-ajruport konċernat ħa miżuri li jiksru l-liġi tal-kompetizzjoni tal-KE.***

***5. Dan għandu jkun bla ħsara għal kwalunkwe proċess ta' riżoluzzjoni ta' tilwim jew proċess statutorju ta' appell eżistenti.***

*Artikolu 6*

It-trasparenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport jipprovdi lil kull min juża l-ajruport, jew ir-rappreżentanti jew assoċjazzjonijiet ta' utenti ta' l-ajruport, b'tagħrif darba fis-sena dwar il-komponenti tal-bażi li fuqha jkun stipulat il-livell ta' kull imposta miġbura fl-ajruport. Dan it-tagħrif irid *jinkludi* mill-anqas:

a) lista tad-diversi servizzi u infrastruttura pprovduta għall-imposta miġbura;

b) ***il-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti*** l-imposti***, filwaqt li jiġi ddikjarat jekk intużatx sistema ta' single till jew dual till jew sistema mħallta***;

c) l-istruttura kumplessiva ta' l-ispiża ta' l-ajruport ***relatata mal-faċilitajiet u s-servizzi li l-imposti ta' l-ajruporti huma maħsuba li ikopru, sal-punt li tkun relevanti għall-kalkolu ta' l-imposti ta' l-ajruporti u għandha tiġi inkluża fir-rapporti annwali tan-negozju***;

d) id-dħul u l-ispiża ta' kull kategorija ta' imposta miġbura fl-ajruport;

***e) dħul ta' l-ajruport minn għajnuna statali, sussidji u appoġġ monetarju ieħor fir-rigward tad-dħul mill-imposti;***

***f) għajuna Statali u reġjonali mogħtija lill-ajruport u l-ammont ta' riżorsi li joħorġu minn finanzjament pubbliku fir-rigward ta' obbligi ta' servizz pubbliku;***

*(g)* l-għadd totali ta' persunal impjegat fuq servizzi li jikkaġunaw il-ġbir ta' l-imposti;

*(h)* previżjonijiet tas-sitwazzjoni fl-ajruport rigward , iż-żieda fit-traffiku u kwalunkwe investiment ***kbir*** propost;

*(i)* l-użu reali ta' l-infrastruttura u t-tagħmir ta' l-ajruport matul perijodu stipulat;

*(j)* ***ir-riżultat previst ta' kwalunkwe investiment kbir propost*** f'termini ta' l-effetti ***tiegħu*** fuq il-kapaċità ta' l-ajruport u l-kwalità tas-***servizz***.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-*utenti* ta' l-ajruporti jissottomettu tagħrif lill-korp tal-ġestjoni***, qabel kwalunkwe bidla mistennija fil-livell ta' l-imposti ta' l-ajruporti jew fis-sistema ta' imposti ta' l-ajruporti jew qabel l-introduzzjoni ta' imposti ġodda***, partikolarment dwar:

a) previżjonijiet dwar traffiku;

b) previżjonijiet dwar kif inhi magħmula u ser tiġi wżata l-flotta tagħhom;

c) il-proġetti ta' żvilupp tagħhom fl-ajruport ikkonċernat;

d) ir-rekwiżiti tagħhom fl-ajruport ikkonċernat.

3. It-tagħrif ipprovdut ***skond il-paragrafi 1 u 2*** għandu jitqies bħala kunfidenzjali u ttrattat kif xieraq. ***Dan għandu jkun soġġett għal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kunfidenzjalità tad-data. Fil-każ ta' ajruportielenkati pubblikament, għandhom jitħarsu b'mod partikulari r-regolamenti tal-Borża.***

***4. Fi ħdan qafas ta' regoli xierqa dwar kunfidenzjalità, l-awtorità regolatorja indipendenti għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni kollha li teħtieġ fir-rigward ta' l-attivitajiet tagħha.***

*Artikolu 7*

L-infrastruttura ġdida

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport jikkonsulta ma' utenti ta' l-ajruport qabel ma jiġu ffinalizzati proġetti infrastrutturali ġodda. ***Fi żmien massimu ta' ħames snin qabel ma l-investiment isir operazzjonali, il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport jista' jasserixxi l-interessi tiegħu permezz ta' finanzjar bil-quddiem meta jiġu stabbiliti l-imposti ta' l-ajruporti.***

***Il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport jista' jiffinanzja bil-quddiem proġetti għal infrastruttura ġdida billi jżid l-imposti ta' l-ajruporti kif xieraq, bil-kundizzjoni li:***

***a) l-utenti ta' l-ajruport jiġu pprovduti b'informazzjoni trasparenti dwar l-ammont u t-tul ta' żmien taż-żieda ta' l-imposta ta' l-ajruporti;***

***b) id-dħul addizzjonali kollu jintuża biss għall-bini ta' l-infrastruttura ippjanata;***

***c) jkunu nkisbu l-awtorizzazzjonijiet uffiċjali kollha.***

*Artikolu 8*

L-istandards ta' kwalità

1. Sabiex ikun żgurat it-tħaddim bla xkiel u effiċjenti f'ajruport, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u l-assoċjazzjoni jew assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lil utenti ta' l-ajruport f'dak l-ajruport jibdew negozjati bi l-għan li jikkonkludu ***ftehim dwar kull livell ta' servizz, b'konformità mad-dispożizzjonijiet dwar differenzjar fl-imposti stipulati fl-Artikolu 9,*** rigward il-kwalità ta' servizz ipprovdut fit-terminal jew terminals ta' l-ajruport, u l-eżattezza u l-puntwalità tat-tagħrif ipprovdut minn utenti ta' l-ajruport fuq il-ħidmiet tagħhom imbassra li hemm referenza għalihom fl-*Artikolu 6(2),* sabiex jippermettu *lill-entita` ta' ġestjoni ta'* l-ajruport jilħaq l-obbligazzjonijiet tiegħu. Ftehim bħal dan għandu jiġi konkluż ta' lanqas darba kull sentejn u jiġi nnotifikat lill-awtorità regolatorja indipendenti ta' kull Stat Membru.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-eventwalità li ma jintlaħaqx ftehim dwar livelli ta' servizz, kwalunkwe parti tista' tirrikorri għall-intervent ta' l-awtorità regolatorja indipendenti.

*Artikolu 9*

***Differenzi fl-imposti***

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jippermettu lill-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport li jvarja il-kwalità u l-iskop tas-servizzi partikulari ta' l-ajruport, terminals jew partijiet mit-terminals, bil-għan li jipprovdu servizzi speċjalizzati jew terminal, jew parti minnu, iddedikat. Il-livell ta' imposti ta' l-ajruporti jista' jvarja skond il-kwalità u l-iskop ta' dawk is-servizzi, ***iżda jista' jvarja wkoll skond ir-rendiment ambjentali, it-tniġġiż ta' l-istorbju jew skond interessi pubbliċi oħra bil-kundizzjoni li dan jiġi determinat fuq il-bażi ta' kriterji relevanti, oġġettivi u trasparenti.***

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ajruporti jiġbru l-istess imposta għall-istess servizz. Il-korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport jista' jagħti konċessjonijiet fuq imposti lil utent ta' l-ajruport ibbażati fuq il-kwalità tas-servizz użat, kemm-il darba il-konċessjoni konċernata tkun disponibbli għall-utenti kollha ta' l-ajruport u skond kundizzjonijiet ippubblikati, trasparenti u oġġettivi. Jista' jagħti konċessjoni lill-utenti li jiftħu rotot ġodda, kemm-il darba bl-istess mod il-konċessjoni tingħata b'mod pubbliku u mhux diskriminatorju u tkun disponibbli għall-utenti kollha ta' l-ajruport bl-istess mod, skond il-liġi tal-kompetizzjoni tal-KE.***

**It-Tlieta, 15 ta' Jannar 2008**

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe utent ta' l-ajruport li jkun jixtieq jagħmel użu mis-servizzi speċjalizzati jew it-terminal iddedikat jew parti minn terminal, għandu jkollu aċċess għal *dawk* is-servizzi u t-terminal jew parti minn terminal.

*Fejn* ikun hemm iktar utenti li jixtiequ li jkollhom aċċess għas-servizzi speċjalizzati jew terminal *iddedikat* jew parti minn terminal, *milli hu* possibbli, minħabba restrizzjonijiet ta' kapaċità, li l-aċċess ikun determinat abbażi ta' kriterji rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

*Artikolu 10*

L-imposti fuq sikurezza

L-imposti fuq sikurezza għandhom jintużaw esklussivament biex ikopru l-ispejjeż tas-sikurezza ***u m'għandhomx jisbqu dawk l-ispejjeż. Ma jista' jsir l-ebda profitt fuq l-imposti fuq sikurezza.*** Dawn l-ispejjeż għandhom ikunu stabbiliti permezz tal-prinċipji ta' ***l-effiċjenza ekonomika u operazzjonali u tal-kontabilità*** u l-evalwazzjoni aċċettati b'mod ġenerali f'kull Stat Membru. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispejjeż jitqassmu b'mod ġust fost il-gruppi ta' utenti differenti f'kull ajruport.*** Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitqiesu:

— l-ispiża tal-finanzjament tal-faċilitajiet u l-istallazzjonijiet iddedikati għal ħidmiet ta' sikurezza li jinkludu deprezzament ġust fil-valur ta' dawn il-faċilitajiet u l-istallazzjonijiet;

— in-nefqa fuq il-persunal u l-operazzjonijiet tas-sikurezza ***filwaqt li tiġi eskluża l-ispiża ta' miżuri ta' sikurezza ogħla għal perjodu ta' żmien qasir***; ***miżuri bħal dawn, imposti skond leġiżlazzjoni nazzjonali fuq evalwazzjonijiet tar-riskju speċjali u li jirriżultaw f'nefqa żejda m'għandhomx ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva;***

— l-għotjiet u s-sussidji allokati mill-awtoritajiet għal skopijiet ta' sikurezza.

***Id-dħul mill-imposti fuq sikurezza miġbura f'ajruport partikulari jistgħu jintużaw biss biex tiġi koperta l-ispiża għas-sikurezza ta' l-ajruporti mġarrba fil-post fejn l-imposti jkunu ngħabru. Fil-każ ta' networks ta' ajruporti, id-dħul minn imposti fuq sikurezza jistgħu jintużaw biss biex tiġi koperta l-ispiża tas-sikurezza li tirriżulta mill-ajruporti li jkunu fin-network.***

***Artikolu 11***

***L-ispejjeż ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sikurezza li huma aktar stretti***

***L-ispejjeż ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' sikurezza li huma aktar stretti mill-miżuri ta' sikurezza minimi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 għandhom jinġarru mill-Istati Membri.***

*Artikolu 12*

L-awtorità regolatorja indipendenti

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw jew iwaqqfu korp indipendenti bħala l-awtorità regolatorja indipendenti nazzjonali tagħhom sabiex tiżgura l-applikazzjoni kif suppost tal-miżuri meħuda b'konformità mad-Direttiva u ***tiżgura li jitwettqu*** d-doveri msemmija taħt l-*Artikoli 5 u 8*. Dan il-korp jista' jkun l-istess entità li l-Istat Membru taħtar sabiex jħares l-applikazzjoni tal-miżuri regolatorji addizzjonali msemmija fl-Artikolu 1(2), inklużi l-approvazzjoni tas-sistema ta' imposti u/jew tal-livell ta' l-imposti, sakemm tikkonforma mar-rekwiżiti *f'paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.*

***2. L-awtorità regolatorja indipendenti nazzjonali tista' tiddelega, taħt is-superviżjoni tagħha, l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet, jew ta' parti mid-dispożizzjonijiet, ta' din id-direttiva lil awtoritajiet regolatorji indipendenti reġjonali, sakemm l-implimentazzjoni isseħħ b'konformità ma' l-istess standards. L-awtorità regolatorja indipendenti nazzjonali għandha tkompli ġġorr ir-responsabilità biex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet tal-pġaragrafu 3 għandhom japplikaw ukoll għall-awtoritajiet regolatorji indipendenti reġjonali.***

3. L-Istati Membri għandhom jiggarantixxu l-indipendenza ta' l-awtorità regolatorja indipendenti billi jiżguraw li hija distinta legalment minn u tiffunzjona indipendentament minn kwalunke korp tal-ġestjoni ta' l-ajruport u trasportatur bl-ajru. L-Istati Membri li jżommu s-sjieda jew il-kontroll ta' l-ajruporti, korpi li jmexxu l-ajruporti jew trasportaturi bl-ajru għandhom jiżguraw is-separazzjoni strutturali effettiva tal-funzjonijiet regolatorji mill-attivitajiet assoċjati mal-proprjetà jew il-kontroll. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali regolatorji jeżerċitaw is-setgħat tagħhom b'mod imparzjali u trasparenti.

4. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bl-isem u l-indirizz ta' l-awtorità regolatorja indipendenti, bix-xogħol u r-responsabilitajiet mogħtija lilha, u bil-miżuri meħuda biex tkun zgurata konformità mal-paragrafu 3.

5. ***Fit-twettiq ta' investigazzjoni tal-ġustifikazzjoni għat-tibdil tal-livell jew ta' l-istruttura, ta'l-imposti ta' l-ajruporti, kif stipulat fl-Artikolu 5, l-awtorità regolatorja indipendenti għandha tkun tista' titlob l-informazzjoni meħtieġa mill-partijiet konċernati u għandha tiġi meħtieġa li tikkonsulta dawk l-partijiet konċernati u kwalunkwe parti oħra affetwata sabiex tilħaq id-deċiżjoni tagħha. Hija għandha tilħaq id-deċiżjoni tagħha fl-inqas fis possibli u fi żmien tliet xhur minn meta jasal l-ilment u għandha tkun meħtieġa li tippubblika d-deċiżjoni tagħha u r-raġunijiet għalija.*** Id-deċiżjoni għandu jkollu effett li jorbot.

6. L-awtorità regolatorja indipendenti għandha tippubblika rapport annwali dwar l-attivitajiet tagħha.

*Artikolu 13*

Rapportar u reviżjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat ta' din id-Direttiva***, li jevalwa l-progress imwettaq fil-kisba ta' l-objettivi ta' din id-Direttiva,*** mhux aktar tard minn… (*) *u* kif ukoll, meta jkun xieraq, *proposti xierqa.*

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, partikolarment *għall-bżonnijiet* tal-ġbir ta' tagħrif għar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1.

*Artikolu 14*

L-implimentazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva *sa* … (**). Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-waqt tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bit-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 15*

Id-dħul fis-seħħ *u l-indirizzati*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi

| Għall-Parlament Ewropew | Għall-Kunsill |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

(*) *4 snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.*
(**) *18 il-xahar wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Direttiva.*

## L-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi ***I

P6_TA(2008)0005

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (COM(2006)0745 — C6-0439/2006 — 2006/0246(COD))**

(2009/C 41 E/18)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0745),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 175(1) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0439/2006),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0406/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jieħu nota ta' l-istqarrija tal-Kummissjoni annessa magħha;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2006)0246**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (KE) Nru 689/2008.)*

---

*ANNESS*

STQARRIJA TAL-KUMMISSJONI DWAR IS-SITWAZZJONI TAL-MERKURJU U TA' L-ARSENIKU FL-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT CIP

Il-Kummissjoni tenfasizza li, f'konformità ma' l-Artikolu 22, (2), tar-Regolament (KE) Nru 304/2003, jekk l-l-arseniku metalliku jkun pprojbit jew irregolat strettament fil-Komunità, għandha tiġi mfassla proposta biex l-l-anness ikkonċernat jiġi adattat. Hija tikkummenta wkoll li għaddejja ħidma fil-Kunsill u l-Parlament bil-ħsieb li tiġi elaborata proposta biex jiġu pprojbiti l-esportazzjonijiet tal-merkurju mill-Komunità, li tmur lil hinn mir-rekwiżit ta' kunsens ikkomunikat minn qabel previst fil-konvenzjoni ta' Rotterdam u fir-regolament komunitarju li jimplimentaha.

## Applikazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità ***I

P6_TA(2008)0006

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (COM(2007)0159 — C6-0104/2007 — 2007/0054(COD))**

(2009/C 41 E/19)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0159),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 42 u 308 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0104/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0515/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ieħor;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2007)0054**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-15 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KEE) tal-Kunsill Nru 1408/71 dwar l-applikazzjoni ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u l-membri tal-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (KE) Nru 592/2008.)*

**L-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2008**

## Miżuri bl-użu ta' l-applikazzjonijiet ta' telerilevament żviluppati fil-qafas tal-politika agrikola komuni *

P6_TA(2008)0010

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar il-miżuri li għandha twettaq il-Kummissjoni, għall-perjodu 2008-2013, bl-użu ta' l-applikazzjonijiet ta' telerilevament żviluppati fil-qafas tal-politika agrikola komuni (COM(2007)0383 — C6-0273/2007 — 2007/0132(CNS))**

(2009/C 41 E/20)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0383),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 37(2), it-tielet subparagrafu, tat-Trattat KE, li permezz tiegħu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0273/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A6-0508/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta tagħha f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsulta lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 1

*Premessa 2*

| | |
|---|---|
| (2) ***Permezz ta' l-esperjenza*** miksuba matul il-perjodu 2004-2007 fil-qafas tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1445/2000/KE tat-22 ta' Mejju 2000 dwar l-applikazzjoni ta' stħarriġ mill-ajru u metodi ta' teknika ta' remote sensing għall-istatistiċi agrikoli għal 1999 sa 2003 kif emendata, kif ukoll tad-Deċiżjonijiet li ġew qabilha, ***is-sistema agrometeoroloġika għat-tbassir tal-ħsad u għall-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet ta' l-artijiet u ta' l-uċuħ tar-raba' saret operazzjonali, laħqet livell avvanzat ta' żvilupp u wriet l-effiċjenza tagħha.*** | (2) ***L-esperjenza*** miksuba matul il-perjodu 2004-2007 fil-qafas tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *Nru* 1445/2000/KE tat-22 ta' Mejju 2000 dwar l-applikazzjoni ta' stħarriġ mill-ajru u metodi ta' teknika ta' remote sensing għall-istatistiċi agrikoli għal 1999 sa 2003 kif emendata, kif ukoll tad-Deċiżjonijiet li ġew qabilha, ***ipprovdiet għarfien aħjar dwar il-monitoraġġ ta' l-użu ta' l-art, tal-wiċċ ta' l-art u tal-parametri ambjentali (il-proġett LUCAS), u ġġenerat ukoll stadju operazzjonali u ta' żvilupp aħjar tas-sistema agrometeoroloġika għall-monitoraġġ ta' l-uċuħ tar-raba' u għat-tbassir tal-ħsad (il-proġett MARS).*** |

**L-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 2

*Premessa 2 a (ġdida)*

***(2a) Il-proġett pilota MARS li jaqa' fl-ambitu tad-Deċiżjoni Nru 2066/2003/KE tal-Parlament u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Novembru 2003, dwar it-tkomplija ta' l-applikazzjoni ta' tekniki ta' stħarriġ ta' żoni u ta' telerilevament għall-istatistiċi agrikoli għall-2004 sa l-2007 ([1]) huwa fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament preżenti. B'mod aktar speċifiku, il-miżuri operazzjonali meħuda mill-Kummissjoni, li jagħmlu użu minn applikazzjonijiet ta' telerilevament fi ħdan il-politika komuni dwar l-agrikoltura biss, huma fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament preżenti.***

***([1]) ĠU L 309, 26.11.2003, p. 9.***

Emenda 3

*Premessa 5*

(5) Għandu jkun provdut ukoll li l-informazzjoni u l-istimi li joħorġu minn dawn il-miżuri, ***miżmuma*** mill-Kummissjoni, ikunu disponibbli *għall-Istat* Membri, kif ukoll ***li*** jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport *proviżjonali* u rapport finali dwar il-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzoni tal-miżuri ta' telerilevament li jkunu saru, u dwar l-użu tar-riżorsi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport finali għandu jkun akkumpanjat bi proposta biex jitkomplew dawn il-miżuri wara l-perjodu stipulat f'dan ir-Regolament,

(5) Għandu jkun provdut ukoll li l-informazzjoni u l-istimi li joħorġu minn dawn il-miżuri, ***jinżammu*** mill-Kummissjoni, ***u li l-użu tagħhom ikun strettament limitat għall-istima tal-ħsad u ma jinkludix skopijiet ta' kontroll. L-informazzjoni u l-istimi għandhom*** ikunu disponibbli *għall-Istati* Membri, kif ukoll jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport *proviżorju* u rapport finali dwar il-kundizzjonijiet ta' l-implimentazzoni tal-miżuri ta' telerilevament li jkunu saru, u dwar l-użu tar-riżorsi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. Jekk ikun meħtieġ, ir-rapport finali għandu jkun akkumpanjat bi proposta biex jitkomplew dawn il-miżuri wara l-perjodu stipulat f'dan ir-Regolament,

Emenda 4

*Artikolu 1, paragrafu 1, parti introduttorja*

1. ***Mill-1 ta' Jannar 2008 'l quddiem, għal perjodu ta' sitt snin, il-miżuri li twettaq il-Kummissjoni bl-użu ta' applikazzjonijiet ta' telerilevament fil-qafas tal-politika agrikoli komuni jistgħu jkunu ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, skond l-Artikolu 3(2)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005,*** fejn ikollhom l-għan li jipprovdu lill-Kummissjoni bil-mezzi biex:

1. ***Il-qafas finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm għall-perjodu 2008 sa l-2013 huwa hawnhekk stabbilit għal EUR 9.2 miljun. L-approprjazzjonijiet annwali għandhom jiġu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fi ħdan il-limiti tal-perspettiva finanzjarja,*** fejn ikollhom l-għan li jipprovdu lill-Kummissjoni bil-mezzi biex:

Emenda 5

*Artikolu 1, paragrafu 1, punt (a)*

(a) ***tmexxi s-swieq*** agrikoli;

(a) ***tgħin fl-immaniġġjar tas-swieq*** agrikoli;

Emenda 6

*Artikolu 1, paragrafu 1, punt (c)*

(c) tiġġeġ l-aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-punt b);

(c) tiġġeġ l-aċċess għall-informazzjoni msemmija fil-punt (b) ***permezz tal-korpi meħtieġa biex jagħmlu dan fi ħdan l-ambitu ta' dan ir-Regolament biss***;

**L-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI TAL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 7

*Artikolu 1, paragrafu 2, punt (b)*

| | |
|---|---|
| b) ***il-ħolqien ta' infrastruttura ta' dejta spazjali u websajt***; | (b) ***titjib tal-websajt ta' l-Unità Agrikola tal-JRC, sabiex id-dejta rilevanti kollha tar-riċerka tkun disponibbli b'xejn għall-pubbliku;*** |

Emenda 8

*Artikolu 1, paragrafu 2, punt (b a) (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***(ba) il-ħolqien ta' inventarju tad-dejta spazjali, tat-telerilevament u tal-proġetti agrometeoroloġiċi kollha u l-konsolidazzjoni ta' l-infrastruttura tad-dejta ġeografika u tal-websajts eżistenti;*** |

## Kreditu għall-konsumatur ***II

P6_TA(2008)0011

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2008 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (9948/2/2007 — C6-0315/2007 — 2002/0222(COD))**

(2009/C 41 E/21)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (9948/2/2007 — C6-0315/2007),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari [1] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2002)0443) [2],

— wara li kkunsidra l-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni (COM(2004)0747, COM(2005)0483),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A6-0504/2007),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(1) ĠU C 104 E, 30.4.2004, p. 233.
(2) ĠU C 331 E, 31.12.2002, p. 200.

**P6_TC2-COD(2002)0222**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adotatta fit-tieni qari fis-16 ta' Jannar 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2008/48/KE.)*

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

# Qafas Multiannwali għall-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2007-2012 *

P6_TA(2008)0014

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 168/2007 fir-rigward ta' l-adozzjoni ta' Qafas Multiannwali għall-Aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-2007-2012 (COM(2007)0515 — C6-0322/2007 — 2007/0189(CNS))**

(2009/C 41 E/22)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0515),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5, paragrafu 1, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007, li b'konformità miegħu l-Kunsill ikkonsulta l-Parlament (C6-0322/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0514/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, b'konformità ma' l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| Amendment 1<br>*Recital 1* | |
| (1) Sabiex l-Aġenzija twettaq id-dmirijiet tagħha tajjeb, l-oqsma tematiċi preċiżi ta' l-attività tagħha għandhom ikunu determinati minn Qafas Multiannwali li jkopri ħames snin kif stipulat fl-Artikolu 5 (2) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007. | (1) Sabiex l-Aġenzija twettaq id-dmirijiet tagħha tajjeb, ***u tenut kont ta' l-għanijiet tat-twaqqif ta' l-Aġenzija***, l-oqsma tematiċi preċiżi ta' l-attività tagħha għandhom ikunu determinati minn Qafas Multiannwali li jkopri ħames snin kif stipulat fl-Artikolu 5 (2) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007. |
| Emenda 2<br>*Premessa 2* | |
| (2) Il-Qafas għandu jinkludi l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata fost l-oqsma tematiċi ta' l-attività ta' l-Aġenzija. | (2) Il-Qafas għandu jinkludi l-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata fost l-oqsma tematiċi ta' l-attività ta' l-Aġenzija, ***u l-ħarsien tad-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi etniċi jew nazzjonali.*** |

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 3

*Premessa 5*

| | |
|---|---|
| (5) Il-Qafas għandu jinkludi dispożizzjonijiet maħsuba sabiex ikun hemm kumplimentarjetà mar-responsabbiltajiet ta' organi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Komunità u ta' l-Unjoni, u kif ukoll mal-Kunsill ta' l-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra attivi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. L-aktar aġenziji u organi relevanti tal-Komunità fir-rigward ta' dan il-Qafas Multiannwali huma l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ***u*** l-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-organi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, li l-għanijiet tagħhom għandhom għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni. | (5) Il-Qafas għandu jinkludi dispożizzjonijiet maħsuba sabiex ikun hemm kumplimentarjetà mar-responsabbiltajiet ta' organi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Komunità u ta' l-Unjoni, u kif ukoll mal-Kunsill ta' l-Ewropa u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra attivi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali. L-aktar aġenziji u organi relevanti tal-Komunità fir-rigward ta' dan il-Qafas Multiannwali huma l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, il-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-organi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ***u l-Ombudsman Ewropew***, li l-għanijiet ***u l-iskop*** tagħhom għandhom għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni. |

Emenda 4

*Premessa 6 a (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(6a) Skond l-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007, l-Aġenzija tista' taħdem barra mill-oqsma tematiċi determinati fil-Qafas Multiannwali fuq talba tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill jew tal-Kummissjoni, kemm-il darba ir-riżorsi finanzjarji u umani tagħha jippermettu dan.*** |

Emenda 5

*Premessa 7 a (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(7a) Il-Qafas jiddefinixxi l-oqsma tematiċi li għandha taħdem fuqhom l-Aġenzija, filwaqt li l-kompiti ta' l-Aġenzija huma stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007, li jirriferixxi b'mod partikulari għas-sensibilizzazzjoni pubblika dwar id-drittijiet fundamentali u t-tixrid attiv ta' informazzjoni dwar il-ħidma ta' l-Aġenzija.*** |

Emenda 6

*Premessa 7 b (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(7b) Il-bnedmin kollha jitwieldu ndaqs u għalhekk id-drittijiet tal-bniedem huma indiviżibbli u invjolabbli.*** |

Emenda 7

*Premessa 7 c (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(7c) Jeħtieġ li tiġi ssorveljata l-konformità ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE u l-Istati Membri kollha mal-konvenzjonijiet internazzjonali kollha tad-drittijiet tal-bniedem li għalihom l-Istati Membri huma parti.*** |

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 8

*Premessa 7 d (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(7d) L-Aġenzija għandha tirraporta b'mod regolari lill-Parlament Ewropew.*** |

Emenda 9

*Artikolu 1, paragrafu 1 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni tista', fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq inizjattiva tal-Kunsill, tal-Parlament Ewropew jew tal-Bord tad-Direzzjoni ta' l-Aġenzija, tagħmel proposta, mhux qabel sena mill-adozzjoni tal-Qafas Multiannwali, biex tirrevedi l-Qafas skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.*** |

Emenda 10

*Artikolu 1, paragrafu 2 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistgħu jitolbu lill-Aġenzija biex tistħarreġ dwar azzjonijiet jew problemi speċifiċi.*** |

Emenda 11

*Artikolu 1 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***Artikolu 1a***<br><br>***Kompiti***<br><br>***L-Aġenzija tista' tfassal u tippubblika konklużjonijiet u opinjonijiet fuq l-oqsma tematiċi li m'humiex koperti mill-Artikolu 2 meta jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali u konvinċenti. F'ċirkostanzi bħal dawn għandha tintbagħat notifika ta' dawn il-kompiti lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.*** |

Emenda 12

*Artikolu 2, parti introduttiva*

| | |
|---|---|
| ***L***-oqsma tematiċi ***għandhom ikunu s-segwenti***: | ***Fil-ħidma tagħha fl***-oqsma tematiċi ***li ġejjin, bla ħsara għall-Artikolu 1(2a) u l-Artikolu 1a, l-Aġenzija għandha tfittex li tidentifika l-fatturi ekonomiċi, soċjali u kulturali li jikkontribwixxu għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem f'dawk l-oqsma jew li jistgħu jkunu l-kawżi ta' kull ksur tad-drittijiet tal-bniedem***: |

Emenda 13

*Artikolu 2, punt (b)*

| | |
|---|---|
| b) id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali jew immirata lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi; | b) id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentament sesswali jew immirata lejn persuni li jappartjenu għal minoranzi ***nazzjonali u lingwistiċi tradizzjonali u kull kombinazzjoni ta' dawn ir-raġunijiet (diskriminazzjoni multipla)***; |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 14

*Artikolu 2, punt (j)*

| | |
|---|---|
| (j) l-aċċess għal ġustizzja effiċjenti u indipendenti. | (j) l-aċċess għal ġustizzja effiċjenti u indipendenti, ***għal dak li jirrigwarda d-drittijiet tal-konvenuti u persuni suspettati***. |

Emenda 15

*Artikolu 2, punt (j a) (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***ja) faqar kbir u esklużjoni soċjali.*** |

Emenda 16

*Artikolu 3, paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. L-Aġenzija għandha tiżgura koordinazzjoni xierqa ma' l-organi, uffiċċji u aġenziji tal-Komunità, l-Istati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali u s-soċjetà ċivili, kif stabbilit fl-Artikoli 7, 8 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007, għall-implimentazzjoni ta' dan il-Qafas. | 1. L-Aġenzija għandha tiżgura ***koperazzjoni u*** koordinazzjoni xierqa ma' l-organi, uffiċċji u aġenziji tal-Komunità, l-Istati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali u s-soċjetà ċivili, kif stabbilit fl-Artikoli 7, 8 u 10 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007, għall-implimentazzjoni ta' dan il-Qafas. |

Emenda 17

*Artikolu 3, paragrafu 2 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***2a. L-Aġenzija għandha tikkopera b'mod attiv ma' pajjiżi kandidati fil-qasam tad-drittijiet fundamentali sabiex tiffaċilita l-konformità tagħhom mal-liġi Komunitarja.*** |

Emenda 18

*Artikolu 3, paragrafu 3*

| | |
|---|---|
| 3. L-Aġenzija għandha tittratta l-kwistjonijiet li jirrigwardaw id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sessi biss bħala parti mix-xogħol tagħha, li għandu jsir fuq kwistjonijiet ġenerali ta' diskriminazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 punt (b), u safejn relevanti għalih, ***filwaqt li tieħu in kunsiderazzjoni li l-għanijiet globali*** ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006 ***għandu jkun li jikkontribwixxi għal u jsaħħaħ il-promozzjoni ta' l-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż il-gender mainstreaming fil-politika kollha tal-Komunità u l-politika nazzjonali li tirriżulta minnhom, u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sessi u li jqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini ta' l-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi billi jipprovdi għajnuna teknika lill-istituzzjonijiet tal-Komunità, b'mod partikolari l-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri***. | 3. L-Aġenzija għandha tittratta l-kwistjonijiet li jirrigwardaw id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sessi, ***b'mod partikulari l-każijiet ta' diskriminazzjoni multipla***, biss bħala parti mix-xogħol tagħha, li għandu jsir fuq kwistjonijiet ġenerali ta' diskriminazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 punt (b), u safejn relevanti għalih, ***filwaqt li tirrispetta l-għanijiet u l-missjoni*** ta' l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1922/2006. ***L-arranġamenti għall-koperazzjoni bejn l-Aġenzija u l-Istitut għandhom jiġu stipulati f'memorandum ta' ftehim b'konformità ma' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007.*** |

## EUROPOL *

P6_TA(2008)0015

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL) (COM(2006)0817 — C6-0055/2007 — 2006/0310(CNS))**

(2009/C 41 E/23)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (COM(2006)0817),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 30(1)(b), l-Artikolu 30(2) u l-Artikolu 34(2)(c) tat-Trattat ta' l-UE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat UE, skond liema Artikolu huwa ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0055/2007),

— wara li kkunsidra l-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea li dwaru ġie kkonsultat mill-Kunsill,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A6-0447/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Iqis li l-ammont indikattiv ta' referenza finanzjarja muri fil-proposta tal-Kummissjoni jeħtieġ li jkun kompatibbli mal-limitu taħt l-intestatura 3 A tal-qafas finanzjarju pluriennali 2007-2013 u mad-dispożizzjonijiet tal-punt 47 tal-Ftehima Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-tmexxija finanzjarja tajba tas-17 ta' Mejju2006(IIA) ([1]);

3. Ifakkar li l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits ma teskludix il-possibilità tal-proċedura skond il-punt 47 ta' l-IIA li japplika għat-twaqqif ta' l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija;

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex għalhekk tbiddel il-proposta tagħha f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

5. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

6. Jitlob lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jimmodifika l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

7. Jistieden lill-Kunsill sabiex fi ħdan il-qafas tat-Trattat ta' Liżbona jikkonsulta lill-Parlament jekk id-deċiżjoni tal-Kunsill għat-twaqqif ta' l-Europol ma tiġix adottata f'Ġunju 2008;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 1

*Ċitazzjoni 1a (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) (Regolament Finanzjajru), u b'mod partikulari l-Artikolu 185 tiegħu,***<br>([1]) ***ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).*** |

Emenda 2

*Ċitazzjoni 1b (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***Wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-tmexxija finanzjarja tajba ([1]), b'mod partikulari l-Punt 47 tagħha,***<br>([1]) ***ĠU C 139, 14.6.2006, p 1.*** |

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p.1.

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 3

*Premessa 4a (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(4a) Il-Kunsill għadu ma adottax id-Deċiżjoni ta' Qafas dwar il-protezzjoni ta' data personali proċessata fil-qafas tal-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura fi kwistjonijiet kriminali. Id-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' qafas huwa indispensabbli sabiex jippermetti lill-Europol li twettaq il-mandat tagħha f'qafas ġuridiku li jiggarantixxi bis-sħiħ il-protezzjoni ta' l-informazzjoni taċ-ċittadini Ewropej. Huwa għalhekk aktar u aktar importanti li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni ta' Qafas mill-aktar fis possibbli.*** |

Emenda 4

*Premessa 4b (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(4b) Il-Parlament Ewropew, fir-Rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill dwar l-Europol: it-tisħiħ tal-kontrolli parlamentari u l-estensjoni tas-setgħat ([1]) tat-13 ta' April 1999, talab l-inkorporazzjoni tal-Europol fil-qafas istituzzjonali ta' l-Unjoni Ewropea u li dan ikun suġġett għal skrutinju demokratiku mill-Parlament.***<br><br>*([1]) ĠU C 219, 30.7.1999, p. 101.* |

Emenda 5

*Premessa 4c (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(4c) Il-Parlament Ewropew, fir-Rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill, dwar l-iżvilupp futur ta' l-Europol u l-inkorporazzjoni awtomatika tiegħu fis-sistema istituzzjonali ta' l-Unjoni Ewropea ([1]) tat-30 ta' Mejju 2002 u fir-Rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill, dwar l-iżvilupp futur ta' l-Europol ([2]) ta' l-10 t' April 2003 talab li l-Europol jitqiegħed fuq il-livell Komunitarju.***<br><br>*([1]) ĠU C 187 E, 7.8.2003, p. 144.*<br>*([2]) ĠU C 64 E, 12.3.2004, p. 588.* |

Emenda 6

*Premessa 5*

| | |
|---|---|
| (5) L'octroi à Europol du statut d'agence de l'Union européenne, financée par le budget général *des Communautés*, renforcera le contrôle du Parlement européen sur l'organisation, du fait de son rôle d'autorité budgétaire. | (5) It-twaqqif ta' l-Europol bħala aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea ffinanzjata mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, se jtejjeb l-irwol tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-kontroll ***u l-iskrutinju demokratiku fuq*** l-Europol, permezz ta' l-involviment tal-Parlament Ewropew fl-adozzjoni tal-baġit, ***kif ukoll fil-pjan ta' l-istabbiliment, u fil-proċedura ta' kwittanza.*** |

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 7

*Premessa 6a (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(6a) It-twaqqif ta' l-aġenzija ta' l-Europol jitlob għal ftehima interistituzzjonali li tistipula l-kondizzjonijiet bażiċi li jiggvernaw l-aġenziji regolatorji Ewropej sabiex l-aġenziji eżistenti u dawk futuri jiġu strutturat b'tali mod li jiġu promossi ċ-ċarezza, it-trasparenza u ċ-ċertezza legali.*** |

Emenda 8

*Premessa 8 a (ġdida)*

| | |
|---|---|
| | ***(8a) Sussegwentement għall-estensjoni tas-setgħat operattivi ta' l-Europol, għad hemm bżonn ta' xi titjib rigward ir-responsabilità demokratika tiegħu.*** |

Emenda 9

*Premessa 13*

| | |
|---|---|
| (13) Il convient de désigner un délégué à la protection des données qui serait chargé de veiller, en toute indépendance, à la légalité de leur traitement et au respect des dispositions de la présente décision en matière de traitement des données à caractère personnel, y compris lorsqu'elles se rapportent au personnel d'Europol, qui est protégé par l'article 24 du règlement (CE) n° 45/2001. | (13) Jeħtieġ li jinħatar uffiċjal għall-protezzjoni tad-data li bl-akbar awtonomija possibbli jkun responsabbli għal-legalità ta' kif din tiġi pproċessata u b'rispett għad-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni rigward data ta' natura personali, inkluż meta din tolqot l-istaff ta' l-Europol li huwa protett mill-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001. ***Fl-implimentazzjoni ta' dawn il-funzjonijiet, l-uffiċjal responsabbli għall-protezzjoni tad-data jeħtieġ li jikkopera ma' l-uffiċjali għall-protezzjoni tad-data maħtura skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja***. |

Emenda 10

*Premessa 14*

| | |
|---|---|
| (14) Outre la simplification des dispositions concernant les systèmes de traitement de données existants, il conviendrait qu'Europol puisse créer et gérer ***davantage d'***outils de traitement destinés à l'exécution de ses fonctions. Ces outils seraient mis en place et exploités conformément aux principes généraux de la protection des données ***mais également*** dans le respect de règles détaillées définies par le Conseil. | (14) Minbarra s-simplifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet għas-sistemi eżistenti għall-ipproċessar tad-data, ikun tajjeb li l-Europol ikun jista' joħloq u jamministra għodod għall-ipproċessar sabiex jitwettqu dawn il-funzjonijiet. Dawn l-għodod għandhom jiġu implimentati u użati skond il-prinċipji ġenerali għall-protezzjoni tad-data kif stabbiliti ***mil-liġi Komunitarja u mill-Konvenzjoni Nru 108 tal-Kunsill ta' l-Ewropa tat-28 ta' Jannar 1981 għall-Protezzjoni ta' Persuni rigward l-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali*** u b'rispett tar-regoli dettaljati definiti mill-Kunsill, ***b'konsultazzjoni mal-Parlament Ewrope;*** |

Emenda 11

*Premessa 19*

| | |
|---|---|
| (19) Les possibilités offertes à Europol de coopérer avec des pays tiers et des organismes extérieurs devraient être rationalisées pour garantir une cohérence avec la politique générale de l'Union sur ce point, ***en adoptant*** de nouvelles règles fixant les modalités d'une telle coopération. | (19) Il-possibiltajiet offruti lill-Europol sabiex jikkopera ma' pajjiżi terzi u ma' korpi esterni sabiex tiġi garantita konsistenza mal-politika ġenerali ta' l-Unjoni fuq dan il-punt ***u sabiex jiġi żgurat li l-pajjiżi terzi u l-korpi esterni jiggarantixxu livell xieraq ta' protezzjoni għad-data personali permezz*** ta' regoli li jistabbilixxu kif għandha ssir din il-koperazzjoni ***u li jiġu adottati mill-Kunsill wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.*** |

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 12

*Artikolu 1 paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. La présente décision crée un Office européen de police, ci-après dénommé "Europol", qui a le statut d'agence de l'Union. Le siège d'Europol est fixé à La Haye, aux Pays-Bas. | 1. Din id-Deċiżjoni tistabilixxi Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija, minn hawn 'il quddiem imsemmi bhala 'Europol', bhala aġenzija ta' l-Unjoni. ***Din l-aġenzija hija mwaqqfa skond it-tifsira ta' l-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju u l-punt 47 tal-Ftehim Interistituzzjonali (IIA)***. Il-Europol se jkollu s-sede tiegħu f'The Hague, fl-Olanda. |

Emenda 13

*Artikolu 5, paragrafu 1, punt (a)*

| | |
|---|---|
| a) la collecte, le stockage, le traitement, l'analyse et l'échange d'informations et de renseignements transmis par les autorités des États membres ou de pays tiers, ou par d'autres entités publiques ou privées; | a) il-ġbir, iż-żamma, l-ipproċessar, l-analiżi u l-iskambju ta' informazzjoni u 'intelligence' mgħoddija mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri lil pajjiżi terzi jew lil entitajiet pubbliċi jew privati oħra; ***meta l-informazzjoni tiġi minn entitajiet privati, qabel ma tiġi mgħoddija lill-Europol għandha tinġabar u tiġi pproċessata b'mod legali skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' persuni rigward l-ipproċessar ta' data personali u l-moviment ħieles ta' din id-data ([1]), u l-aċċess mill-Europol għandu jiġi permess biss fuq il-bażi ta' kull każ għalih, u aċċess bħal dan għandu jkun suġġett għal skrutinju ġudizzjarju;salvagwardji oħrajn għandhom ikunu stabbiliti mill-Europol wara konsultazzjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Awtorità Konġunta ta' Kontroll;*** |

([1]) ***ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).***

Emenda 14

*Artikolu 6, paragrafu 2*

| | |
|---|---|
| 2. Dans les cas où une équipe commune d'enquête est constituée pour traiter des affaires de contrefaçon de l'euro, un agent d'Europol peut être désigné pour diriger l'enquête, sous la responsabilité directe du chef de l'équipe. En cas de divergence de vues entre l'agent d'Europol ainsi désigné et le chef de l'équipe, l'avis de ce dernier prévaut. | 2. F'każ meta tim ta' investigazzjoni konġunt jinħatar sabiex jittratta kwistjonijiet ta' ffalsifikar ta' l-euro, jew sabiex iwettaq funzjonijiet stipulati fl-Artikolu 5, paragrafu 2, aġent ta' l-Europol jista' jinħatar sabiex imexxi l-istħarriġ taħt ir-responsabbilità diretta tal-kap tat-tim. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-aġent ta' l-Europol hekk maħtur u l-kap tat-tim, l-opinjoni ta' dan l-aħħar tipprevali. |

Emenda 15

*Artikolu 8, paragrafu 2*

| | |
|---|---|
| 2. L'unité nationale est ***l'***organe de liaison entre Europol et les autorités nationales compétentes. Toutefois, les États membres peuvent autoriser les contacts directs entre leurs autorités compétentes désignées et Europol sous réserve des conditions fixées par l'État membre en question, notamment l'intervention préalable de l'unité nationale. | 2. L-unità nazzonali hija ***l-uniku*** organu ta' kollegament bejn l-Europol u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw kuntatti diretti bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom u l-Europol, taħt kundizzjonijiet li jiġu ffissati mill-Istat Membru konċernat, b'mod partikulari l-involviment minn qabel ta' l-unità nazzjonali. |

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| | ***Fl-istess ħin waqt li jkunu għaddejjin il-kuntatti, l-unità nazzjonali għandha tirċievi mingħand l-Europol l-informazzjoni kollha li tgħaddi bejn l-Europol u l-awtoritajiet kompetenti awtorizzati. Ir-relazzjonijiet bejn l-unità nazzjonali u l-awtoritajiet kompetenti huma regolati mil-liġi nazzjonali u b'mod partikulari mir-regolamenti kostituzzjonali applikabbli.*** |

Emenda 16

*Artikolu 9, paragrafu 2, subparagrafu 2*

| | |
|---|---|
| Les échanges bilatéraux prévus au *point d) du premier alinéa* peuvent également porter sur des infractions ne relevant pas de la compétence d'Europol, dans la mesure où le droit national l'autorise. | L-iskambji bilaterali li hemm dispożizzjoni għalihom *fil-punt (d) ta' l-ewwel subparagrafu* jistgħu jkopru wkoll reati li m'humiex kompetenza ta' l-Europol, safejn hu permess skond il-liġi nazzjonali. ***F'dan il-każ, l-Europol m'għandux jinżamm responsabbli għall-kontenut ta' ebda parti mill-informazzjoni skambjata.*** |

Emenda 17

*Artikolu 10, paragrafu 2*

| | |
|---|---|
| 2. Europol peut traiter des données afin de déterminer si elles sont utiles à ses missions et peuvent être incluses dans l'un de ses systèmes informatisés. | 2. L-Europol jista' jipproċessa d-data għall-iskop li jiddetermina jekk tali data hix rilevanti għall-ħidma tiegħu, u jista' jkun inkluż f'waħda mis-sistemi ta' informazzjoni tiegħu. ***F'dan il-każ, id-data tiġi pproċessata biss sabiex tiġi determinata l-utilità tagħha.*** |

Emenda 18

*Artikolu 10, paragrafu 3*

| | |
|---|---|
| 3. Si Europol décide de créer un système de traitement des données à caractère personnel distinct du système d'information Europol décrit à l'article 11 et des fichiers de travail aux fins d'analyse décrits à l'article 14, le Conseil, statuant à la majorité qualifiée après consultation du Parlement européen, fixe les conditions auxquelles Europol y est autorisé. Ces conditions régissent notamment l'accès aux données et leur utilisation, ainsi que leurs délais de conservation et d'effacement, dans le strict respect des principes visés à l'article 26. | 3. Jekk il-Europol jiddeċiedi li jistabbilixxi sistema oħra ta' pproċessar ta' data personali minbarra s-Sistema ta' Informazzjoni ta' l-Europol imsemmija fl-Artikolu 11 jew il-Fajls ta' Xogħol ta' Analiżi msemmija fl-Artikolu 14, il-Kunsill, b'maġġoranza kwalifikata wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew għandu jiddetermina l-kundizzjonijiet li jawtorizzaw lill-Europol biex jagħmel dan. Dawn il-kundizzjonijiet għandhom jirregolaw b'mod partikulari l-aċċess għal data u l-użu tagħha, kif ukoll il-limiti ta' żmien għall-ħażna u t-tħassir tad-data, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipji li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 26. ***L-Awtorità konġunta ta' kontroll tal-Europol, kif ukoll il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jiġu kkonsultati qabel ma jieħu deċiżjoni l-Kunsill.*** |

Emenda 19

*Artikolu 10, paragrafu 5*

| | |
|---|---|
| 5. Europol fait tout son possible pour assurer l'interopérabilité de ses systèmes de traitement de données avec ceux des États membres, et en particulier ceux utilisés par les organismes de la Communauté et de l'Union avec lesquels Europol est susceptible d'établir des relations conformément à l'article 22, en appliquant les bonnes pratiques et en utilisant des normes ouvertes. | 5. Il-Europol għandu jagħmel ħiltu kollha biex jiżgura l-interoparabilità tas-sistemi għall-ipproċessar tad-data mas-sistemi ta' l-Istati Membri, b'mod partikulari dawk użati mill-organizzazzjonijiet tal-Komunità u ta' l-Unjoni li magħhom il-Europol jista' jistabbilixxi relazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 22, bl-użu ta' prattiki tajbin u ta' standards magħrufin. ***Interkonnessjoni*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| | ***tiġi awtorizzata wara deċiżjoni f'dan ir-rigward mill-Kunsill li qabel għandu jikkonsulta lill-Uffiċjal responsabbli għall-protezzjoni tad-data tal-Europol u lill-Awtorità Konġunta ta' Kontroll. Din id-deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli u l-kundizzjonijiet, b'mod partikulari rigward il-ħtieġa ta' l-implimentazzjoni ta' l-interkonnessjoni u l-iskopijiet ta' l-użu ta' data ta' natura personali.*** |

Emenda 20

*Artikolu 11, paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. Europol gère un système d'information Europol, qui peut être directement consulté par les unités nationales, les officiers de liaison, le directeur, les directeurs adjoints et les agents d'Europol habilités. | 1. Il-Europol għandu jżomm Sistema ta' Informazzjoni tal-Europol li għandha tkun aċċessibbli b'mod dirett għal konsultazzjoni mill-unitajiet nazzjonali, l-uffiċjali ta' kollegament, id-Direttur, il-Viċi Diretturi u uffiċjali awtorizzati tal-Europol. ***Aċċess dirett mill-unitajiet nazzjonali għas-sistema ta' informazzjoni fir-rigward ta' persuni msemmija fl-Artikolu 12(1) (b) għandu jkun ristrett biss għad-dettalji ta' identità msemmija fl-Artikolu 12(2). Il-firxa sħiħa tad-data għandha tkun aċċessibbli għall-unitajiet permezz ta' l-uffiċjali ta' kollegament jekk dan ikun meħtieġ għal inkjesta speċifika.*** |

Emenda 21

*Artikolu 12, paragrafu 1, punt (b)*

| | |
|---|---|
| b) aux personnes pour lesquelles certains faits graves justifient, au regard du droit national de l'État membre concerné, la présomption qu'elles commettront des infractions relevant de la compétence d'Europol. | b) għal persuni li għalihom jeżistu ċerti ***indikazzjonijiet fattwali*** jew fatti gravi li jiġġustifikaw, fl-ambitu tal-liġi nazzjonali ta' l-Istat Membru konċernat, il-preżunzjoni li huma se jikkommettu reati li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Europol. |

Emenda 22

*Artikolu 12, paragrafu 4 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***4a. L-ipproċessar ta' kategoriji partikulari ta' data li jirrigwardaw l-oriġini razzjali jew etnika, fehmiet politiċi, konvinzjonijiet reliġjużi jew filosofiċi, sħubija f'partiti jew f'unions u rigward orjentazzjoni sesswali jew is-saħħa, mhux awtorizzat jekk ma jkunx assolutament meħtieġ għal xi każ partikulari u jkun suġġett għal salvagwardji partikulari.*** |

Emenda 23

*Artikolu 19, paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. Les données à caractère personnel extraites des fichiers de traitement des données d'Europol ne sont transmises ou utilisées que par les autorités compétentes des États membres pour prévenir et lutter contre la criminalité relevant de la compétence d'Europol et contre les autres formes graves de criminalité. Europol n'utilise les données qu'aux fins de l'exécution de ses fonctions. | 1. Data ta' natura personali li tittieħed minn fajls għall-ipproċessar tad-data ta' l-Europol għandha tiġi trażmessa u użata biss mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għal ***dawk l-iskopijiet biss li għalihom inġabret u għal skopijiet kompatibbli magħhom, u sabiex ikun hemm*** prevenzjoni u sabiex issir ġlieda kontra l-kriminalità li taqa' taħt il-kompetenzi ta' l-Europol u kontra kull forma serja ta' kriminalità. Il-Europol m'għandux juża d-data għajr biex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu. |

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 24

*Artikolu 20, paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. Les données contenues dans les fichiers ne doivent être conservées à Europol que le temps nécessaire pour lui permettre de remplir ses fonctions. *La* nécessité de continuer à les conserver doit être examinée au ***plus tard trois*** ans après leur introduction. La vérification des données conservées dans le système d'information et leur effacement sont effectués par l'unité qui les a introduites. La vérification des données conservées dans les autres fichiers des services d'Europol et leur effacement sont effectués par Europol. Europol signale automatiquement aux États membres, avec un préavis de trois mois, l'expiration des délais d'examen concernant la conservation des données qu'ils ont introduites. | 1. Id-data fil-fajls għandha tinżamm mill-Europol biss għat-tul ta' żmien neċessarju għat-twettiq tal-ħidma tagħha. ***Minkejja l-Artikolu 10(3),*** il-bżonn li d-data tibqa' maħżuna għandu jkun rivedut ***u dokumentat talanqas kull sentejn*** wara li d-data tkun iddaħħlet. Ir-reviżjoni tad-data mdaħħla fis-sistema ta' informazzjoni u t-tħassir tagħha għandu jitwettaq mit-tim inkarigat li jdaħħal id-data. Ir-reviżjoni tad-data maħżuna f'fajls tad-data oħra ta' l-Europol u t-tħassir tagħhom għandu jitwettaq mill-Europol. Il-Europol għandu jinforma awtomatikament lill-Istati Membri tliet xhur qabel l-iskadenza tal-limiti taż-żmien għar-reviżjoni tad-data. |

Emenda 25

*Artikolu 21*

| | |
|---|---|
| Si Europol est en droit, en vertu d'instruments juridiques nationaux, internationaux ou de l'Union européenne, d'interroger par voie automatisée d'autres systèmes d'information, nationaux ou internationaux, il peut rechercher de cette façon des données à caractère personnel si cela est nécessaire à l'exécution de ses fonctions. Les dispositions applicables de ces instruments juridiques nationaux, internationaux ou de l'Union régissent la consultation et l'utilisation de ces données par Europol, dans la mesure où *elle* prévoient des règles d'accès et d'utilisation plus strictes que la présente décision. Europol ne peut utiliser ces données en contravention de la présente décision. | Jekk l-Europol ikollu d-dritt permezz ta' strumenti legali nazzjonali, internazzjonali jew ta' l-Unjoni Ewropea li jaċċessja b'mod kompjuterizzat sistemi oħra ta' informazzjoni, huwa jista' jiġbor b'dan il-mod data ta' natura personali ***biss każ b'każ u jekk u sakemm dan ikun meħtieġ għal u proporzjonat mat-twettiq tal-kompiti tiegħu taħt kundizzjonijiet rigorużi stabbiliti mill-Europol wara konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u ta' l-Awtorità Konġunta ta' Kontroll***. Id-dispożizzjonijiet applikabbli ta' dawn l-istrumenti legali nazzjonali, internazzjonali jew ta' l-Unjoni għandhom jirregolaw l-aċċess u l-użu ta' din id-data tal-Europol sakemm huma jipprevedu regoli ta' aċċess u użu aktar stretti minn dawk ta' din id-Deċiżjoni. Il-Europol ma' jistax jagħmel użu minn din id-data li jmur kontra din id-Deċiżjoni. |

Emenda 26

*Artikolu 22, paragrafu 1, punt (d a) (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***(da) id-dipartimenti kompetenti tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill u ċ-Ċentru Konġunt ta' Sitwazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea.*** |

Emenda 27

*Artikolu 22, paragrafu 5 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***5a. Fejn id-data personali tiġi ttrasferita mill-istituzzjonijiet jew l-entitajiet tal-Komunità, il-Europol għandu jkun meqjus bħala entità tal-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE)Nru 45/2001.*** |

Emenda 28

*Artikol 24, paragrafu 1, frażi introduttorja*

| | |
|---|---|
| 1. Europol peut, sous les conditions posées au paragraphe 4, transmettre des données à caractère personnel conservées par ses services aux organismes tiers visés à l'article 23, paragraphe 1, lorsque: | 1. ***F'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ħafna u każ b'każ***, il-Europol jista', skond il-kundizzjonijiet stipulati mill-paragrafu 4, jikkomunika data ta' natura personali miżmuma mis-servizzi tiegħu lil partijiet terzi stipulati fl-Artikolu 23, paragrafu 1, meta: |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 58

*Artikolu 24, paragrafu 2*

| | |
|---|---|
| 2. Par dérogation au paragraphe 1, Europol peut, sous les conditions posées au paragraphe 4, transmettre les données à caractère personnel conservées par ses services aux organismes tiers visés à l'article 23, paragraphe 1, lorsque le directeur d'Europol estime que *cette transmission* est absolument nécessaire à la sauvegarde des intérêts essentiels des États membres concernés dans le cadre des objectifs d'Europol ou dans le but de prévenir un danger imminent lié à la criminalité ou à des infractions terroristes. Le directeur d'Europol tient compte en toute circonstance du niveau de protection des données applicable à l'organisme en cause, afin de mettre en balance ce niveau de protection et les intérêts précités. | 2. B'deroga għall-paragrafu(1), l-Europol jista', ***fuq bażi individwali skond kull każ,*** jikkomunika data ta' natura personali miżmuma *minnu* lill-organizzazzjonijiet terzi stipulati fl-Artikolu 23 paragrafu 1, skond il-kundizzjonijiet stipulati fir-4 paragrafu, meta d-Direttur ta' l-Europol iqis li din il-komunikazzjoni hija assolutament neċessarja għall-ħarsien ta' l-interessi essenzjali ta' l-Istati Membri konċernati fl-ambitu ta' l-iskopijiet ta' l-Europol, jew sabiex jiġi evitat periklu iminenti minn kriminalità jew infrazzjonijiet terroristiċi. Id-Direttur ta' l-Interpol irid f'kull ċirkostanza jqis ***il-livell ta' rispett tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u ta' l-istat tad-dritt fil-pajjiżi terzi fejn tista' tiġi kkomunikata d-data, l-iskopijiet li għalihom se tintuża,*** il-livell ta' protezzjoni għad-data mill-organizzazzjoni konċernata sabiex jinżamm bilanċ bejn il-livell ta' protezzjoni u l-interessi msemmija, ***kif ukoll il-livell ta' reċiproċità fl-iskambju ta' l-informazzjoni u għandu jinforma regolarment lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-korpi ta' moniteraġġ għall-protezzjoni tad-data, dwar id-deċiżjonijiet meħuda għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.*** |

Emenda 30

*Artikolu 25, paragrafu 2*

| | |
|---|---|
| 2. Le conseil d'administration fixe les règles régissant les relations d'Europol avec les organes et agences de la Communauté et de l'Union visés à l'article 22, et l'échange de données à caractère personnel entre Europol et ces organes et agences. Il consulte l'autorité de contrôle commune avant de prendre sa décision. | 2. Il-Bord ta' Tmexxija jistabilixxi r-regoli li jirregolaw ir-relazzjonijiet ta' l-Europol ma' l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji tal-Komunità u ta' l-Unjoni stipulati fl-Artikolu 22, kif ukoll l-iskambju ta' data ta' natura personali bejn l-Europol u dawn l-organizzazzjonit u aġenziji. Qabel ma jieħu d-deċiżjoni huwa għandu jikkonsulta lill-Awtorità Konġunta ta' Kontroll ***u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data***. |

Emenda 31

*Artikolu 26*

| | |
|---|---|
| Sans préjudice des dispositions spécifiques de la présente décision, Europol applique, lors de la collecte, du traitement et de l'utilisation de données à caractère personnel, les principes de la décision-cadre 2007/XX/JAI du Conseil relative à la protection des données à caractère personnel traitées dans le cadre de la coopération policière et judiciaire en matière pénale. Europol respecte également ces principes lorsqu'il s'agit de données non automatisées détenues sous forme de fichiers, à savoir tout ensemble structuré de données personnelles accessible selon des critères déterminés. | Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet speċifiċi ta' din id-Deċiżjoni u ***minħabba l-ħtieġa li jinżammu s-salvagwardji offruti mill-Konvenzjoni tal-Europol,*** fil-ġbir, l-ipproċessar u l-użu ta' data ta' natura personali, l-Europol għandu japplika l-prinċipji tad-Deċiżjoni ta' Qafas 2007/XX/JAI tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fl-ambitu tal-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura fi kwistjonijiet kriminali. Il-Europol għandu jirrispetta wkoll dawn il-prinċipji fir-rigward ta' data mhux awtomatizzata miżmuma bħala fajls ta' data, jiġifieri kwalunkwe struttura ta' data personali aċċessibbli skond kriterji speċifiċi. |

Emenda 32

*Artikolu 27, paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. Europol nomme un délégué à la protection des données, qui est un membre du personnel. Celui-ci relève directement du conseil d'administration. Dans l'exercice de ses fonctions, il ne reçoit d'instruction de personne. | 1. Il-Europol għandu jinnomina Uffiċjal ***indipendenti*** għall-Protezzjoni tad-Data li jkun wieħed mill-istaff. Dan/din għandu/ha j/taqa' direttament taħt l-awtorità tal-Bord ta' Tmexxija. Fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu hu *jew hi* ma jirċievi/***tirċievi*** istruzzjonijiet mingħand ebda persuna. |

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 33

*Artikolu 27, paragrafu 5*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| 5. Le conseil d'administration adopte des dispositions d'application complémentaires concernant le délégué à la protection des données. Ces dispositions d'application portent notamment sur la sélection et la révocation, les tâches, les fonctions *et* les compétences du délégué à la protection des données. | 5. Regoli ta' implimentazzjoni oħrajn li jikkonċernaw l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data għandom ikunu adottati mill-Bord ta' Tmexxija. Dawn ir-regoli ta' implimentazzjoni, b'mod partikulari, għandhom jikkonċernaw l-għażla u t-tkeċċija, il-ħidma, il-kompetenzi u ***s-salvagwardji ta' l-indipendenza*** ta' l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-Data. |

Emenda 34

*Artikolu 29, paragrafu 4*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| 4. L'accès aux données à caractère personnel est refusé si: | 4. Aċċess għad-data personali għandu jkun miċħud ***biss*** jekk ***tali ċaħda hija meħtieġa biex***: |
| (a) ***cet accès peut compromettre l'une des activités d'Europol***; | (a) ***tippermetti lill-Europol li twettaq l-attivitajiet tagħha kif suppost;*** |
| (b) ***cet accès peut compromettre une enquête nationale à laquelle Europol prête son concours***; | (b) ***tiggarantixxi li kwalunkwe investigazzjoni nazzjonali li l-Europol qed tgħin fiha ma tkunx ipperikolata;*** |
| (c) ***cet accès peut porter atteinte aux droits et libertés de tiers***. | (c) ***ikunu mħarsa d-drittijiet u l-libertajiet ta' partijiet terzi.*** |

Emenda 35

*Artikolu 29, paragrafu 5*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| 5. Europol consulte les services répressifs compétents des États membres concernés avant de se prononcer sur la demande. L'accès aux données introduites dans les fichiers de travail aux fins d'analyse est subordonné à l'accord d'Europol et des États membres participant à l'analyse ainsi qu'à l'accord de l'État membre ou des États membres directement concernés par la transmission de ces données. Lorsqu'un État membre s'oppose à l'accès demandé, il notifie son refus et les motifs de celui-ci à Europol. | 5. ***Bħala prinċipju ġenerali, l-eżerċizzju tad-dritt għall-aċċess ma għandu jiġi miċħud. Eċċezzjonijiet għal din ir-regola jistgħu jsiru biss jekk ikun meħtieġ li jitħares dritt ieħor fundamentali.*** Il-Europol għandu jikkonsulta lis-servizzi kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri konċernati sabiex jiddeċiedu jekk għandux jingħata l-aċċess. L-aċċess għad-data mdaħħla fil-fajls tax-xogħol sabiex tiġi analizzata huwa suġġett għall-consensus bejn l-Europol u l-Istati Membri li jipparteċipaw fl-analiżi, kif ukoll għall-consensus ma' l-Istat/i Membru/i direttament konċernati mit-trażmissjoni ta' din id-data. Meta xi Stat Membru jopponi t-talba għall-aċċess huwa għandu jinnotifika lill-Europol biċ-ċaħda tiegħu u jagħti r-raġunijiet. |

Emenda 36

*Artikolu 29, paragrafu 6*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| 6. Lorsqu'un ou plusieurs États membres ou bien Europol s'opposent à l'accès d'un particulier aux données le concernant, Europol notifie à la personne concernée qu'il a procédé aux vérifications, sans lui donner d'indications pouvant lui permettre de savoir s'il traite ou non des données la concernant. | 6. Meta xi Stat Membru jew xi Stati Membri jopponu li xi persuna jingħata aċċess għal data li tikkonċernaha, l-Europol għandu jgħarraf lill-persuna konċernata li huwa għamel l-istħarriġ meħtieġ mingħajr ma jagħtiha indikazzjoni li tista' tippermettilha tkun taf jekk hemmx data ppproċessata li tikkonkerna lilha. ***Il-kontrollur tad-data għandu jagħti r-raġunijiet għaċ-ċaħda ta' l-aċċess hekk li l-applikazzjoni ta' l-eċċezzjoni tkun tista' tiġi kkontrollata b'mod effettiv skond ir-Rakkomandazzjoni R (87) 15 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill ta' l-Ewropa tas-17 ta' Settembru 1987 li għandha l-iskop li tirregola l-użu tad-data persunali fis-settur tal-pulizija.*** |

Emenda 38

*Artikolu 36, paragrafu 9, subparagrafu 1*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| 9. Le conseil d'administration adopte chaque année: | 9. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jadotta kull sena, ***wara li jinkiseb kunsens mill-Kunsill***: |
| (a) le projet d'état prévisionnel ***et l'avant projet de budget*** qui ***doivent*** être soumis à la Commission, y compris le tableau des effectifs***, ainsi que le budget définitif***; | (a) l-istima ta' l-abbozz tal-baġit ***għandu*** jitressaq lill-Kummissjoni, inkluż ***l-abbozz*** tal-pjan ta' l-istabbiliment***;*** |
| | ***(aa) il-baġit ta' l-aġenzija, inkluż il-pjan ta' l-istabbiliment, wara li tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-awtorità baġitarja;*** |
| (b) après avis de la Commission, un programme de travail relatif aux futures activités d'Europol, tenant compte des besoins opérationnels des États membres ***ainsi que des incidences sur le budget et les effectifs d'Europol***; | (b) wara l-opinjoni tal-Kummissjoni, programm ta' ħidma għall-attivitajiet futuri ta' l-Europol filwaqt li, ***kemm jista' jkun***, jiġu meqjusa r-rekwiżiti operattivi ta' l-Istati Membri, ***b'konformità mar-riżorsi finanzjarji u umani disponibbli;*** |
| (c) un rapport général sur les activités d'Europol durant l'année écoulée. | (c) rapport ġenerali dwar l-attivitajiet ta' l-Europol matul is-sena preċedenti ***li jqabbel, b'mod partikulari, ir-riżultati miksuba ma' l-objettivi tal-programm annwali ta' ħidma.*** |

Emenda 39

*Artikolu 9, paragrafu 9, subparagrafu 2*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| Ces documents sont soumis au Conseil pour approbation. ***Ils sont également transmis par le Conseil*** au Parlement européen ***pour information.*** | Dawn id-dokumenti jitressqu quddiem ***il-Parlament Ewropew li jkun jista' jeżaminahom kif xieraq, u fejn ikun meħtieġ flimkien mal-parlamenti nazzjonali.*** |

Emenda 59

*Artikolu 37, paragrafi 1,2 u 3*

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| 1. Europol est placé sous l'autorité d'un directeur nommé par le ***Conseil statuant à la majorité qualifiée, sur la base d'une liste d'au moins trois candidats présentée par le conseil d'administration, pour une période de quatre ans renouvelable une fois.*** | 1. L-Europol għandu jkun immexxi minn Diretttur maħtur ***mill-Bord ta' Tmexxija skond proċedura ta' koperazzjoni (konsultazzjoni).*** |
| | ***Id-Direttur għandu jinħatar skond il-merti tiegħu jew tagħha persunali, l-esperjenza fil-qasam ta' kompetenza ta' l-Europol u taħriġ amministrattiv u maniġerjali.*** |
| | ***Din il-proċedura ta' koperazzjoni għandha tiżvolġi hekk:*** |
| | ***(a) abbażi ta' list mħejjija mill-Kummissjoni wara sejħa għal-kandidati u proċedura ta' selezzjoni trasparenti, l-applikanti jiġu mitluba, qabel ma jingħataw appuntament, biex jindirizzaw lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew u biex iwieġbu mistoqsijiet;*** |
| | ***(b) il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu mbagħad jesprimu l-opinjoni tagħhom u jagħtu l-ordni tal-preferenzi tagħhom;*** |
| | ***(c) Il-Bord ta' Tmexxija għandu jaħtar id-Direttur billi jagħti konsiderazzjoni għal dawn l-opinjonijiet.*** |
| | ***Il-mandat tad-Direttur ikun ta' erba' snin.*** |

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|
| 2. Le directeur est assisté par des directeurs adjoints qui sont nommés ***selon la procédure prévue au paragraphe 1*** pour une période de quatre ans, renouvelable une fois. Leurs tâches sont précisées par le directeur. | 2. Id-Direttur ikun megħjun minn Viċi-Diretturi maħtura għal perjodu ta' erba' snin li jista' jiġġedded darba. Il-kompetenzi tagħhom għandhom jiġu definiti f'aktar dettall mid-Direttur. |
| 3. Le conseil d'administration fixe les règles relatives à la sélection des candidats au poste ***de directeur ou*** de directeur adjoint. Ces règles sont approuvées par le Conseil statuant à la majorité qualifiée, avant leur entrée en vigueur. | 3. Il-Bord ta' Tmexxija għandu jistabbilixi regoli rigward is-selezzjoni tal-kandidati għall-post ta' Viċi Direttur. Dawn ir-regoli għandhom jiġu approvati mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata qabel ma jidħlu fis-seħħ. |

Emenda 41

*Artikolu 37, paragrafu 4, punt (g a) (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***(ga) l-implimentazzjoni ta' proċeduri effettivi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni relatati mar-rendiment ta' l-Aġenzija fir-rigward ta' l-objettivi tagħha,*** |

Emenda 42

*Artikolu 38, paragrafu 5 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***5a. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 għandu japplika għall-ipproċessar tad-data personali ta' l-istaff tal-Europol.*** |

Emenda 43

*Artikolu 41, paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| 1. Les recettes d'Europol comprennent, sans préjudice d'autres types de recettes, une subvention communautaire inscrite au budget général de l'Union européenne (section "Commission") à partir du 1er janvier 2010. | 1. Id-dħul ta' l-Aġenzija għandu, mingħajr preġudizzju għal riżorsi oħra, jinkludi sussidju mill-Komunità, imdaħħal fil-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea (it-taqsima tal-Kummissjoni) mill-1 ta' Jannar 2010. ***Il-finanzjament tal-Europol huwa suġġett għal ftehim ma' l-awtorità baġitarja kif ipprovdut fl-IIA.*** |

Emenda 44

*Artikolu 41, paragrafu 3*

| | |
|---|---|
| 3. Le directeur établit un projet d'état prévisionnel des recettes et des dépenses d'Europol pour l'exercice budgétaire suivant, et le transmet au conseil d'administration accompagné d'un tableau ***prévisionnel*** des effectifs. Ce tableau des effectifs, qui reprend les postes permanents et temporaires ainsi que les experts nationaux détachés, précise le nombre, le grade et la catégorie des agents employés par Europol pendant l'exercice concerné. | 3. Id-Direttur għandu jfassal abbozz ta' stima tad-dħul u l-ispejjeż ta' l-Europol għas-sena finanzjarja li ġejja u għandu jgħaddih lill-Bord tat-Tmexxija flimkien ma' ***abbozz tal-***pjan ta' stabbiliment. ***Dan l-abbozz tal-***pjan ta' stabbiliment għandu jinkludi impjiegi permanenti jew temporanji, kif ukoll referenza għal esperti nazzjonali sekondati, u għandu jiddikjara n-numru, il-grad u l-kategorija ta' l-istaff impjegat mill-Europol għas-sena finanzjarja konċernata. |

Emenda 45

*Artikolu 41, paragrafu 6*

| | |
|---|---|
| 6. L'état prévisionnel est transmis par la Commission au Parlement européen et au Conseil (ci-après dénommés "l'autorité budgétaire") avec l'avant-projet de budget général de l'Union européenne. | 6. L-istima tintbagħat mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew ***li jekk ikun meħtieġ ikun jista' jeżminaha kif xieraq skond il-kompetenza tiegħu***, u lill-Kunsill (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-awtorità baġitarja"), flimkien ma' l-abbozz tal-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea. |

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 46

*Artikolu 42, paragrafu 8 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***8a. Id-Direttur għandu jippreżenta lill-Parlament Ewropew, fuq talba ta' dan ta' l-aħħar, kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni mingħajr xkiel tal-proċedura ta' kwittanza għas-sena finanzjarja konċernata, kif stipulat fl-Artikolu 146(3) tar-Regolament Finanzjarju.*** |

Emenda 47

*Artikolu 42, paragrafu 9*

| | |
|---|---|
| 9. ***Sur*** recommandation du Conseil***, le Parlement européen*** donne, avant le 30 avril de l'année n + 2, décharge au directeur d'Europol sur l'exécution du budget de l'exercice n. | 9. ***Il-Parlament Ewropew għandu jikkunsidra*** rakkomandazzjoni mill-Kunsill ***ibbażata fuq maġġoranza kwalifikata, u*** qabel it-30 ta' April tas-sena n+2, jagħti kwittanza lid-Direttur ta' l-Europol fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena n. |

Emenda 48

*Artikolu 43*

| | |
|---|---|
| La réglementation financière applicable à Europol est arrêtée par le conseil d'administration après consultation de la Commission. Elle ne peut s'écarter du règlement (CE, Euratom) n° 2343/2002 de la Commission du 23 décembre 2002, à moins que le fonctionnement d'Europol ne l'exige. L'adoption de toute règle dérogeant au règlement (CE, Euratom) n° 2343/2002 requiert l'accord préalable de la Commission. L'autorité budgétaire est informée de ces dérogations. | Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Europol għandhom jiġu adottati mill-Bord ta' Tmexxija wara li tiġi konsultata l-Kummissjoni. Dawn ma jistgħux joħorġu 'il hinn mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002, sakemm ma jkunx ***speċifikament*** meħtieġ għall-ħidma tal-Europol. Il-kunsens bil-quddiem tal-Kummissjoni għandu jkun meħtieġ għall-adozzjoni ta' kwalunkwe regoli li jidderogaw mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002. L-awtorità baġitarja għandha tiġi infurmata dwar dawn id-derogi. |

Emenda 49

*Artikolu 44, paragrafu 1*

| | |
|---|---|
| Le directeur met en place un système de contrôle afin de mesurer, au moyen d'indicateurs, l'efficacité et l'efficience avec lesquelles Europol accomplit ses tâches. | Id-Direttur għandu jistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ sabiex jiġbor indikaturi ta' l-effettività u l-effiċjenza fil-qadi tad-dmirijiet tal-Europol. ***Id-Direttur jirrapporta kull sena lill-Bord tat-Tmexxija dwar ir-riżultati tas-sistema ta' monitoraġġ.*** |

Emenda 50

*Artikolu 44, paragrafu 4 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***Iċ-Chairman tal-Bord tat-Tmexxija jew id-Direttur tal-Europol għandhom jippreżentaw il-prijoritajiet tal-Europol għas-sena li tkun ġejja quddiem kumitat konġunt magħmul minn Membri Parlamentari Ewropej u Membri ta' parlamenti nazzjonali sabiex jingħataw garanziji għal dibattitu demokratiku mas-soċjetà ċivili u kontroll aħjar fuq l-attivitajiet tal-Europol.*** |

**Il-Ħamis, 17 ta' Jannar 2008**

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT

Emenda 51

*Artikolu 45*

Sur la base d'une proposition du directeur, dans les six mois suivant la date d'application de la présente décision, le conseil d'administration adopte les règles régissant l'accès aux documents d'Europol, en tenant compte des principes et limites énoncés dans le règlement (CE) n° 1049/2001 du Parlement européen et du Conseil.

Fuq il-bażi ta' proposta mid-Direttur, fi żmien sitt xhur mid-data ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Bord ta' Tmexxija, ***wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew***, għandu jadotta regoli li jikkonċernaw l-aċċess għad-dokumenti tal-Europol, hekk li jitqiesu l-prinċipji u l-limiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Emenda 52

*Artikolu 47*

Le président du conseil d'administration et le directeur ***peuvent se présenter*** devant le Parlement européen pour examiner ***des questions générales relatives*** à Europol.

Iċ-Chairman tal-Bord tat-Tmexxija u d-Direttur ***għandhom jidhru quddiem*** il-Parlament Ewropew ***meta mitluba*** sabiex jiddiskutu ***kwalunkwe*** kwistjoni relatata mal-Europol.

Emenda 53

*Artikolu 56, paragrafu 1*

1. Par dérogation à l'article 38, tous les contrats d'engagement conclus par Europol, tel qu'institué par la convention Europol avant l'entrée en vigueur de la présente décision, sont honorés.

1. Bħala deroga mill-Artikolu 38, għandu jiġi onorat kull kuntratt ta' impjieg konkluż mill-Europol, kif stabbilit mill-Konvenzjoni tal-Europol, qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. ***L-ispiża addizzjonali għall-istaff possibilment dovuta għal din id-deroga se tiġi meqjusa fil-ftehim dwar il-finanzjament ta' l-Europol li għandu jintlaħaq skond il-punt 47 tal-Ftehima Interistituzzjonali***.

Emenda 54

*Artikolu 56, paragrafu 2*

2. Tous les membres du personnel sous contrat au sens du paragraphe 1 se voient offrir la possibilité de conclure un contrat, en application de l'article 2, point a), du régime applicable aux autres agents des Communautés établi par le règlement (CEE, Euratom, CECA) n° 259/68, aux différents grades, tels qu'ils sont établis dans le tableau des effectifs. À cette fin, une procédure interne de sélection, limitée au personnel employé par Europol avant la date d'application de la présente décision, sera établie par l'autorité habilitée à conclure les contrats d'engagement, dans un délai de deux ans à compter de cette date, de manière à contrôler les compétences, l'efficience et l'intégrité des personnes à engager. Les lauréats se verront offrir un contrat en vertu de l'article 2, point a), du régime applicable aux autres agents des Communautés établi par le règlement (CEE, Euratom, CECA) n° 259/68.

2. Il-membri kollha ta' l-istaff li qegħdin b'kuntratt u li jirreferi għalihom il-paragrafu 1, għandhom jiġu offruti l-possibiltà li jikkonkludu kuntratti skond l-Artikolu 2(a) tal-Kundizzjonijiet ta' l-Impjieg ta' Impjegati Oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej stipulati fir-Regolament (KEE, Euratom, ECSC) Nru 259/68 fil-gradi differenti stipulati fil-pjan ta' stabbiliment. Għal dan il-għan, ***wara konsultazzjoni ma' l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal,*** għandu jiġi stabbilit proċess ta' selezzjoni interna limitat għall-istaff impjegat mill-Europol qabel id-data ta' implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, fi żmien sentejn wara din id-data, mill-awtorità awtorizzata biex tikkonkludi kuntratti, sabiex jiġu evalwati l-kompetenzi, l-effiċjenza u l-integrità ta' dawn il-persuni li se jkunu impjegati. ***Dan il-proċess ta' selezzjoni għandu jiġu mmonitorjat mill-Kummissjoni. Ir-riżultat ta' dan il-proċess ta' selezzjoni għandu jiġi pubblikat.*** Dawk magħżula ssirilhom offerta ta' kuntratt skond l-Artikolu 2, punt a tas- sistema applikabbli għal uffiċjali oħrajn tal-Komunità Ewropea stabbilita mir-Regolament (KEE, Euratom, ECSC) Nru 259/68. ***L-abbozz ta' pjan ta' stabbiliment mgħoddi lill-awtorità baġitarja flimkien ma' l-abbozz tal-baġit ta' l-Unjoni Ewropea jrid jindika b'mod ċar liema postijiet huma meħuda minn staff li jaqa' taħt ir-Regolamenti ta' l-Istaff ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u dawk il-postijiet li huma meħuda minn staff li jaqa' taħt ir-Regolament ta' l-Istaff tal-Europol***

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDI MILL-PARLAMENT |
|---|---|

Emenda 55

*Artikolu 57, paragrafu 3, subparagrafu 2 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***Is-sussidju tal-Komunità għall-Europol, kif stabbilit minn din id-Deċiżjoni, m'għandu taħt l-ebda ċirkostanza jintuża biex jagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati ma' l-impenji magħmula mill-Europol b'konformità mal-Konvenzjoni tal-Europol, qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.*** |

Emenda 62

*Artikolu 62, paragrafu 2 a (ġdid)*

| | |
|---|---|
| | ***2a. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi riveduta fi żmien sitt xhur minn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat iffirmat ta' Liżbona;*** |